ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 308

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

12 ta' Novembru 2010

Avviż Nru | Werrej | Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 308/01 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri – Il-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea – Is-sena finanzjarja 2009 – Dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u rapporti kkonsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ..... 1

2010/C 308/02 Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti mogħtija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – ir-rapport tal-awditur indipendenti ..... 129

MT

Prezz:
7 EUR

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-QORTI TAL-AWDITURI**

**IL-KONTIJIET ANNWALI TAL-UNJONI EWROPEA**

IS-SENA FINANZJARJA 2009

**Dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u rapporti kkonsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit**

(2010/C 308/01)

WERREJ

*Paġna*

Nota li takkumpanja l-kontijiet ikkonsolidati . . . 2

L-implimentazzjoni u l-kontabilizzazzjoni tal-baġit tal-UE . . . 3

**PARTI I – Dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-Unjoni Ewropea u noti ta' spjegazzjoni** 9

A. Karta tal-bilanċ . . . 10

B. Kont tar-riżultat ekonomiku . . . 11

C. Tabella tal-flussi tal-flus . . . 12

D. Dikjarazzjoni tal-bidliet fl-assi netti . . . 13

E. Noti dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji . . . 14

**PARTI II – Rapporti kkonsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea u noti ta' spjegazzjoni** . . . 95

TAQSIMA A — Rapporti kkonsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit . . . 96

TAQSIMA B — Noti ta' spjegazzjoni mar-rapporti kkonsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit 118

**NOTA LI TAKKUMPANJA L-KONTIJIET IKKONSOLIDATI**

Il-kontijiet annwali kkonsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2009 tħejjew skont l-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet u korpi oħrajn taħt l-Artikolu 129.2 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. B'dan niddikjara li huma tħejjew b'konformità mat-Titolu VII ta' dan ir-Regolament Finanzjarju u skont il-prinċipji, regoli u metodi ta' kontabilità stipulati fin-noti mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

Ksibt l-informazzjoni kollha neċessarja mingħand l-uffiċjali tal-kontabilità ta' dawn l-istituzzjonijiet u korpi, li ċċertifikaw l-affidabilità tagħha, għall-produzzjoni tal-kontijiet li juru l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tal-baġit.

B'dan niċċertifika li skont din l-informazzjoni, u wara l-verifiki li dehruli neċessarji biex niffirma l-kontijiet tal-Kummissjoni Ewropea, għandi assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fl-aspetti materjali kollha. (iffirmat)

Philippe TAVERNE

*L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni*

**L-IMPLIMENTAZZJONI U L-KONTABILIZZAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE**

1. IT-TĦEJJIJA TAL-BAĠIT ANNWALI

Il-Baġit tal-Unjoni Ewropea (UE) jiffinanzja firxa wiesgħa ta' politiki u programmi madwar l-UE. Skont il-prijoritajiet stabbiliti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni twettaq programmi, attivitajiet u proġetti speċifiċi fil-qasam. Dawn jistgħu jvarjaw minn appoġġ għal proġetti tal-edukazzjoni għall-mobilità tal-istudenti u l-għalliema, sa proġetti mmirati li jappoġġjaw ambjent tax-xogħol aħjar għall-ħaddiema fl-UE, u t-tisħiħ tal-kontroll tal-fruntieri esterni.

Iktar minn 90 % tal-baġit tal-UE jmur għall-finanzjament ta' dawn il-politiki u l-attivitajiet tal-UE, li ġew maqbula mill-Istati Membri kollha. Ir-rabta diretta bejn il-baġit annwali u l-politiki tal-UE hija assigurata permezz tal-ibbaġittjar ibbażat fuq l-attivitajiet (ABB). In-nomenklatura tal-baġit ibbażata fuq l-attivitajiet, li ġiet introdotta għall-ewwel darba fil-baġit tal-2004, tippermetti identifikazzjoni ċara tal-oqsma ta' politika tal-Unjoni Ewropea u tal-ammont totali ta' riżorsi allokati għal kull wieħed minn dawn l-oqsma.

L-oqsma tal-politika huma subdiviżi f'madwar 200 attività li minnhom aktar minn 110 jinkludu intestaturi operattivi tal-baġit u għalhekk huma riflessi fin-nomenklatura tal-baġit bħala kapitoli tal-baġit. Dawn l-oqsma ta' politika huma fil-biċċa l-kbira operattivi, peress li l-attivitajiet ċentrali tagħhom għandhom l-iskop li minnhom jibbenefikaw pajjiżi terzi, kull wieħed fl-ambitu ta' attività rispettiv tiegħu. Oqsma oħra ta' politika, madankollu, huma orrizzontali u jiżguraw li l-Kummissjoni taħdem kif xieraq, bħal fil-każ tal-"Koordinazzjoni u pariri legali", u l-"Baġit". L-istruttura tal-attivitajiet tipprovdi qafas kunċettwali komuni għall-għażla tal-prijoritajiet, l-ippjanar, l-ibbaġittjar, il-monitoraġġ u r-rapportar, bl-għan prinċipali li jittejjeb l-użu effiċjenti, ekonomiku u effettiv tar-riżorsi.

Il-proċedura interna għall-adozzjoni tal-abbozz tal-baġit tibda bit-tħejjija tiegħu mill-Kummissjoni qabel ma jgħaddi għand il-Kunsill li jista' jagħmel emendi jekk iħoss li dawn ikunu meħtieġa. Il-baġit aġġornat imbagħad imur għand il-Parlament Ewropew, li jista' jipproponi emendi jew jaċċetta jew iwarrab l-abbozz kurrenti. Ladarba jkun hemm qbil dwar l-ementi u l-aġġornamenti kollha (inkluż, jekk meħtieġ, abbozz ġdid għal kollox propost mill-Kummissjoni) il-baġit ikun adottat lejn nofs Diċembru mill-Parlament. Il-President tal-Parlament jiddikjara l-baġit adottat u mbagħad dan jista' jiġi implimentat.

2. KIF INHI FFINANZJATA L-UE?

L-UE għandha żewġ kategoriji ewlenin ta' finanzjament: Dħul mir-riżorsi proprji u dħul varju.

2.1. **Dħul minn riżorsi proprji u riċevibbli**

Dħul li ġej minn riżorsi proprji huwa dovut awtomatikament lill-UE sabiex jippermettilha tiffinanzja l-baġit tagħha mingħajr il-ħtieġa ta' deċiżjoni sussegwenti mill-awtoritajiet nazzjonali. L-ammont globali tar-riżorsi proprji meħtieġa għall-iffinanzjar tal-baġit huwa determinat min-nefqa totali bit-tnaqqis ta' dħul ieħor. L-ammont totali ta' riżorsi proprji ma jistax jaqbeż il-1,24 % (1,23 % mill-2010 'l hawn) tad-dħul gross nazzjonali (DGN) tal-UE. Ir-riżorsi proprji jistgħu jinqasmu fil-kategoriji li ġejjin:

(1) Ir-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) jikkonsistu f'dazji doganali u imposti fuq iz-zokkor. Dawn ir-riżorsi proprji jitħallsu mill-operaturi ekonomiċi u jinġabru mill-Istati Membri f'isem l-UE. Madankollu, l-Istati Membri jżommu 25 % bħala kumpens għall-ispejjeż tal-ġbir tagħhom. Id-dazji doganali jinżammu fuq importazzjonijiet ta' prodotti li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, b'rati bbażati fuq it-Tariffa Doganali Komuni. L-imposti fuq iz-zokkor jitħallsu mill-produtturi taz-zokkor sabiex jiġu ffinanzjati r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għaz-zokkor. Ir-RPT normalment jippreżentaw madwar 13 % tad-dħul tar-riżorsi proprji.

(2) Ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tinżamm fuq il-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri, li huma armonizzati għal dan l-għan f'konformità mar-regoli tal-UE. L-istess perċentwal jinżamm fuq il-bażi armonizzata ta' kull Stat Membru. Madankollu, il-bażi tal-VAT li trid titqies għandha limitu massimu ta' 50 % tad-DGN ta' kull Stat Membru. Ir-riżorsa bbażata fuq il-VAT normalment tirrappreżenta madwar 12 % tad-dħul tar-riżorsi proprji.

(3) Ir-riżorsa bbażata fuq id-dħul gross nazzjonali (DGN) hija użata sabiex tibbilanċja d-dħul u l-infiq tal-baġit, jiġifieri sabiex tiffinanzja l-parti tal-baġit li mhix koperta minn xi sorsi oħra tad-dħul. L-istess rata perċentwali hija miżmuma fuq id-DGN ta' kull Stat Membru, li huwa stabbilit skont ir-regoli tal-UE. Ir-riżorsa bbażata fuq id-DGN normalment tirrappreżenta madwar 75 % tad-dħul tar-riżorsi proprji.

Fir-rigward tal-ħlas ta' dawn l-ammonti, kontijiet separati jinkludu r-riżorsi proprji tradizzjonali li, skont l-Artikolu 6(3)(b) tar-Regolament Nru 1150/2000, ġew stabbiliti mill-Istati Membri iżda ma tpoġġewx għad-dispożizzjoni tal-UE għaliex għadhom ma ġewx irkuprati jew garantiti, jew għaliex ġew kontestati. Kull Stat Membru jibgħat lill-Kummissjoni dikjarazzjoni kull trimestru ta' dawn il-kontijiet, bid-dettalji li ġejjin għal kull tip ta' riżorsa:

— il-bilanċ pendenti tat-trimestru preċedenti,

— l-ammonti rkuprati matul l-istess trimestru,

— aġġustamenti għall-bażi (korrezzjonijiet/kanċellamenti) matul l-istess trimestru,

— ammonti maqtugħa mill-kontijiet,

— il-bilanċ li għandu jiġi rkuprat fit-tmiem tal-istess trimestru.

Meta r-riżorsi proprji tradizzjonali mill-kont separat ikunu rkuprati, huma jridu jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar wara x-xahar li matulu l-intitolament kien irkuprat.

Tnaqqis fil-valur kontabbli ta' intitolamenti fil-kont separat għandu jsir sabiex jirrifletti s-sitwazzjonijiet fejn l-irkupru effettiv ma jkunx probabbli. Dan it-tnaqqis fil-valur kontabbli huwa bbażat fuq stimi magħmula mill-Istati Membri nfushom skont l-Artikolu 6(4)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 li jistipula li "Flimkien mad-dikjarazzjoni finali ta' kull trimestru għall-istess sena, l-Istati Membri se jippreżentaw stima tal-ammont totali tal-intitolamenti inklużi fil-kont separat tal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena li l-irkupru tagħhom sar improbabbli."

Fuq il-bażi tal-istimi mibgħuta mill-Istati Membri, it-tnaqqis fuq il-valur kontabbli jsir fuq il-partita għar-riċevibbli mill-Istati Membri fuq in-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ. Madankollu, dan ma jfissirx li l-Kummissjoni qed taċċetta li mhux se jkun hemm irkupru fil-futur tal-ammonti koperti minn dan l-aġġustament. Anki meta l-irkupru jkun jidher improbabbli ħafna, jekk mhux prattikament impossibbli, dan mhux bilfors ifisser li dawn l-ammonti jkunu mitlufa għall-baġit tal-UE bħala riżorsi proprji tradizzjonali. Dan għaliex l-intitolamenti mhux irkuprati huma mitlufa biss jekk l-Istat Membru jkun eżawrixxa l-modi kollha li hu marbut li juża sabiex iwettaq l-irkupru. Fejn l-Istat Membru ma jagħmilx dan, huwa miżmum finanzjarjament responsabbli u jkollu jħallas l-ammont lill-baġit tal-UE skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000.

### 2.2. **Dħul varju**

Id-dħul varju li jirriżulta mill-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea normalment jirrappreżenta inqas minn 10 % tad-dħul totali. Hemm, pereżempju, multi tal-kompetizzjoni u ordnijiet ta' rkupru lil debituri privati u pubbliċi fir-rigward tal-ġestjoni ta' proġetti tal-UE. Ħlasijiet ta' penali imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq Stati Membri li jonqsu milli jikkonformaw ma' sentenza mogħtija jaqgħu wkoll f'din il-kategorija. Il-Kummissjoni tamministra mijiet ta' eluf ta' proġetti kull sena u jeħtieġ li tistabbilixxi madwar 13,000 ordni ta' rkupru kull sena. Kull dejn mhux imħallas fid-data li jkun dovut huwa suġġett għal imgħaxijiet għall-inadempjenza. Fejn dejn ta' partijiet terzi għajr Stati Membri jibqa' mhux imħallas, deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (u l-Kunsill) li jimponu l-obbligu tal-ħlas huma infurzabbli direttament f'konformità mar-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fit-territorju fejn ikollu jsir l-infurzar. Debituri inadempjenti huma suġġetti għall-proċeduri tal-ġbir tad-dejn imniedija mis-Servizz Legali bl-għajnuna ta' kumpanniji legali esterni.

## 3. KIF JIĠI ĠESTIT U MINFUQ IL-BAĠIT TAL-UE

### 3.1. **Nefqa operazzjonali primarja**

In-nefqa operazzjonali tal-Unjoni Ewropea tkopri l-intestaturi differenti tal-qafas finanzjarju u tieħu forom differenti, li jiddependu fuq kif jitħallsu u kif jiġu ġestiti l-flus. Skont ir-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni timplimenta l-baġit ġenerali permezz tal-użu tal-metodi li ġejjin:

**Ġestjoni ċentralizzata diretta:** dan huwa meta l-baġit jiġi implimentat direttament mis-servizzi tal-Kummissjoni.

**Ġestjoni ċentralizzata indiretta:** dan jirreferi għal każijiet fejn il-Kummissjoni tagħti funzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-baġit lil korpi tal-liġi tal-UE jew dik nazzjonali, bħall-aġenziji tal-UE tal-liġi pubblika jew b'missjonijiet tas-servizz pubbliku.

**Ġestjoni deċentralizzata:** dawn huma l-każijiet fejn il-Kummissjoni tiddelega ċerti inkarigi għall-implimentazzjoni tal-baġit lil pajjiżi terzi.

**Ġestjoni kondiviża:** b'dan il-metodu ta' ġestjoni, inkarigi tal-implimentazzjoni tal-baġit huma ddelegati lill-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira tan-nefqa taqa' taħt din il-forma "Ġestjoni Kondiviża" li tinvolvi d-delegazzjoni ta' inkarigi lill-Istati Membri, li jkopru oqsma bħall-infiq tal-agrikoltura u l-Azzjonijiet Strutturali

**Ġestjoni konġunta:** b'dan il-metodu, il-Kummissjoni tafda ċerti inkarigi ta' implimentazzjoni lil organizzazzjoni internazzjonali.

### 3.2. **L-atturi finanzjarji differenti**

Il-**Kulleġġ tal-Kummissarji** jerfa' r-responsabbiltà politika kollettiva iżda fil-prattika ma jeżerċitax huwa stess il-poteri tal-implimentazzjoni tal-baġit li għandu. Huwa jiddelega dawn l-inkarigi kull sena lill-uffiċjali pubbliċi individwali li jirrispondu lill-Kulleġġ u huma suġġetti għar-Regolament Finanzjarju u r-Regolamenti tal-Persunal. Il-persunal ikkonċernat – ġeneralment Diretturi-Ġenerali u Kapijiet tas-Servizzi – huma magħrufa bħala "Uffiċjali Awtorizzanti b'delega". Min-naħa tagħhom huma jistgħu jerġgħu jiddelegaw l-inkarigi tal-implimentazzjoni tal-baġit lil "Uffiċjali Awtorizzanti b'sottodelega".

Ir-responsabbiltà tal-**Uffiċjali Awtorizzanti** tkopri l-proċess tal-ġestjoni kollu kemm hu, mid-deċiżjoni dwar x'għandu jsir sabiex jinkisbu l-objettivi tal-politika stabbiliti mill-istituzzjoni sal-ġestjoni tal-attivitajiet imniedija sew mill-aspett operattiv u kif ukoll minn dak baġitarju, inkluż l-iffirmar ta' impenji legali, il-monitoraġġ tar-riżultati, it-twettiq ta' ħlasijiet u anki l-irkupru ta' fondi, jekk meħtieġ. L-uffiċjali awtorizzanti għandhom ukoll l-inkarigu li jaraw li jsiru valutazzjonijiet sabiex tiġi analizzata l-vijabilità tal-proposti tagħhom (valutazzjonijiet *ex ante*) u li jivvalutaw is-suċċess u l-effiċjenza ekonomika tal-programmi li jkunu diġà qed jitwettqu (valutazzjonijiet interim u *ex post*). Ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet huma użati sabiex jiġi mtejjeb il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jiżdiedu t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-effiċjenza ekonomika tal-intervent tal-UE.

Il-ġestjoni finanzjarja soda u r-responsabbiltà xierqa huma żgurati f'kull DĠ permezz tas-separazzjoni tal-kontroll tal-ġestjoni (f'idejn l-uffiċjali awtorizzanti) mill-awditjar intern u l-kontroll tal-konformità bi standards ta' kontroll intern ċari (ispirati mill-istandards internazzjonali tas-COSO), kontrolli *ex ante* u *ex post*, awditjar intern indipendenti abbażi ta' stimi tar-riskju, u rapportar regolari dwar l-attivitajiet lill-Kummissarji individwali.

L-**Uffiċjal tal-Kontabilità** jwettaq l-ordnijiet ta' ħlas u rkupru magħmula mill-uffiċjali awtorizzanti u huwa responsabbli għall-ġestjoni tat-teżor, id-deċiżjonijiet dwar ir-regoli u l-metodi tal-kontabilità, il-konvalidament tas-sistemi tal-kontabilità, iż-żamma tal-kontijiet u l-produzzjoni tal-kontijiet annwali tal-istituzzjoni. Minbarra dan, l-Uffiċjal tal-Kontabilità jeħtieġ li jiffirma l-kontijiet u jiddikjara li huma jagħtu stampa ċara u korretta tas-sitwazzjoni finanzjarja.

L-**Awditur Intern**, li mhuwiex attur finanzjarju fis-sens strett tal-kelma, huwa appuntat minn istituzzjoni sabiex jivverifika l-operat korrett tas-sistemi u l-proċeduri tal-implimentazzjoni tal-baġit u sabiex jagħti pariri lill-istituzzjoni dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju. Huwa joħroġ opinjonijiet indipendenti dwar il-kwalità tas-sistemi tal-ġestjoni u kontroll u jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif il-proċeduri operattivi għandhom jiġu mtejba u kif għandha tiġi promossa l-ġestjoni finanzjarja tajba.

### 3.3. L-impenji għall-infiq tal-baġit tal-UE

Ladarba l-baġit jiġi approvat, id-DĠ Baġit, permezz tas-sistema tal-kontabilità tal-Kummissjoni, ipoġġi l-fondi għad-dispożizzjoni tad-dipartimenti differenti tal-Kummissjoni u l-Istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra skont ir-responsabbiltajiet tagħhom ta' politika skont sistema msejħa bbaġitjar ibbażat fuq l-attività. Pereżempju, ir-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-linji tal-baġit li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent jiġu delegati lill-Kummissjoni jew lill-kap - jew Direttur-Ġenerali - tad-DĠ Ambjent (li, f'dan il-kuntest, jissejjaħ l-Uffiċjal Awtorizzanti b'Delega għal-linji tal-baġit ikkonċernati).

Qabel ma jsir impenn legali (pereżempju kuntratt jew ftehim ta' għotja) ma' parti terza, irid ikun hemm linja tal-baġit li tawtorizza l-attività kkonċernata fil-baġit annwali. Irid ikun hemm ukoll biżżejjed fondi fil-linja tal-baġit ikkonċernata sabiex tiġi koperta n-nefqa. Jekk jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet, il-fondi meħtieġa jridu jiġu rriżervati fil-baġit permezz ta' impenn baġitarju magħmul fis-sistema tal-kontijiet.

L-ebda flus ma jistgħu jintefqu mill-baġit tal-UE sakemm il-Kummissjoni jew korp ieħor tal-EU u l-benefiċjarju possibbli tal-fondi tal-UE ma jkunux daħlu f'impenn legali bil-miktub. Taħt ġestjoni ċentralizzata diretta, dan l-impenn legali jieħu l-forma jew ta' kuntratt ma' kuntrattur jew ta' ftehim ta' għotja ma' benefiċjarju.

Ladarba jkun approvat, l-impenn baġitarju jiġi rreġistrat fis-sistema tal-kontabilità baġitarja u l-approprjazzjonijiet jiġu kkunsmati f'konformità ma' dan. Dan, madankollu, m'għandu l-ebda effett fuq il-kontijiet ġenerali (jew il-ktieb ġenerali) ladarba tkun għadha ma saret l-ebda nefqa.. Dan għaliex is-sistema tal-kontabilità tal-Komunitajiet Ewropej fiha żewġ elementi separati imma marbuta:

(a) kontijiet tal-baġit, li jipprovdu rekord dettaljat tal-implimentazzjoni tal-baġit;

(b) kontijiet ġenerali, li jintużaw għat-tħejjija tal-karta tal-bilanċ u r-riżultat ekonomiku.

### 3.4. It-twettiq ta' ħlas

#### 3.4.1. *Regoli ġenerali*

L-ebda ħlas ma jista' jsir jekk ma jkunx diġà ġie approvat impenn baġitarju mill-Uffiċjal Awtorizzanti li jkun qed jittratta l-operazzjoni kkonċernata.

Ladarba ħlas jiġi approvat fis-sistema tal-kontabilità, il-pass li jmiss huwa li jsir it-trasferiment għall-kont tal-benefiċjarju.

Il-Kummissjoni tagħmel aktar minn 1.7 miljun pagament fis-sena. Il-Kummissjoni tipparteċipa fi SWIFT (Society for Worldwide Interbank Financial Telecommunication).

#### 3.4.2. *Prefinanzjament, dikjarazzjonijiet ta' spejjeż u eliġibilità ta' nfiq*

Prefinanzjament huwa ħlas maħsub biex jipprovdi lill-benefiċjarju bi ħlas bil-quddiem ta' flus, jiġifieri "float". Dan jista' jinqasam f'numru ta' ħlasijiet fuq perjodu definit fil-ftehim partikolari ta' prefinanzjament. Il-"float" jew avvanz jintuża jew għall-iskop li għalih ikun provdut matul il-perjodu definit fil-ftehim jew jitħallas lura

– jekk il-benefiċjarju ma jkollux spejjeż eliġibbli huwa jkollu l-obbligu li jagħti lura l-avvanz ta' prefinanzjament lill-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-prefinanzjament imħallas mhux spiża definittiva sakemm il-kundizzjonijiet kuntrattwali rilevanti jkunu ġew onorati u għalhekk huwa rreġistrat mal-assi fil-karta tal-bilanċ tal-UE meta jsir il-ħlas inizjali. L-ammont tal-assi tal-prefinanzjament jitnaqqas (b'mod sħiħ jew parzjali) meta jiġu aċċettati l-ispejjeż eliġibbli u l-ammonti mogħtija lura.

Il-prefinanzjament huwa vvalutat skont l-ammont rikuperabbli tiegħu, meta titqies l-eżistenza ta' garanzija relatata marbuta mal-prefinanzjament. Il-prefinanzjament irrekuperabbli mistenni huwa rikonoxxut bħala spiża fil-kont tar-riżultat ekonomiku u tnaqqis fil-valur kontabbli tal-prefinanzjament fil-karta tal-bilanċ. Ġeneralment jiddaħħal imgħax fuq il-prefinanzjament li jitħallas (eċċezzjonijiet notevoli huma l-ammonti mħallsa lill-Istati Membri jew bħala għajnuna għal qabel is-sħubija).

Xi żmien wara l-ħlas tal-prefinanzjament, pretensjoni ta' spiża tasal għand il-korp rilevanti tal-UE sabiex tiġġustifika kif l-ammont tal-prefinanzjament ikun intefaq mill-benefiċjarju skont il-kuntratt. Ir-ritmu ta' dawn il-pretensjonijiet ta' spejjeż matul is-sena huwa varjabbli u jiddependi fuq it-tip ta' azzjoni li tkun qed tiġi ffinanzjata u l-kundizzjonijiet kuntrattwali, u mhux neċessarjament jiġu riċevuti fl-aħħar tas-sena.

Il-kriterji tal-eliġibilità huma definiti fl-att bażiku, fis-sejħiet għall-proposti, f'dokumenti oħra ta' informazzjoni għall-benefiċjarji tal-għotjiet u/jew fil-klawsoli kuntrattwali tal-ftehim ta' għotja. Wara l-analiżi, l-ispejjeż eliġibbli jitpoġġew mal-infiq u l-benefiċjarju jiġi infurmat dwar kull ammont mhux eliġibbli. Ammonti li għalihom "l-eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata" għalhekk jirrappreżentaw pretensjonijiet ta' spejjeż riċevuti li għalihom l-eliġibilità tkun għadha ma ġietx ikkonfermata u għalhekk fejn l-avveniment li jwassal għall-ispiża jkun għadu ma seħħx.

### 3.4.3. *Trattament kontabbli fl-aħħar tas-sena (cut-off)*

Fl-aħħar tas-sena ammonti pendenti ta' prefinanzjament huma stmati skont l-ammont(i) oriġinali mħallsa b'dawn li ġejjin imnaqqsa minnhom: ammonti mogħtija lura, ammonti eliġibbli likwidati, ammonti eliġibbli stmati li għadhom mhumiex likwidati sal-aħħar tas-sena, u tnaqqis fil-valur.

Pretensjonijiet ta' spejjeż li jkunu għadhom ma ġewx riċevuti fl-aħħar tas-sena jitqiesu fil-proċeduri tal-cut-off tal-kontijiet ta' tmiem is-sena. B'mod partikolari għandha ssir valutazzjoni li tikkonċerna l-ispejjeż eliġibbli mġarrba minn benefiċjarji tal-fondi tal-UE imma li għadhom mhumiex irrappurtati lill-UE. Sabiex wieħed jasal għall-aħjar stima ta' dawn l-ammonti jiġu użati metodi differenti skont it-tip ta' attivitajiet u informazzjoni disponibbli.. Wara dawn l-entrati tal-cut-off, l-istimi tal-ammonti eliġibbli jiddaħħlu bħala spejjeż dovuti, filwaqt li l-istimi tal-partijiet mhux eleġibbli jibqgħu miftuħa fuq il-kontijiet "eliġibiltà għad trid tiġi vverifikata". Dawn l-ammonti jintwerew taħt obbligazzjonijiet kurrenti sabiex ma ssirx stima għolja żżejjed tal-assi u l-obbligazzjonijiet.

## 3.5. **Irkupri wara li jinstabu irregolaritajiet**

Ir-Regolament Finanzjarju u leġiżlazzjoni applikabbli oħra, b'mod partikolari dik li tirrigwarda l-politika tal-agrikoltura u ta' koeżjoni, jagħtu d-dritt li jsiru kontrolli fuq l-infiq sa ħafna snin wara li jkunu saru. Meta jinstabu irregolaritajiet, jiġu applikati rkupri jew korrezzjonijiet finanzjarji. Is-sejbien ta' irregolaritajiet u l-korrezzjonijiet tagħhom huma fl-aħħar fażi fl-operazzjoni tas-sistemi ta' kontroll, u huma essenzjali sabiex juru ġestjoni finanzjarja tajba.

L-eġibilità ta' nfiq iddebitat għall-baġit hija vverifikata mis-servizzi rilevanti tal-UE, jew fil-każ tal-ġestjoni kondiviża, mill-Istati Membri, fuq il-bażi tad-dokumenti ta' appoġġ stipulati fil-leġiżlazzjoni applikabbli jew fil-kundizzjonijiet ta' kull għotja. Bil-għan tal-ottimizzazzjoni tar-relazzjoni bejn il-piżijiet u l-benefiċċji tas-sistemi ta' kontroll, kontrolli tad-dokumenti ta' appoġġ għall-pretensjonijiet finali għandhom it-tendenza li jkunu aktar intensivi minn dawk fuq pretensjonijiet proviżorji, u jistgħu jidentifikaw żbalji fi ħlasijiet proviżorji li jiġu kkoreġuti b'aġġustament fil-ħlas finali. Minbarra dan, l-UE u/jew l-Istat Membru għandhom id-dritt li jivverifikaw il-korrettezza tad-dokumenti ta' appoġġ billi jagħmlu kontrolli fl-uffiċċji ta' dawk li jressqu l-pretensjonijiet, matul l-implimentazzjoni tal-azzjoni ffinanzjata u/jew wara (*ex-post*). Hemm diversi proċeduri previsti fil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-proċess tat-trattament ta' irregolaritajiet misjuba mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri – informazzjoni iktar dettaljata hija inkluża fin-nota **6**.

## 4. RAPPORTAR TA' TMIEM IS-SENA

### 4.1. **Kontijiet annwali**

Hija r-responsabbiltà tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni li jħejji l-kontijiet annwali u jara li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE. Il-kontijiet annwali jikkonsistu fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit. Huma jiġu adottati mill-Kummissjoni u ppreżentati lill-Qorti tal-Awdituri għall-awditjar u fl-aħħar nett lill-Kunsill u lill-Parlament għall-kwittanza.

### 4.2. **Rapporti Annwali tal-Attività**

Kull Uffiċjal Awtorizzanti huwa obbligat li jħejji Rapport Annwali tal-Attività (RAA) dwar l-attivitajiet taħt ir-responsabbiltà tiegħu. F'dan ir-RAA huwa jirraporta fuq ir-riżultati ta' politika u fuq l-assigurazzjoni raġonevoli li jista' jkollu li r-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti fir-rapport tiegħu ntużaw għall-għan maħsub tagħhom u skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

## 5. AWDITJAR U KWITTANZA

### 5.1. **Awditjar**

Il-kontijiet annwali u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-UE huma ssorveljati mill-awditur estern tagħha, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li tfassal rapport annwali għall-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Id-dmir ewlieni tal-Qorti huwa li jwettaq awditjar estern u indipendenti tal-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea. Bħala parti mill-attivitajiet tagħha, il-Qorti tal-Awdituri tipproduċi:

(1) rapport annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit ġenerali, li jagħti l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet annwali u t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati;

(2) opinjoni, ibbażata fuq l-awditjar tagħha u mogħtija fir-rapport annwali fil-forma ta' dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni, dwar (i) l-affidabilità tal-kontijiet u (ii) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti li jinvolvu kemm id-dħul miġbur minn persuni taxxabbli u kif ukoll il-ħlasijiet lil benefiċjarji finali;

(3) rapporti speċjali li jagħtu l-osservazzjonijiet tal-awditjar dwar oqsma speċifiċi tal-ġestjoni.

Il-Qorti tal-Awdituri hija intitolata li jkollha aċċess għad-dokumenti kollha li tkun teħtieġ waqt li tkun qed twettaq l-awditjar tagħha. Il-Qorti twettaq awditjar l-oqsma kollha tal-attivitajiet tal-UE, inkluż billi teżamina l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u l-ħlasijiet individwali. Hija twettaq awditjar wkoll fuq il-kontijiet annwali nfushom, u tanalizza l-karta tal-bilanċ u l-kontijiet tar-riżultat ekonomiku individwali fejn meħtieġ, flimkien mal-preżentazzjoni globali tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Għaldaqstant, il-Qorti tista' toffri l-opinjoni tagħha mhux biss dwar iċ-ċifri ppreżentati, iżda wkoll dwar is-sistema u l-kontrolli li jkunu fis-seħħ.

### 5.2. **Kwittanza**

Il-kontroll finali huwa l-kwittanza tal-baġit għal sena finanzjarja partikolari. Il-Parlament Ewropew huwa l-awtorità tar-kwittanza fi ħdan l-UE. Dan ifisser li wara l-awditjar u l-iffinalizzar tal-kontijiet annwali, huwa l-kompitu tal-Kunsill li jirrakkomanda u mbagħad tal-Parlament li jiddeċiedi jekk jagħtix il-kwittanza lill-Kummissjoni u lill-korpi l-oħra tal-KE għall-eżekuzzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja preċedenti. Din id-deċiżjoni hija bbażata fuq analiżi tal-kontijiet u tar-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri (li tinkludi dikjarazzjoni uffiċjali tal-assigurazzjoni) u r-risposti tal-Kummissjoni, u wkoll fuq mistoqsijiet u talbiet ta' informazzjoni supplimentari li jsiru lill-Kummissjoni.

Il-kwittanza tirrappreżenta l-aspett politiku tal-kontroll estern tal-implimentazzjoni tal-baġit u huwa d-deċiżjoni li permezz tagħha l-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, "jeħles" lill-Kummissjoni mir-responsabbiltà tagħha għall-ġestjoni ta' baġit partikolari billi jistabbilixxi t-tmiem tal-eżistenza ta' dak il-baġit. Din il-proċedura ta' kwittanza tista' tipproduċi wieħed minn żewġ riżultati: l-għoti jew il-postponiment tal-kwittanza. Meta jagħti l-kwittanza, il-Parlament jista' jenfasizza osservazzjonijiet li huwa jqis bħala importanti, u ta' sikwit jirrakkomanda azzjonijiet li l-Kummissjoni għandha tieħu dwar dawn il-kwistjonijiet. Il-Kummissjoni tippreżenta l-miżuri meħuda f'rapport ta' segwitu u pjan ta' azzjoni li hija tibgħat sew lill-Parlament u kif ukoll lill-Kunsill.

## PARTI I

# DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI KKONSOLIDATI TAL-UNJONI EWROPEA U NOTI TA' SPJEGAZZJONI

WERREJ


| | | *Paġna* |
|---|---|---|
| A. | Karta tal-Bilanċ | 10 |
| B. | Kont tar-Riżultat Ekonomiku | 11 |
| C. | Tabella tal-Flussi tal-Flus | 12 |
| D. | Dikjarazzjoni tal-bidliet fl-Assi Netti | 13 |
| E. | Noti mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji | 14 |
| | 1. Politiki sinifikanti tal-kontabilità | 14 |
| | 2. Noti mal-Karta tal-Bilanċ | 26 |
| | 3. Noti mal-Kont tar-Riżultat Ekonomiku | 50 |
| | 4. Noti mat-Tabella tal-flussi tal-flus | 62 |
| | 5. Dikjarazzjonijiet ta' barra l-Karta tal-Bilanċ | 62 |
| | 6. Irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti | 70 |
| | 7. Ġestjoni tar-riskju finanzjarju | 86 |
| | 8. Dikjarazzjonijiet dwar il-partijiet relatati | 94 |
| | 9. Avvenimenti wara d-data tal-karta tal-bilanċ | 95 |
| | 10. Entitajiet konsolidati | 96 |
| | 11. Entitajiet mhux konsolidati | 98 |

## A. **KARTA TAL-BILANĊ**

*EUR miljuni*

| | Nota | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|---|
| ASSI MHUX KURRENTI: | | | |
| Assi intanġibbli | *2.1* | 72 | 56 |
| Proprjetà, impjanti u tagħmir | *2.2* | 4 859 | 4 881 |
| Investimenti fit-tul | *2.3* | 2 379 | 2 078 |
| Self | *2.4* | 10 764 | 3 565 |
| Prefinanzjament fit-tul | *2.5* | 39 750 | 29 023 |
| Ammonti riċevibbli għat-tul | *2.6* | 55 | 45 |
| | | **57 879** | **39 648** |
| ASSI KURRENTI: | | | |
| Inventarji | *2.7* | 77 | 85 |
| Investimenti għal żmien qasir | *2.8* | 1 791 | 1 553 |
| Prefinanzjament għal perjodu qasir | *2.9* | 9 077 | 10 262 |
| Ammonti riċevibbli bi skadenza qasira | *2.10* | 8 663 | 11 920 |
| Flus u ekwivalenti ta' flus | *2.11* | 23 372 | 23 724 |
| | | **42 980** | **47 544** |
| **Assi totali** | | **100 859** | **87 192** |
| OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI: | | | |
| Benefiċċji tal-Impjegati | *2.12* | (37 242) | (37 556) |
| Provvedimenti għat-tul | *2.13* | (1 469) | (1 341) |
| Obbligazzjonijiet finanzjarji għat-tul | *2.14* | (10 559) | (3 349) |
| Obbligazzjonijiet oħra għat-tul | *2.15* | (2 178) | (2 226) |
| | | **(51 448)** | **(44 472)** |
| OBLIGAZZJONIJIET KURRENTI: | | | |
| Provvedimenti għal perjodu qasir | *2.16* | (213) | (348) |
| Obbligazzjonijiet finanzjarji għal perjodu qasir | *2.17* | (40) | (119) |
| Kontijiet pagabbli | *2.18* | (93 884) | (89 677) |
| | | **(94 137)** | **(90 144)** |
| **Total obbligazzjonijiet** | | **(145 585)** | **(134 616)** |
| ASSI NETTI | | **(44 726)** | **(47 424)** |
| Riżervi | *2.19* | 3 323 | 3 115 |
| Ammonti li għandhom jinġabru mill-Istati Membri: | *2.20* | | |
| *Benefiċċji għall-impjegati* (*) | | *(37 242)* | *(37 556)* |
| *Ammonti oħra* (**) | | *(10 807)* | *(12 983)* |
| ASSI NETTI | | **(44 726)** | **(47 424)** |

(*) Skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 kif emendat), l-IstatiMembri għandhom jiggarantixxu flimkien l-obbligazzjoni għall-pensjonijiet.

(**) Il-Parlament adottta baġit fis-17 ta' Diċembru 2009 li stipula l-ħlas tal-obbligazzjonijiet bi skadenza qasira tal-Komunitajiet mir-riżorsiproprji li għandhom jinġabru mill-Istati Membri, jew jiġu mitluba lilhom, fl-2010.

## B. **KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU**

*EUR miljuni*

| | Nota | 2009 | 2008 |
|---|---|---|---|
| DĦUL OPERATTIV | | | |
| Dħul mir-riżorsi proprji u l-kontribuzzjonijiet | *3.1* | 110 537 | 112 713 |
| Dħul operattiv ieħor | *3.2* | 7 532 | 9 731 |
| | | **118 069** | **122 444** |
| SPEJJEŻ OPERATTIVI | | | |
| Spejjeż amministrattivi | *3.3* | (8 133) | (7 720) |
| Spejjeż operattivi | *3.4* | (104 934) | (97 214) |
| | | **(113 067)** | **(104 934)** |
| BILANĊ POŻITTIV MINN ATTIVITAJIET OPERATTIVI | | **5 002** | **17 510** |
| Dħul finanzjarju | *3.5* | 835 | 698 |
| Spejjeż finanzjarji | *3.6* | (594) | (467) |
| Moviment fl-obbligazzjonijiet tal-pensjonijiet tal-impjegati | *2.12* | (683) | (5 009) |
| Sehem mill-bilanċ negattiv tal-assoċjati u l-impriżi konġunti | *3.7* | (103) | (46) |
| **RIŻULTAT EKONOMIKU GĦAS-SENA** | | **4 457** | **12 686** |

## C. TABELLA TAL-FLUSSI TAL-FLUS

*EUR miljuni*

| | Nota | 2009 | 2008 (*) |
|---|---|---|---|
| **Riżultat ekonomiku għas-sena** | | 4 457 | 12 686 |
| *Attivitajiet operattivi* | *4.2* | | |
| Amortizzazzjoni | | 22 | 19 |
| Deprezzament | | 447 | 302 |
| (Treġġigħ lura ta') telf minn indeboliment ta' investimenti | | (16) | 3 |
| (Żieda)/tnaqqis fis-self | | (7 199) | (1 759) |
| (Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament fit-tul | | (10 727) | (15 008) |
| (Żieda)/tnaqqis f'riċevibbli għat-tul | | (10) | 82 |
| (Żieda)/tnaqqis fl-inventarji | | 8 | 3 |
| (Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament għal perjodu qasir | | 1 185 | 10 321 |
| (Żieda)/tnaqqis f'riċevibbli għal perjodu qasir | | 3 257 | 131 |
| Żieda/(tnaqqis) fi provvedimenti għat-tul | | 128 | 262 |
| Żieda/(tnaqqis) f'obbligazzjonijiet finanzjarji għat-tul | | 7 210 | 1 775 |
| Żieda/(tnaqqis) f'obbligazzjonijiet oħrajn għat-tul | | (48) | 237 |
| Żieda/(tnaqqis) fi provvedimenti għal perjodu qasir | | (135) | (21) |
| Żieda/(tnaqqis) f'obbligazzjonijiet finanzjarji għal perjodu qasir | | (79) | (16) |
| Żieda/(tnaqqis) fil-kontijiet pagabbli | | 4 207 | (5 703) |
| Bilanċ pożittiv tas-sena preċedenti meħud bħala dħul mhux fi flus | | (1 796) | (1 529) |
| Movimenti oħrajn mhux fi flus | | 37 | 37 |
| *Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjoni relatata mal-benefiċċji tal-impjegati* | | (314) | 4 076 |
| *Attivitajiet ta' investiment* | *4.3* | | |
| (Żieda)/tnaqqis fl-assi intanġibbli u l-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir | | (463) | (689) |
| (Żieda)/tnaqqis f'investimenti għat-tul | | (284) | (108) |
| (Żieda)/tnaqqis f'investimenti għal żmien qasir | | (239) | (133) |
| **FLUSSI NETTI TAL-FLUS** | | **(352)** | **4 968** |
| Żieda netta fi flus u ekwivalenti | | (352) | 4 968 |
| Flus u ekwivalenti fil-bidu tas-sena | *2.11* | 23 724 | 18 756 |
| Flus u ekwivalenti fi tmiem is-sena | *2.11* | 23 372 | 23 724 |

(*) Il-kontijiet tal-2008 kienu jinkudu l-fus tal-Fond ta' Garanzija bħala flus mhux investimenti

## D. **DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI**

*EUR miljuni*

| | Riżervi (A) | | Ammonti li għandhom jintalbu mingħand l-Istati Membri (B) | | Assi Netti =(A)+(B) |
|---|---|---|---|---|---|
| | Riżerva tal-valur ġust | Riżervi oħrajn | Bilanċ pożittiv/(negattiv) Akkumulat | Riżultat ekonomiku tas-sena | |
| **BILANĊ FIL-31 DIĊEMBRU 2007** | **7** | **2 799** | **(68 888)** | **7 462** | **(58 620)** |
| Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija | | 158 | (158) | | 0 |
| Movimenti fil-valur ġust | 34 | | | | 34 |
| Oħrajn | | 113 | (108) | | 5 |
| Allokazzjoni tar-riżultat ekonomiku 2007 | | 4 | 7 458 | (7 462) | 0 |
| Riżultat tal-baġit 2007 attribwit lill-Istati Membri | | | (1 529) | | (1 529) |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | | | | 12 686 | 12 686 |
| **BILANĊ FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2008** | **41** | **3 074** | **(63 225)** | **12 686** | **(47 424)** |
| Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija | | 196 | (196) | | 0 |
| Movimenti fil-valur ġust | 28 | | | | 28 |
| Oħrajn | | (1) | 10 | | 9 |
| Allokazzjoni tar-riżultat ekonomiku 2008 | | (15) | 12 701 | (12 686) | 0 |
| Riżultat tal-baġit 2008 attribwit lill-Istati Membri | | | (1 796) | | (1 796) |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | | | | 4 457 | 4 457 |
| **BILANĊ FIL-31 DIĊEMBRU 2009** | **69** | **3 254** | **(52 506)** | **4 457** | **(44 726)** |

## E. **NOTI DWAR ID-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI**

1. POLITIKI SINIFIKANTI TAL-KONTABILITÀ

### 1.1. **IR-REGOLI DWAR IL-BAŻI LEGALI U L-KONTABILITÀ**

Il-kontijiet ikkonsolidati tal-Unjoni Ewropea jkopru l-kontijiet tal-Unjoni Ewropea, tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (f'Likwidazzjoni). Dawn il-kontijiet isiru skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 248 16.9.2002), dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament Finanzjarju.

Skont l-Artikolu 133 tar-Regolament Finanzjarju, l-Unjoni Ewropea ppreparat id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tagħha tal-2009 fuq il-bażi ta' regoli bbażati fuq id-dovuti tal-kontijiet li huma meħuda mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) jew, jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, mill-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS). Dawn ir-regoli ta' kontabilità, adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet Ewropej kollha li bħalissa jaqgħu fl-ambitu tal-konsolidazzjoni sabiex tiġi stabbilita ġabra ta' regoli uniformi għall-kontabilità, il-valutazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet bl-għan li jiġi armonizzat il-proċess tat-tfassil tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-konsolidazzjoni. Il-kontijiet jinżammu f'Euro fuq il-bażi tas-sena kalendarja.

### 1.2. **IL-PRINĊIPJI TAL-KONTABILITÀ**

L-għan tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji huwa li jipprovdu informazzjoni li tkun utli għal ħafna nies li jkollhom bżonn jużawha dwar il-pożizzjoni finanzjarja, ir-rendiment u l-flussi tal-flus ta' entità. Għal entità tas-settur pubbliku bħall-UE, l-għanijiet huma, b'mod aktar speċifiku, li tiġi pprovduta informazzjoni utli għat-teħid tad-deċiżjonijiet, u li tingħata prova tar-responsabbiltà tal-entità fir-rigward tar-riżorsi fdati lilha. Huwa b'dawn l-għanijiet li d-dokument preżenti ġie mfassal L-Artikolu 124 tar-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi l-prinċipji tal-kontabilità li għandhom jiġu applikati fit-tfassil tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji:

— fuq il-bażi ta' entità attiva;

— prudenza;

— metodi konsistenti ta' kontabilità;

— paragunabbiltà tal-informazzjoni;

— materjalità;

— l-ebda tpaċija;

— ir-realtà fuq l-apparenza;

— il-kontabilità bbażata fuq id-dovuti.

Il-preparazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati skont ir-regoli u l-prinċipji fuq imsemmija teħtieġ ġestjoni biex isiru stimi li jaffettwaw l-ammonti rapportati ta' ċerti partiti fil-karta tal-bilanċ kkonsolidata u fil-kont tar-riżultat ekonomiku kkonsolidat, kif ukoll id-divulgazzjonijiet relatati ta' assi u obbligazzjonijiet kontinġenti.

### 1.3. **KONSOLIDAZZJONI**

**L-impatt tat-Trattat ta' Lisbona**

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009 il-kontijiet annwali huma issa intitolati l-"Kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea". Rigward l-ambitu tal-konsolidazzjoni din il-bidla ma kellha l-ebda impatt. L-aġenziji mwaqqfa taħt dak li kien it-tieni pilastru tal-UE ma jilħqu l-kriterji li għandhom jkunu kkonsolidati, lanqas il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), għalkemm huwa kkunsidrat bħala Istituzzjoni Ewropea fit-Trattat ta' Lisbona. Dawn l-entitajiet kollha għalhekk jibqgħu barra l-ambitu tal-konsolidazzjoni, bħal ma kien il-każ fis-snin preċedenti.

Rigward l-aġenziji ta' dak li kien it-tielet pilastru tal-Unjoni Ewropea, tnejn minnhom, li jirċievu sussidju mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, huma kkonsolidati bħal ma seħħ fis-snin preċedenti (ara wkoll in-nota **10**). L-aġenzija li jifdal taħt dan il-pilastru, l-Europol, se ssir entità tal-UE mill-2010 'il quddiem.

**L-ambitu tal-konsolidazzjoni**

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-UE jinkludu l-entitajiet ikkontrollati sinifikanti kollha (istituzzjonijiet u aġenziji), assoċjati u impriżi konġunti, li jammontaw għal 40 entità kontrollata, 3 assoċjati u 4 impriżi konġunti. Il-lista sħiħa tal-entitajiet ikkonsolidati tinsab fin-nota 10. Meta mqabbel mal-2008, l-ambitu tal-konsolidazzjoni ġie estiż b'żewġ aġenziji eżekuttivi, tnejn assoċjati u impriża konġunta, filwaqt li aġenzija waħda ġiet likwidata fil-31 ta' Diċembru 2008. L-impatt taż-żidiet fuq id-dikjarazzjonijiet fnanzjarji kkonsolidati mhux materjali.

**Entitajiet kontrollati**

Id-deċiżjoni li tiġi inkluża entità fl-ambitu tal-konsolidazzjoni hija bbażata fuq il-kunċett ta' kontroll. L-entitajiet ikkontrollati huma l-entitajiet kollha li l-Unjoni Ewropea għandha, direttament jew indirettament, is-setgħa li tirregola l-politiki finanzjarji u operattivi tagħhom sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-attivitajiet ta' dawn l-entitajiet. Din is-setgħa għandha tkun eżerċitabbli bħalissa. L-entitajiet ikkontrollati huma kkonsolidati kompletament. Il-konsolidament jibda fl-ewwel data li fiha jeżisti l-kontroll, u jintemm meta ma jkunx għadu jeżisti dan il-kontroll.

L-iktar indikaturi komuni tal-kontroll fl-Unjoni Ewropea huma: il-ħolqien permezz ta' trattati ta' twaqqif jew leġiżlazzjoni sekondarja, finanzjament mill-baġit ġenerali, l-eżistenza ta' drittijiet għall-vot fl-entitajiet governattivi, awditjar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u kwittanza mill-Parlament Ewropew. Huwa ċar li għandha ssir valutazzjoni fuq il-livell tal-entità sabiex jiġi deċiż jekk wieħed mill-kriterji mniżżla hawn fuq jew kollha kemm huma humiex suffiċjenti biex jikkawżaw il-kontroll.

Skont dan l-approċċ, l-istituzzjonijiet (minbarra l-BĊE) u l-aġenziji tal-UE (minbarra l-aġenziji ta' dak li kien it-tieni pilastru u l-Europol) jitqiesu bħala li huma taħt il-kontroll esklużiv tal-UE u għalhekk huma inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni. Barra minn hekk il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'Likwidazzjoni (KEFA) hija kkunsidrata wkoll bħala entità kkontrollata.

It-tranżazzjonijiet u l-bilanċi kollha interni bejn l-entitajiet ikkontrollati tal-UE ġew eliminati, filwaqt li l-qligħ u t-telf mhux realizzati fi tranżazzjonijiet bejn l-entitajiet mhumiex materjali u għalhekk ma ġewx eliminati.

**Assoċjati**

L-assoċjati huma entitajiet li fuqhom il-Komunitajiet Ewropej għandhom, direttament jew indirettament, influwenza sinifikanti, iżda mhux kontroll, fuq id-deċiżjonijiet ta' politika finanzjarja u operazzjonali. Huwa preżunt li jkun hemm influwenza sinifikanti fejn il-Kummissjoni Ewropea jkollha direttament jew indirettament 20 % jew aktar mid-drittijiet tal-vot.

Parteċipazzjonijiet f'assoċjati huma kontabilizzati permezz tal-metodu tal-ekwità, inizjalment rikonoxxut bi prezz. Is-sehem tal-Unjoni Ewropea mir-riżultati tal-assoċjati tagħha huwa rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku tal-UE, u s-sehem tagħha mill-movimenti fir-riżervi huwa rikonoxxut fir-riżervi tal-UE. Il-prezz inizjali kif ukoll il-movimenti kollha (kontibuzzjonijiet ulterjuri, sehem tar-riżultati u movimenti tar-riżerva, indebolimenti, u dividendi) jagħtu l-valur finanzjarju tal-assoċjat fil-kontijiet tal-UE fid-data tal-karta tal-bilanċ. Distribuzzjonijiet riċevuti minn assoċjat inaqqsu l-ammont kontabbli tal-assi. Qligħ u telf mhux realizzati fuq tranżazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-assoċjati tagħha mhumiex materjali u għalhekk ma ġewx eliminati.

Il-politika tal-kontabilità tal-assoċjati tista' tkun differenti minn dik adotttata mill-Unjoni Ewropea għal tranżazzjonijiet u avvenimenti simili f'ċirkustanzi simili. F'każijiet fejn l-Unjoni Ewropea jkollha 20 % jew aktar minn fond ta' kapital ta' riskju, l-UE ma tfittix li teżerċitaw influwenza sinifikanti. Dawn il-fondi huma għalhekk meqjusa bħala strumenti finanzjarji disponibbli għall-bejgħ u l-metodu tal-ekwità mhuwiex applikat.

**Impriżi konġunti**

Impriża konġunta hija arranġament b'kuntratt bejn l-Unjoni Ewropea u parti waħda jew aktar ("l-imprenditturi") li bih dawn jidħlu għal attività ekonomika soġġetta għal kontroll konġunt. Kontroll konġunt hu l-qsim ta' kontroll, direttament jew indirettament, miftiehem b' kuntratt fuq attività li tinkorpora potenzjal ta' servizz.

Parteċipazzjonijiet fl-impriżi konġunti huma kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità inizjalment rikonoxxut bi prezz. L-interess tal-Unjoni Ewropew fir-riżultati tal-entitajiet tagħha kkontrollati b'mod konġunt huwa rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku tal-UE, u l-interess tagħha fil-movimenti fir-riżervi huwa rikonoxxut fir-riżervi tal-UE. Il-prezz inizjali kif ukoll il-movimenti kollha (kontibuzzjonijiet ulterjuri, sehem tar-riżultati u movimenti tar-riżerva, indebolimenti, u dividendi) jagħtu l-valur finanzjarju tal-assoċjat fil-kontijiet tal-UE fid-data tal-karta tal-bilanċ.

Qligħ u telf mhux realizzati fuq tranżazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-entità tagħha kkontrollata b'mod konġunt mhumiex materjali u għalhekk ma ġewx eliminati. Il-politika tal-kontabilità tal-impriżi konġunti tista' tkun differenti minn dik adottata mill-Unjoni Ewropea għal tranżazzjonijiet u avvenimenti simili f'ċirkustanzi simili.

### Entitajiet mhux ikkonsolidati li l-fondi tagħhom huma ġestiti mill-Kummissjoni

Il-fondi tal-Iskema tal-Assigurazzjoni tal-Mard għall-persunal tal-Unjoni Ewropea, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipant huma ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, madankollu peress li dawn l-entitajiet mhumiex ikkontrollati mill-Unjoni Ewropea mhumiex għalhekk ikkontrollati f'dawn il-kontijiet – ara nota 11 għal aktar dettalji dwar l-ammonti kkonċernati.

## 1.4. BAŻI TAL-PREPARAZZJONI

### 1.4.1. *Munita u bażi għall-konverżjoni*

### Munita operattivi u tar-rapportar

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji huma ppreżentati f'miljuni ta' euro għaliex l-euro huwa l-munita funzjonali u tar-rapportar tal-Unjoni Ewropea.

### Tranżazzjonijiet u bilanċi

Tranżazzjonijiet fi flus barranin huma kkonvertiti f'euro bir-rati tal-kambju prevalenti fid-dati tat-tranżazzjonijiet. Qligħ u telf li jirriżultaw mil-likwidazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' muniti barranin u mit-traduzzjoni bir-rati tal-kambju tal-aħħar tas-sena ta' assi u obbligazzjonijiet monetarji denominati f'muniti barranin huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Metodi ta' konverżjoni differenti japplikaw għall-intestaturi li ġejjin:

— proprjetà, impjanti u tagħmir u assi intanġibbli, li jżommu l-valur tagħhom f'euro bir-rati li kienu japplikaw fid-data meta nxtraw; kif ukoll

— ammonti ta' prefinanzjament imħallsa taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, li huma kkonvertiti skont ir-rati tal-kambju li japplikaw fl-10 jum tax-xahar ta' wara x-xahar li fih jingħataw.

Il-bilanċi tal-aħħar tas-sena ta' assi u obbligazzjonijiet monetarji denominati f'muniti barranin huma kkonvertiti f'euro fuq il-bażi tar-rati tal-kambju li japplikaw fil-31 ta' Diċembru:

*Rati tal-Kambju tal-EURO*

| Munita | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| BGN | 1,9558 | 1,9558 |
| CZK | 26,4730 | 26,8750 |
| DKK | 7,4418 | 7,4506 |
| EEK | 15,6466 | 15,6466 |
| GBP | 0,8881 | 0,9525 |
| HUF | 270,4200 | 266,7000 |

| Munita | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| LVL | 0,7093 | 0,7083 |
| LTL | 3,4528 | 3,4528 |
| PLN | 4,1045 | 4,1535 |
| RON | 4,2363 | 4,0225 |
| SEK | 10,2520 | 10,8700 |
| CHF | 1,4836 | 1,4850 |
| JPY | 133,1600 | 126,1400 |
| USD | 1,4406 | 1,3917 |

Bidliet fil-valur ġust ta' titoli monetarji denominati f'munita barranija u kklassifikati bħala disponibbli għall-bejgħ li jirrigwardaw differenza fit-traduzzjoni huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Differenzi fit-traduzzjoni fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji mhux monetarji kontabilizzati bil-valur ġust permezz ta' qligħ jew telf huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Id-differenzi fit-traduzzjoni fuq assi finanzjarji mhux monetarji kklassifikati bħala li huma disponibbli għall-bejgħ huma inklużi fir-riżerva tal-valur ġust.

### 1.4.2. *Użu ta' stimi*

F'konformità mal-IPSAS u l-prinċipji tal-kontabilità aċċettati b'mod ġenerali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji neċessarjament jinkludu ammonti bbażati fuq stimi u preżunzjonijiet mill-amministrazzjoni fuq il-bażi tal-aktar informazzjoni affidabbli disponibbli. Stimi sinifikanti jinkludu, imma mhumiex limitati għal, ammonti għall-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati, provvedimenti, riskju finanzjarju fuq inventarji u kontijiet riċevibbli, dħul u ħlasijiet dovuti, assi u obbligazzjonijiet kontinġenti, u l-grad ta' indeboliment ta' assi intanġibbli u proprjetà , impjanti u tagħmir. Ir-riżultati attwali jistgħu jkunu differenti minn dawk l-istimi. Il-bidliet fl-istimi huma riflessi fil-perjodu li fih isiru magħrufa.

## 1.5. **KARTA TAL-BILANĊ**

### 1.5.1. *Assi intanġibbli*

Liċenzji akkwistati ta' softwer tal-kompjuter huma kontabilizzati skont kemm ikunu nxtraw bl-amortizzazzjoni u t-telf mill-indeboliment akkumulati mnaqqsa minn dan. L-assi huma amortizzati fuq bażi ta' "linja dritta" fuq it-tul tal-ħajja utli stmata tagħhom, li hija ta' 4 snin. Assi intanġibbli prodotti internament huma bħalissa inklużi fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Spejjeż assoċjati mal-iżvilupp jew il-manteniment ta' programmi ta' softwer tal-kompjuter huma rikonoxxuti bħala spejjeż meta dawn iseħħu, u l-istess japplika għar-riċerka xjentifika u l-ispejjeż tal-iżvilupp.

### 1.5.2. *Proprjetà, impjanti u tagħmir*

Il-proprjetà , l-impjanti u t-tagħmir kollha huma kontabilizzati skont kemm ikunu nxtraw bid-deprezzament u t-telf mill-indeboliment akkumulati mnaqqsa minn dan. Il-prezz storiku jinkludi l-infiq li jkun attribwibbli direttament għall-akkwist jew il-kostruzzjoni tal-assi.

L-ispejjeż sussegwenti huma inklużi fl-ammont kontabbli tal-assi jew rikonoxxuti bħala assi separat, kif ikun jixraq, biss meta huwa probabbli li l-benefiċċji ekonomiċi, jew potenzjal ta' servizz, futuri assoċjati ma' dak l-element ikunu se jmorru għand l-Unjoni Ewropea u l-prezz tiegħu jkun jista' jitkejjel b'mod affidabbli. Kwalunkwe tiswija u manteniment ieħor jiġu debitati lill-kont tar-riżultat ekonomiku matul il-perjodu finanzjarju li fih iseħħu. Ladarba l-Unjoni Ewropea ma tissellifx flus sabiex tiffinanzja l-akkwist ta' proprjetà , impjanti u tagħmir, m'hemm l-ebda spejjeż ta' self relatati ma' dan.

L-art u l-opri tal-arti mhumiex deprezzati għax jitqiesu li għandhom ħajja infinita. Assi taħt kostruzzjoni mhumiex deprezzati għax għadhom mhumiex disponibbli għall-użu. Id-deprezzament fuq assi oħrajn jiġi kkalkulat bil-metodu tal-"linja dritta" biex tiġi allokata l-ispiża oriġinali tagħhom lill-valuri residwi tagħhom fuq it-tul maħsub taż-żmien tal-utilità tagħhom, kif ġej:

*Rati ta' deprezzament*

| Tip ta' assi | Rata ta' deprezzament "linja dritta" |
|---|---|
| Bini | 4 % |
| Impjant, makkinarju u tagħmir | 10 % sa 25 % |
| Għamara | 10 % sa 25 % |
| Armar | 10 % sa 33 % |
| Vetturi | 25 % |
| Ħardwer tal-kompjuter | 25 % |
| Assi tanġibbli oħra | 10 % sa 33 % |

Qligħ u telf fuq ċessjonijiet huma determinati billi jitqabblu d-dħul, bl-ispejjeż tal-bejgħ imnaqqsa minnu, mal-ammont kontabbli tal-assi ċedut. Dawn huma inklużi fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

**Kirjiet**

Il-kiri ta' assi tanġibbli, fejn l-Unjoni Ewropea għandha sostanzjalment ir-riskji u l-vantaġġi kollha ta' proprjetà , huwa kklassifikat bħala kiri finanzjarju. Il-kiri finanzjarju huwa kkapitalizzat fil-bidunett tal-kirja skont l-inqas mill-valur ġust tal-assi mikrija u l-valur preżenti tal-ħlasijiet minimi tal-kiri. Kull ħlas tal-kiri huwa allokat bejn l-obbligazzjoni u l-ħlasijiet finanzjarji sabiex tinkiseb rata kostanti fuq il-bilanċ finanzjarju pendenti. L-obbligi tal-kiri, wara li jkunu ġew imnaqqsa l-ħlasijiet finanzjarji, huma inklużi f'obbligazzjonijiet oħrajn (ta' skadenza twila u qasira.) L-element ta' imgħax tal-ispiża finanzjarja huwa ddebitat lill-kont tar-riżultat ekonomiku matul il-perjodu tal-kiri b'mod li jipproduċi rata perjodika kostanti ta' imgħax fuq il-bilanċ li jibqa' tal-obbligazzjoni għal kull perjodu. L-assi akkwistati taħt kiri finanzjarju huma deprezzati matul l-iqsar bejn iż-żmien tal-utilità tal-assi u t-terminu tal-kiri.

Kiri fejn sid il-kera jżomm sehem sinifikanti mir-riskji u l-benefiċċji marbuta mal-proprjetà huwa kklassifikat bħala kiri operattiv. Ħlasijiet li jsiru taħt kiri operattiv huma ddebitati lill-kont tar-riżultat ekonomiku fuq bażi ta' linja dritta matul il-perjodu tal-kirja.

1.5.3. ***Indeboliment ta' assi mhux finanzjarji***

Assi li għandhom żmien ta' utilità indefinit mhumiex soġġetti għall-amortizzazzjoni u huma ttestjati kull sena fir-rigward tal-indeboliment. Assi li huma soġġetti għall-amortizzazzjoni huma eżaminati fir-rigward tal-indeboliment kull darba li avvenimenti jew bidliet fiċ-ċirkustanzi jindikaw il-possibbiltà li l-ammont kontabilizzat jista' ma jkunx rekuperabbli. Telf minħabba indeboliment huwa rikonoxxut għall-ammont li bih l-ammont kontabbli tal-assi jaqbeż l-ammont rekuperabbli tiegħu. L-ammont li jista' jkun irkuprat huwa l-ogħla mill-valur ġust tal-assi, bl-ispejjeż tal-bejgħ imnaqqsa minnu, u l-valur tiegħu fl-użu.

Il-valuri residwi u l-ħajja utli tal-assi intanġibbli u l-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir jiġu eżaminati, u aġġustati jekk ikun hemm bżonn, tal-inqas darba fis-sena. L-ammont kontabbli ta' assi jiġi mnaqqas immedjatament għall-ammont li jista' jerġa' jiġi rkuprat jekk l-ammont kontabbli tal-assi jkun akbar mill-ammont li hu stmat li jista' jerġa' jiġi rkuprat tiegħu. Jekk ir-raġunijiet għall-indebolimenti rikonoxxuti fis-snin preċedenti ma japplikawx iktar, it-telf tal-indebolimenti jitreġġa' lura skont dan.

1.5.4. ***Investimenti***

**Parteċipazzjonijiet f'Assoċjati u f'Impriżi Konġunti**

Parteċipazzjonijiet f'assoċjati u f'impriżi konġunti huma kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità. L-ispejjeż tal-ekwità huma aġġustati biex jirriflettu s-sehem ta' żidiet jew tnaqqis fl-assi netti tal-assoċjati u l-impriżi konġunti li huma attribwibbli lill-Unjoni Ewropea wara rikonoxximenti inizjali jekk ikun hemm indikazzjonijiet ta' indeboliment u mnaqqsa għall-ammont rekuperabbli aktar baxx jekk meħtieġ. L-ammont

rekuperabbli huwa stabbilit kif deskritt taħt **1.5.3**. Jekk ir-raġuni għall-indeboliment ma tibqax tapplika iktar tard, it-telf tal-indeboliment jitreġġa' lura lejn l-ammont kontabbilizzat li kien ikun stabbilit li kieku ma ġie rikonoxxut l-ebda telf ta' indeboliment.

**Investimenti f'Fondi ta' Kapital tar-Riskju**

*Klassifikazzjoni u kejl*

Investimenti f'Fondi ta' Kapital tar-Riskju huma kklassifikati bħala assi disponibbli għall-bejgħ (ara **1.5.5**) u għalhekk, għandhom jintwerew skont il-valur ġust tagħhom bil-qligħ u t-telf li jirriżulta mill-bidliet fil-valur ġust (inklużi differenzi fit-traduzzjoni) rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust.

*Kunsiderazzjonijiet tal-valur ġust*

Ladarba m'għandhomx prezz tas-suq ikkwotat f'suq attiv, l-investimenti f'Fondi ta' Kapital tar-Riskju huma vvalutati linja b'linja abbażi tal-inqas mill-prezz tax-xiri jew il-valur tal-assi netti ("NAV") attribwibbli kif irrapurtati mill-amministratur tal-fondi sad-data tal-karta tal-bilanċ, u b'hekk huwa eskluż kwalunkwe qligħ mhux realizzat li jista' jkun attribwit u li jista' jkun prevalenti fil-portafoll ta' investimenti sottostanti. Investimenti fil-Fondi ta' Kapital tar-Riskju li għadhom fi stadju bikri jiġu valutati fuq il-bażi tal-istess prinċipji, ħlief f'każ ta' telf mhux realizzat dovut biss għal spejjeż amministrattivi fejn dan it-telf mhux realizzat ma jiġix meqjus.

Qligħ mhux realizzat li jirriżulta mill-kejl tal-valur ġust jiġi rikonoxxut permezz ta' riżervi u telf mhux realizzat jiġi valutat għal indebolimenti sabiex jiġi determinat jekk humiex rikonoxxuti bħala telf ta' indebolimenti fil-kont tar-riżultat ekonomiku jew bħala tibdil fir-riżerva tal-valur ġust. Il-valur ġust tal-NAV attribwibbli huwa ddeterminat billi wieħed japplika jew il-perċentwal tas-sehem mill-fond tal-Unjoni Ewropea għall-NAV rifless fl-aktar rapport reċenti jew, sa fejn hu disponibbli, il-valur eżatt tal-ishma fl-istess data, ippreżentat mill-Amministratur tal-Fondi rispettiv.

### 1.5.5. *Assi finanzjarji*

*Klassifikazzjoni*

L-Unjoni Ewropea tikklassifika l-assi finanzjarji tagħha fil-kategoriji li ġejjin: assi finanzjarji b'valur ġust minn qligħ jew telf; ammonti mislufa u riċevibbli; investimenti miżmuma sad-data tal-maturità; u assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ. Il-klassifikazzjoni tal-investimenti hija ddeterminata mar-rikonoxximent inizjali u terġa' tiġi evalwata f'kull data tal-karta tal-bilanċ.

(i) Assi finanzjarji b'valur ġust minn qligħ jew telf

Assi finanzjarji huma kklassifikati f'din il-kategorija jekk ikunu akkwistati prinċipalment bl-iskop li jinbiegħu fi żmien qasir jew jekk ikun hekk indikat mill-Unjoni Ewropea. Id-derivattivi huma wkoll ikkategorizzati f'din il-kategorija. L-assi f'din il-kategorija jiġu kklassifikati bħala assi kurrenti jekk ikunu mistennija li jiġu realizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tal-karta tal-bilanċ.

(ii) Self u ammonti riċevibbli

Self u ammonti riċevibbli huma assi finanzjarji mhux derivattivi bi ħlasijiet fissi jew li jistgħu jiġu determinati li mhumiex ikkwotati f'suq attiv. Dawn jinħolqu meta l-UE tipprovdi flus, oġġetti jew servizzi direttament lil debitur bl-ebda intenzjoni li tinnegozja r-riċevibbli. Dawn huma inklużi fl-assi mhux kurrenti, minbarra fil-każ ta' maturitajiet ta' inqas minn 12-il xahar mid-data tal-karta tal-bilanċ.

(iii) Investimenti li jinżammu sal-maturità

Investimenti li jinżammu sal-maturità huma assi finanzjarji mhux derivattivi bi ħlasijiet fissi jew li jistgħu jiġu ddeterminati, u maturitajiet fissi li l-Unjoni Ewropea jkollha l-intenzjoni u l-abilità li żżomm sakemm jimmaturaw. Matul din is-sena finanzjarja, l-Unjoni Ewropea ma kellhiex investimenti f'din il-kategorija.

(iv) Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ

Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ huma assi mhux derivattivi li jew huma kklassifikati f'din il-kategorija jew li m'huma kklassifikati fl-ebda waħda mill-kategoriji l-oħrajn. Huma kklassifikati jew bħala assi kurrenti jew bħala assi mhux kurrenti, skont il-perjodu ta' żmien li fih l-UE bi ħsiebha tiddisponi minnhom. Investimenti f'entitajiet mhux ikkonsolidati u investimenti oħra ta' ekwità (eż. Operazzjonijiet ta' Kapital tar-Riskju) li mhumiex kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità huma wkoll ikklassifikati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ.

*Rikonoxximent u valutazzjoni inizjali*

Xiri u bejgħ ta' assi finanzjarji bil-valur ġust minn qligħ jew telf, dawk li jinżammu sal-maturità u dawk disponibbli għall-bejgħ jiġu rikonoxxuti fid-data tan-negozju – id-data li fiha l-Unjoni Ewropea tikkommetti ruħha li tixtri jew tbiegħ l-assi. Is-self huwa rikonoxxut meta l-flus jingħataw lil min jissellef. L-istrumenti finanzjarji huma rikonoxxuti inizjalment bil-valur ġust flimkien mal-ispejjeż tat-tranżazzjoni għall-assi finanzjarji kollha li ma jkunux kontabilizzati bil-valur ġust minn qligħ jew telf. Assi finanzjarji kontabilizzati b'valur ġust minn qligħ jew telf huma rikonoxxuti inizjalment bil-valur ġust u l-ispejjeż tat-tranżazzjoni huma mniżżla fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Il-valur ġust ta' assi finanzjarji fir-rikonoxximent inizjali huwa normalment il-prezz tat-tranżazzjoni (jiġifieri l-valur ġust tal-konsiderazzjoni riċevuta). Madankollu, meta jingħata self fit-tul li m'għandux imgħax jew li għandu imgħax inqas mill-kundizzjonijiet tas-suq, il-valur ġust tiegħu jista' jkun stmat bħala l-valur preżenti tal-ħlasijiet futuri kollha skontati skont ir-rata ta' imgħax prevalenti fis-suq għal strument simili bi klassifika tal-kreditu simili.

F'każ ta' self mogħti fuq fondi misselfa, "operazzjonijiet dahar ma' dahar", id-differenzi bejn il-kundizzjonijiet u l-ammonti tal-għoti u t-teħid b'self u l-ammonti mhux materjali u l- "ispiża tal-opportunità" mhix applikabbli peress li l-UE mhix awtorizzata tinvesti flus fis-swieq tal-kapital. Għal dawn ir-raġunijiet, dan is-self huwa mkejjel bl-ammont nominali tiegħu. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni magħmula mill-UE u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self huma direttament rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

L-istrumenti finanzjarji ma jibqgħux rikonoxxuti meta d-drittijiet li wieħed jirċievi flussi tal-flus mill-investimenti jiskadu jew jiġu trasferiti u l-Unjoni Ewropea tkun ittrasferiet sostanzjalment ir-riskji u l-benefiċċji kollha tal-proprjetà.

*Kejl sussegwenti*

L-assi finanzjarji bil-valur ġust permezz tal-qligħ u t-telf huma sussegwentement kontabilizzati skont il-valur ġust. Qligħ u telf li jirriżultaw minn bidliet fil-valur ġust tal-kategorija "strumenti finanzjarji bil-valur ġust minn qligħ jew telf" huma inklużi fil-kont tar-riżultat ekonomiku fil-perjodu meta jseħħu.

Self u ammonti riċevibbli u investimenti miżmuma sal-maturità huma kontabilizzati bil-prezz amortizzat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv. Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi meħuda b'self, l-istess rata tal-imgħax effettiv tiġi applikata kemm għall-ammonti mogħtija b'self u għal dawk meħuda b'self peress li dan is-self għandu l-karatteristiċi ta' "operazzjonijiet dahar ma' dahar" u d-differenzi bejn il-kundizzjonijiet u l-ammonti tal-għoti u t-teħid b'self mhumiex materjali. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni magħmula mill-UE u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self huma direttament rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

L-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ huma sussegwentement kontabilizzati bil-valur ġust. Il-qligħ u t-telf li jirriżultaw minn bidliet fil-valur ġust tal-assi disponibbli għall-bejgħ huma rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust. Meta assi finanzjarji kklassifikati bħala lesti għall-bejgħ ikunu mibjugħa jew isofru indeboliment, l-aġġustamenti kumulattivi fil-valur ġust li qabel kienu rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku. L-imgħax fuq assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ ikkalkulat bil-metodu tal-imgħax effettiv huwa rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Id-dividendi fuq strumenti ta' ekwità disponibbli għall-bejgħ huma rikonoxxuti meta jiġi stabbilit id-dritt tal-UE li jirċievu ħlas.

Il-valuri ġusti ta' investimenti kkwotati fi swieq attivi huma bbażati fuq il-prezzijiet kurrenti tax-xiri. Jekk is-suq għal assi finanzjarju ma jkunx attiv (u fil-każ ta' titoli mhux ikkwotati), l-Unjoni Ewropea tistabbilixxi valur ġust billi tuża tekniċi ta' valutazzjoni. Dawn jinkludu l-użu ta' tranżazzjonijiet *arm's length* riċenti, referenza għal strumenti oħrajn li huma sostanzjalment l-istess, analiżi tal-flussi tal-flus skontati, mudelli ta' prezzar ta' opzjonijiet u tekniċi ta' stima oħrajn li huma spiss użati minn parteċipanti fis-suq.

Fil-każijiet fejn il-valur ġust ta' investimenti fi strumenti ta' ekwità li m'għandhomx prezz tas-suq ikkwotat f'suq attiv ma jkunx jista' jiġi vvalutat b'mod li wieħed jista' jorbot fuqu, dawn l-investimenti huma vvalutati skont kemm swew, bit-telf minn indeboliment imnaqqas minn dan.

*Indeboliment ta' assi finanzjarji*

Ma' kull data tal-karta tal-bilanċ l-Unjoni Ewropea tagħmel stima biex tara jekk hemmx evidenza oġġettiva li xi ass finanzjarju sofra indeboliment. Assi finanzjarji jkunu sofrew indeboliment, u b'hekk jiġġarrab telf minħabba l-indeboliment biss jekk ikun hemm evidenza oġġettiva ta' indeboliment bħala riżultat ta' avveniment jew avvenimenti li seħħew wara r-rikonoxximent inizjali tal-assi, u dak l-avveniment (jew avvenimenti) ta' telf ikollhom impatt fuq il-flussi tal-flus futuri stmati tal-assi finanzjarju li jistgħu jkunu stmati b'mod affidabbli.

(i) Assi kontabilizzati bi prezz amortizzat

Jekk hemm evidenza oġġettiva li ġġarrab telf minħabba indeboliment fuq self u riċevibbli jew investimenti li jinżammu sal-maturità kontabilizzati bil-prezz ammortizzat, l-ammont tat-telf jitkejjel bħala d-differenza bejn l-ammont kontabbli tal-assi u l-valur preżenti tal-flussi futuri stmati tal-flus (minbarra telfiet futuri tal-kreditu li ma ġġarrbux) skontat bir-rata ta' imgħax effettiva oriġinali tal-assi finanzjarju. L-ammont kontabbli tal-assi jitnaqqas u l-ammont tat-telf jiġi rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Jekk self jew investiment li jinżamm sal-maturità jkollu rata tal-imgħax varjabbli, ir-rata ta' skont għall-kejl ta' kwalunkwe telf minħabba indeboliment tkun ir-rata preżenti effettiva tal-imgħax iddeterminata fil-kuntratt. L-ikkalkular tal-valur preżenti ta' flussi ta' flus futuri stmati ta' ass finanzjarju kollateralizzat jirrifletti l-flussi ta' flus li jistgħu jirriżultaw mill-qbid li minnhom jitnaqqsu l-ispejjeż għall-kisba u l-bejgħ tas-sigurtà, kemm jekk il-qbid hu probabbli u kif ukoll jekk mhux. Jekk, f'perjodu sussegwenti, l-ammont tat-telf minħabba indeboliment jonqos u dan it-tnaqqis ikun jista' jiġi relatat b'mod oġġettiv ma' avveniment li jseħħ wara li l-indeboliment kien rikonoxxut, it-telf minħabba indeboliment rikonoxxut preċedentement jitreġġa' permezz tal-kont tar-riżultat ekonomiku.

(ii) Assi miżmuma b'valur ġust

Fil-każ ta' titoli ta' ekwità klassifikati bħala disponibbli għall-bejgħ, tnaqqis sinifikanti jew permanenti (fit-tul) fil-valur ġust tat-titolu taħt il-prezz oriġinali tiegħu jiġi kkunsidrat fid-determinazzjoni ta' jekk it-titoli ddeterjorawx. Jekk kwalunkwe evidenza ta' dan it-tip teżisti għal assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ, it-telf kumulattiv – imkejjel bħala d-differenza bejn il-prezz tal-akkwist u l-valur ġust kurrenti, bit-tnaqqis ta' kwalunkwe telf minħabba indeboliment fuq dak l-ass finanzjarju rikonoxxut preċedentement fil-kont tar-riżultat ekonomiku – huwa mnaqqas mir-riżervi u rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Telf minħabba indeboliment rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku fuq strumenti azzjonarji ma jiġix ikkanċellat permezz tal-kont tar-riżultat ekonomiku. Jekk, f'perjodu sussegwenti, il-valur ġust ta' strument ta' debitu kklassifikat bħala disponibbli għall-bejgħ jiżdied u ż-żieda tista' tkun relatata b'mod oġġettiv ma' avveniment li jkun seħħ wara li t-telf minħabba indeboliment kien rikonoxxut, it-telf minħabba indeboliment jitreġġa' lura permezz tal-kont tar-riżultat ekonomiku.

### 1.5.6. ***Inventarji***

L-inventarji huma rrappurtati skont l-inqas wieħed mill-valur tal-prezz tal-akkwist u l-valur nett realizzabbli. Il-prezz tal-akkwist huwa ddeterminat skont il-metodu ta' dak li jidħol l-ewwel joħroġ l-ewwel (FIFO). L-ispiża tal-oġġetti lesti u tax-xogħol li jkun għadu għaddej tinkludi l-ispejjeż tal-materja prima, xogħol dirett, spejjeż diretti oħrajn u spejjeż fissi tal-produzzjoni relatati (ibbażati fuq kapaċità operazzjonali normali). Il-valur nett realizzabbli huwa l-prezz tal-bejgħ stmat fil-kors normali tan-negozju, bl-ispejjeż għat-tlestija u l-ispejjeż tal-bejgħ imnaqqsa minnu. Meta inventarji jiġu miżmuma għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas jew bi ħlas nominali, dawn jitkejlu skont l-inqas mill-prezz tal-akkwist u l-prezz kurrenti tas-sostituzzjoni. Il-prezz kurrenti tas-sostituzzjoni huwa l-prezz li l-Unjoni Ewropea ġġarrab kieku kellha takkwista l-assi fid-data tar-rapportar.

### 1.5.7. *Ammonti ta' prefinanzjament*

Prefinanzjament huwa ħlas maħsub biex jipprovdi lill-benefiċjarju bi ħlas bil-quddiem ta' flus, jiġifieri "float". Huwa jista' jinqasam f'numru ta' ħlasijiet fuq perjodu definit fil-ftehim partikolari ta' prefinanzjament. Il-"float" jew l-avvanz jitħallas lura jew jiġi użat għall-għan li għalih kien ipprovdut matul il-perjodu definit fil-ftehim. Jekk il-benefiċjarju ma jkollux spejjeż eliġibbli, għandu l-obbligu li jrodd lura l-avvanz tal-prefinanzjament lill-Unjoni Ewropea. L-ammont tal-prefinanzjament jitnaqqas (kollu kemm hu jew parzjalment) meta jiġu aċċettati l-ispejjeż eliġibbli u l-ammonti mogħtija lura, u dan l-ammont jiġi rikonoxxut bħala spiża.

Fl-aħħar tas-sena, ammonti pendenti ta' prefinanzjament huma stmati bl-ammont(i) oriġinali mħallsa, b'dawn li ġejjin imnaqqsa minnhom: ammonti mogħtija lura, ammonti eliġibbli llikwidati, ammonti eliġibbli stmati li għadhom mhumiex likwidati sal-aħħar tas-sena, u tnaqqis fil-valur.

L-imgħax fuq il-prefinanzjamenti huwa rikonoxxut hekk kif dan jiġi ggwadanjat skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim rilevanti. Stima tad-dħul dovut mill-imgħaxijiet, fuq il-bażi tal-aktar informazzjoni affidabbli, issir fl-aħħar tas-sena u hija inkluża fil-karta tal-bilanċ.

### 1.5.8. *Riċevibbli*

L-ammonti riċevibbli huma kontabilizzati bl-ammont oriġinali bit-tnaqqis fil-valur kontabbli minħabba indeboliment imnaqqas minnu. It-tnaqqis fil-valur kontabbli minħabba indeboliment ta' riċevibbli jiġi stabbilit meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-Unjoni Ewropea mhux se tkun tista' tiġbor l-ammonti kollha dovuti skont it-termini oriġinali tar-riċevibbli. L-ammont tat-tnaqqis fil-valur kontabbli huwa d-differenza bejn l-ammont kontabbli tal-assi u l-ammont li jista' jiġi rkuprat, li huwa l-valur preżenti tal-flussi tal-flus futuri mistennija, skontat bir-rata ta' imgħax tas-suq għal debituri simili. L-ammont tat-tnaqqis fil-valur huwa rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Huwa rikonoxxut ukoll tnaqqis ġenerali għal ordnijiet pendenti ta' rkupru li ma jkunux diġà soġġetti għal tnaqqis kontabbli speċifiku.. Ara wkoll in-nota **1.5.14** aktar 'l isfel dwar it-trattament ta' dħul dovut fl-aħħar tas-sena.

### 1.5.9. *Flus u ekwivalenti ta' flus*

Il-flus u l-ekwivalenti huma strumenti finanzjarji u huma definiti bħala assi għal perjodu qasir. Dawn jinkludu flus disponibbli, depożiti miżmuma mal-banek li jistgħu jiġu miġbuda bla dewmien, investimenti likwidi oħrajn ta' skadenza qasira b'maturitajiet oriġinali ta' tliet xhur jew inqas, u overdrafts bankarji.

### 1.5.10. *Benefiċċji tal-Impjegati*

**L-obbligi tal-pensjoni**

L-Unjoni Ewropea topera pjanijiet ta' pensjoni b'benefiċċju definit. Filwaqt li l-persunal jikkontribwixxi mis-salarju terz ta' kemm hu mistenni li jiswew dawn il-benefiċċji, l-obbligazzjoni m'hijiex finanzjata. L-obbligazzjoni rikonoxxuta fil-karta tal-bilanċ fir-rigward tal-pjanijiet ta' pensjoni b'benefiċċju definit hija l-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit fid-data tal-karta tal-bilanċ. L-obbligu tal-benefiċċju definit huwa kkalkulat minn attwarji li jużaw il-metodu ta' unità tal-kreditu stmat. Il-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit jiġi determinat billi l-ħruġ tal-flus stmat fil-futur jiġi skontat bl-użu ta' rati ta' imgħax ta' bonds tal-gvern li huma denominati fil-munita li l-benefiċċji se jitħallsu biha, u li għandhom termini ta' maturità li joqorbu lejn it-termini tal-obbligazzjoni tal-pensjoni relatata.

Qligħ u telf attwarji li jseħħu minħabba li jsiru aġġustamenti bbażati fuq l-esperjenza, u bidliet fi preżunzjonijiet attwarji huma rikonoxxuti immedjatament fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Spejjeż ta' servizzi mogħtija fil-passat huma rikonoxxuti immedjatament fil-kont tar-riżultat ekonomiku, kemm-il darba l-bidliet fil-pjan tal-pensjoni jkunu marbuta mal-kundizzjoni li l-impjegati jibqgħu fis-servizz għal perjodu ta' żmien speċifikat (il-perjodu ta' assenjazzjoni). F'dan il-każ, l-ispejjeż tas-servizzi mogħtija fil-passat jiġu amortizzati fuq bażi ta' linja dritta waqt il-perjodu ta' assenjazzjoni.

**Benefiċċji tal-mard wara l-irtirar**

L-Unjoni Ewropea tipprovdi benefiċċji tas-saħħa lill-impjegati permezz ta' rimborż tal-ispejjeż mediċi. Għall-amministrazzjoni ta' kuljum inħoloq fond separat ("RCAM"). Jibbenefikaw mis-sistema kemm impjegati preżenti, kif ukoll pensjonanti, romol u l-benefiċjarji tagħhom. Il-benefiċċji mogħtija lill-persuni "inattivi" (pensjonanti, orfni, eċċ.) huma klassifikati bħala "Benefiċċji tal-Impjegati ta' wara l-Impjieg". Minħabba

n-natura ta' dawn il-benefiċċji, huwa meħtieġ kalkolu attwarju. L-obbligazzjoni fil-karta tal-bilanċ hija ddeterminata b'mod simili bħal fil-każ ta' obbligi tal-pensjoni (ara aktar 'il fuq).

### 1.5.11. *Provvedimenti*

Provvedimenti huma rikonoxxuti meta l-Unjoni Ewropea jkollha obbligu preżenti legali jew kostruttiv b'konsegwenza ta' avvenimenti tal-imgħoddi, huwa probabbli li jkun hemm bżonn ta' ħruġ ta' riżorsi biex jitħallas l-obbligu, u li l-ammont ikun jista' jiġi stmat b'mod affidabbli. M'humiex rikonoxxuti provvedimenti għal telf operattiv fil-futur. L-ammont tal-provvediment huwa l-aħjar stima tal-ispejjeż mistennija li jkunu meħtieġa sabiex jiġi likwidat l-obbligu preżenti fid-data tar-rapportar. Fejn il-provvediment jinvolvi għadd kbir ta' elementi, l-obbligu jiġi stmat billi wieħed jagħti piż lil kull riżultat possibbli skont il-probabbiltajiet assoċjati tagħhom (il-metodu tal-"valur mistenni").

### 1.5.12. *Obbligazzjonijiet finanzjarji*

L-obbligazzjonijiet finanzjarji huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji bil-valur ġust permezz tal-qligħ jew it-telf jew bħala obbligazzjonijiet finanzjarji kontabilizzati skont l-ispiża oriġinali amortizzata (fondi missellfa). Il-fondi missellfa jikkonsistu f'fondi missellfa minn istituzzjonijiet ta' kreditu u djun ipprovati minn ċertifikati. L-ammonti missellfa huma rikonoxxuti inizjalment skont il-valur ġust, li huwa r-rikavat mill-ħruġ tagħhom (valur ġust tal-kunsiderazzjoni riċevuta) nett mill-ispejjeż tat-tranżazzjoni mġarrba, imbagħad sussegwentement kontabilizzati skont l-ispiża amortizzata bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv; kwalunkwe differenza bejn ir-rikavat, nett mill-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, u l-valur tal-fidi hija rikonoxxuta fil-kont tar-riżultat ekonomiku matul il-perjodu tad-djun bil-metodu ta' imgħax effettiv.

Huma kklassifikati bħala obbligi mhux kurrenti, bl-eċċezzjoni ta' maturitajiet ta' inqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ. Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi missellfa, il-metodu tal-imgħax effettiv ma jistax jiġi applikat separatament għall-għoti u teħid b'self, fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni magħmula mill-Unjoni Ewropea u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self huma direttament rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Obbligazzjonijiet finanzjarji kategorizzati bħala li huma skont il-valur ġust permezz tal-qligħ jew it-telf jinkludu derivattivi meta l-valur ġust tagħhom ikun negattiv. Huma jingħataw l-istess trattament fil-kontijiet bħall-assi finanzjarji skont il-valur ġust permezz tal-qligħ jew it-telf, ara n-nota **1.5.5**.

### 1.5.13. *Ammonti pagabbli*

Parti sinifikattiva mill-ammonti pagabbli tal-UE mhumiex marbuta massimu -xiri ta' oġġetti jew servizzi – iżda minflok huma pretensjonijiet ta' spejjeż minn benefiċjarji ta' għotjiet jew finanzjamenti oħrajn tal-UE li għadhom ma tħallsux. Dawn huma mniżżlin bħala ammonti pagabbli għall-ammont rikjest meta t-talba għal ħlas tiġi riċevuta u, wara verifika, aċċettata bħala eliġibbli mill-aġenti finanzjarji rilevanti. F'dan l-istadju, dawn huma stmati skont l-ammont aċċettat u eliġibbli.

Ammonti pagabbli li jinħolqu mix-xiri ta' oġġetti u servizzi huma rikonoxxuti meta tiġi riċevuta l-fattura għall-ammont oriġinali u l-ispejjeż rilevanti jitniżżlu fil-kontijiet meta l-provvisti jew servizzi jaslu u jkunu aċċettati mill-Unjoni Ewropea.

### 1.5.14. *Dħul u spejjeż dovuti u differiti*

Skont ir-regoli tal-kontabilità tal-Unjoni Ewropea, it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti huma rikonoxxuti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji fil-perjodu li għandhom x'jaqsmu miegħu. Fi tmiem il-perjodu tal-kontabilità, l-ispejjeż dovuti huma rikonoxxuti abbażi tal-ammont stmat tal-obbligu tat-trasferiment tal-perjodu. Il-kalkolu tal-ispejjeż dovuti jsir skont il-linji gwida operattivi u prattiċi dettaljati maħruġa mill-Kummissjoni li għandhom il-mira li jaraw li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji jagħtu stampa vera u ġusta.

Id-dħul għandu jkun kontabilizzat ukoll fil-perjodu li huwa relatat miegħu. Fl-aħħar tas-sena, jekk fattura ma tkunx għadha ntbagħtet iżda s-servizz ikun ingħata, il-provvisti jkunu ġew ipprovduti mill-UE, jew ikun jeżisti ftehim kuntrattwali (jiġifieri, b'referenza għal trattat), jiġi rikonoxxut dħul dovut fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

Minbarra dan, fi tmiem is-sena, jekk tinħareġ fattura iżda s-servizzi ma jkunux għadhom ingħataw jew l-oġġetti pprovduti jkunu għadhom ma ġewx ikkunsinjati, id-dħul jiġi differit u rikonoxxut fil-perjodu sussegwenti tal-kontabilità.

## 1.6. KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU

### 1.6.1. *Dħul*

**Dħul mhux mill-kambju**

Dan jifforma l-maġġoranza l-kbira tad-dħul tal-UE u jinkludi fil-biċċa l-kbira taxxi diretti u indiretti u ammonti ta' riżorsi proprji. Barra mit-taxxi, l-Unjoni Ewropea tista' wkoll tirċievi ħlasijiet minn partijiet oħrajn, bħal dazji, multi u donazzjonijiet.

*Riżorsi bbażati fuq id-DGN u riżorsi mill-VAT*

Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta l-Unjoni Ewropea toħroġ sejħa għall-fondi lill-Istati Membri u jitolbu l-kontribuzzjoni tagħhom. Huma mkejla skont "l-ammont imsejjaħ" tagħhom. Billi r-riżorsi mill-VAT u mid-DGN huma bbażati fuq stimi tad-dejta għas-sena baġitarja kkonċernata, dawn jistgħu jkunu riveduti skont il-bidliet li jseħħu sakemm toħroġ id-dejta finali mill-Istati Membri. L-effett ta' bidla fl-istima huwa inkluż meta jiġu determinati l-bilanċi pożittivi jew negattivi netti għal dak il-perjodu li fih tkun seħħet il-bidla.

*Riżorsi proprji tradizzjonali*

Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta d-dikjarazzjonijiet A rilevanti ta' kull xahar (li jinkludu d-dazji miġbura u l-ammonti dovuti li huma garantiti u mhux kontestati) ikunu riċevuti mingħand l-Istati Membri. Fid-data tar-rapportar, id-dħul miġbur mill-Istati Membri għal dak il-perjodu iżda li jkun għadu mhux imħallas lill-Unjoni Ewropea huwa stmat u rikonoxxut bħala dħul dovut. Id-dikjarazzjonijiet B ta' kull trimestru (li jinkludu dazji li la huma miġbura u lanqas garantiti, kif ukoll ammonti garantiti li ġew ikkontestati mid-debitur) riċevuti mill-Istati Membri huma rikonoxxuti bħala dħul wara li jitnaqqsu minnhom l-ispejjeż tal-ġbir (25 %) li għalih huma intitolati. Barra minn hekk, tnaqqis fil-valur huwa rikonoxxut għall-ammont stmat tad-differenza fl-irkupru fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

*Multi*

Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta d-deċiżjoni tal-UE li timponi multa tkun ittieħdet u tkun ġiet innotifikata uffiċjalment lid-destinatarju. Jekk ikun hemm dubji dwar is-solvenza tal-impriża, għandu jiġi rikonoxxut tnaqqis fil-valur tal-intitolament. Wara d-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa, id-debituri għandhom xahrejn mid-data tan-notifikazzjoni biex:

— jew jaċċettaw id-deċiżjoni, u b'hekk ikollhom iħallsu l-multa fiż-żmien stipulat u l-ammont ikun definittivament miġbur mill-UE;

— jew ma jaċċettawx id-deċiżjoni, u f'dak il-każ jappellaw taħt il-liġi tal-UE.

Madankollu, is-somma tal-multa għandha titħallas fiż-żmien stipulat ta' tliet xhur billi l-appell m'għandux l-effett ta' sospensjoni (Artikolu 278 tat-Trattat tal-UE). Id-debitur għandu jħallas il-multa provviżorjament iżda, taħt ċerti ċirkustanzi u fuq il-kundizzjoni li jkun hemm qbil mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, huwa jista' minflok jippreżenta garanzija bankarja għall-istess ammont.

Jekk l-impriża tappella kontra d-deċiżjoni, u tkun diġà ħallset il-multa provviżorjament, l-ammont jiġi ddivulgat bħala obbligazzjoni kontinġenti. Madankollu, billi appell tad-destinatarju kontra deċiżjoni tal-UE m'għandux effett ta' sospensjoni, il-flus riċevuti jintużaw biex jillikwidaw l-ammont riċevibbli. Jekk tiġi riċevuta garanzija minflok ħlas, il-multa tibqa' bħala ammont riċevibbli. Jekk ikun jidher probabbli li l-Qorti Ġenerali ma tkunx se tiddeċiedi favur l-UE, jiġi rikonoxxut provvediment sabiex ikopri dan ir-riskju. Jekk minflok tkun ingħatat garanzija, allura l-ammont riċevibbli pendenti jkun imnaqqas kif meħtieġ. L-imgħax akkumulat irċevut mill-Unjoni Ewropea fuq il-kontijiet bankarji fejn ħlasijiet riċevuti jkunu depożitati huwa rikonoxxut bħala dħul, u kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti tiżdied skont dan.

**Dħul mill-kambju**

Dħul mill-bejgħ ta' oġġetti huwa rikonoxxut meta r-riskju u l-benefiċċji sinifikanti tas-sjieda tal-oġġetti jiġu trasferiti lix-xerrej. Dħul assoċjat ma' tranżazzjoni li tinvolvi l-forniment ta' servizzi huwa rikonoxxut b'referenza għall-istadju ta' twettiq tat-tranżazzjoni fid-data tar-rapportar.

**Dħul u spejjeż minn imgħax**

Dħul u spejjeż minn imgħax huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv. Dan huwa metodu biex tiġi kkalkulata l-ispiża amortizzata ta' ass finanzjarju jew ta' obbligazzjoni finanzjarja, u biex jiġi allokat id-dħul mill-imgħax jew l-ispiża tal-imgħax matul il-perjodu rilevanti. Meta tiġi kkalkulata r-rata effettiva tal-imgħax, l-Unjoni Ewropea tistma l-flussi tal-flus billi tikkunsidra t-termini kuntrattwali kollha tal-istrument finanzjarju (pereżempju, għażliet għall-ħlas bil-quddiem) imma ma tikkunsidrax telfiet futuri tal-kreditu. Il-kalkolu jinkludi l-onorarji u l-punti kollha mħallsa jew riċevuti bejn partijiet fil-kuntratt li huma parti integrali mir-rata effettiva tal-imgħax, mill-ispejjeż tat-tranżazzjoni u mill-primja jew l-iskonti l-oħrajn kollha.

Ladarba l-valur kontabbli ta' assi finanzjarju jew grupp ta' assi finanzjarji simili jkun ġie mnaqqas bħala riżultat ta' telf minħabba indeboliment, id-dħul mill-imgħax jiġi rikonoxxut bl-użu tar-rata tal-imgħax użata biex jiġu skontati l-flussi tal-flus futuri bl-iskop li jitkejjel it-telf minħabba indeboliment.

**Dħul minn dividendi**

Id-dħul minn dividendi huwa rikonoxxut meta jiġi stabbilit id-dritt li jiġi rċevut ħlas.

1.6.2. ***Nefqa***

Spejjeż tal-kambju li jinħolqu mix-xiri ta' oġġetti u servizzi huma rikonoxxuti meta l-provvisti jiġu fornuti lill-Unjoni Ewropea u aċċettati minnha. Dawn jiġu vvalutati skont il-prezz oriġinali tal-fattura. L-ispejjeż mhux tal-kambju huma speċifiċi għall-Unjoni Ewropea u jirrappreżentaw il-maġġoranza tan-nefqa tagħha. Dawn huma marbuta ma' trasferimenti lil benefiċjarji u jistgħu jkunu ta' tliet tipi: intitolamenti, trasferimenti bi ftehim u għotjiet diskrezzjonali, kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet.

It-trasferimenti huma rikonoxxuti bħala spejjeż matul il-perjodu li fih l-avvenimenti li jwasslu għat-trasferiment ikunu seħħew, bil-kondizzjoni li n-natura tat-trasferiment tkun permessa mir-regolamenti (ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolamenti tal-Persunal, jew regolamenti oħra) jew ikun ġie ffirmat kuntratt li jawtorizza t-trasferiment; kull kriterju ta' eliġibbiltà jkun intlaħaq mill-benefiċjarju; u tkun tista' ssir stima raġonevoli tal-ammont.

Meta kwalunkwe rikjesta għal ħlas jew pretensjoni ta' spiża tiġi riċevuta u tilħaq il-kriterji ta' rikonoxximent, hija tiġi rikonoxxuta bħala spiża għall-ammont eliġibbli. Fl-aħħar tas-sena, spejjeż eliġibbli mġarrba li jkunu diġà dovuti lill-benefiċjarji imma li jkunu għadhom mhux irrappurtati jiġu stmati u rreġistrati bħala spejjeż dovuti.

1.7. **ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI**

1.7.1. ***Assi kontinġenti***

Ass kontinġenti huwa ass possibbli li jirriżulta minn avvenimenti tal-imgħoddi u li l-eżistenza tiegħu tiġi kkonfermata biss meta jseħħu jew ma jseħħux avvenimenti jew avvenimenti li mhumiex ċerti fil-futur u li mhumiex totalment fil-kontroll tal-Unjoni Ewropea. Ass kontinġenti jiġi ddivulgat meta jkun probabbli d-dħul ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz.

1.7.2. ***Obbligazzjonijiet kontinġenti***

Obbligazzjoni kontinġenti hija obbligu possibbli li jinħoloq minn avvenimenti tal-imgħoddi u li l-eżistenza tiegħu tiġi kkonfermata biss meta jseħħu jew ma jseħħux avveniment jew avvenimenti li mhumiex ċerti fil-futur u li mhumiex totalment fil-kontroll tal-Unjoni Ewropea; jew obbligu preżenti li jirriżulta minn avvenimenti tal-imgħoddi imma li ma jkunx rikonoxxut għax: mhux probabbli li ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi, jew potenzjal ta' servizz ikun meħtieġ biex jitħallas l-obbligu, jew, fiċ-ċirkostanzi rari fejn l-ammont tal-obbligu ma jkunx jista' jiġi vvalutat b'mod affidabbli biżżejjed.

2. NOTI MAL-KARTA TAL-BILANĊ

*ASSI MHUX KURRENTI*

### 2.1. **ASSI INTANĠIBBLI**

*EUR miljuni*

| | Ammont |
|---|---|
| Ammont kontabbli gross fil-31 ta' Diċembru 2008 | 134 |
| Żidiet | 39 |
| Tnaqqis | (3) |
| Trasferimenti bejn kategoriji ta' assi | 0 |
| Bidliet oħra | 1 |
| **Ammont kontabbli gross fil-31 ta' Diċembru 2009** | **171** |
| Ammortizzazzjoni akkumulata fil-31 ta' Diċembru 2008 | 78 |
| Tnaqqis għal amortizzazzjoni għas-sena | 22 |
| Tnaqqis | (1) |
| Trasferimenti bejn kategoriji ta' assi | 0 |
| Bidliet oħra | 0 |
| **Amortizzazzjoni akkumulata fil-31 ta' Diċembru 2009** | **99** |
| **AMMONT KONTABBLI NETT FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2009** | **72** |
| **Ammont kontabbli nett fil-31 ta' Diċembru 2008** | **56** |

L-ammonti jirrigwardaw primarjament is-softwer tal-kompjuter.

### 2.2. **PROPRJETÀ, IMPJANTI U TAGĦMIR**

F'xi pajjiżi, il-valur tal-art ma jistax jiġi separat mill-valur tal-bini għax it-tnejn inxtraw flimkien bħala ħaġa waħda. Il-valur tal-art, li mhux suġġett għal deprezzament, mhux se jiġi vvalutat separatament sakemm dan ma jkunx meħtieġ, jiġifieri għal infiq sussegwenti bħall-kostruzzjoni ta' proprjetà ġdida jew il-bejgħ parzjali.

Assi relatati mas-Servizz Overlay tan-Navigazzjoni Ġeostazzjonarja Ewropea (EGNOS) huma inklużi taħt l-impjanti u t-tagħmir fil-31 ta' Diċembru 2009 wara li ġew trasferiti lill-Kummissjoni matul l-2009. Dawn l-assi għandhom valur finanzjarju nett f'din id-data ta' EUR 11 miljun (valur gross ta' EUR 40 miljun imnaqqas minnu d-deprezzament akkumulat ta' EUR 29 miljun).

**PROPRJETÀ, IMPJANTI U TAGĦMIR**

*EUR miljuni*

| | Art u bini | Impjanti u tagħmir | Għamara u vetturi | Ħardwer tal-kompjuter | Assi tanġibbli assi | Kirjiet finanzjarji | Assi taħt kostruzzjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ammont kontabbli gross fil-31 ta' Diċembru 2008 | 3 902 | 368 | 205 | 466 | 151 | 2 621 | 122 | 7 835 |
| Żidiet | 39 | 89 | 20 | 57 | 17 | 29 | 141 | 392 |
| Tnaqqis | (1) | (15) | (20) | (56) | (6) | 0 | 0 | (98) |
| Trasferimenti bejn kategoriji ta' assi | 31 | (2) | 0 | 0 | 3 | 0 | (32) | 0 |
| Bidliet oħra | 1 | 20 | 10 | 8 | 17 | 5 | 0 | 61 |
| **Ammont kontabbli gross fil-31 ta' Diċembru 2009** | **3 972** | **460** | **215** | **475** | **182** | **2 655** | **231** | **8 190** |
| Deprezzament akkumulat fil-31 ta' Diċembru 2008 | 1 616 | 300 | 149 | 349 | 92 | 448 | | 2 954 |

*EUR miljuni*

| | Art u bini | Impjanti u tagħmir | Għamara u vetturi | Ħardwer tal-kompjuter | Assi tanġibbli assi | Kirjiet finanzjarji | Assi taħt kostruzzjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Deprezzament għas-sena | 127 | 66 | 16 | 60 | 17 | 163 | | 449 |
| Deprezzament imħassar | 0 | 0 | 0 | (2) | 0 | 0 | | (2) |
| Tnaqqis | (1) | (13) | (14) | (52) | (5) | 0 | | (85) |
| Trasferimenti bejn kategoriji ta' assi | 0 | (1) | 0 | 0 | 1 | 0 | | 0 |
| Bidliet oħra | 0 | 3 | 4 | 4 | 3 | 1 | | 15 |
| **Deprezzament akkumulat fil-31 ta' Diċembru 2009** | **1 742** | **355** | **155** | **359** | **108** | **612** | | **3 331** |
| **AMMONT KONTABBLI NETT FIL- 31 TA' DIĊEMBRU 2009** | **2 230** | **105** | **60** | **116** | **74** | **2 043** | **231** | **4 859** |
| **Ammont kontabbli nett fil- 31 ta' Diċembru 2008** | 2 286 | 68 | 56 | 117 | 59 | 2 173 | 122 | 4 881 |

Spejjeż li għadhom iridu jitħallsu fir-rigward ta' kirjiet finanzjarji u intitolamenti simili kif murija fl-obbligazzjonijiet għat-tul u għal żmien qasir fil-karta tal-bilanċ (ara wkoll in-noti **2.15** u **2.18.1**). Dawn jinqasmu kif ġej:

**KIRJIET FINANZJARJI**

*EUR miljuni*

| Deskrizzjoni | Spejjeż kumulattivi (A) | Ammonti futuri li għandhom jitħallsu | | | | Valur Totali | Nefqa susse-gwenti fuq assi | Valur tal-assi | Deprezzam-ent | Ammont kontabbli nett |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | < 1 sena | > 1 sena | > 5 snin | Obbligazzjoni Totali (B) | A + B | (C) | A + B + C | (E) | = A + B + C + E |
| Art u bini | 785 | 51 | 257 | 1 465 | 1 773 | 2 558 | 61 | 2 619 | (598) | **2 021** |
| Assi tanġibbli oħra | 14 | 8 | 13 | 1 | 22 | 36 | 0 | 36 | (14) | **22** |
| **Total fil-31.12.2009** | **799** | **59** | **270** | **1 466** | **1 795** | **2 594** | **61** | **2 655** | **(612)** | **2 043** |
| *Total fil-31.12.2008* | *738* | *52* | *250* | *1 520* | *1 822* | *2 560* | *61* | *2 621* | *(448)* | *2 173* |

2.3. **INVESTIMENTI FIT-TUL**

*EUR miljuni*

| | Nota | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|---|
| Parteċipazzjonijiet f'Assoċjati | *2.3.1* | 382 | 278 |
| Parteċipazzjonijiet f'Impriżi Konġunti | *2.3.2* | 196 | 145 |
| Il-Fond ta' Garanzija | *2.3.3* | 1 240 | 1 091 |
| Assi Disponibbli għall-Bejgħ | *2.3.4* | 561 | 564 |
| **Investimenti Totali** | | **2 379** | **2 078** |

Din l-intestatura tkopri investimenti magħmula bil-ħsieb li jiġu stabbiliti konnessjonijiet permanenti u appoġġ għall-attivitajiet tal-UE. Hija tinkludi wkoll l-assi netti tal-Fond ta' Garanzija.

### 2.3.1. *Parteċipazzjonijiet f'Assoċjati*

*EUR miljuni*

| | FEI | ARTEMIS | Clean Sky | Total |
|---|---|---|---|---|
| Ammont fil-31 ta' Diċembru 2008 | 278 | 0 | 0 | 278 |
| Akkwisti | 26 | 10 | 75 | 111 |
| Sehem mill-bilanċ pożittiv/(negattiv) nett | (2) | (3) | (1) | (6) |
| Movimenti oħra ta' ekwità | (1) | 0 | 0 | (1) |
| **Ammont fil-31 ta' Diċembru 2009** | **301** | **7** | **74** | **382** |

Il-parteċipazzjonijiet fl-assoċjati huma kontabbilizzati billi jintuża l-metodu tal-ekwità – għal spjegazzjoni ulterjuri ara n-nota **1.3**. L-ammonti kontabilizzati li ġejjin huma atribbwibbli għall-UE fuq il-bażi tal-perċentwali tal-parteċipazzjoni tagħha fl-assoċjati:

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Assi | 420 | 295 |
| Obbligazzjonijiet | (38) | (17) |
| Dħul | 17 | 23 |
| Bilanċ pożittiv/(Negattiv) | (6) | 10 |

**Il-Fond Ewropew għall-Investimenti (FEI)**

Il-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI) huwa l-istituzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea li tispeċjalizza fil-forniment tal-kapital tar-riskju u l-garanziji għall-SMEs. Fil-31 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni ssottoskriviet għal total ta' EUR 861 miljun (minn EUR 2 940 miljun) tal-kapital azzjonarju tal-FEI. Dan jirrappreżenta 29,29 % tal-kapital azzjonarju totali tal-FEI. Il-Kummissjoni ħallset 20 %, u l-bilanċ li ma ssejjaħx kien jikkorrispondi għal ammont ta' EUR 689 miljun - ara wkoll in-nota **5.13.2**. Skont ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) iffirmat fl-2005, il-Kummissjoni hija intitolata li tbigħ l-ishma tagħha fi kwalunkwe żmien lill-BEI bil-prezz li jikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-FEI diviża bin-numru totali ta' ishma maħruġa. Il-valur tal-put option huwa kważi żero għaliex il-formula użata biex tiddetermina l-prezz tal-bejgħ tal-ishma hija simili għal dik użata biex ikun determinat il-kapital nett tal-FEI. Is-sehem tal-UE huwa vvalutat bħala 29,29 % tal-assi netti tal-FEI, li fil-31 ta' Diċembru 2009 kienu jammontaw għal EUR 301 miljun (2008: EUR 278 miljun), li minnhom EUR 2 miljun jikkonċernaw ir-riżultat għall-2009 (telf). Fl-2009 ittieħed dividend ta' EUR 4 miljun li jikkonċerna s-sena finanzjarja 2008.

**Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti**

Sħubiji pubbliċi–privati fl-għamla ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti, li ġew implimentati permezz ta' Impriżi Konġunti skont it-tifsira tal-Artikolu 171 tat-Trattat inħolqu sabiex jimplimentaw l-Aġenda tat-Tkabbir u tal-Impjiegi ta' Lisbona. L-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti huma sħubiji pubbliċi-privati mwaqqfa fuq il-livell Ewropew biex jindirizzaw oqsma strateġiċi fejn ir-riċerka u l-innovazzjoni huma essenzjali għall-kompetittività Ewropea. Element ġdid tas-Seba' Programm Kwadru għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni, l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti jappoġġjaw attiviatjiet ta' riċerka multinazzjonali fuq skala kbira. Dawn jiġbru lill-imsieħba privati u pubbliċi sabiex jiddefinixxu l-objettivi komuni ta' rilevanza soċjali estensiva u sabiex jgħaqqdu l-finanzjament u l-għarfien sabiex jilħqu dawn l-għanijiet. L-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti huma mod ġdid ta' ħidma flimkien lejn il-kisba tal-għanijiet stabbiliti mill-kapijiet tal-UE fl-Istrateġija tal-UE dwar it-tkabbir u l-impjieg. Matul l-2009 l-ewwel tliet Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti saru operattivi, l-Impriża Konġunta ARTEMIS u l-Impriża Konġunta Clean Sky dekritti hawn taħt u l-Impriża Konġunta IMI, kklassifikata bħala impriża konġunta u deskritta fin-nota **2.3.2**. Għalkemm ARTEMIS u Clean Sky jirreferu għalihom legalment bħala impriżi konġunti, minn perspettiva ta' kontabilità għandhom jiġu kkunsidrati bħala assoċjati għax il-Kummissjoni għandha influwenza sinifikanti fuq dawn l-entitajiet.

### L-Impriża Konġunta ARTEMIS

Din l-entità inħolqot biex timplimenta Inizjattiva Teknoloġika Konġunta mas-settur privat dwar is-Sistemi Informatiċi Inkorporati. L-interess proprjetarju tal-Unjoni Ewropea, rappreżentat mill-Kummissoni, huwa fil-31 ta' Diċembru 2009 100 % jew EUR 7 miljuni. Il-kontribuzzjoni massima indikattiva tal-UE għandha tammonta għal EUR 420 miljun.

### L-Impriża Konġunta Clean Sky

L-għan ta' din l-entità huwa li tħaffef l-iżvilupp, il-validazzjoni u d-dimostrazzjoni tat-teknoloġiji tat-trasport ta' arja nadifa u b'mod partikolari li toħloq Sistema tat-Trasport bl-Ajru radikalment innovattiva bl-għan li tnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport bl-ajru. L-interess proprjetarju tal-Unjoni Ewropea, rappreżentat mill-Kummissjoni, fil-31 ta' Diċembru 2009 huwa ta' 99.41 % jew EUR 74 miljun. Il-kontribuzzjoni massima indikattiva tal-UE għal din l-impriża għandha tammonta għal EUR 800 miljun.

### 2.3.2. *Parteċipazzjonijiet f'impriżi konġunti*

*EUR miljuni*

| | GJU | SESAR | ITER | IMI | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Ammont fil-31.12.2008 | 0 | 103 | 42 | 0 | 145 |
| Akkwisti | 0 | 28 | 39 | 81 | 148 |
| Sehem mir-riżultat nett | 0 | (51) | (46) | 0 | (97) |
| **Ammont fil-31.12.2009** | **0** | **80** | **35** | **81** | **196** |

Il-parteċipazzjonijiet fl-impriżi konġunti huma kontabilizzati permezz tal-metodu tal-ekwità – għal iktar dettall ara n-nota **1.3**. L-ammonti kontabbli li ġejjin jistgħu jiġu attribwiti lill-UE fuq bażi tal-perċentwal tal-parteċipazzjoni tagħha fl-impriżi konġunti:

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Assi mhux kurrenti | 48 | 0 |
| Assi kurrenti | 192 | 154 |
| Obbligazzjonijiet mhux kurrenti | 0 | 0 |
| Obbligazzjonijiet kurrenti | (44) | (9) |
| Dħul | 72 | 37 |
| Spejjeż | (169) | (93) |

### L-Impriża Konġunta Galileo (GJU) f'likwidazzjoni

L-Impriża Konġunta Galileo (GJU) tpoġġiet f'likwidazzjoni fi tmiem l-2006 u l-proċess għadu għaddej. L-assi netti tal-GJU f'likwidazzjoni fi tmiem is-sena kienu jammontaw għal EUR 0. Billi l-entità kienet inattiva u kienet għadha għaddejja mil-likwidazzjoni fl-2009, ma kien hemm l-ebda dħul jew infiq. Il-valur tal-investiment fil-31 ta' Diċembru 2009 (u l-31 ta' Diċembru 2008) kien ta' EUR 0, li kien l-investiment ta' EUR 585 miljun bi tnaqqis tas-sehem akkumulat tat-telf, EUR 585 miljun.

L-Awtorità Ewropea tas-Superviżjoni tal-GNSS (GSA), aġenzija tal-UE maħluqa fl-2004 u kkonsolidata fil-kontijiet tal-UE, oriġinarjament ħadet f'idejha r-responsabbiltà mingħand il-GJU fl-1 ta' Jannar 2007. Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 683/2008, il-Kummissjoni ħadet ir-rwol ta' Amministratur tal-Programm tal-Programmi Ewropej GNSS mill-GSA. It-trasferiment ta' dawn l-attivitajiet u r-rwoli mill-GSA lill-Kummissjoni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009.

**L-Impriża Konġunta SESAR**

L-għan ta' din l-Impriża Konġunta huwa li tiżgura l-modernizzazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru Ewropea u l-implimentazzjoni rapida tal-Plan Ewlieni Ewropew tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru permezz tal-koordinazzjoni u l-konċentrazzjoni tal-isforzi kollha rilevanti tar-riċerka u l-iżvilupp fl-UE. Fil-31 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni għandha 87,4 % jew EUR 80 miljun (2008: EUR 103 miljun tal-parteċipazzjonijiet proprjetarji f'SESAR. Il-kontribuzzjoni totali (indikattiva) tal-UE prevista għal SESAR (mill-2007 sal- 2013) hija EUR 700 miljun.

**Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Enerġija tal-Fużjoni ITER (ITER Internazzjonali)**

ITER Internazzjonali tinvolvi l-UE u ċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja, il-Korea, il-Ġappun u l-Istati Uniti tal-Amerika. ITER inħolqot sabiex tamministra l-faċilitajiet tal-ITER, sabiex tinkoraġġixxi l-utilizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-ITER mil-laboratorji u l-istituzzjonijiet u persunal l-oħra fil-programmi ta' riċerka u żvilupp tal-enerġija tal-fużjoni tal-membri, sabiex tippromwovi l-għarfien tal-pubbliku dwar l-enerġija tal-fużjoni u d-disponibbiltà tiegħu li jaċċettaha u sabiex twettaq kull attività oħra li hija meħtieġa sabiex tilħaq l-għan tagħha.

Il-kontribuzzjoni tal-UE (Euratom) lill-ITER Internazzjonali tingħata permezz tal-Aġenzija dwar l-Enerġija tal-Fużjoni, inklużi wkoll il-kontribuzzjonijiet minn Stati Membri u mill-Isvizzera. Il-kontribuzzjoni totali hija kkunsidrata legalment bħala kontribuzzjoni tal-Euratom lill-ITER u l-Istati Membri u l-Isvizzera m'għandhomx interessi proprjetarji fl-ITER. Peress li l-UE għandha legalment parteċipazzjoni fl-impriża konġunta ITER Internazzjonali, l-UE għandha tirrikonoxxi l-parteċipazzjoni fil-kontijiet ikkonsolidati tagħha.

Fil-31 ta' Diċembru 2009, Euratom għandha 47 % jew EUR 35 miljun (2008: EUR 42 miljun) tal-parteċipazzjoni proprjetarja fl-ITER. Il-kontribuzzjoni totali (indikattiva) tal-Euratom prevista għall-ITER (bejn l-2007 u l-2041) hija ta' EUR 7 649 miljun.

**L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta IMI dwar Mediċini Innovattivi**

L-Impriża Konġunta IMI, it-tielet Inizjattiva Teknoloġika Konġunta li saret operattiva matul l-2009, għandha tappoġġja r-riċerka farmaċewtika pre-kompetittiva u l-iżvilupp fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, filwaqt li timmira biex iżżid l-investiment tar-riċerka fis-settur bijofarmaċewtiku u għandha tippromwovi l-involviment ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) fl-attivitajiet tagħha. L-interess proprjetarju tal-Unjoni Ewropea, rappreżentat mill-Kummissjoni, huwa fil-31 ta' Diċembru 2009 99,1 % jew EUR 81 miljun. Il-kontribuzzjoni massima indikattiva tal-UE għandha tammonta għal EUR 1 biljun sal-31/12/2017.

2.3.3. ***Il-Fond ta' Garanzija***

**Assi netti tal-Fond ta' Garanzija**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Assi disponibbli għall-bejgħ | 1 050 | 887 |
| Flus u ekwivalenti ta' flus | 191 | 205 |
| **Assi totali** | **1 241** | **1 092** |
| **Obbligazzjonijiet totali** | **(1)** | **(1)** |
| **Assi netti** | **1 240** | **1 091** |

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni jkopri self garantit mill-UE bħala riżultat ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, b'mod partikolari l-operazzjonijiet ta' self tal-Bank Ewropew għall-Investiment (EIB) barra mill-Unjoni Ewropea u self taħt l-għajnuna makrofinanzjarja (self MFA) u self tal-Euratom barra mill-Unjoni Ewropea. Huwa strument maħsub għat-tul sabiex ikopri self inadempjenti garantit mill-UE u wieħed jista' għalhekk iħares lejh bħala investiment fit-tul. Dan jixhdu l-fatt li kważi 76 % tal-assi disponibbli għall-bejgħ

għandhom maturità ta' bejn 1 u 10 snin. Il-Fond huwa mogħni bi ħlasijiet mill-baġit ġenerali tal-UE ekwivalenti għal 9 % tal-valur kapitali tal-operazzjonijiet, id-dħul minn imgħaxijiet fuq investimenti magħmula mill-assi tal-Fond, u l-ammonti rkuprati minn debituri inadempjenti u li għalihom il-Fond kellu jattiva l-garanzija tiegħu. Kull bilanċ annwali li jirriżulta għandu jitħallas lura lil intestatura speċjali fid-dikjarazzjoni tad-dħul tal-baġit ġenerali tal-UE.

L-UE hija obbligata li tinkludi riżerva ta' garanzija sabiex tkopri s-self lil pajjiżi terzi. Din ir-riżerva hija maħsuba biex tkopri l-ħtiġijiet tal-Fond ta' Garanzija u, fejn neċessarju, il-garanziji attivati li jaqbżu l-ammont disponibbli fil-Fond, sabiex dawn l-ammonti jkunu jistgħu jiġu ddebitati lill-baġit. Din ir-riżerva ta' EUR 1 472 miljun tikkorrispondi mal-mira ta' 9 % tas-self pendenti fil-31 ta' Diċembru 2009. L-assi netti tal-Fond fil-31 ta' Diċembru 2009 jammontaw għal total ta' EUR 1 240 miljun. Id-differenza bejn l-assi netti u l-ammont tar-riżerva tikkorrispondi mal-ammont li għandu jitħallas mill-baġit tal-UE lill-Fond, jiġifieri EUR 232 miljun. Il-bidliet fil-valur ġust tal-portafoll ta' titoli ta' dejn disponibbli għall-bejgħ ġew rikonoxxuti fl-ekwità fl-2009 bl-ammont totali ta' EUR 15-il miljun (2007: EUR (19-il) miljun.).

### 2.3.4. *Assi disponibbli għall-bejgħ*

Din l-intestatura tinkludi investimenti u parteċipazzjonijiet mixtrija sabiex jgħinu lill-benefiċjarji jiżviluppaw l-attivitajiet kummerċjali tagħhom.

**Assi għat-tul Disponibbli għall-bejgħ**

*EUR miljuni*

| | EBRD | RCO | ETF Start up | EFSE | Oħrajn | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ammonti fil-31.12.2008 | 157 | 204 | 133 | 67 | 3 | 564 |
| Akkwisti | 0 | 11 | 52 | 26 | 19 | 108 |
| Ċessjonijiet/irtirar | 0 | (26) | (4) | 0 | 0 | (30) |
| Proporzjon tal-bilanċ pożittiv/(negattiv) tar-rivalutazzjoni mal-kapital | 0 | (14) | (14) | 3 | 0 | (25) |
| Telf minn skambju | 0 | (42) | 0 | 0 | 0 | (42) |
| Telf minn indeboliment | 0 | (1) | (13) | 0 | 0 | (14) |
| **Ammonti fil- 31.12.2009** | **157** | **132** | **154** | **96** | **22** | **561** |

### Investiment tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD)

Il-Kummissjoni ssottoskriviet għal 3 % tal-kapital totali tal-EBRD ta' EUR 20 biljun. Fid-data tal-karta tal-bilanċ, l-ammont imsejjaħ kien ta' EUR 157 miljun, li tħallas kollu. Il-ħlasijiet pendenti fuq il-kapital mhux maħruġ jammontaw għal EUR 443 miljun (ara wkoll in-nota **5.13.1**). Ladarba l-EBRD mhu kkwotat fuq l-ebda borża u minħabba r-restrizzjonijiet kuntrattwali inklużi fl-artikoli tal-inkorporazzjoni tal-EBRD dwar, fost l-oħrajn, il-bejgħ ta' interessi ta' parteċipazzjoni, li huwa limitat għall-prezz tal-akkwist u awtorizzat li jsir biss lill-azzjonisti eżistenti, is-sehem tal-Kummissjoni huwa vvalutat daqs kemm sewa wara li jitnaqqas minn dan kull tnaqqis fil-valur kontabbli minħabba indeboliment tal-assi.

### Operazzjonijiet ta' Kapital tar-Riskju (RCO)

Taħt l-operazzjonijiet ta' kapital tar-riskju jingħataw ammonti lil intermedjarji finanzjari għall-iffinanzjar ta' investimenti azzjonarji. Dawn huma amministrati mill-Bank Ewropew tal-Investiment u ffinanzjati skont il-Politika Ewropea tal-Viċinat.

### Investimenti oħrajn

L-ammonti l-aktar sinifikanti jirrigwardaw il-programm Tkabbir u Impjiegi, il-programm MAP u l-programm CIP, li hu l-fiduċjarju tagħhom l-FEI, li jagħtu għajnuna fil-ħolqien u l-finanzjament ta' impriżi żgħar jew ta' daqs medju li jkunu għadhom qed jibdew billi jinvestu f'fondi ta' kapital ta' riskju speċjalizzati (EUR 154 miljun). Huma wkoll inklużi l-EUR 96 miljun relatati mal-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE), kumpannija tal-investiment b'kapital tal-ishma varjabbli (SICAV). L-għan globali tal-EFSE huwa li jinkoraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku u l-prosperità fix-Xlokk tal-Ewropa billi jipprovdi b'mod sostenibbli finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp permezz ta' intermedjarji finanzjarji lokali. Investiment ġdid ta' EUR 19 miljun relatat mal-Fond Ewropew tal-Effiċjenza tal-Enerġija għax-Xlokk (SE4F) ġie inkluż fl-2009.

2.4. **SELF**

Din l-intestatura tkopri ammonti ta' self dovuti lill-Unjoni Ewropea u li jimmaturaw f'aktar minn sena:

*EUR miljuni*

| | Nota | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|---|
| Self mogħti mill-baġit tal-KE u l-KEFA | *2.4.1* | 169 | 179 |
| Self mogħti minn fondi missellfa | *2.4.2* | 10 595 | 3 386 |
| **Total ta' self** | | **10 764** | **3 565** |

2.4.1. ***Self mogħti mill-baġit tal-Unjoni Ewropea u l-KEFA f'likwidazzjoni***

*EUR miljuni*

| | Self b'kundizzjonijiet speċjali | KEFA f'likwidazzjoni | Total |
|---|---|---|---|
| Total fil-31.12.2008 | 150 | 29 | 179 |
| Ħlas lura | (19) | (5) | (24) |
| Bidliet fl-ammont kontabbli | 12 | 2 | 14 |
| **Total fil-31.12.2009** | **143** | **26** | **169** |

**Self b'Kundizzjonijiet Speċjali**

Din il-partita tkopri self b'kundizzjonijiet speċjali mogħti b'rati preferenzjali bħala parti mill-koperazzjoni ma' pajjiżi mhux membri. L-ammonti kollha jsiru dovuti aktar minn 12-il xahar wara tmiem is-sena. Ir-rati tal-imgħax effettivi fuq dan is-self ivarjaw bejn 7,73 % u 12,36 %.

**Self residenzjali tal-KEFA f'likwidazzjoni (KEFA)**

Self residenzjali huwa self mogħti mill-KEFA mill-fondi proprji tagħha skont l-Artikoli 54 u 54.2 tat-Trattat tal-KEFA. Dan is-self jingħata bir-rata fissa ta' 1 % u għalhekk jitqies bħala self b'rati preferenzjali. Ir-rati effettivi tal-imgħax fuq dan is-self ivarjaw bejn 2,806 % u 22,643 %. Għal raġunijiet prattiċi u fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità, il-prezz tat-tranżazzjoni jintuża bħala l-valur ġust ta' dan is-self fil-bidu, indipendentement minn kull rata tal-imgħax preferenzjali mogħtija.

2.4.2. ***Self mogħti minn fondi missellfa***

*EUR miljuni*

| | Self tal-MFA | Self tal-Euratom | BOP | KEFA f'likwidazzjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Total fil-31.12.2008 | 663 | 494 | 2 004 | 338 | 3 499 |
| Self ġdid | 25 | 7 | 7 200 | 0 | 7 232 |
| Ħlas lura | (95) | (11) | 0 | (88) | (194) |
| Differenzi tal-kambju | 0 | (1) | 0 | 16 | 15 |
| Bidliet fl-ammont kontabbli | (6) | (5) | 99 | (5) | 83 |
| Total fil-31.12.2009 | 587 | 484 | 9 303 | 261 | 10 635 |
| **Ammont dovut < sena** | **40** | **0** | **0** | **0** | **40** |
| **Ammont dovut > sena** | **547** | **484** | **9 303** | **261** | **10 595** |

**Self ta' Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA)**

L-MFA huwa strument finanzjarju bbażat fuq l-oqsma ta' politika, ta' għajnuna mhux marbuta u ġenerali għall-bilanċ tal-pagamenti u/jew għall-baġit għal pajjiżi terzi sħab ġeografikament qrib it-territorju tal-UE. Huwa jieħu l-forma ta' self jew għotjiet fit-tul/għal tul medju jew taħlita xierqa tat-tnejn u ġeneralment jikkumplimenta finanzjament ipprovdut fil-kuntest ta' programm ta' aġġustament u ta' riforma appoġġjat mill-IMF. Il-Kummissjoni ma rċevietx garanziji minn partijiet terzi għal dan is-self, iżda huwa garantit mill-Fond ta' Garanzija (ara n-nota **2.3.3**).

**Self tal-Euratom**

Il-Euratom hija entità legali tal-UE u hija rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea. Hija tagħti self lill-Istati Membri għall-iskop tal-iffinanzjar ta' proġetti ta' investiment fl-Istati Membri dwar il-produzzjoni industrijali tal-elettriku f'ċentri tal-produzzjoni tal-enerġija nukleari u f'istallazzjonijiet industrijali fiċ-ċiklu tal-karburant. Tagħti wkoll self lil Stati mhux Membri għall-iskop tat-titjib tal-livell tas-sikurezza u l-effiċjenza tal-impjanti tal-enerġija nukleari u l-istallazzjonijiet fiċ-ċiklu tal-karburant nukleari li huma operattivi jew li qed jinbnew.

Il-Kummissjoni rċeviet EUR 481 miljun (2008: EUR 486 miljun) ta' garanziji minn garanti terzi fir-rigward ta' dan is-self.

**Self tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BOP)**

Il-faċilità tal-BOP, strument finanzjarju bbażat fuq il-politika, ġiet riattivata sabiex tipprovdi għajnuna finanzjarja għal tul ta' żmien medju lil Stati Membri tal-UE matul il-kriżi ekonomika u finanzjarja kurrenti. Din tippermetti li jingħata s-self lil Stati Membri li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet fil-bilanċi tal-pagament tagħhom jew fil-movimenti kapitali, jew li jkunu mhedda serjament b'diffikultajiet bħal dawn. L-Istati Membri li ma adotttawx l-Euro biss jistgħu jibbenefikaw minn din il-faċilità. L-ammont massimu totali ta' self awtorizzat huwa ta' EUR 50 biljun u dawn huma garantit mill-baġit ġenerali tal-UE.

Bejn Novembru 2008 u t-tmiem tal-2009, ingħata self li ammonta għal EUR 14,6 biljun. Għajnuna finanzjarja tal-BOP ta' EUR 6,5 biljun tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-Ungerija, u minn dawn EUR 2 biljun inħarġu fl-2008, b'data ta' maturità ta' Diċembru 2011. EUR 3,5 biljun oħra nħarġu fl-2009 (dati ta' maturità: Novembru 2014 u April 2016). Self tal-BOP ta' EUR 3,1 biljun tpoġġa disponibbli għal-Latvja, EUR 2.2 biljun minn dawn inħarġu fl-2009, b'dati ta' maturità ta' April 2014 u Jannar 2015 u EUR 0,5 biljun inħarġu f'Marzu 2010 (data ta' maturità ta' Mejju 2019). EUR 5 biljun tpoġġew wkoll għad-dispożizzjoni tar-Rumanija li minnhom EUR 1,5 biljun inħarġu fl-2009, b'data ta' maturità ta' Jannar 2015 u EUR 1 biljun oħra nħarġu f'Marzu 2010 (data ta' maturità ta' Mejju 2019).

**Ammonti mislufa tal-KEFA f'likwidazzjoni**

Din il-partita tinkludi l-aktar self mogħti mill-KEFA f'likwidazzjoni fuq fondi missellfa skont l-Artikoli 54 u 56 tat-Trattat tal-KEFA u kif ukoll tliet titoli tad-dejn mhux kwotati maħruġa mill-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) bħala sostitut għal debitur inadempjenti. Dawn it-titoli tad-dejn se jinżammu sal-maturità finali tagħhom (2017 u 2019) sabiex ikunu koperti l-ħlasijiet dovuti fuq ammonti missellfa relatati. Il-bidliet fl-ammont irreġistrat jikkorrispondu għall-bidliet fl-imgħaxijiet dovuti flimkien mal-amortizzazzjoni tas-sena tal-primja mħallsa u l-ispejjeż tat-tranżazzjoni li jseħħu fil-bidu, ikkalkulati skont il-metodu tar-rata effettiva tal-imgħax.

Ir-rati ta' imgħax effettivi (espressi bħala firxa ta' rati tal-imgħax) kienu kif ġej:

| Self | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA) | 0,9625 % - 4,54 % | 3,022 % - 5,29 % |
| Euratom | 1,071 % - 5,76 % | 3,428 % - 5,76 % |

| Self | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| BOP | 3,125 % - 3,625 % | 3,25 % |
| KEFA f'likwidazzjoni. | 0,346 % - 5,8103 % | 3,072 % - 5,8103 % (*) |

(*) il-valur ogħla marbut huwa relatat mas-self b'rata fissa kopert bl-iskambju tar-rati tal-imgħaxijiet

## 2.5. **PREFINANZJAMENT GĦAT-TUL**

Iż-żmien tar-rekuperabbiltà jew l-użu tal-prefinanzjament jiddetermina jekk dan jiġix iddivulgat bħala assi ta' prefinanzjament kurrenti jew fit-tul. L-użu huwa definit mill-ftehim sottostanti tal-proġett. Il-ħlas lura jew użu kollha dovuti inqas minn tnax il-xahar wara d-data tar-rapportar huma ddivulgati bħala prefinanzjament għal perjodu qasir u għalhekk bħala assi kurrenti, il-bilanċ huwa fit-tul.

### Prefinanzjament totali

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Prefinanzjament fit-Tul (ara hawn taħt) | 39 750 | 29 023 |
| Prefinanzjament għal Perjodu Qasir (ara n-nota **2.9**) | 9 077 | 10 262 |
| **Total ta' Prefinanzjament** | **48 827** | **39 285** |

### Garanziji rċevuti fir-rigward ta' prefinanzjament:

Dawn huma garanziji li l-Unjoni Ewropea titlob f'ċerti każijiet mingħand il-benefiċjarji meta jħallsu pagamenti bil-quddiem (prefinanzjament). Hemm żewġ valuri li għandhom jiġu ddivulgati għal dan it-tip ta' garanzija, il-valur "nominali" u dak "kurrenti". Għall-valur "nominali", l-avveniment ġenerattiv huwa marbut mal-eżistenza tal-garanzija. Għall-valur "kurrenti", l-avveniment ġenerattiv tal-garanzija huwa l-ħlas tal-prefinanzjament u/jew l-approvazzjonijiet sussegwenti. Fil- 31 ta' Diċembru 2009, il-valur "nominali" tal-garanziji riċevuti fir-rigward tal-prefinanzjament jammonta għal EUR 936 miljun. Il-valur "kurrenti" ta' dawn il-garanziji jammonta għal EUR 724 miljun. Fil- 31 ta' Diċembru 2008, dawn il-valuri kienu EUR 968 miljun u EUR 769 miljun rispettivament. Din id-differenza effettivament isservi ta' kopertura għall-prefinanzjament li ġie approvat u kontabilizzat bħala spiża, iżda li jista' jkollu jiġi rkuprat fil-futur.

Xi ammonti tal-prefinanzjament imħallsa taħt is-7 Programm ta' Qafas għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7) huma effettivament koperti mill-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti (PGF) – fil-31 ta' Diċembru 2009 l-ammont tal-prefinanzjament imħallas kienu jammontaw għal total ta' EUR 2.7 biljun. Dan huwa strument ta' benefiċċju reċiproku stabbilit sabiex ikopri r-riskji finanzjarji tal-UE u l-parteċipanti matul l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti tal-FP7, u l-kapital u l-imgħax tiegħu jikkostitwixxu sigurtà għall-implimentazzjoni. Il-parteċipanti kollha fl-azzjonijiet indiretti li jieħdu l-forma ta' għotja (u għalhekk prefinanzjament fil-kotba tal-Kummissjoni) jikkontribwixxu 5 % tal-prefinanzjament li jirċievu għall-kapital tal-PGF sakemm iddum l-azzjoni. Bħala tali l-parteċipanti huma s-sidien tal-PGF, u l-UE (rappreżentata mill-Kummissjoni) hija l-aġent eżekuttiv tagħhom. Fit-tmiem ta' azzjoni indiretta, il-parteċipanti għandhom jirkupraw il-kontribuzzjoni tagħhom għall-kapital b'mod sħiħ, ħlief meta l-PGF isofri telf dovut għal benefiċjarji inadempjenti - u, f'dan il-każ, il-parteċipanti għandhom jirkupraw, bħala minimu, 80 % tal-kontribuzzjoni tagħhom. Il-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti għalhekk jiggarantixxi l-interessi finanzjarji sew tal-UE u kif ukoll tal-parteċipanti. Sal-31 ta' Diċembru 2009 ammont totali ta' EUR 561 miljun ġew ikkontribwiti għall-PGF mill-parteċipanti (2008: EUR 274 miljun) – ara wkoll in-nota **11**.

### Prefinanzjament għat-tul

*EUR miljuni*

| Tip ta' ġestjoni | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | 1 148 | 1 351 |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | 486 | 275 |

*EUR miljuni*

| Tip ta' ġestjoni | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Ġestjoni deċentralizzata | 347 | 90 |
| Ġestjoni kondiviża | 37 199 | 26 764 |
| Ġestjoni konġunta | 568 | 543 |
| Implimentata minn Istituzzjonijiet u Aġenziji oħra | 2 | 0 |
| **Total ta' Prefinanzjament fit-Tul** | **39 750** | **29 023** |

L-ammonti ta' prefinanzjament fit-tul l-iktar sinifikanti jirrigwardaw l-Azzonijiet Strutturali għall-perjodu ta' programmar 2007-2013: il-fond reġjonali għall-iżvilupp (ERDF), il-fond soċjali ewropew (FSE), il-fond agrikolu għall-iżvilupp rurali (FAEŻR), il-fond ta' koeżjoni (FK) u l-fond tas-sajd. Ladarba ħafna mill-proġetti huma għat-tul fin-natura tagħhom, huwa neċessarju li l-ħlas bil-quddiem relatat ikun disponibbli għal aktar minn sena. B'hekk dawn l-ammonti ta' prefinanzjament jintwerew bħala assi għat-tul. L-ammont tal-prefinanzjament imsemmi aktar 'il fuq li għalih l-UE hija intitolata li tirċievu imgħaxijiet mill-benefiċjarji jammonta għal EUR 1 607 miljun.

Iż-żieda fl-2009 tirriżulta l-aktar mit-tielet ħlas bil-quddiem ta' prefinanzjament magħmul lill-Istati Membri għal ammont totali ta' EUR 5 biljun: EUR 2,6 biljun għall-FK, EUR 1,8 biljun għall-ERDF u EUR 0,6 biljun għall-FSE. Barra minn hekk, saru ħlasijiet żejda tal-pakkett rekuperabbli għal ammont totali ta' EUR 6,2 biljun għal kull programm, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika: EUR 3,9 biljun għall-FK u l-ERDF u EUR 2,3 biljun għall-FSE. Iż-żieda fl-ammonti li jikkonċernaw il-ġestjoni deċentralizzata tirriżulta l-iktar mill-ħlasijiet ta' prefinanzjament magħmula lill-pajjiżi kandidati skont il-programmi tal-IPA.

## 2.6. **AMMONTI RIĊEVIBBLI GĦAT-TUL**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Ammonti riċevibbli mill-Istati Membri | 26 | 24 |
| Self tal-persunal tal-KEFA | 10 | 13 |
| Oħrajn | 2 | 2 |
| Garanziji u depożiti | 17 | 6 |
| **Total** | **55** | **45** |

L-ammonti li għandhom jiġu rċevuti mill-Istati Membri jirreferu għall-ammonti dovuti lill-KEFA f'likwidazzjoni minn dawk li kienu l-pajjiżi tal-adeżjoni.

*ASSI KURRENTI*

## 2.7. **INVENTARJI**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Materjal xjentifiku | 62 | 73 |
| Oħrajn | 15 | 12 |
| **Total** | **77** | **85** |

Il-ħażna tat-tagħmir xjentifiku hija miżmuma u amministrata mill-JRC. Parti kbira minnha hija l-ħażna ta' materjali ta' referenza, kemm nukleari u mhux nukleari, li huma miżmuma f'Geel. Din il-ħażna hija ta' natura strateġika u tinżamm sabiex ikunu jistgħu jiġu ffaċċjati talbiet futuri imprevedibbli f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Ħażniet oħra jinkludu l-ħażna tal-proġett EGNOS, il-ħażna ta' pubblikazzjonijiet miżmuma u/jew amministrati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet u l-provvisti tat-tilqim.

## 2.8. INVESTIMENTI GĦAL ŻMIEN QASIR

Investimenti għal żmien qasir jikkonsistu f'assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ, li jinxtraw għar-rendita tagħhom bħala investiment, jew jinżammu sabiex tiġi stabbilita struttura partikolari tal-assi jew sors sekondarju ta' likwidità u għalhekk jistgħu jinbiegħu b'rispons għal ħtieġa ta' likwidità jew bidliet fir-rati tal-imgħax. Fl-2008 dawn inżammu wkoll għan-negozju ta' assi ta' EUR 7 miljun murija taħt din l-intestatura.

### Assi disponibbli għall-bejgħ

*EUR miljuni*

| | KEFA f'likwidazzjoni | Oħrajn | Total |
|---|---|---|---|
| Ammonti fl-31.12.2008 | 1 464 | 82 | 1 546 |
| Akkwisti | 560 | 255 | 815 |
| Ċessjonijiet u rtirar | (573) | (32) | (605) |
| Aġġustament għal spejjeż amortizzati | (1) | 0 | (1) |
| Bidla fl-ammont kontabbli | 8 | 3 | 11 |
| Proporzjon tal-bilanċ pożittiv/(negattiv) tar-rivalutazzjoni mal-kapital proprju | 25 | 0 | 25 |
| **Ammonti fil-31.12.2009** | **1 483** | **308** | **1 791** |

Fir-rigward tal-ammonti tal-KEFA f'likwidazzjoni, l-investimenti kollha disponibbli għall-bejgħ (AFS) huma titoli ta' dejn denominati f'EUR u kkwotati f'suq attiv. Fil-31 ta' Diċembru 2009, it-titoli tad-dejn (espressi bil-valur ġust tagħhom) li jimmaturaw matul l-2010 jammontaw għal EUR 242 miljun (2008: EUR 126 miljun).

Iż-żieda f'ammonti oħra hija dovuta għal akkwisti ġodda mill-Faċilità Finanzjarja għall-Qsim tar-Riskju, RSFF, (EUR 195 miljun) u l-Istrument ta' Garanzija tas-Self għall-Proġetti TEN-T, LGTT, (EUR 60 miljun).

## 2.9. PREFINANZJAMENT GĦAL PERJODU QASIR

*EUR miljuni*

| Tip ta' ġestjoni | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | 2 924 | 3 055 |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | 1 990 | 930 |
| Ġestjoni deċentralizzata | 700 | 326 |
| Ġestjoni kondiviża | 2 550 | 5 304 |
| Ġestjoni konġunta | 832 | 608 |
| Implimentata minn Istituzzjonijiet u Aġenziji oħra | 81 | 39 |
| **Total ta' Prefinanzjament għal Perjodu Qasir** | **9 077** | **10 262** |

It-tnaqqis fil-prefinanzjament għal perjodu qasir huwa dovut għall-fatt li għall-Azzjonijiet Strutturali taħt ġestjoni konġunta, xi proġetti li qed jiġu ffinanzjati jinsabu fil-proċess li jiġu mitmuma (programmi relatati għall-perjodu 2000-2006), filwaqt li għall-proġetti l-ġodda (programmi relatati mal-perjodu 2007-2013) tħallas it-tielet pagament ta' prefinanzjament fl-2009, iżda ġie klassifikat fl-assi fit-tul kif spjegat fin-nota **2.5**. Iż-żieda fil-prefinanzjament għal perjodu qasir skont it-tip ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta hija dovuta għat-trasferiment tal-attivitajiet mill-Kummissjoni lil aġenziji eżekuttivi ġodda, l-iktar fl-oqsma tar-riċerka u l-iżvilupp. L-ammont tal-prefinanzjament għal perjodu qasir li għalih l-Unjoni Ewropea hija intitolata li tirċievu l-imgħax mill-benefiċjarji huwa ta' EUR 4 629 miljun.

## 2.10. AMMONTI RIĊEVIBBLI GĦAL PERJODU QASIR

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Self għal perjodu qasir | 216 | 114 |
| Riċevibbli kurrenti | 4 519 | 6 128 |
| Riċevibbli varji | 16 | 23 |
| Dħul dovut u spejjeż differiti | 3 912 | 5 655 |
| **Total** | **8 663** | **11 920** |

### 2.10.1. *Self għal perjodu qasir*

Dawn l-ammonti jirrigwardaw self ta’ EUR 41 miljun li l-maturitajiet finali li baqgħalhom huma ta’ inqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ (EUR 40 miljun relatati ma’ self tal-MFA, ara n-nota **2.4** aktar ’il fuq). Jiġu nklużi taħt din l-intestatura wkoll id-depożiti b’terminu tal-KEFA f’likwidazzjoni:

**Depożiti b’terminu**

*EUR miljuni*

| | Total |
|---|---|
| Ammonti fil-31.12.2008 | 0 |
| Żieda | 174 |
| Ammonti dovuti | 1 |
| **Ammonti fil-31.12.2009** | **175** |

### 2.10.2. *Riċevibbli kurrenti*

*EUR miljuni*

| Grupp Kontabbbli | 31.12.2009 | | | 31.12.2008 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammont gross | Tnaqqis tal-valur kontabbli | Valur Nett | Ammont gross | Tnaqqis tal-valur kontabbli | Valur Nett |
| Klijenti | 277 | (76) | 201 | 243 | (79) | 164 |
| Multi | 3 370 | (133) | 3 237 | 4 590 | (96) | 4 494 |
| Stati Membri | 2 198 | (1 191) | 1 007 | 2 576 | (1 204) | 1 372 |
| Oħrajn | 76 | (2) | 74 | 111 | (13) | 98 |
| **Total** | **5 921** | **(1 402)** | **4 519** | **7 520** | **(1 392)** | **6 128** |

**Klijenti**

Dawn huma ordnijiet ta’ rkupru inklużi fil-kontijiet fil-31 ta’ Diċembru 2009 bħala intitolamenti stabbiliti li għandhom jiġu rkuprati u li kienu għadhom mhumiex inklużi taħt intestaturi oħra fuq in-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ.

**Multi**

L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati relatati ma’ multi maħruġa mill-Kummissjoni ammontaw għal total ta’ EUR 3 370 miljun. Tnaqqis fil-valur kontabbli ta’ EUR 133 miljun ġie applikat għal dan l-ammont. Iż-żieda f’dan it-tnaqqis tal-valur kontabbli hija spjegata permezz tal-fatt li xi multi ġodda maħruġa ma setgħux ikunu, fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, koperti mill-ħlasijiet provviżorji jew il-garanziji bankarji. Flimkien ma’ dan, għal xi multi għad hemm pendenti proċeduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Garanziji li jammontaw għal total ta’ EUR 2 952 miljun ġew riċevuti sal-31 ta’ Diċembru 2009 (2008: EUR 2 403 miljun) fir-rigward ta’ dawn l-ammonti riċevibbli, filwaqt li jindikaw li r-reċipjent tal-multa jixtieq jappellaha. Għandu jiġi osservat li EUR 290 miljun tal-ammonti msemmija hawn fuq ma kinux dovuti biex jitħallsu fil-31 ta’ Diċembru 2009.

**Ammonti riċevibbli mill-Istati Membri**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| **Riċevibbli FAEG** | | |
| Riċevibbli FAEG | 627 | 684 |
| Valur kontabbli mnaqqas | (350) | (392) |
| **Total** | **277** | **292** |
| **VAT imħallsa u rekuperabbli mill-Istati Membri** | **38** | **36** |
| **Riżorsi proprji** | | |
| Stabbiliti fil-kont A | 89 | 97 |
| Stabbiliti fil-kont separat | 1 254 | 1 260 |
| Valur kontabbli mnaqqas | (841) | (812) |
| Oħrajn | 25 | 16 |
| **Total** | **527** | **561** |
| **Riċevibbli oħra mill-Istati Membri** | **165** | **483** |
| **Total** | **1 007** | **1 372** |

Riċevibbli FAEG

Din il-partita tkopri l-ammonti dovuti mill-benefiċjarji tal-FAEG fil-31 ta' Diċembru 2009, kif iddikjarati u ċċertifikati mill-Istati Membri fil-15 ta' Ottubru 2009, u b'20 % imnaqqas tal-ammont, li l-Istati Membri jistgħu jżommuhom sabiex ikopru l-ispejjeż amministrattivi, imnaqqsa minnhom. Issir stima għall-ammonti riċevibbli li joħorġu wara din id-dikjarazzjoni u sal-31 ta' Diċembru 2009. Il-Kummissjoni qed tikkalkula wkoll tnaqqis fil-valur kontabbli tal-ammonti dovuti minn benefiċjarji, li aktarx ma jiġux irkuprati. Il-fatt li jsir dan l-aġġustament ma jfissirx li l-Kummissjoni qegħda tirrinunzja għall-irkupru ta' dawn l-ammonti fil-futur.

Riżorsi proprji

Għandu jiġi osservat li l-Istati Membri huma intitolati li jżommu 25 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali bħala spejjeż tal-ġbir, u għalhekk iċ-ċifri ta' hawn fuq huma murija wara dan it-tnaqqis. Abbażi tal-istimi mibgħuta mill-Istati Membri, sar tnaqqis fil-valur kontabbli ta' EUR 841 miljun mir-reċivibbli mill-Istati Membri. Madankollu, dan ma jfissirx li l-Kummissjoni qed taċċetta li mhux se jkun hemm irkupru fil-futur tal-ammonti koperti minn dan l-aġġustament fil-valur kontabbli.

Riċevibbli oħra mill-Istati Membri

Riċevibbli oħra mill-Istati Membri jinkludu EUR 72 miljun fi rkupru ta' spejjeż u EUR 8 miljun f'avvanzi tal-FAEG imqabbla ma' EUR 120 miljun u EUR 244 miljun rispettivament fl-2008.

2.10.3. ***Dħul dovut u spejjeż differiti***

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Dħul dovut | 3 655 | 5 402 |
| Spejjeż differiti | 230 | 223 |
| Oħrajn | 27 | 30 |
| **Total** | **3 912** | **5 655** |

L-ammont prinċipali taħt din l-intestatura huwa dħul dovut ta’ EUR 3 655 miljun:

*EUR miljuni*

| Dħul Dovut | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Riżorsi proprji | 2 209 | 2 576 |
| Dħul agrikolu assenjat Nov. u Diċ. | 940 | 1 261 |
| Ristutturar taz-zokkor | 0 | 911 |
| FAEG: deċiżjonijiet ta’ korrezzjoni tal-konformità mhux eżegwiti | 0 | 368 |
| Il-Fondi ta’ Koeżjoni u għall-Iżvilupp: korrezzjonijiet finanzjarji | 404 | 146 |
| Il-fond tas-sajd | 0 | 32 |
| Dħul ieħor dovut | 102 | 108 |
| **Dħul dovut totali** | **3 655** | **5 402** |

Dħul ieħor dovut huwa primarjament dħul ta’ imgħaxijiet tard, imgħaxijiet bankarji dovuti u imgħaxijiet dovuti fuq ammonti ta’ prefinanzjament.

Huma wkoll inklużi taħt din l-intestatura spejeż differiti li jammontaw għal total ta’ EUR 230 miljun li minnhom l-ammonti prinċipali huma ħlasijiet antiċipati ta’ EUR 53 miljun imħallsa taħt il-ftehim bilaterali tas-sajd ma’ pajjiżi terzi, EUR 36 miljun għall-iskola Ewropea, EUR 44 miljun għall-kera ta’ uffiċċji, EUR 22 miljun għat-trasformazzjoni tal-uffiċċji u EUR 17-il miljun imgħaxijiet fuq kirjiet ta’ assi fissi.

## 2.11. FLUS U EKWIVALENTI

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| **Flus mhux marbuta:** | | |
| Kontijiet mat-Teżori u l-Banek Ċentrali | 10 958 | 15 039 |
| Kontijiet kurrenti | 1 967 | 1 415 |
| Kontijiet imprest | 42 | 35 |
| Trasferimenti (flus fi tranżitu) | 9 | 26 |
| Depożiti għal żmien qasir u ekwivalenti oħrajn ta’ flus | 1 486 | 1 456 |
| **Total** | **14 462** | **17 971** |
| **Flus marbuta** | **8 910** | **5 753** |
| **Total** | **23 372** | **23 724** |

### 2.11.1. *Flus mhux marbuta*

Il-flus mhux marbuta jkopru l-fondi kollha li l-UE żżomm fil-kontijiet tagħha f’kull Stat Membru u pajjiż tal-EFTA (teżor jew bank ċentrali), kif ukoll f’kontijiet kurrenti, kontijiet imprest, depożiti bankarji għal żmien qasir u ammonti żgħar ta’ flus kontanti.

Il-bilanċ iktar baxx mat-Teżori u l-Banek Ċentrali fl-aħħar ta’ din is-sena jirriżulta mill-fatt li kellhom jitħallsu lura EUR 3,5 biljun lill-Istati Membri kmieni fl-2010 wara l-Baġit ta’ Rettifika 10/2009, imqabbla maċ-ċifra ta’ EUR 6,6 biljun tas-sena l-oħra. L-obbligazzjoni relatata hija murija taħt l-ammonti pagabbli kurrenti - ara wkoll in-nota **2.18.2** aktar ’l isfel. Kellhom ukoll impatt fuq il-bilanċ tal-flus fi tmiem is-sena, il-flus mid-dħul assenjat li kienu għadhom mhux użati ta’ EUR 2,7 biljun (2008: EUR 5,1 biljun) li ma jistgħux jiġu mħallsa lura lill-Istati Membri u EUR 1,4 biljun (2008: EUR 1,7 biljun), li nżammu sabiex ikopru l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet trasferiti ’l quddiem lejn l-2010. Ir-riżultat tal-baġit ta’ EUR 2,3 biljun għandu wkoll jitħallas lura lill-Istati Membri permezz ta’ tnaqqis mill-ammonti tagħhom dovuti għall-2010.

Ammonti murija bħala depożiti għal żmien qasir huma relatati primarjament ma' flus ġestiti mill-fiduċjarji f'isem l-UE għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' programmi partikolari ffinanzjati mill-baġit tal-UE.

### 2.11.2. *Flus marbuta*

Flus marbuta jirreferu għal ammonti riċevuti fir-rigward ta' multi maħruġa mill-Kummissjoni li għalihom il-każ ikun għadu miftuħ. Dawn jinżammu f'kontijiet ta' depożitu speċifiċi li mhumiex użati għal attivitajiet oħra.

*OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI*

## 2.12. **BENEFIĊĊJI TAL-IMPJEGATI**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Pensjonijiet – Persunal | 33 316 | 32 867 |
| Pensjonijiet – Oħrajn | 663 | 696 |
| L-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta kontra l-Mard | 3 263 | 3 993 |
| **Total** | **37 242** | **37 556** |

### 2.12.1. *Pensjonijiet – Persunal*

Skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-ħlas tal-benefiċċji provduti fl-iskema tal-pensjonijiet tal-persunal (PSEO: Skema ta' Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej) jiġi ddebitat lill-baġit tal-UE. L-iskema mhix mogħtija fondi, iżda l-Istati Membri jiggarantixxu l-ħlas ta' dawn il-benefiċċji b'mod kollettiv skont l-iskala stabbilita għall-iffinanzjar ta' dan l-infiq. Minbarra dan, l-uffiċjali jikkontribwixxu terz għall-iffinanzjar fit-tul ta' din l-iskema permezz ta' kontribuzzjoni obbligatorja. L-ammont ta' din il-kontribuzzjoni huwa rivedut kull sena u aġġornat kif meħtieġ sabiex jiġi garantit li dawn il-kontribuzzjonijiet (bħalissa 11,3 % tas-salarju bażiku) ikunu biżżejjed sabiex jiffinanzjaw kull sena terz tad-drittijiet akkwistati matul is-sena.

L-obbligazzjonijiet ta' din l-iskema tal-pensjonijiet ġew ivvalutati fuq il-bażi tan-numru ta' persunal u tal-persunal irtirat fil- 31 ta' Diċembru 2009 u fuq ir-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbli f'din id-data. Din il-valutazzjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-benefiċċji assoċjati mal-età, l-invalidità u dawk tas-superstiti (tipi differenti ta' pensjonijiet kif ukoll l-*allowance* tal-invalidità). Twettqet skont il-metodoloġija tal-IPSAS 25 u għalhekk skont ir-regola 12 tal-kontabilità tal-UE wkoll). Dan l-istandard tal-kontabilità jirrikjedi li min iħaddem jiddetermina l-impenji tiegħu vvalutati fuq bażi attwarja, u f'dan iqis sew il-benefiċċji kuntrattwali matul il-ħajja attiva tal-impjegati, kif ukoll iż-żidiet prevedibbli fil-pagi. Il-metodu ta' valutazzjoni attwarja użat sabiex tiġi kkalkulata din l-obbligazzjoni huwa magħruf bħala l-metodu tal-kreditu proġettat tal-unità.

Il-preżunzjonijiet attwarji prinċipali disponibbli fid-data tal-valutazzjoni u użati fil-valutazzjoni kienu kif ġej:

| Preżunzjonijiet Attwarji | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Ir-rata ta' skont nominali | 4,5 % | 3,9 % |
| Ir-rata tal-inflazzjoni mistennija | 2,5 % | 1,8 % |
| Ir-rata ta' skont reali | 2,0 % | 2,1 % |
| Probabbiltà ta' żwieġ: Raġel/Mara | 84 %/38 % | 84 %/38 % |
| It-Tkabbir Ġenerali tal-Pagi/rivalutazzjoni tal-pensjonijiet | 0 % | 0,3 % |

It-Tabella tal-Ħajja tal-Uffiċjali Ċivili Internazzjonali tal-2008 ġiet użata fil-kalkolu. L-irtirar jitqies li jseħħ fiż-żmien meta l-uffiċjal jibbenefika mid-drittijiet sħaħ tiegħu, filwaqt li jitqies it-tnaqqis għall-irtirar kmieni u l-Inċentiva ta' Barċellona għall-irtirar tard, l-aktar sa 65 sena. Il-kalkolu tal-pensjonijiet grossi u l-benefiċċji tal-familja huma bbażati fuq ir-Regolamenti tal-Persunal.

L-obbligazzjonijiet ikopru d-drittijiet definiti aktar 'il fuq għall-persuni li ġejjin:

(1) Persunal f'impjieg attiv fil-31 ta' Diċembru 2009 fl-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji kollha inklużi fl-iskema tal-pensjonijiet;

(2) Persunal f'sitwazzjoni differita, jiġifieri li temporanjament jew definittivament telqu l-Istituzzjonijiet iżda żammew id-drittijiet tagħhom tal-pensjoni fl-iskema tal-pensjonijiet (esklużivament biss dawk li akkumulaw mill-anqas 10 snin ta' servizz);

(3) Dawk li qabel kienu uffiċjali u impjegati oħra li qed jibbenefikaw minn pensjoni tal-irtirar;

(4) Dawk li qabel kienu uffiċjali u impjegati oħra li qed jibbenefikaw minn pensjoni tal-invalidità;

(5) Dawk li qabel kienu uffiċjali u impjegati oħra li qed jibbenefikaw minn benefiċċju tal-invalidità;

(6) Dawk li qed jirċievu pensjoni tas-superstiti (romol, orfni, dipendenti).

Il-moviment ewlieni sa mill-31 ta' Diċembru 2008 kien kif ġej:

*EUR miljuni*

| Moviment fl-Obbligazzjoni tal-Pensjonijiet tal-Impjegati | Ammont |
|---|---|
| Obbligazzjoni grossa tal-pensjonijiet fil-31 ta' Diċembru 2008 | 36 495 |
| Spejjeż tas-servizzi | 1 360 |
| Spejjeż tal-imgħax | 1 456 |
| Benefiċċji mħallsin | (1 035) |
| Qligħ attwarju | (1 248) |
| Bidla dovuta għal persunal ġdid | 187 |
| **Obbligazzjoni grossa tal-pensjonijiet fil-31 ta' Diċembru 2009** | **37 215** |

Il-punti ewlenin li għandhom jiġu osservati huma:

— L-obbligazzjoni attwarja grossa kienet ivvalutata għal EUR 37 215 miljun fil-31 ta' Diċembru 2009 (2008: EUR 36 495 miljun). Miżjud ma' din hemm effett ta' korrettur koeffiċjenti ta' EUR 1 079 miljun (2008: EUR 1 277 miljun). It-taxxi pagabbli mill-benefiċjarji jitnaqqsu mill-obbligazzjoni grossa totali biex tinstab l-obbligazzjoni netta inkluża fil-karta tal-bilanċ (għaliex it-taxxa titnaqqas fuq il-ħlas tal-pensjonijiet u tiġi kkreditata għad-dħul tal-UE fis-sena tal-ħlas.) Din l-obbligazzjoni netta (obbligazzjoni grossa bit-taxxi mnaqqsa minnha) fil-31 ta' Diċembru 2009 għalhekk ġiet stmata li hi ta' EUR 33 316 miljun.

— Il-membri tal-iskema tal-pensjonijiet tal-persunal żdiedu b'5 082 individwi. Din iż-żieda tikkonċerna l-iktar Aġenti Temporanji, Aġenti Kuntrattwali u assistenti tal-MEPs, dawn tal-aħħar jiġu inklużi fl-iskema għall-ewwel darba.

2.12.2. ***Pensjonijiet – Oħrajn***

Din tirreferi għall-obbligazzjoni li tirrigwarda obbligi tal-pensjonijiet tal-membri u l-eks-membri tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja (u l-Qorti Ġenerali) u l-Qorti tal-Awdituri, is-Segretarji Ġenerali tal-Kunsill, l-Ombudsman, il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta u t-Tribunal tas-Servizz Ċivili tal-Unjoni Ewropea. Hija tinkluża wkoll taħt din l-intestatura obbligazzjoni li tirrigwarda l-pensjonijet ta' ċerti Membri tal-Parlament.

2.12.3. ***L-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta kontra l-Mard***

Isir ukoll kalkolu tal-obbligazzjoni stmata li l-UE għandha rigward il-kontribuzzjonijiet tagħha għall-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta kontra l-Mard fir-rigward tal-persunal irtirat tagħha. Din l-obbligazzjoni grossa ġiet ivvalutata għal EUR 3 535 miljun. L-assi tal-pjan ta' EUR 272 miljun huma mnaqqsa minn din l-obbligazzjoni grossa sabiex jintlaħaq l-ammont nett. Il-kalkoli jqisu l-uffiċjali attivi u l-pensjonanti mid-diversi Istituzzjonijiet u l-Aġenziji tal-UE, u l-familji tagħhom, u l-membri attivi u l-pensjonanti mill-Kummissjoni, mill-Qorti tal-Awdituri, mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Kunsill, mill-Kontrollur Ewropew

tal-Protezzjoni tad-Dejta u mill-Ombudsman Ewropew. Ir-rata tal-iskont u t-tkabbir ġenerali fis-salarji użati fil-kalkoli huma l-istess bħal dawk użati fil-valutazzjoni tal-pensjoni tal-persunal (ara aktar 'il fuq). Il-qligħ attwarju dovut għal bidliet fil-preżunzjonijiet attwarji huwa r-raġuni prinċipali għat-tnaqqis sinifikanti f'din l-obbligazzjoni.

*EUR miljuni*

| Ċaqliq fl-obbligazzjonijiet tal-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta kontra l-Mard | Ammont |
|---|---|
| Obbligazzjoni grossa fil-31 ta' Diċembru 2008 | 4 248 |
| Spejjeż normali | 168 |
| Spejjeż tal-imgħax | 169 |
| Benefiċċji mħallsin | (85) |
| Qligħ attwarju | (965) |
| Obbligazzjoni grossa fil-31 ta' Diċembru 2009 | 3 535 |
| Bl-assi tal-Pjan imnaqqsa | (272) |
| **Obbligazzjoni Netta fil-31 ta' Diċembru 2009** | **3 263** |

2.13. **PROVVEDIMENTI GĦAT-TUL**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2008 | Provvedimenti addizzjonali | Ammonti mhux użati mreġġa' lura | Ammonti użati | Trasferiment għal/minn provvedimenti għal perjodu qasir | Bidla fl-istima | 31.12.2009 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi legali | 421 | 54 | (50) | (12) | 0 | 0 | 413 |
| Żarmar tas-siti nukleari | 819 | 0 | 0 | 0 | (22) | 111 | 908 |
| Finanzjarji | 12 | 67 | 0 | 0 | (3) | 0 | 76 |
| Oħrajn | 89 | 45 | (12) | (37) | (13) | 0 | 72 |
| **Total** | **1 341** | **166** | **(62)** | **(49)** | **(38)** | **111** | **1 469** |

## Kawżi legali

Din hija l-istima ta' ammonti li huwa probabbli li jitħallsu wara l-2010 fir-rigward ta' numru ta' kawżi legali li jinsabu għaddejjin. L-akbar parti minnhom, EUR 409 miljun, tirrigwarda kawżi legali pendenti fil-31 ta' Diċembru 2009 fir-rigward tal-korrezzjonijiet finanzjarji għan-nefqa tal-Garanzija FAEG u kawżi oħra legali dwar in-nefqa agrikola.

## Żarmar tas-siti nukleari

Fl-2008 konsorzju ta' esperti indipendenti wettaq aġġornament tal-studju tagħhom tal-2003 dwar l-ispejjeż stmati taż-żarmar tal-faċilitajiet nukleari tal-JRC u l-programm tal-ġestjoni tal-iskart tagħhom. L-istima riveduta tagħhom ta' EUR 1 222 miljun (preċedentement EUR 1 145 miljun) hija meħuda bħala l-bażi tal-provvediment li għandu jiġi inkluż fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Skont ir-regoli tal-kontabilità tal-UE, din l-istima hija indiċizzata għall-inflazzjoni u mbagħad skontata sal-valur preżenti nett tagħha. Fil-31 ta' Diċembru 2009, dan irriżulta fi provvediment totali ta' EUR 930 miljun maqsuma bejn ammonti li hu mistenni li jintużaw fl-2010 (EUR 22 miljun) u wara (EUR 908 miljun.). Minħabba t-tul stmat ta' dan il-programm (madwar 30 sena), ta' min jinnota li hemm xi ftit inċertezza dwar din l-istima, u l-ispiża finali tista' tkun differenti mill-ammonti mdaħħla fil-preżent.

### Dispożizzjonijiet finanzjarji

Taħt il-Faċilità ta' Garanzija tal-SME 1998, il-Faċilità ta' Garanzija tal-SME 2001, u l-Faċilità ta' Garanzija tal-SME 2007 taħt is-CIP, il-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI) huwa awtorizzat li joħroġ garanziji f'ismu stess iżda li jkunu għall-Kummissjoni u għar-riskju tagħha. Madankollu, hemm limitu massimu għar-riskju finanzjarju marbut mal-garanziji użati u mhux użati. Fid-data tal-karta tal-bilanċ, il-provvedimenti finanzjarji taż-żewġ faċilitajiet jikkorrispondu mal-obbligi tal-ħlas lill-intermedjarji finanzjarji wara li jkunu tnaqqsu t-talbiet netti ta' ħlasijiet magħmula sa dik id-data. Il-provvedimenti finanzjarji għat-tul huma skontati sal-valur nett preżenti tagħhom.

### Provvedimenti oħra

L-ammont prinċipali hawn jikkonċerna l-istimi tal-kontributi tal-UE lil diversi Stati Membri taħt il-Fond Veterinarju ta' Emerġenza għal ċerti epidemiji ta' mard tal-annimali, li jammontaw għal EUR 60 miljun (2008: EUR 101 miljun) maqsuma bejn l-ammonti mistennija li jitħallsu fl-2010 (EUR 25-il miljun) u wara (EUR 35 miljun).

## 2.14. OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI GĦAT-TUL

### 2.14.1. *Ammonti missellfa*

*EUR miljuni*

| Isem | 31.12.2008 | Ammonti missellfa ġodda | Ħlas lura | Differenzi fil-kambju | Bidla fl-ammont kontabbli | 31.12.2009 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| MFA | 663 | 25 | (95) | — | (6) | 587 |
| BOP | 2 004 | 7 200 | — | — | 99 | 9 303 |
| EURATOM | 494 | 7 | (11) | (1) | (5) | 484 |
| KEFA f'likwidazzjoni | 282 | — | (67) | 18 | (8) | 225 |
| **Total** | **3 443** | **7 232** | **(173)** | **17** | **80** | **10 599** |

### Kif jinqasmu l-ammonti meħuda b'self bejn dawk għat-tul u dawk għal żmien qasir

*EUR miljuni*

| Ammonti missellfa | Maturità < sena | Maturità > sena | Total fil-31.12.2009 |
|---|---|---|---|
| MFA | 40 | 547 | 587 |
| BOP | — | 9 303 | 9 303 |
| EURATOM | — | 484 | 484 |
| KEFA f'likwidazzjoni | — | 225 | 225 |
| **Total** | **40** | **10 559** | **10 599** |

Din l-intestatura tinkludi ammonti missellfa dovuti mill-Unjoni Ewropea li jimmaturaw f'aktar minn sena. L-ammonti missellfa jinkludu djun ippruvati b'ċertifikati li jammontaw għal EUR 10 324 miljun (2008: EUR 3 131 miljun). Il-bidliet fl-ammont kontabbli jikkorrispondu għall-bidliet fl-imgħaxijiet dovuti flimkien ma', fil-każ tal-ammonti misselfa tal-KEFA f'likwidazzjoni, l-amortizzazzjoni tas-sena tal-ispejjeż materjali tat-tranżazzjoni li jseħħu fil-bidu, ikkalkulati skont il-metodu tar-rata effettiva tal-imgħax. Ir-rati ta' imgħax effettivi (espressi bħala firxa ta' rati tal-imgħax) kienu kif ġej:

| Ammonti missellfa | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Self ta' Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA) | 0,9625 % - 4,54 % | 3,022 % - 5,29 % |
| Euratom | 0,9031 % - 5,6775 % | 3,348 % - 5,6775 % |
| BOP | 3,125 % - 3,625 % | 3,25 % |
| KEFA f'likwidazzjoni | 0,346 % - 9,2714 % | 4,939 % - 11,875 % (*) |

(*) il-valur ogħla marbut huwa relatat mas-self b'rata fissa kopert bl-iswap tar-rati tal-imgħaxijiet

2.15. **OBBLIGAZZJONIJIET OĦRAJN GĦAT-TUL**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Djun ta' kiri finanzjarju | 1 736 | 1 770 |
| Bini mħallas bin-nifs | 395 | 403 |
| Oħrajn | 47 | 53 |
| **Total** | **2 178** | **2 226** |

Din il-partita tkopri primarjament obbligazzjonijiet tas-self dovuti f'aktar minn sena (ara n-nota 2,2 aktar 'il fuq). Huma inklużi wkoll ammonti relatati ma' ċerti binjiet li l-Kummissjoni xtrat fejn il-prezz tax-xiri se jitħallas bin-nifs - dawn mhumiex kuntratti ta' kiri ladarba t-titolu għadda mill-ewwel għand il-Kummissjoni.

*OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI*

2.16. **PROVVEDIMENTI GĦAL PERJODU QASIR**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2008 | Provvedimenti addizzjonali | Ammonti mhux użati mogħtija lura | Ammonti użati | Trasferimenti lil/minn intestaturi oħra | Bidla fl-istima | 31.12.2009 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi legali | 16 | 18 | (3) | (1) | 0 | 0 | 30 |
| Żarmar ta' siti nukleari | 89 | 0 | 0 | (28) | 22 | (61) | 22 |
| Finanzjarji | 202 | 14 | (50) | (41) | 3 | 0 | 128 |
| Oħrajn | 41 | 7 | (23) | (5) | 13 | 0 | 33 |
| **Total** | **348** | **39** | **(76)** | **(75)** | **38** | **(61)** | **213** |

Din l-intestatura tinkludi l-porzjon ta' provvedimenti li l-ħlas tagħhom huwa dovut f'anqas minn sena.

2.17. **OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI GĦAL PERJODU QASIR**

Din l-intestatura tinkludi ammonti missellfa (ara n-nota **2.14.1**) ta' EUR **40 miljun** li jimmaturaw matul it-12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ (2008: EUR 94 miljun flimkien ma' EUR 25 miljun li jirrigwardaw l-obbligazzjonijiet miżmuma għan-negozju).

2.18. **KONTIJIET PAGABBLI**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Il-porzjon kurrenti tal-obbligazzjonijiet għat-tul | 71 | 64 |
| Ammonti pagabbli kurrenti | 15 260 | 12 026 |
| Ammonti pagabbli varji | 133 | 115 |
| Spejjeż dovuti u dħul differit | 78 420 | 77 472 |
| **Total** | **93 884** | **89 677** |

2.18.1. ***Il-porzjon kurrenti tal-obbligazzjonijiet għat-tul***

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Obbligazzjonijiet ta' kirjiet finanzjarji | 59 | 52 |
| Oħrajn | 12 | 12 |
| **Total** | **71** | **64** |

2.18.2. ***Ammonti pagabbli kurrenti***

*EUR miljuni*

| Tip | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Stati Membri | 14 903 | 11 386 |
| Fornituri u oħrajn | 944 | 1 175 |
| L-eliġibilità għad trid tiġi vverifikata | (587) | (535) |
| **Total** | **15 260** | **12 026** |

Il-pagabbli kurrenti jikkonċernaw l-aktar dikjarazzjonijiet ta' spejjeż riċevuti mill-UE fil-qafas tal-attivitajiet ta' għotjiet. Huma kkreditati għall-ammont tal-pretensjoni mill-mument li tkun riċevuta l-pretensjoni. Jekk il-kontroparti jkun Stat Membru, ikunu kklassifikati bħala tali. L-istess proċedura tintuża għall-fatturi u noti ta' kreditu riċevuti f'attivitajiet ta' akkwist. Il-pretensjonijiet ta' spejjeż ikkonċernati ttieħdu f'kunsiderazzjoni fil-proċeduri tal-għeluq fl-aħħar tas-sena. Wara dawn l-entrati finali, l-ammonti eliġibbli stmati għalhekk ġew irreġistrati bħala spejjeż dovuti (ara n-nota **2.18.3** aktar 'l isfel), filwaqt li l-partijiet mhux eliġibbli għadhom miftuħa fuq il-kontijiet "eliġibilità għad trid tiġi vverifikata". Sabiex ma jsirux stimi għoljin wisq tal-assi u l-obbligazzjonijet, ġie deċiż li jiġi ppreżentat l-ammont nett li għandu jitħallas taħt l-obbligazzjonijiet kurrenti.

**L-Istati Membri**

L-ammonti prinċipali hawn jirrigwardaw EUR 11 160 miljun (2008: EUR 4 660 miljun) fi pretensjonijiet mhux imħallsa ta' spejjeż għal azzjonijiet tal-Fondi Strutturali. Hawn huma inklużi wkoll EUR 3 524 miljun dovuti lura lill-Istati Membri wara baġit ta' rettifika magħmul fi tmiem l-2009 (2008: EUR 6 627 miljun) - dawn kienu mħallsa lill-Istati Membri fi Frar 2010.

**Fornituri u oħrajn**

Inklużi taħt din l-intestatura huma ammonti dovuti wara attivitajiet ta' għotjiet u ta' akkwisti, flimkien ma' ammonti pagabbli lil entitajiet pubbliċi u entitajiet mhux ikkonsolidati, (pereżempju l-FEŻ).

**L-eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata**

L-ammonti pagabbli huma mnaqqsa b'EUR 587 miljun, li huma dik il-parti tat-talbiet għar-rimborż irċevuti, iżda li għadhom ma ġewx ivverifikati, li tqiesu li mhumiex eliġibbli. L-akbar ammonti jirrigwardaw id-DĠs tal-Azzjonijiet Strutturali.

2.18.3. ***Spejjeż dovuti u dħul differit***

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Spejjeż dovuti | 76 435 | 77 260 |
| Dħul differit | 1 976 | 50 |
| Oħrajn | 9 | 162 |
| **Total** | **78 420** | **77 472** |

L-ispejjeż dovuti jitqassmu kif ġej:

**Spejjeż Dovuti**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| **Spejjeż dovuti tal-FAEG:** | | |
| Spejjeż mis-16/10/2009 sal-31/12/2009 | 32 087 | 30 415 |
| Għajnuna Diretta | 12 195 | 12 682 |

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Ristrutturar taz-zokkor | 735 | 3 787 |
| Oħrajn | (55) | (13) |
| **Total FAEG:** | **44 962** | **46 871** |
| **Spejjeż dovuti tal-Azzjonijiet Strutturali:** | | |
| FAEŻR u EAGGF-G | 9 076 | 7 004 |
| ERDF u azzjonijiet innovattivi | 11 777 | 10 687 |
| Fond ta' koeżjoni | 980 | 2 810 |
| ISPA | 3 | 4 |
| FSE | 5 411 | 4 596 |
| **Total Fondi Strutturali:** | **27 247** | **25 101** |
| **Spejjeż dovuti oħra:** | | |
| Riċerka u Żvilupp | 1 687 | 1 978 |
| Oħrajn | 2 539 | 3 310 |
| **Total tal-Oħrajn:** | **4 226** | **5 288** |
| **Total tal-ispejjeż dovuti** | **76 435** | **77 260** |

Wara bidu bil-mod fis-snin preċedenti, il-programmi tal-2007-2013 tal-Azzjonijiet Strutturali laħqu livell normali fl-2009, u b'hekk spjegaw iż-żidiet taħt dik l-intestatura ta' hawn fuq. Din iż-żieda hija kkumpensata minn tnaqqis fl-ispejjeż dovut għar-ristrutturar taz-zokkor, peress li jidher li parti minn dawn il-fondi ma tiġix attwalment użata.

Iż-żieda sinifikanti fid-dħul differit hija dovuta għall-ħlas bil-quddiem tal-kontribuzzjonijiet tal-2010 tar-riżorsi proprji minn żewġ Stati Membri.

*ASSI NETTI*

## 2.19. **RIŻERVI**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Riżerva tal-valur ġust | **69** | **41** |
| Riżervi oħrajn: | | |
| Fond ta' Garanzija | 1 472 | 1 276 |
| Riżerva ta' rivalutazzjoni | 57 | 57 |
| Attivitajiet ta' għoti u teħid b'self | 1 511 | 1 528 |
| Oħrajn | 214 | 213 |
| **Total** | **3 254** | **3 074** |
| **Total** | **3 323** | **3 115** |

### 2.19.1. ***Riżerva tal-valur ġust***

F'konformità mar-regoli tal-kontabilità, l-aġġustamenti għall-valur ġust tal-assi disponibbli għall-bejgħ huma rreġistrati fir-riżerva tal-valur ġust.

2.19.2. ***Riżervi oħrajn***

**Il-Fond ta' Garanzija**

Ara wkoll in-nota **2.3.3** dwar l-operat tal-Fond ta' Garanzija. Din ir-riżerva tirrifletti l-mira ta' 9 % mill-ammonti pendenti garantiti mill-Fond li għandhom jinżammu bħala assi.

**Riżerva ta' rivalutazzjoni**

Ir-riżerva tar-rivalutazzjoni tikkonsisti fir-rivalutazzjonijiet tal-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir. Il-bilanċ fl-aħħar tas-sena ta' EUR 57 miljun jirrigwarda rivalutazzjoni tal-art u l-bini tal-Kummissjoni, li kienet diġà seħħet qabel it-tranżizzjoni għar-regoli l-ġodda tal-kontabilità.

**Riżerva tal-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self**

L-ammont jirrigwarda r-riżerva tal-KEFA f'likwidazzjoni għall-assi tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar. Din ir-riżerva nħolqot fil-kuntest tal-istralċ tal-KEFA.

2.20. **AMMONTI LI GĦANDHOM JINĠABRU MILL-ISTATI MEMBRI**

*EUR miljuni*

| | Ammont |
|---|---|
| Ammonti li għandhom jinġabru mingħand l-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2008 | **50 539** |
| Ritorn tal-bilanċ pożittiv tal-baġit 2008 lill-Istati Membri | 1 796 |
| Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija | 196 |
| Movimenti oħra fir-riżervi | (10) |
| KEFA f'likwidazzjoni: allokazzjoni tar-riżultat tal-2008 | (15) |
| Riżultat ekonomiku (bilanċ pożittiv) għas-sena | (4 457) |
| **Ammonti totali li għandhom jinġabru mill-Istati Membri fil-31 Diċembru 2009** | **48 049** |
| ***Maqsuma bejn:*** | |
| Benefiċċji tal-Impjegati | 37 242 |
| Ammonti oħrajn | 10 807 |

Dan l-ammont jirrappreżenta dik il-parti mill-ispejjeż li diġà għamlet l-UE sal-31 ta' Diċembru 2009 li trid titħallas minn baġits futuri. Bosta spejjeż jiġu rikonoxxuti skont ir-regoli tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti fis-sena N għalkemm dawn fil-fatt jistgħu jitħallsu fis-sena N+1 u jiġu ffinanzjati permezz tal-baġit tas-sena N+1. L-inklużjoni fil-kontijiet ta' dawn l-obbligazzjonijiet flimkien mal-fatt li l-ammonti li jikkorrispondu magħhom huma ffinanzjati minn baġits futuri wasslu biex ikun hemm ħafna aktar obbligazzjonijiet milli assi fi tmiem is-sena. L-ammonti l-aktar sinifikanti li għandhom jiġu enfasizzati huma l-attivitajiet tal-EAGF. L-ammont tal-ħlasijiet dovuti lill-Istati Membri għall-perjodu mis-16 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2009 kien ta' EUR 32 biljun. Il-biċċa l-kbira tal-ammonti li għandhom jinġabru fil-fatt jitħallsu mill-Istati Membri f'anqas minn 12-il xahar wara t-tmiem tas-sena finanzjarja kkonċernata bħala parti mill-baġit tas-sena ta' wara.

Kien hemm tnaqqis sinifikanti fl-ammonti l-oħra li għandhom jinġabru mill-Istati Membri meta mqabbla mas-sena l-oħra, EUR 10,8-il biljun meta mqabbla ma' EUR 13 biljun fl-2008. Ir-raġuni prinċipali għal dan it-tnaqqis hija ż-żieda ta' EUR 9,5 biljun fil-prefinanzjament (noti **2.5 & 2.9**) bbilanċjata miż-żieda ta' EUR 4,2 biljun fil-kontijiet pagabbli (ara n-nota **2.18**) u t-tnaqqis ta' EUR 3,3 biljun fir-riċevibbli għal perjodu qasir (nota **2.10**).

Huma essenzjalment biss l-obbligi tal-benefiċċji tal-impjegati tal-UE fir-rigward tal-persunal tagħha li jitħallsu fuq perjodu itwal, filwaqt li jiġi osservat li l-finanzjament tal-ħlasijiet tal-pensjonijiet mill-baġits annwali huwa garantit mill-Istati Membri. Għall-finijiet tal-informazzjoni biss, hawn taħt qed tingħata stima tal-ħlasijiet futuri tal-benefiċċji tal-impjegati:

*EUR miljuni*

| | Ammont |
|---|---|
| Fuq medda ta’ żmien qasira: ammonti li għandhom jitħallsu fl-2010 | 1 214 |
| Fuq medda ta’ żmien twila: ammonti li għandhom jitħallsu wara l-2010 | 36 028 |
| **Obbligazzjoni totali tal-benefiċċji tal-impjegati fil-31.12.2009** | **37 242** |

Ta’ min jinnota wkoll li dan ta’ hawn fuq m’għandu l-ebda effett fuq ir-riżultat tal-baġit - id-dħul tal-baġit għandu dejjem ikun daqs in-nefqa tal-baġit jew iżjed minnha u kwalunkwe dħul żejjed jingħata lura lill-Istati Membri.

## 3. NOTI MAL-KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU

### 3.1. DĦUL MINN RIŻORSI PROPRJI U KONTRIBUZZJONIJIET

*EUR miljuni*

| | Nota | 2009 | 2008 |
|---|---|---|---|
| Dħul mir-riżorsi proprji: | *3.1.1* | | |
| Riżorsi mid-DGN | | 81 978 | 74 479 |
| Riżorsi mill-VAT | | 12 795 | 19 008 |
| Riżorsi proprji tradizzjonali: | | | |
| Dazji agrikoli | | 0 | *1 184* |
| Dazji doganali | | *14 002* | *15 196* |
| Imposti fuq iz-zokkor | | 130 | 702 |
| Total tar-riżorsi proprji tradizzjonali | | 14 132 | 17 082 |
| Aġġustamenti tal-baġit | *3.1.2* | 1 399 | 1 930 |
| Kontribuzzjonijiet ta’ pajjiżi terzi (inkl. pajjiżi tal-EFTA) | | 233 | 214 |
| **Total** | | **110 537** | **112 713** |

Id-dħul mir-riżorsi proprji huwa l-element primarju tad-dħul operattiv tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-parti ewlenija tan-nefqa hija ffinanzjata mir-riżorsi proprji, għaliex id-dħul l-ieħor jirrappreżenta biss parti żgħira mill-finanzjament totali.

#### 3.1.1. *Dħul mir-riżorsi proprji*

Hemm tliet kategoriji ta’ riżorsi proprji: ir-riżorsi proprji tradizzjonali, ir-riżorsi bbażati fuq il-VAT u r-riżorsi bbażat fuq id-DGN. Ir-riżorsi proprji tradizzjonali jikkonsistu fid-dazji agrikoli, l-imposti fuq iz-zokkor u d-dazji doganali. Mekkaniżmu ta’ korrezzjoni fir-rigward ta’ żbilanċi baġitarji (ir-Rifużjoni tar-Renju Unit) minbarra tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq id-DGN tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja huwa wkoll parti mis-sistema tar-riżorsi proprji. L-Istati Membri jżommu, għall-ispejjeż tal-ġbir, 25 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali, u l-ammonti ta’ hawn fuq huma murija netti minn dan it-tnaqqis.

Ir-riżorsi proprji tal-VAT jiġu mill-applikazzjoni ta’ rata uniformi, stabbilita għal 0,30 %, għall-bażi armonizzata tal-VAT għall-Istati Membri kollha, (minbarra għall-perjodu 2007-2013 li fih ir-rata tal-ġbir għall-Awstrija hija stabbilita għal 0,225 %, għall-Ġermanja għal 0,15 % u għall-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għal 0,10 %), bażi li ma tistax taqbeż il-50 % tad-DGN għall-Istati Membri kollha. Ir-riżorsa bbażata fuq id-DGN hija riżorsa varjabbli maħsuba sabiex tforni d-dħul meħtieġ, f'kull sena, sabiex tiġi koperta n-nefqa li taqbeż l-ammont miġbur mir-riżorsi proprji tradizzjonali, ir-riżorsi tal-VAT u d-dħul varju. Id-dħul jiġi mill-applikazzjoni ta’ rata uniformi għad-DGN aggregat tal-Istati Membri kollha.

Meta mqabbel mal-2008, kien hemm tnaqqis ta' EUR 6,2 biljun fid-dħul mir-riżorsi tal-VAT, li ġie bbilanċjat sew permezz ta' żieda ta' EUR 7,5 biljun fid-dħul mir-riżorsi proprji bbażat fuq id-DGN. Dawn il-movimenti huma spjegati prinċipalment mid-dispożizzjonijiet differenti stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ORD 2007) li ssostitwiet dawk tad-deċiżjoni preċedenti dwar ir-riżorsi proprji mill-2000. M'hemmx dħul mid-dazji agrikoli rreġistrat fl-2009 peress li, wara d-dħul fis-seħħ fl-2009 tal- ORD 2007, dawn id-dazji huma kkunsidrati issa bħala dazji doganali. Kien hemm tnaqqis ta' EUR 1,1 biljun fid-dazji doganali kkawżat minn tnaqqis sinifikanti għal EU-27 fl-importazzjonijiet f'termini ta' valur fl-2009 imqabbla mal-2008 u tnaqqis ta' EUR 572 miljun fl-imposti fuq iz-zokkor għax fl-2008 kien hemm dħul żejjed ġej minn ammonti ta' darba minn kwoti addizzjonali taz-zokkor.

### 3.1.2. *Aġġustamenti tal-baġit*

L-aġġustamenti tal-baġit jinkludu l-bilanċ pożittiv tal-baġit mill-2008 (EUR 1 796 miljun) li jiġi rifuż indirettament lill-Istati Membri permezz ta' tnaqqis tal-ammonti li huma għandhom jittrasferixxu lill-Unjoni Ewropea fis-sena ta' wara – għaldaqstant dan huwa dħul għall-2009. Skont l-ORD 2007, ir-Renju Unit jingħata korrezzjoni fir-rigward tal-iżbilanċi baġitarji. Ladarba dan l-ammont huwa ffinanzjat mill-Istati Membri l-oħra, m'għandu jkun hemm l-l-ebda effett nett fuq ir-riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit jew ir-riżultat ekonomiku. Madankollu, ammont ta' EUR 319 miljun ġie rreġistrat taħt din l-intestatura, u dan jikkonsisti fid-differenzi fir-rati tal-Euro użati għall-finijiet tal-baġit (ara l-Artikolu 10 (3) tar-Regolament Nru 1150/2000) u r-rati fis-seħħ fiż-żmien meta dawk l-Istati Membri li ma jiffurmawx parti mill-EMU effettivament għamlu l-ħlas tagħhom.

## 3.2. **DĦUL OPERATTIV IEĦOR**

*EUR miljuni*

| | Nota | 2009 | 2008 |
|---|---|---|---|
| Multi | *3.2.1* | 2 648 | 3 171 |
| Imposti agrikoli | *3.2.2* | 705 | 2 299 |
| Irkupru ta' spejjeż: | *3.2.3* | | |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | | 63 | 61 |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | | 6 | 4 |
| Ġestjoni deċentralizzata | | 41 | 90 |
| Ġestjoni kondiviża | | 1 066 | 1 349 |
| **Total** | | **1 176** | **1 504** |
| Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi: | *3.2.4* | | |
| Persunal | | 1 010 | 974 |
| Dħul relatat tal-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir | | 33 | 25 |
| Dħul amministrattiv iehor | | 165 | 149 |
| **Total** | | **1 208** | **1 148** |
| Dħul operattiv varju: | *3.2.5* | | |
| Aġġustamenti/ provvedimenti | | 150 | 71 |
| Qligħ mill-kambju | | 618 | 269 |
| Oħrajn | | 1 027 | 1 269 |
| **Total** | | **1 795** | **1 609** |
| **Total** | | **7 532** | **9 731** |

### 3.2.1. *Multi*

Dan id-dħul jirrigwarda multi imposti mill-Kummissjoni għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni timponi multa tkun ittieħdet u tkun ġiet innotifikata uffiċjalment lid-destinatarju.

### 3.2.2. *Imposti agrikoli*

Dawn l-ammonti jirrigwardaw l-imposti tal-ħalib ta' EUR 99 miljun (2008: EUR 338 miljun) u l-imposti taz-zokkor ta' EUR 606 miljun (2008: EUR 1 961miljun). L-imposti tal-ħalib fil-fatt huma għodda tal-ġestjoni tas-suq immirata sabiex tippenalizza lill-produtturi tal-ħalib li jeċċedu l-kwantitajiet ta' referenza tagħhom. Ladarba din mhix marbuta ma' ħlasijiet preċedenti mill-Kummissjoni, hija fil-prattika meqjusa bħala dħul għal skop speċifiku. Il-kwoti tal-ħalib qed jonqsu, li jispjega t-tnaqqis fid-dħul mill-imposti. Mis-sena agrikola 2008/2009 'il quddiem il-kwoti se jiżdiedu annwalment b'1 % sa meta jitħassru fl-2015.

L-imposti taz-zokkor jirrigwardaw il-fond tar-ristrutturar taz-zokkor, li bih ir-riforma tas-settur taz-zokkor naqqset il-prezz intern taz-zokkor sabiex titnaqqas id-differenza bejn il-prezz tal-UE u l-prezz internazzjonali. Sabiex produtturi taz-zokkor inqas kompetittivi jiġu inkoraġġiti jħallu s-suq, inħoloq fond ta' ristrutturazzjoni li jiffinanzja lilu nnifsu, iffinanzjat mid-dħul li jiġi minn taxxa temporanja fuq il-produtturi taz-zokkor, li hija trattata bħala dħul assenjat. Filwaqt li l-ħlasijiet tal-iskema se jitkomplew sa Settempbru 2012 id-dħul kollu relatat mal-fond tar-ristrutturar taz-zokkor diġà ġie ddikjarat mill-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2009.

### 3.2.3. *Irkupru ta' spejjeż*

Din l-intestatura tirrappreżenta l-ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni, u t-tnaqqis mill-ħlasijiet sussegwenti rreġistrati fis-sistema tal-kontijiet tal-Kummissjoni, għall-irkupru ta' ammonti li kienu mħallsa qabel mill-baġit ġenerali, abbażi ta' kontrolli, verifiki magħluqa jew analiżi tal-eliġibilità, flimkien ma ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Istati Membri lill-benefiċjarji tal-infiq tal-FAEG. Hija tinkludi wkoll il-varjazzjoni ta' stimi ta' dħul dovut mit-tmiem is-sena preċedenti sa dak kurrenti. Madankollu, hija ma turix għal kollox l-irkupri magħmula fuq infiq tal-UE, partikolarment għall-oqsma ta' nfiq sinifikanti tal-Azzjonijiet Strutturali, fejn hemm mekkaniżmi speċifiċi maħsuba biex jiżguraw ir-ritorn ta' flus li ma kienx hemm eliġibilità għalihom, li l-biċċa l-kbira minnhom ma jinvolvux il-ħruġ ta' ordni ta' rkupru. L-irkupru ta' ammonti ta' prefinanzjament ukoll mhuwiex inkluż bħala dħul, f'konformità mar-regoli tal-kontabilità tal-UE.

L-ammont prinċipali, EUR 1 066 miljun, jirrigwarda l-ġestjoni kondiviża u huwa magħmul minn EUR 453 miljun li jikkonċernaw il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garazija (FAEG) u EUR 613 miljun għal Azzjonijiet Strutturali.

(a) *Agrikoltura: FAEG*

Fil-qafas tal-agrikoltura, l-ammonti kontabilizzati bħala dħul għas-sena taħt din l-intestatura huma EUR 453 miljun, li jikkonsistu f'dan li ġej:

— korrezzjonijiet tal-konformità deċiżi matul is-sena, EUR 347 miljun;

— frodi u irregolaritajiet EUR 106 miljun: rimborżi ddikjarati mill-Istati Membri u rkuprati matul is-sena, EUR 163 miljun, bit-tnaqqis tar-riduzzjoni fl-ammonti pendenti ddikjarati mill-Istati Membri li għandhom jiġu rkuprati fi tmiem is-sena li jirrigwardaw il-frodi u l-irregolaritajiet, EUR 57 miljun (EUR 627 miljun fi tmiem is-sena 2009 meta mqabbla ma' EUR 684 miljun fi tmiem is-sena 2008) imnaqqsa minn dawn - ara wkoll in-nota 2.10.2.

Fil-31 ta' Diċembru 2009, l-ammont tal-infiq tal-FAEG suġġett għal korrezzjonijiet futuri wara verifiki li ma kinux għadhom finalizzati huwa ta' EUR 2,8 biljun (ara n-nota **6.4.1.**).

(b) *Azzjonijiet Strutturali:*

L-irkupru tal-infiq taħt l-Azzjonijiet Strutturali inklużi taħt din l-intestatura ammonta għal EUR 613 miljun (2008: EUR 349 miljun). Din is-sottointestatura tinkludi ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni sabiex tirkupra ħlasijiet mhux dovuti magħmula fis-snin preċedenti, EUR 406 miljun, u l-varjazzjoni (żieda) tad-dħul dovut fi tmiem is-sena EUR 206 miljun.

L-ordnijiet ta' rkupru jinħarġu biss fil-każijiet li ġejjin:

— deċiżjonijiet ta' korrezzjoni finanzjarja formali magħmula mill-Kummissjoni wara li jiġi identifikat infiq irregolari fl-ammonti ddikjarati mill-Istati Membri

— aġġustamenti fl-għeluq ta' programm li jwasslu għal tnaqqis fil-kontribuzzjoni tal-UE fejn Stat Membru ma ddikjarax nefqa eliġibbli suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-ħlasijiet totali tal-prefinanzjament u dawk proviżorji li jkunu diġà saru; dawn l-operazzjonijet jistgħu jsiru mingħajr deċiżjoni formali tal-Kummissjoni jekk ikunu aċċettati mill-Istat Membru;

— il-ħlas lura ta' ammonti rkuprati wara l-għeluq wara l-konklużjoni ta' proċedimenti legali li kienu pendenti fiż-żmien tal-għeluq.

Ordnijiet ta' rkupru oħra maħruġa taħt l-Azzjonijiet Strutturali jirrigwardaw l-irkupru tal-prefinanzjament. Dawn l-ammonti mhumiex murija bħala dħul, iżda huma kkreditati għall-intestatura dwar il-prefinanzjament fuq il-karta tal-bilanċ.

Fil-31 ta' Diċembru 2009, EUR 1,1 biljun huwa stimat bħala l-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji potenzjali li huma fil-proċess li jiġu deċiżi – ara n-nota **6.4.2** għal iktar dettall.

### 3.2.4. *Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi*

Dan id-dħul jirriżulta l-aktar minn tnaqqis mill-pagi tal-persunal u huwa magħmul primarjament minn żewġ ammonti – kontribuzzjonijiet għall-pensjonijiet u taxxi fuq id-dħul.

### 3.2.5. *Dħul operattiv ieħor*

Ammont ta' EUR 376 miljun (2008: EUR 321 miljun) jirrigwarda l-ammonti riċevuti mill-pajjiżi tal-adeżjoni. Ir-raġuni ewlenija għaż-żieda fid-dħul operattiv varju meta mqabbel mas-sena li għaddiet hija ż-żieda fil-qligħ ta' kambju (ara hawn taħt). Dan ġie kemmxejn ikkumpensat bit-tnaqqis fl-ammonti antiki tal-prefinanzjament inklużi fil-karta tal-bilanċ għall-ewwel darba, li l-kontraparti tiegħu jidher f'din l-intestatura (EUR 5 miljun ikkumparat ma' EUR 241 miljun fl-2008).

Qligħ mill-kambju, minbarra fuq attivitajiet finanzjarji diskussi fin-nota **3.5** ta' hawn taħt, huwa wkoll inkluż taħt din l-intestatura. Dawn jirriżultaw mill-attivitajiet ta' kuljum u tranżazzjonijiet relatati li jsiru f'muniti oħra barra l-Euro, u kif ukoll ir-rivalutazzjoni tal-aħħar tas-sena meħtieġa sabiex jiġu ppreparati l-kontijiet. Huma jinkludu qligħ sew irrealizzat u kif ukoll mhux irrealizzat.

B'ħarsa lejn il-pożizzjoni netta, kien hemm żieda ta' kambju netta għas-sena ta' EUR 185 miljun (2008: telf nett ta' EUR 504 miljun). Dan jinqasam bejn l-ammonti realizzati u mhux realizzati u l-Kummissjoni kkontabilizzat kważi l-ammonti kollha:

**Qligħ Nett Mhux Realizzat tar-Rata ta' Kambju:**

Il-qligħ nett ta' EUR 132 miljun huwa r-riżultat tar-rivalutazzjoni ta' tmiem is-sena tal-bilanċi pendenti bil-muniti barranin. Ħafna mill-qligħ (EUR 87 miljun) huwa relatat mal-muniti tal-GBP u SEK, li t-tnejn li huma ġew apprezzati kontra l-EUR fl-2009.

Bilanċi sinifikati bil-muniti barranin, inkluż il-GBP u SEK, jitwettqu fi tmiem is-sena mill-Kummissjoni fuq il-kontijiet bankarji tar-riżorsi proprji. Skont ir-Regolament tal-Kunsill 1150/2000 dawn il-fondi jinżammu mill-Kummissjoni fuq il-kontijiet tar-riżorsi proprji, fejn jitħallsu mill-Istati Membri, u jintużaw safejn ikun meħtieġ biex jiġu koperti r-rekwiżiti tal-flus tal-Kummissjoni li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-baġit.

**Qligħ Nett Realizzat tar-Rata ta' Kambju:**

Il-parti l-kbira tal-qligħ nett realizzat tar-rata ta' kambju ta' EUR 53 miljun jirriżulta minn tranżazzjonijiet ta' kontabilità relatati mar-riżorsi proprji mħallsa bil-muniti nazzjonali li mhumiex l-EUR minn Stati Membri li mhumiex fiż-żona Ewropea. Dan jirriżulta mid-differenza bejn ir-rata ta' kambju ta' kontabilità li biha dawn l-ammonti jiġu kontabilizzati mill-Kummissjoni meta jiġu riċevuti, u r-rata ta' kambju tas-suq li biha jiġu mibdula f'EUR qabel ma jintużaw biex ikoprju l-ħlasijiet tal-Kummissjoni. Ir-rata ta' kambju tal-kontabilità għal kwalunkwe xahar partikolari hija fissa, fuq il-bażi ta' rata ta' kambju tas-suq tal-ġurnata ta' qabel tal-aħħar tax-xahar preċedenti. Ir-riżorsi proprji huma kontabilizzati b'dawn ir-rati ta' kambju meta jiġu riċevuti u mbagħad jiġu mibdula f'EUR b'rati ta' kambju fis-suq iktar tard.

Matul l-2009 diversi muniti Ewropej, inkluż b'mod partikolari l-GBP u r-RON ġew apprezzati b'mod sinifikanti fil-valur. Bħala riżultat ta' dan ir-rati ta' kambju tas-suq f'ċerti perjodi għat-tibdil tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni f'dawn il-muniti kienu regolarmet ogħla mir-rati ta' kontabilità li bihom ġew kontabilizzati meta ġew riċevuti. Il-parti li jifdal tad-differenza hija relatata ma' tranżazzjonijiet ta' kontabilità oħra inkluż ħlasijiet imwettqa mill-Kummissjoni f'muniti oħra li mhumiex EUR.

Il-bidla fid-differenzi ġenerali tar-rata ta' kambju bejn l-2008 u l-2009 minn telf nett għal qligħ nett hija riżultat tal-bidla sinifikanti fir-rati tal-muniti matul dawk is-sentejn. Matul l-2008 diversi muniti Ewropej ġew deprezzati b'mod sinifikanti versu l-EUR, filwaqt li fl-2009 din ix-xejra ġiet parzjalment mreġġa' lura.

## 3.3. SPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI

*EUR miljuni*

| | 2009 | 2008 |
|---|---|---|
| Spejjeż tal-persunal | 4 898 | 4 563 |
| Deprezzament u indebboliment | 436 | 330 |
| Spejjeż amministrattivi oħra | 2 799 | 2 827 |
| **Total** | **8 133** | **7 720** |

Dawn huma spejjeż amministrattivi li ntefqu bħala parti mill-attivitajiet tal-UE u jinkludu spejjeż tal-persunal, deprezzament u spejjeż oħra relatati mal-amministrazzjoni tal-istituzzjonijiet u aġenziji (bħall-ispejjeż tal-kiri, l-ispejjeż tal-manutenzjoni, provvisti, spejjeż ta' taħriġ, eċċ).

## 3.4. SPEJJEŻ OPERATTIVI

*EUR miljuni*

| | Nota | 2009 | 2008 |
|---|---|---|---|
| **Spejjeż operattivi primarji:** | *3.4.1* | | |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | | 8 744 | 7 998 |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | | 3 605 | 3 077 |
| Ġestjoni deċentralizzata | | 137 | 1 278 |
| Ġestjoni kondiviża | | 89 681 | 81 839 |
| Ġestjoni konġunta | | 1 655 | 1 188 |
| **Total** | | **103 822** | **95 380** |
| **Spejjeż operattivi oħra:** | *3.4.2* | | |
| Aġġustamenti/provvedimenti | | 199 | 278 |
| Telf mill-kambju | | 432 | 773 |
| Oħrajn | | 481 | 783 |
| **Total** | | **1 112** | **1 834** |
| **Total** | | **104 934** | **97 214** |

### 3.4.1. *Spejjeż operattivi primarji*

In-nefqa operazzjonali tal-Unjoni Ewropea tkopri l-intestaturi differenti tal-perspettiva finanzjarja u tieħu forom differenti, li jiddependu fuq kif jitħallsu u kif jiġu ġestiti l-flus. Il-biċċa l-kbira tal-infiq, 86 %, jaqgħu taħt l-intestatura "Ġestjoni Kondiviża" li tinvolvi d-delegazzjoni ta' dmirijiet lill-Istati Membri, u dan ikopri oqsma bħall-infiq tal-FAEG u azzjonijiet iffinanzjati permezz tal-Azzjonijiet Strutturali differenti (il-fond tal-iżvilupp reġjonali, il-fond soċjali, il-fond agrikolu għall-iżvilupp rurali, il-fond ta' koeżjoni u l-fond tas-sajd).

Iż-żieda fl-2009 hija dovuta prinċipalment għall-Azzjonijiet Struttural għall-perjodu ta' programmar 2007-2013. Wara bidu bil-mod fis-snin preċedenti, dawn il-programmi laħqu livell normali fl-2009, filwaqt li qed isir stralċ tal-azzjonijiet għall-2000-2006.

### 3.4.2. *Spejjeż operattivi oħrajn*

Telf mill-kambju, minbarra fuq attivitajiet finanzjarji li titkellem dwarhom in-nota 3.6 ta' hawn taħt, iseħħ fl-attivitajiet ta' kuljum u tranżazzjonijiet relatati li jsiru f'muniti li mhumiex l-Euro, u kif ukoll fir-rivalutazzjoni tal-aħħar tas-sena meħtieġa sabiex jiġu ppreparati l-kontijiet - dan it-telf huwa kemm realizzat kif ukoll mhux realizzat.

## 3.5. **DĦUL FINANZJARJU**

*EUR miljuni*

| | 2009 | 2008 |
|---|---|---|
| **Dħul mid-dividendi** (minn Fondi ta' Kapital tar-Riskju) | **14** | **22** |
| **Dħul mill-imgħax:** | | |
| Fuq prefinanzjament | 59 | 50 |
| Fuq ħlasijiet tard | 132 | 26 |
| Fuq swaps | 2 | 13 |
| Fuq assi disponibbli għall-bejgħ | 100 | 102 |
| Fuq self | 265 | 105 |
| Fuq flus u ekwivalenti | 158 | 349 |
| Oħrajn | 3 | 3 |
| **Total** | **719** | **648** |
| **Dħul ieħor finanzjarju:** | | |
| Qligħ realizzat fuq bejgħ ta' assi finanzjarji | 10 | 4 |
| Oħrajn | 76 | 11 |
| **Total** | **86** | **15** |
| **Aġġustamenti fil-valur preżenti** | **10** | **3** |
| **Qligħ mill-kambju** | **6** | **10** |
| **Total** | **835** | **698** |

## 3.6. **SPEJJEŻ FINANZJARJI**

*EUR miljuni*

| | 2009 | 2008 |
|---|---|---|
| **Spejjeż tal-imgħax:** | | |
| Kiri | 95 | 91 |
| Fuq swaps | 2 | 10 |
| Fuq fondi missellfa | 248 | 90 |

*EUR miljuni*

| | 2009 | 2008 |
|---|---|---|
| Oħrajn | 20 | 9 |
| **Total** | **365** | **200** |
| **Spejjeż finanzjarji oħra:** | | |
| Aġġustamenti għad-dispożizzjonijiet finanzjarji | 39 | 12 |
| Spejjeż finanzjarji fuq strumenti baġitarji | 73 | 50 |
| Telf realizzat fuq bejgħ ta' assi finanzjarji | 0 | 8 |
| Telf minħabba indeboliment ta' assi finanzjarji | 15 | 11 |
| Oħrajn | 57 | 56 |
| **Total** | **184** | **137** |
| **Aġġustamenti fil-valur preżenti** | **0** | **118** |
| **Telf mill-kambju** | **45** | **12** |
| **Total** | **594** | **467** |

### 3.7. SEHEM MILL-BILANĊ POŻITTIV/(NEGATTIV) NETT TAL-ASSOĊJATI U L-IMPRIŻI KONĠUNTI

F'konformità mal-metodu tal-kontabilità tal-ekwità, l-UE tinkludi fil-kont tar-riżultat ekonomiku tagħha s-sehem tagħha mill-qligħ nett tal-assoċjati u l-impriżi konġunti tagħha (ara wkoll in-noti **2.3.1 u 2.3.2**).

### 3.8. RAPPORTAR SKONT IS-SEGMENTI

Dan ir-rapport skont is-segmenti jaqsam id-dħul u l-ispejjeż operattivi skont il-qasam ta' politika, fuq il-bażi tal-istruttura ta' Baġit Ibbażat fuq l-Attivitajiet, fi ħdan il-Kummissjoni. Dawn l-oqsma tal-politika jinġabru għall-finijiet ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni finanzjarja taħt tliet intestaturi akbar - Attivitajiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea, Attivitajiet barra l-Unjoni Ewropea, u Servizzi u oħrajn.

"Attivitajiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea" hija l-akbar fost dawn l-intestaturi peress li tiġbor taħtha l-ħafna oqsma ta' politika fi ħdan l-Unjoni Ewropea. "Attivitajiet barra l-Unjoni Ewropea" tikkonċerna l-politiki li jiġu operati barra l-UE, bħall-kummerċ u l-għajnuna. "Servizzi u oħrajn" huma l-attivitajiet interni u orizzontali meħtieġa biex l-Istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-UE jiffunzjonaw.

L-aġenziji kkonsolidati huma integrati fl-oqsma ta' politika differenti. Istituzzjonijiet oħra, għajr il-Kummissjoni, huma miġbura f'qasam politiku speċifiku. Id-diversi oqsma ta' politika jirrappreżentaw ċifri grossi qabel it-tnaqqis tal-konsolidazzjoni u t-tnaqqis tal-konsolidazzjoni jsir b'mod globali f'kolonna waħda.

Ta' min jinnota li r-riżorsi proprji u l-kontribuzzjonijiet mhumiex maqsuma bejn l-attivitajiet varji billi dawn huma kkalkulati, miġbura u ġestiti minn servizzi ċentrali tal-Kummissjoni. Dawn qed jintwerew hawnhekk sabiex jippermettu li jsir tqabbil tar-riżultat nett mal-kont tar-riżultat ekonomiku.

## RAPPORTAR SKONT IS-SEGMENTI – FIL-QOSOR

*EUR miljuni*

| | Attivitajiet fi ħdan l-UE | Attivitajiet barra l-UE | Servizzi u Ohrajn | KEFA f'Likwidazzjoni | Istituzzjonijiet oħra | Eliminazzjonijiet ta' konsolidazzjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dħul operattiv ieħor: | | | | | | | |
| Multi | 2 648 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 648 |
| Imposti agrikoli | 705 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 705 |
| Irkupru ta' spejjeż | 1 110 | 64 | 2 | 0 | 0 | 0 | 1 176 |
| Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi | 79 | 37 | 840 | 0 | 377 | (125) | 1 208 |
| Dħul operattiv ieħor | 1 930 | 81 | 707 | 2 | 1 | (926) | 1 795 |
| DĦUL OPERATTIV TOTALI | **6 472** | **182** | **1 549** | **2** | **378** | **(1 051)** | **7 532** |
| Spejjeż amministrattivi: | | | | | | | |
| Spejjeż tal-persunal | (1 732) | (737) | (1 151) | 0 | (1 287) | 9 | (4 898) |
| Assi intanġibbli u spejjeż relatati mal-PPE | (70) | (18) | (118) | 0 | (230) | 0 | (436) |
| Spejjeż amministrattivi oħra | (658) | (311) | (853) | 0 | (1 225) | 248 | (2 799) |
| | **(2 460)** | **(1 066)** | **(2 122)** | **0** | **(2 742)** | **257** | **(8 133)** |
| Spejjeż operattivi: | | | | | | | |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | (6 279) | (2 843) | (278) | 0 | 0 | 656 | (8 744) |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | (2 971) | (616) | (4) | 0 | 0 | (14) | (3 605) |
| Ġestjoni deċentralizzata | (32) | (105) | 0 | 0 | 0 | 0 | (137) |
| Ġestjoni kondiviża | (89 546) | (9) | (126) | 0 | 0 | 0 | (89 681) |
| Ġestjoni konġunta | (368) | (1 287) | 0 | 0 | 0 | 0 | (1 655) |
| Spejjeż operattivi oħrajn | (726) | (9) | (468) | (61) | 0 | 152 | (1 112) |
| | **(99 922)** | **(4 869)** | **(876)** | **(61)** | **0** | **794** | **(104 934)** |
| SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI | **(102 382)** | **(5 935)** | **(2 998)** | **(61)** | **(2 742)** | **1 051** | **(113 067)** |
| **SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI** | **(95 910)** | **(5 753)** | **(1 449)** | **(59)** | **(2 364)** | **0** | **(105 535)** |
| Dħul minn riżorsi proprji u kontribuzzjonijiet | | | | | | | **110 537** |
| **Bilanċ pożittiv minn attivitajiet operattivi** | | | | | | | **5 002** |
| Dħul finanzjarju nett | | | | | | | 241 |
| Moviment fl-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati | | | | | | | (683) |
| Sehem tal-assoċjati/riżultati ta' intrapriżi konġunti | | | | | | | (103) |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena** | | | | | | | **4 457** |

**RAPPORTAR SKONT IS-SEGMENTI – ATTIVITAJIET FI ĦDAN L-UE**

*EUR miljuni*

| | Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji | Impriża u Industrija | Kompetizzjoni | Impjiegi | Agrikoltura | Trasport u Enerġija | Ambjent | Riċerka | Is-Soċjetà tal-Informazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul operattiv ieħor:** | | | | | | | | | |
| Multi | 0 | 8 | 2 626 | 0 | 0 | 2 | 10 | 0 | 0 |
| Imposti agrikoli | 0 | 0 | 0 | 0 | 705 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Irkupru ta' spejjeż | 3 | 5 | 0 | 60 | 492 | 3 | 1 | 6 | 12 |
| Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi | 0 | 9 | 0 | 0 | 0 | 17 | 0 | 1 | 4 |
| Dħul operattiv ieħor | 7 | 261 | 0 | 33 | 84 | 203 | 35 | 513 | 5 |
| DĦUL OPERATTIV IEĦOR | **10** | **283** | **2 626** | **93** | **1 281** | **225** | **46** | **520** | **21** |
| **Spejjeż amministrattivi:** | **(53)** | **(243)** | **(74)** | **(102)** | **(108)** | **(265)** | **(100)** | **(292)** | **(127)** |
| Spejjeż tal-persunal | (46) | (161) | (68) | (75) | (88) | (178) | (74) | (197) | (96) |
| Assi intanġibbli u spejjeż relatati mal-PPE | 0 | (15) | 0 | (1) | 0 | (9) | (1) | (2) | 0 |
| Infiq amministrattiv ieħor | (7) | (67) | (6) | (26) | (20) | (78) | (25) | (93) | (31) |
| **Spejjeż operattivi:** | **(35)** | **(358)** | **(16)** | **(8 153)** | **(55 539)** | **(1 726)** | **(192)** | **(3 646)** | **(1 220)** |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | (35) | (159) | 0 | (182) | (43) | (607) | (173) | (2 647) | (1 108) |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | 0 | (39) | 0 | 0 | 0 | (667) | (4) | (922) | (103) |
| Ġestjoni deċentralizzata | 0 | 0 | 0 | (3) | (8) | (11) | 0 | 0 | 0 |
| Ġestjoni kondiviża | 0 | 0 | 0 | (7 952) | (55 427) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ġestjoni konġunta | 0 | (68) | 0 | 0 | 0 | (285) | 0 | 0 | 0 |
| Spejjeż operattivi oħra | 0 | (92) | (16) | (16) | (61) | (156) | (15) | (77) | (9) |
| SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI | **(88)** | **(601)** | **(90)** | **(8 255)** | **(55 647)** | **(1 991)** | **(292)** | **(3 938)** | **(1 347)** |
| **SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI** | **(78)** | **(318)** | **2 536** | **(8 162)** | **(54 366)** | **(1 766)** | **(246)** | **(3 418)** | **(1 326)** |

| | Ċentru Konġunt tar-Riċerka | Sajd | Is-Suq Intern | Politika Reġjonali | Tassazzjoni u Dwana | Edukazzjoni u Kultura | Saħħa u Protezzjoni tal-Konsumatur | Ġustizzja, Libertà u Sigurtà | Total tal-Attivitajiet fi ħdan l-UE |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul operattiv ieħor:** | | | | | | | | | |
| Multi | 0 | 0 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 648 |
| Imposti agrikoli | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 705 |
| Irkupru ta' spejjeż | 0 | 23 | 0 | 497 | 0 | 4 | 1 | 3 | 1 110 |
| Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi | 45 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 | 79 |
| Dħul operattiv ieħor | 159 | 8 | 190 | (1) | 1 | 156 | 136 | 140 | 1 930 |

| | Ċentru Konġunt tar-Riċerka | Sajd | Is-Suq Intern | Politika Reġjonali | Tassazzjoni u Dwana | Edukazzjoni u Kultura | Saħħa u Protezzjoni tal-Konsumatur | Ġustizzja, Libertà u Sigurtà | Total tal-Attivitajiet fi ħdan l-UE |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĦUL OPERATTIV IEĦOR | **204** | **31** | **192** | **496** | **1** | **161** | **138** | **144** | **6 472** |
| **Spejjeż amministrattivi:** | **(308)** | **(39)** | **(161)** | **(69)** | **(49)** | **(177)** | **(177)** | **(116)** | **(2 460)** |
| Spejjeż tal-persunal | (226) | (32) | (105) | (55) | (40) | (88) | (120) | (83) | (1 732) |
| Assi intanġibbli u spejjeż realatati mal-PPE | (28) | 0 | (4) | 0 | (2) | (1) | (4) | (3) | (70) |
| Spejjeż amministrattivi oħra | (54) | (7) | (52) | (14) | (7) | (88) | (53) | (30) | (658) |
| **Spejjeż operattivi:** | **(143)** | **(544)** | **(36)** | **(25 789)** | **(65)** | **(1 341)** | **(495)** | **(624)** | **(99 922)** |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | (29) | (282) | (7) | (37) | (65) | (157) | (395) | (353) | (6 279) |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | 0 | 0 | 0 | (17) | 0 | (1 179) | (40) | 0 | (2 971) |
| Ġestjoni deċentralizzata | 0 | 0 | 0 | (10) | 0 | 0 | 0 | 0 | (32) |
| Ġestjoni kondiviża | 0 | (260) | 0 | (25 710) | 0 | 0 | 0 | (197) | (89 546) |
| Ġestjoni konġunta | 0 | 0 | 0 | (15) | 0 | 0 | 0 | 0 | (368) |
| Spejjeż operattivi oħra | (114) | (2) | (29) | 0 | 0 | (5) | (60) | (74) | (726) |
| SPEJJEŻ OEPRATTIVI TOTALI | **(451)** | **(583)** | **(197)** | **(25 858)** | **(114)** | **(1 518)** | **(672)** | **(740)** | **(102 382)** |
| **SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI** | **(247)** | **(552)** | **(5)** | **(25 362)** | **(113)** | **(1 357)** | **(534)** | **(596)** | **(95 910)** |

**RAPPORTAR SKONT IS-SEGMENTI – ATTIVITAJIET BARRA L-UE**

*EUR miljuni*

| | Relazzjonijiet Esterni | Kummerċ | Żvilupp | Tkabbir | Għajnuna Umanitarja | Attivitajiet Totali barra l-UE |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul operattiv ieħor:** | | | | | | |
| Irkupru ta' spejjeż | 14 | 0 | 9 | 39 | 2 | 64 |
| Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi | 37 | 0 | 0 | 0 | 0 | 37 |
| Dħul operattiv ieħor | 81 | 0 | (1) | 1 | 0 | 81 |
| DĦUL OPERATTIV IEĦOR | **132** | **0** | **8** | **40** | **2** | **182** |
| **Spejjeż amministrattivi:** | **(799)** | **(50)** | **(146)** | **(45)** | **(26)** | **(1 066)** |
| Spejjeż tal-persunal | (511) | (45) | (129) | (36) | (16) | (737) |
| Assi intanġibbli u spejjeż relatati mal-PPE | (18) | 0 | 0 | 0 | 0 | (18) |
| Spejjeż amministrattivi oħra | (270) | (5) | (17) | (9) | (10) | (311) |
| **Spejjeż operattivi:** | **(2 924)** | **(12)** | **(939)** | **(142)** | **(852)** | **(4 869)** |

*EUR miljuni*

| | Relazzjonijiet Esterni | Kummerċ | Żvilupp | Tkabbir | Għajnuna Umanitarja | Attivitajiet Totali barra l-UE |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | (1 514) | (6) | (610) | (296) | (417) | (2 843) |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | (563) | 0 | (1) | (52) | 0 | (616) |
| Ġestjoni deċentralizzata | (185) | 0 | (122) | 202 | 0 | (105) |
| Ġestjoni kondiviża | (26) | 0 | 17 | 0 | 0 | (9) |
| Ġestjoni konġunta | (634) | (6) | (218) | 6 | (435) | (1 287) |
| Spejjeż operattivi oħra | (2) | 0 | (5) | (2) | 0 | (9) |
| SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI | **(3 723)** | **(62)** | **(1 085)** | **(187)** | **(878)** | **(5 935)** |
| **SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI** | **(3 591)** | **(62)** | **(1 077)** | **(147)** | **(876)** | **(5 753)** |

**RAPPORTAR SKONT IS-SEGMENTI – SERVIZZI U OĦRAJN**

*EUR miljuni*

| | Stampa u Komunikazzjoni | Uffiċċju ta' kontra l-Frodi | Koordinazzjoni | Persunal u Amministrazzjoni | Eurostat | Baġit | Awditjar | Lingwi | Oħrajn | Servizzi Totali u Oħrajn |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul operattiv ieħor:** | | | | | | | | | | |
| Irkupru ta' spejjeż | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi | 0 | 6 | 0 | 692 | 0 | 50 | 0 | 92 | 0 | 840 |
| Dħul operattiv ieħor | (2) | 0 | 6 | 54 | (1) | (2) | 0 | 47 | 605 | 707 |
| DĦUL OPERATTIV IEĦOR | **(1)** | **6** | **6** | **747** | **(1)** | **48** | **0** | **139** | **605** | **1 549** |
| **Spejjeż amministrattivi:** | **(96)** | **(49)** | **(148)** | **(1 360)** | **(65)** | **(51)** | **(8)** | **(380)** | **35** | **(2 122)** |
| Spejjeż tal-persunal | (61) | (36) | (129) | (564) | (60) | (38) | (8) | (290) | 35 | (1 151) |
| Assi intanġibbli u spejjeż relatati mal-PPE | (2) | 0 | 0 | (116) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | (118) |
| Spejjeż amministrattivi oħra | (33) | (13) | (19) | (680) | (5) | (13) | 0 | (90) | 0 | (853) |
| **Spejjeż operattivi:** | **(98)** | **(13)** | **0** | **(36)** | **(30)** | **(261)** | **0** | **(14)** | **(424)** | **(876)** |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | (94) | (13) | 0 | (32) | (29) | (109) | 0 | (1) | 0 | (278) |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | (4) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | (4) |
| Ġestjoni kondiviża | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | (126) | 0 | 0 | 0 | (126) |
| Spejjeż operattivi oħra | 0 | 0 | 0 | (4) | (1) | (26) | 0 | (13) | (424) | (468) |
| SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI | **(194)** | **(62)** | **(148)** | **(1 396)** | **(95)** | **(312)** | **(8)** | **(394)** | **(389)** | **(2 998)** |
| **SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI** | **(195)** | **(56)** | **(142)** | **(649)** | **(96)** | **(264)** | **(8)** | **(255)** | **216** | **(1 449)** |

4. NOTI MAT-TABELLA TAL-FLUSSI TAL-FLUS

4.1. **GĦAN U PREPARAZZJONI TAT-TABELLA TAL-FLUSSI TAL-FLUS**

L-informazzjoni dwar il-flussi tal-flus tintuża sabiex tipprovdi bażi għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-UE sabiex tiġġenera flus u ekwivalenti, u l-bżonnijiet tagħha li tuża dawk il-flussi ta' flus.

It-tabella tal-flussi tal-flus tiġi ppreparata permezz tal-metodu indirett. Dan ifisser illi l-bilanċ pożittiv jew negattiv nett għas-sena finanzjarja jiġi aġġustat skont l-effetti ta' tranżazzjonijiet ta' natura mhux ta' flus, kull differiment jew akkumulazzjoni ta' dħul jew ħlasijiet operattivi ta' flus kemm passati kif ukoll futuri, u partiti ta' dħul jew infiq assoċjati mal-flussi tal-flus tal-investimenti. Flussi tal-flus li jiġu minn tranżazzjonijiet f'munita barranija huma rreġistrati fil-munita tar-rapportar tal-UE (l-Euro), billi tiġi applikata għall-ammont tal-munita barranija r-rata tal-kambju bejn l-euro u l-munita barranija fid-data tal-fluss tal-flus.

It-tabella tal-flussi tal-flus murija aktar 'il fuq tirrapporta flussi ta' flus matul il-perjodu kklassifikati f'attivitajiet operattivi u dawk ta' investiment (l-UE mgħandhiex attivitajiet ta' finanzjament).

4.2. **ATTIVITAJIET OPERATTIVI**

Attivitajiet operattivi huma l-attivitajiet tal-UE li mhumiex attivitajiet ta' investiment. Dawn huma l-maġġoranza tal-attivitajiet li jsiru. Self mogħti lill-benefiċjarji (u s-self meħud relat meta applikabbli) mhumiex ikkunsidrati bħala attivitajiet ta' investiment (jew finanzjament) peress illi huma parti mill-objettivi ġenerali u għalhekk huma operazzjonijiet ta' kuljum tal-UE. Attivitajiet operattivi jinkludu wkoll investimenti bħall-FEI, l-EBRD u l-fondi tal-kapital tar-riskju. Tabilħaqq, l-għan ta' dawn l-attivitajiet huwa li jikkontribwixxu għall-kisba tar-riżultati li jikkostitwixxu l-mira tal-politika.

4.3. **ATTIVITAJIET TA' INVESTIMENT**

Attivitajiet ta' investiment huma l-akkwist u ċ-ċessjoni ta' assi intanġibbli u proprjetà , impjanti u tagħmir u ta' investimenti oħra li mhumiex inklużi fl-ekwivalenti ta' flus. Attivitajiet ta' investiment ma jinkludux self mogħti lil benefiċjarji. L-għan huwa li jintwerew l-investimenti reali li jsiru mill-UE.

Għandu jiġi osservat li EUR 8 910 miljun ta' flus u ekwivalenti miżmuma mill-Kummissjoni mhumiex disponibbli għall-użu mill-UE. Dawn huma l-flus li jiġu riċevuti bħala ħlas ta' multi imposti, fejn il-parti l-oħra qiegħda tappella mill-impożizzjoni tal-multa. Dawn l-ammonti huma ddivulgati b'mod ċar bħala "flus marbuta" taħt in-nota **2.11** ta' hawn fuq.

5. ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI U DIVULGAZZJONIJIET OĦRA

**ASSI KONTINĠENTI**

*EUR miljuni*

| | Nota | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|---|
| Garanziji riċevuti | **5.1** | 279 | 260 |
| Assi kontinġenti li għandhom x'jaqsmu ma' każijiet ta' frodi u irregolaritajiet | **5.2** | 1 944 | 2 010 |
| Korrezzjonijiet finanzjarji li jinsabu għaddejjin (filwaqt li jistennew id-deċiżjoni finali) | **5.3** | 0 | 4 390 |
| Assi kontinġenti oħra | **5.4** | 18 | 43 |
| **Assi Kontinġenti Totali** | | **2 241** | **6 703** |

## OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI

*EUR miljuni*

| Obbligazzjonijiet Kontinġenti | Nota | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|---|
| Garanziji mogħtija | **5.5** | 19 330 | 17 510 |
| Multi – appelli fil-Qorti tal-Ġustizzja | **5.6** | 11 969 | 10 198 |
| FAEG – sentenzi pendenti tal-qorti | **5.7** | 1 945 | 1 609 |
| Ammonti relatati ma' każijiet legali u tilwim ieħor | **5.8** | 416 | 281 |
| Obbligazzjonijiet kontinġenti oħra | **5.9** | 12 | 18 |
| **Obbligazzjonijiet Kontinġenti Totali** | | **33 672** | **29 616** |

L-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha jiġu ffinanzjati, meta jkunu dovuti, mill-baġit tal-UE fis-snin li ġejjin. Il-baġit tal-UE huwa ffinanzjat mill-Istati Membri.

*ASSI KONTINĠENTI*

### 5.1. GARANZIJI RIĊEVUTI

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Garanziji għall-implimentazzjoni | 252 | 239 |
| Oħrajn | 27 | 21 |
| **Total** | **279** | **260** |

Garanziji tal-implimentazzjoni xi drabi jintalbu sabiex jiżguraw li benefiċjarji tal-fondi tal-UE jwettqu l-obbligazzjonijiet tal-kuntratti tagħhom mal-UE.

### 5.2. FRODI U IRREGOLARITAJIET

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-ammont potenzjali tal-irkupri li jistgħu jsiru mill-Istati Membri wara li jinstabu pretensjonijiet irregolari fuq fondi strutturali. Hija bbażata fuq rapporti formali sottomessi mill-Istati Membri skont ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1681/94, bl-ammonti mqassma skont l-Istati Membri.

## Assi kontinġenti: każijiet ta' frodi u irregolaritajiet

*EUR miljuni*

| Stat Membru | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| L-Awstrija | 8 | 13 |
| Il-Belġju | 2 | 16 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 13 | 13 |
| Id-Danimarka | 2 | 10 |
| L-Estonja | 3 | 2 |
| Il-Finlandjaja | 2 | 3 |
| Franza | 15 | 12 |
| Il-Ġermanja | 468 | 581 |
| Il-Greċja | 25 | 62 |
| L-Ungerija | 6 | 5 |

*EUR miljuni*

| Stat Membru | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| L-Irlanda | 1 | 1 |
| L-Italja | 436 | 441 |
| Il-Latvja | 5 | 4 |
| Il-Litwanja | 5 | 2 |
| Malta | 1 | 1 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 15 | 14 |
| Il-Polonja | 18 | 13 |
| Il-Porugall | 82 | 114 |
| Is-Slovakkja | 39 | 9 |
| Is-Slovenja | 7 | 1 |
| Spanja | 277 | 279 |
| L-Isvezja | 2 | 2 |
| Ir-Renju Unit | 347 | 257 |
| **Total** | 1 779 | 1 855 |

Il-figuri mogħtija f'din it-tabella jirrappreżentaw massimu teoretiku minflok l-ammonti li fil-fatt ser ikunu disponibbli għall-baġit tal-UE, għar-raġunijiet li ġejjin:

— L-Istati Membri mhux dejjem jirrappurtaw ir-riżultati tal-operazzjonijiet ta' rkupru tagħhom.

— Minkejja li l-Istati Membri huma marbuta li jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-probabbiltà tal-irkupru, huwa impossibbli li jiġi stabbilit eżatt liema proporzjon tal-ammonti li għadhom iridu jiġu rkupruati fil-fatt se jiġu rkuprati. Il-liġijiet nazzjonali minn xi drabi jipprovdu għal perjodu ta' limitazzjoni ta' 30 sena, li jista' jwassal lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex idewmu t-tħassir formali tad-dejn mill-kontijiet ukoll jekk il-possibbiltajiet ta' rkupru jkunu biss teoretiċi. Għal operazzjonijiet strutturali, l-Istati Membri issa jridu jibgħatu lill-Kummissjoni ta' darba f'sena prospett tal-ammonti li tagħhom qegħdin jistennew irkupru (Artikolu 8 tar-Regolament Nru 438/2001) sabiex jagħtu stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni reali.

— Anki jekk l-Istat Membru kkonċernat iniedi proċeduri ta' rkupru fil-ħin, mhux dejjem huwa garantit riżultat pożittiv. Dan huwa partikolarment il-każ fejn l-ordnijiet ta' rkupru jiġu kkontestati fil-qrati.

— Proġetti individwali huma kofinanzjati bħala parti minn programmi multiannwali. Sakemm programm multiannwali ma jiġix magħluq, huwa impossibbli li titqiegħed figura eżatta fuq l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għaliex il-finanzjament użat għal infiq irregolari jista', f'xi ċirkustanzi, jiġi riallokat għal proġetti oħrajn leġittimi u għaliex pagamenti sussegwenti, b'mod partikolari pagamenti finali, jistgħu minn xi drabi jiġu użati bħala mezz ta' aġġustament għal infiq irregolari preċedenti. Il-figuri f'dawn it-tabelli huma figuri proviżorji bbażati fuq ir-rapporti rċevuti u pproċessati sal-aħħar ta' Frar 2010. Dawn il-figuri jistgħu jinbidlu skont rapporti oħra li jidħlu tard.

Il-prospetti ta' rkupru f'każijiet individwali ma jistgħux jiġu vvalutati bi preċiżjoni biżżejjed mill-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri. Il-movimenti prinċipali sa mill-2008 jirrigwardaw żidiet li jikkonċernaw il-pajjiżi "UE10". L-implimentazzjoni tal-Politika tal-Koeżjoni bdiet totalment fl-2004 u minn dakinhar, minħabba ż-żieda fl-implimentazzjoni użieda fil-kontrolli fuq l-operazzjonijiet kofinanzjati, l-ammont rapportat ta' irregolaritajiet għadu jżid. Varjazzjoni prinċipali oħra relatata mal-2008 tikkonċerna r-Renju Unit li ilu jirrapporta żieda fi-numru ta' irregolaritajiet wara verifiki estensivi mwettqa fuq l-operazzjonijiet finanzjarji.

Huma inklużi wkoll taħt din l-intestatura EUR 165 miljun relatat mal-FAEG (2008: EUR 153 miljun). L-Istati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni l-ammonti li ġew irreġistrati fir-"reġistru tad-debituri" tagħhom, u wkoll ammonti li kienu għadhom fl-istadju preliminari tal-iċċekkjar. Huma dawn l-ammonti preliminari li huma ddivulgati taħt din l-intestatura.

## 5.3. KORREZZJONIJIET FINANZJARJI LI JINSABU GĦADDEJJIN, FILWAQT LI JISTENNEW DEĊIŻJONI FINALI

Din l-informazzjoni, li tirrigwarda l-irkupru tan-nefqa tal-UE, hija issa żvelata, flimkien ma' informazzjoni relatata, fin-nota 6 ta' dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

## 5.4. ASSI KONTINĠENTI OĦRA

Din l-intestatura tinkludi ammonti kontinġenti iżgħar li mhumiex klassifikabbli taħt l-intestaturi ta' hawn fuq.

*OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI*

## 5.5. GARANZIJI MOGĦTIJA

### 5.5.1. *Fuq self mogħti mill-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) mir-riżorsi tiegħu stess*

*EUR miljuni*

| | Qsim tar-Riskju 31.12.2009 | Mingħajr Qsim tar-Riskju 31.12.2009 | | Pendenti 31.12.2009 Total | Pendenti 31.12.2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Awtorità pubblika | Kumpannija privata | | |
| 65 % garantit | 3 127 | 9 126 | 2 692 | **14 945** | 12 429 |
| 70 % garantit | 109 | 1 981 | 506 | **2 596** | 2 908 |
| 75 % garantit | 0 | 617 | 233 | **850** | 1 049 |
| 100 % garantit | 0 | 625 | 196 | **821** | 1 008 |
| **Total** | **3 236** | **12 349** | **3 627** | **19 212** | **17 394** |

Il-Baġit tal-UE jiggarantixxi self iffirmat u mogħti mill-BEI mir-riżorsi tiegħu stess lil pajjiżi terzi fil-31 ta' Diċembru 2009 (inkluż self mogħti lil Stati Membri qabel l-adeżjoni tagħhom). Madanakollu, il-garanzija tal-UE hija limitata għal perċentwal tal-massimu tal-linji ta' kreditu awtorizzati: 65 %, 70 %, 75 % jew 100 %. Fejn il-massimu ma jintlaħaqx, il-garanzija tal-UE tkopri l-ammont kollu. Fil-31 ta' Diċembru 2009, l-ammont pendenti kien jammonta għal EUR 19 212 miljun u dan, għalhekk, huwa l-esponiment massimu li għandha l-UE.

Għal self kopert mill-garanzija tal-baġit tal-UE, il-BEI jikseb ukoll garanziji minn partijiet terzi (Stati, istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi jew privati); f'dawn il-każijiet il-Kummissjoni hija garanti sekondarja. Il-garanzija tal-baġit tal-UE tkopri biss ir-riskju politiku tal-garanziji pprovduti taħt it-titolu ta' "qsim tar-riskji". Ir-riskji l-oħra huma koperti mill-BEI jekk il-garanti primarju ma jonorax l-impenji mogħtija. Għall-garanziji pprovduti taħt it-titolu ta' "mingħajr qsim tar-riskju", ir-riskji kollha huma koperti mill-baġit tal-UE jekk il-garanti primarju ma jonorax l-impenji mogħtija. Jekk il-garanti primarju huwa awtorità pubblika dawn ir-riskji huma bħala regola limitati għar-riskju politiku, iżda meta l-garanziji huma pprovduti minn istituzzjoni jew kumpannija privata, il-baġit tal-UE jista' jkollu jkopri wkoll ir-riskju kummerċjali.

### 5.5.2. *Garanziji oħra mogħtija*

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Faċilità Finanzjarja għall-Qsim tar-Riskju (RSFF) | 94 | 48 |
| MEDA: Garanziji tal-Marokk | 17 | 66 |

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Strument ta' Garanzija tas-Self għal Proġetti Ten-T (LGTT) | 6 | 1 |
| Oħrajn | 1 | 1 |
| **Total** | **118** | **116** |

Taħt il-Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju (RSFF), il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni tintuża bħala provvediment għar-riskju finanzjarju fuq self u garanziji mogħtija mill-BEI għal proġetti ta' riċerka eliġibbli. B'kollox, huwa previst baġit tal-Kummissjoni li jammonta sa EUR 1 biljun għall-perjodu 2007-2013 li minnhom sa EUR 800 miljun huma mill-programm speċifiku "Koperazzjoni" u sa EUR 200 miljun huma mill-programmi speċifiċi "Kapaċitajiet". Il-BEI impenja ruħu li jipprovdi l-istess ammont. Ammont ta' EUR 94 miljun ġie bblukkat mill-Kummissjoni bħala "Allokazzjoni Kapitali". Din l-Allokazzjoni Kapitali tkopri telf mhux mistenni fuq self u garanziji mogħtija mill-BEI fil-qafas tal-RSFF. Dan huwa t-telf massimu li l-Kummissjoni tista' ssofri fil-każ ta' inadempjenza fir-rigward ta' self jew garanziji mogħtija. Dan huwa l-limitu massimu tal-garanzija mogħtija mill-Kummissjoni fir-rigward tal-RSFF u huwa għalhekk meqjus bħala obbligazzjoni kontinġenti tal-UE.

Bħala parti mill-programm MEDA, il-Kummissjoni ħolqot mekkaniżmu ta' garanzija permezz ta' Fond speċifiku, li se jibbenefikaw minnu żewġ organizzazzjonijiet Marokkini, jiġifieri l-Caisse Centrale de Garantie u l-Fonds Dar Ad-Damane. Fil-31 ta' Diċembru 2009, EUR 17 miljun waqgħu taħt il-garanzija tal-Kummissjoni.

L-Istrument tal-Garanzija tas-Self għall-Proġetti Ten-(LGTT) (2007-2013) għandu l-għan li joħroġ garanziji sabiex jiġi mmitigat ir-riskju għad-dħul fl-ewwel snin tal-proġetti TEN-Transport. Speċifikament, il-garanzija tkun tkopri b'mod sħiħ il-linji ta' kreditu ta' riżerva, li jintużaw biss f'każijiet fejn il-flussi tal-flus tal-proġetti ma jkunux biżżejjed sabiex jitħallsu l-ammonti dovuti fir-rigward tad-dejn prijoritarju. L-istrument se jkun prodott finanzjarju konġunt tal-Kummissjoni u l-BEI u EUR 500 miljun mill-baġit tal-UE se jiġu allokati. Il-BEI se jalloka EUR 500 miljun oħra u għalhekk b'kollox l-ammont disponibbli se jkun ta' EUR 1 biljun. L-ammont inkluż hawn, EUR 6 miljuni, jirrappreżenta l-kontribuzzjoni għall-provvedimenti għat-telf mhux mistenni fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-LGTT.

## 5.6. **MULTI**

Dawn l-ammonti jirrigwardaw multi imposti mill-Kummissjoni għal ksur ta' regoli tal-kompetizzjoni li ġew imħallsa provviżorjament u fejn jew sar appell jew mhux magħruf jekk hux se jsir appell. L-obbligazzjoni kontinġenti tinżamm sa meta deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-każ tkun finali. L-imgħax miksub fuq ħlasijiet proviżorji (EUR 460 miljun) huwa inkluż fir-riżultat ekonomiku għas-sena u wkoll bħala passiv kontinġenti sabiex jirrifletti l-inċertezza tat-titolu tal-Kummissjoni għal dawn l-ammonti.

## 5.7. **FAEG – SENTENZI PENDENTI TAL-QORTI**

Dawn huma obbligazzjonijiet kontinġenti lejn l-Istati Membri konnessi mad-deċiżjonijiet ta' konformità tal-FAEG, sakemm ikun hemm sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Id-determinazzjoni tal-ammont finali tal-obbligazzjoni u s-sena li fiha l-effett ta' appell li jirnexxi jkun attribwit lill-baġit jiddependu fuq it-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti. Stima tal-ammonti probabbli li għandhom jitħallsu ġiet inkluża bħala provvediment għat-tul fil-karta tal-bilanċ - ara n-nota **2.13**.

## 5.8. **AMMONTI RELATATI MA' KAWŻI LEGALI U TILWIM IEĦOR**

Din l-intestatura għandha x'taqsam ma' azzjonijiet għad-danni li fil-preżent qed jinġiebu kontra l-UE, tilwimiet legali oħra u l-ispejjeż legali stmati.

L-ammonti huma relatati ma' tilwimiet li jinvolvu fornituri, kuntratturi u eks-membri tal-persunal. Għandu jiġi osservat illi f'azzjoni għad-danni taħt l-Artikolu 288 KE l-applikant għandu juri ksur serju biżżejjed, mill-istituzzjoni, ta' regola tal-liġi maħsuba sabiex tagħti drittijiet lill-individwi, dannu reali li sofra l-applikant, u rabta diretta ta' kawża u effett bejn l-att illegali u d-dannu.

### 5.9. **OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI OĦRA**

Din l-intestatura tinkludi ammonti oħra iżgħar tal-obbligazzjonijiet kontinġenti li ma jistgħux jiġu kklassifikati taħt l-intestaturi ta' hawn fuq.

*DIVULGAZZJONIJIET SINIFIKANTI OĦRAJN*

### 5.10. **ATTIVITAJIET FINANZJARJI TA' IMPENJI LI MA ĠEWX UŻATI**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Attivitajiet finanzjarji ta' impenji li ma ġewx użati | 5 733 | 4 885 |

Dawn huma ftehim ta' self u investiment tal-ekwità magħmula mill-Kummissjoni (iżda mhux koperti mir-RAL) iżda li għandhom ma ġewx użati mill-parti l-oħra qabel tmiem is-sena. L-ammonti prinċipali jirrigwardaw il-ftehim tas-self tal-Bilanċ tal-Ħlasijiet iffirmati fl-2008 u 2009 iżda li għandhom ma nharġux qabel tmiem is-sena (EUR 5.4 biljun fil-31 ta' Diċembru 2009).

### 5.11. **IMPENJI TAL-BAĠIT MAGĦMULA, ĦLASIJIET LI GĦADHOM PENDENTI**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Impenji baġitarji magħmula, ħlasijiet li għandhom pendenti | 134 689 | 120 023 |

Ir-RAL ("Reste à Liquider") tal-baġit huwa ammont li jirrappreżenta l-impenji miftuħa li għalihom għadhom ma sarux il-ħlasijiet u/jew diżimpenji. Din hija l-konsegwenza normali tal-eżistenza ta' programmi multiannwali.. Fil-31 ta' Diċembru 2009, ir-RAL tal-baġit kien jammonta għal EUR 177 272 miljun. L-ammont ta' hawn fuq huwa r-RAL tal-baġit li minnu jitnaqqsu l-ammonti relatati li ġew inklużi fil-kont tar-riżultat ekonomiku tal-2009, li jagħti t-totali msemmi hawn fuq.

### 5.12. **IMPENJI LEGALI SINIFIKANTI**

*EUR miljuni*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| Azzjonijiet Strutturali | 275 761 | 332 995 |
| Protokoll ma' pajjiżi Mediterranji | 263 | 263 |
| Ftehim dwar is-sajd | 249 | 401 |
| Program Galileo | 1 517 | 2 023 |
| Programm GMES | 556 | 624 |
| TEN-T | 4 289 | 4 571 |
| Impenji kuntrattwali oħra | 1 325 | 983 |
| **Total** | **283 960** | **341 860** |

Dawn l-impenji oriġinaw minħabba li l-UE ddeċidiet li tidħol f'impenji legali fit-tul fir-rigward ta' ammonti li kienu għadhom mhumiex koperti minn approprjazzjonijiet għall-impenji fil-baġit. Dan jista' jirrigwarda programmi multiannwali bħal Azzjonijiet Strutturali jew ammonti li l-Unjoni Ewropea hija impenjata li tħallas fil-futur taħt kuntratti amministrattivi eżistenti fid-data tal-karta tal-bilanċ (eż. relatati mal-provvista ta' servizzi bħal sigurtà, tindif, eċċ, iżda wkoll impenji kuntrattwali li jikkonċernaw proġetti speċifiċi bħal xogħlijiet ta' bini). Mhux il-programmi multiannwali kollha fihom impenji li jirrikjedu inklużjoni taħt din l-intestatura ladarba n-nefqa fis-snin futuri hija kkundizzjonata mid-deċiżjonijiet annwali tal-awtorità tal-baġit jew minn bidliet fir-regoli kkonċernati.

5.12.1. ***Azzjonijiet Strutturali***

It-tabella ta' hawn taħt turi tqabbil bejn l-impenji legali li għalihom għadhom ma sarux impenji tal-baġit u l-impenji massimi fir-rigward tal-ammonti previsti fil-qafas finanzjarju 2007-2013. L-Azzjonijiet Strutturali jirrappreżentaw għajnuna ppjanata għall-perjodu 2007-2013. Il-format u l-għanijiet tal-perjodu tal-Qafas Finanzjarju li beda fl-2007 huma differenti minn dawk tal-perjodu preċedenti.

*EUR miljuni*

| | Ammonti tal-pers-pettiva finanz-jarja2007-2013 (A) | Impenji legali konklużi (B) | Impenji tal-baġit 2007-2009 (C) | Impenji legali bl-impenji tal-baġit imnaqqsa minnhom (=B-C) | Impenn massimu (=A-C) |
|---|---|---|---|---|---|
| Fondi tal-politika ta' koeżjoni | 346 543 | 346 136 | 140 318 | 205 818 | 206 225 |
| Riżorsi Naturali | 100 624 | 98 388 | 39 533 | 58 855 | 61 091 |
| Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni | 10 958 | 5 195 | 2 513 | 2 682 | 8 445 |
| **Total** | **458 125** | **449 719** | **182 364** | **267 355** | **275 761** |

5.12.2. ***Protokolli ma' pajjiżi Mediterranji***

Dawn l-impenji jammontaw għal EUR 263 miljun u jirrigwardaw il-protokolli finanzjarji ma' pajjiżi tal-Mediterran li mhumiex membri. L-ammont inkluż hawnhekk huwa d-differenza bejn l-ammont totali tal-protokolli ffirmati u l-ammont tal-impenji tal-baġit li ddaħħlu fil-kontijiet. Dawn il-protokolli huma trattati internazzjonali li ma jistgħux jitħassru mingħajr il-qbil taż-żewġ partijiet, għalkemm il-proċess (tal-għeluq tagħhom) jinsab għaddej.

5.12.3. ***Ftehim dwar sajd***

Dawn huma impenji li jammontaw għal EUR 249 miljun li saru ma' pajjiżi terzi għal operazzjonijiet taħt ftehim internazzjonali tas-sajd.

5.12.4. ***Programm Galileo***

Galileo huwa sistema tan-navigazzjoni globali bis-satelliti (GNSS) li qed jinbena attwalment mill-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA). Il-programm Galileo issa huwa ffinanzjat totalment mill-baġit tal-UE u hija l-Kummissjoni li tamministra l-programm f'isem l-UE. Huwa mistenni li l-ewwel fażi tal-programm, il-fażi tal-Validazzjoni fl-Orbita ("IOV"), għandha tiġi kompluta matul l-2012 u t-trasferiment lill-Kummissjoni tal-assi maħluqa se jseħħ f'dik id-data.

Għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni, sat-tmiem tal-2009 u inkluż l-investiment preċedenti fil-GJU, ħallset EUR 1 028 miljun għall-fażi tal-IOV tal-programm Galileo. Peress li dan il-programm attwalment għadu fil-fażi ta' riċerka, skont ir-regoli ta' kontabilità tal-UE, il-flus li jintefqu ġew ikkontabilizzati bħala spejjeż u l-ebda assi intanġibbli ma ġew rikonoxxuti. Il-kontribuzzjoni (indikattiva) totali tal-Kummissjoni prevista għall-fażi li jmiss tal-programm Galileo (mill-2008 sal-2013) hija ta' EUR 2 645 miljun.

5.12.5. ***Programm GMES***

Il-Kummissjoni daħlet f'kuntratt mal-ESA għall-perjodu bejn l-2008 u l-2013 għall-implimentazzjoni tal-komponent spazjali tal-Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES). L-ammont indikattiv totali għal dak il-perjodu huwa ta' EUR 624 miljun. Fl-2009 ammont ta' EUR 68 miljun tħallas lill-ESA.

5.12.6. ***Impenji TEN-T***

Dan l-ammont jirrigwarda għotjiet fil-qasam tan-Netwerk għat-Trasport Trans-Ewropew (TEN-T) għall-perjodu 2007 - 2013. Il-programm japplika għal proġetti identifikati għall-iżvilupp ta' netwerk tat-trasport trans-Ewropew sabiex jappoġġja kemm il-proġetti tal-infrastruttura u r-riċerka kif ukoll proġetti ta' innovazzjoni sabiex jinkoraġixxi l-integrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u proċeduri innovattivi dwar l-iskjerament ta' infrastruttura ġdida tat-trasport. L-ammont totali indikattiv għal dan il-programm huwa ta' EUR 8 013 miljun.

5.12.7. ***Impenji kuntrattwali oħra***

L-ammonti inklużi jikkorrispondu mal-ammonti li ġew impenjati sabiex jitħallsu matul it-terminu tal-kuntratti. Hawnhekk tiġi inkluża l-obbligazzjoni kuntrattwali pendenti ta' EUR 117 miljun li tikkonċerna kuntratti relatati mal-bini tal-Kunsill, kif ukoll EUR 441 miljun relatati mal-kuntratti tal-bini tal-Parlament. L-ammonti sinifikanti l-oħra inklużi hawnhekk huma EUR 480 miljun relatati mal-arranġamenti ta' akkwisti bejn l-Aġenzija tal-Fużjoni għall-Enerġija (l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija tal-Fużjoni) u ITER Internazzjonali u EUR 165 miljun li jikkonċernaw arranġamenti ta' akkwisti ffirmati bejn l-Aġenzjija tal-Enerġija tal-Fużjoni, l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika tal-Ġappun (JAEA) u ITER Internazzjonali.

5.13. **KONTRIBUZZJONIJIET GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET RELATATI**

Din is-somma tirrappreżenta ħlasijiet pendenti fuq kapital li mhux imsejjaħ sottoskritt mill-Kummissjoni.

5.13.1. ***Kapital azzjonarju mhux imsejjaħ: EBRD***

*EUR miljuni*

| EBRD | Total kapital EBRD | Sottoskrizzjoni tal-Kummissjoni |
|---|---|---|
| Kapital | 19 794 | 600 |
| Imħallas | (5 198) | (157) |
| Mhux imsejjaħ | 14 596 | **443** |

5.13.2. ***Kapital azzjonarju mhux imsejjaħ: FEI***

*EUR miljuni*

| FEI | Total kapital FEI | Sottoskrizzjoni tal-Kummissjoni |
|---|---|---|
| Kapital | 2 940 | 861 |
| Imħallas | (588) | (172) |
| Mhux imsejjaħ | 2 352 | **689** |

Wara li nħarġu 1 000 sehem ġdid mill-FEI fl-2007, matul l-2009 l-UE ssottoskriviet għal 75 sehem ieħor b'ammont nominali ta' EUR 1 miljun kull sehem, li minnhom 20 % tal-ammont nominali u l-primjum tħallsu fl-2009. Il-parteċipazzjoni tal-UE hija limitata għal 900 sehem (ta' EUR 900 miljun). Ara wkoll in-nota **2.3.1**.

5.14. **IMPENJI TA' KIRJIET OPERATTIVI**

*EUR miljuni*

| Deskrizzjoni | Ammonti futuri li għandhom jitħallsu | | | |
|---|---|---|---|---|
| | < sena | 1- 5 snin | > 5 snin | Total |
| Bini | 334 | 1 236 | 842 | 2 412 |
| Materjali tal-IT u tagħmir ieħor | 6 | 7 | 0 | 13 |
| **Total** | **340** | **1 243** | **842** | **2 425** |

Din l-intestatura tkopri bini u tagħmir ieħor mikri taħt kuntratti ta' kirjiet operattivi li ma jilħqux il-kundizzjonijiet għad-dħul fin-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ. L-ammonti indikati jikkorrispondu ma' impenji li għadhom iridu jitħallsu matul it-terminu tal-kuntratti.

Fl-2009, EUR 364 miljun ġew rikonoxxuti bħala spiża fil-kont tar-riżultat ekonomiku fir-rigward tal-kirjiet operattivi.

## 6. KORREZZJONIJIET FINANZJARJI U RKUPRI WARA LI JINSTABU IRREGOLARITAJIET

Fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE huwa meħtieġ li jiġi żgurat il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u frodi. L-għan ta' din in-nota huwa li tingħata ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri differenti previsti fil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-proċess tat-trattament tal-irregolaritajiet identifikati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri, u li tiġi ppreżentata l-aħjar stima tal-ammonti totali kkonċernati. Dawn huwa l-aħħar stadju tat-tħaddim tas-sistemi ta' kontroll u huwa essenzjali sabiex juri ġestjoni finanzjarja korretta.

### 6.1. INTRODUZZJONI

#### 6.1.1. *Ħarsa ġenerali tal-proċess tal-korrezzjoni finanzjarja u rkupru skont it-tip ta' ġestjoni*

L-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jirriżultaw minn kontrolli u verifiki fi kwalunkwe livell tas-sistema ta' kontroll, minn verifiki fuq livell tal-UE (il-Kummmissjoni, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, OLAF) jew mill-Istati Membri fil-każ ta' ġestjoni kondiviża. Għalkemm l-irregolaritajiet jistgħu jseħħu f'kull stadju ta' proġett, dawn jistgħu jiġu identifikati fl-istadju finali meta l-benefiċjarju jibgħat it-talba finali tiegħu, li ħafna drabi tiġi awditjata fuq il-post u/jew ċertifikata minn awditur indipendenti. Għandha ssir distinzjoni, madankollu, bejn l-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji, li jirriflettu d-differenti fil-mod tal-ġestjoni, kif muri fil-leġiżlazzjoni tas-settur rilevanti.

**Irkupri**

L-Artikolu 71 (3) tar-Regolament Finanzjarju jeħtieġ li l-ammonti mħallsa inkorrettament għandhom jiġu rkuprati. Irkupru, f'dan il-kuntest, huwa l-irkupru attwali ta' flus mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru minħabba l-identifikazzjoni ta' nfiq mhux dovut jew irregolari.

**Korrezzjonijiet Finanzjarji**

Kif muri fil-leġiżlazzjoni tas-settur rilevanti f'ħafna oqsma tan-nefqa tal-UE (primarjament taħt ġestjoni kondiviża), il-korrezzjoni ta' irregolaritajiet hija trattata permezz ta' mekkaniżmu li jissejjaħ korrezzjoni finanzjarja. L-iskop tal-korrezzjonijiet finanzjarji, imwettqa mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru, huwa li jerġgħu joħolqu sitwazzjoni fejn 100 % tan-nefqa ddikjarata għall-finanzjament jew il-kofinanzjament (il-politika tal-koeżjoni) tkun konformi mar-regoli u r-regolamenti nazzjonali u tal-UE applikabbli.

Fil-ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri huma primarjament responsabbli sabiex jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa fir-rigward mal-irregolaritajiet individwali jew sistematiċi identifikati fil-programmi operazzjonali. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tiżgura li s-sistemi mqiegħda fis-seħħ mill-awtoritajiet nazzjonali huma effettivi u, meta ma jkunux, il-Kummissjoni għandha timponi korrezzjonijiet finanzjarji fuq l-Istati Membri.

Meta ħlasijiet mhux dovuti lill-benefiċjarji jistgħu jiġu identifikati bħala riżultat tal-kontrolli tal-UE, il-korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-ewwel passi fi proċess ta' rkupru attwali peress li l-leġiżlazzjoni applikabbli teħtieġ li l-Istati Membri jsegwu l-korrezzjonijiet finanzjarji imposti fuqhom u jirkupraw il-flus huma stess mill-benefiċjarji finali. Fil-każ ta' verifiki mill-awtoritajiet nazzjonali, l-Istati Membri għandhom l-obbligazzjoni legali wkoll biex isegwu l-irkupri fuq il-livell tal-benefiċjarju finali.

Taqsira skont it-tip tal-ġestjoni tal-proċeduri differenti tal-attivitajiet ta' rkupru u korrezzjoni finanzjarja u l-impatt tagħhom fuq il-kontijiet tal-UE tingħata hawn taħt.

#### 6.1.2. *Ġestjoni diretta*

Meta l-Kummissjoni tmexxi l-baġit b'mod dirett, in-nefqa ineliġibbli jew tiġi rkuprata mill-benefiċjarju jew inkella tiġi mnaqqsa mid-dikjarazzjoni tal-ispejjeż li jmiss. Jekk it-tnaqqis isir mill-benefiċjarji qabel ma jibgħatu d-dikjarazzjoni tal-ispejjeż, l-informazzjoni ma tiġix inkluża fis-sistema tal-kontijiet. Dawn huwa l-każ ħafna drabi għax l-parti l-kbira tal-benefiċjarji huma meħtieġa li jipprovdu dikjarazzjoni finanzjarja finali ċertifikata jew awditjata lill-Kummissjoni qabel ma jkunu jistgħu jirċievu l-ħlas finali tagħhom. Din id-dikjarazzjoni ċertifikata għandha tikkoreġi kwalunkwe irregolaritajiet osservati.

### 6.1.3. *Ġestjoni kondiviża*

Madwar 80 % tal-baġit tal-UE huwa ġestit b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri u dan jinkludi prinċipalment infiq fuq l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-Politika ta' Koeżjoni u s-Sajd.

Rigward nefqa soġġetta għal ġestjoni kondiviża, l-inkarigi u l-implimentazzjoni tar-responsabilitajiet huma delegati lill-Istati Membri u huma primarjament responsabbli sabiex jidentifikaw u jikkoreġu irregolaritajiet imwettqa mill-benefiċjarji u, bħala konsegwenza, sabiex jiżguraw ir-regolarità tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni. L-Istati Membri għalhekk iwettqu korrezzjonijiet finanzjarji u, meta ħlasijiet mhux dovuti lill-benefiċjarji jistgħu jiġu identifikati bħala riżultat tal-ħidma proprja ta' awditjar jew tal-kontrolli tal-UE, dawn huma legalment meħtieġa li jibdew il-proċedimenti ta' rkupru kontra dawn il-benefiċjarji.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha rwol ta' superviżjoni ġenerali: hija tivverifika l-funzjonament effettiv tas-sistemi tal-ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri u twettaq miżuri korrettivi meta tasal għall-konklużjoni li dan mhuwiex il-każ, sabiex iġġorr ir-responsabilità tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit (Artikolu 53b(4) tar-Regolament Finanzjarju). Il-Kummissjoni tista' tieħu wkoll deċiżjoni formali hi stess biex tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fi Stat Membru meta l-Istat Membru ma jkunx wettaq il-korrezzjonijiet meħtieġa jew meta jkun hemm nuqqasijiet serji fis-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll li jistgħu jwasslu għal irregolaritajiet sistematiċi.

Il-Kummissjoni għandha timponi korrezzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' irregolaritajiet individwali identifikati iżda għandha l-poter ukoll li tapplika korrezzjonijiet estrapolati jew ta' rata fissa. L-estrapolazzjoni tintuża meta jkun hemm riżultati ta' kampjun rappreżentattiv ta' fajls disponibbli fir-rigward ta' irregolarità sistematika. Korrezzjonijiet b'rata fissa huma applikati fil-każ ta' ksur individwali jew irregolaritajiet sistemiċi fejn l-impatt finanzjarju ma jistax jiġu kkwantifikat u meta l-ispejjeż amministrattivi sabiex jiġi stabbilit ammont preċiż ma jkunux proprzjonali. Fiż-żewġ każijiet, anke meta l-irkupri mill-benefiċjarji ma jkunux possibbli, dawn il-korrezzjonijiet huma mezz importanti sabiex jittejbu d-dgħjufiji fis-sistemi tal-Istati Membri u b'hekk jimpedixxu jew jidentifikaw u jirkupraw ħlasijiet irregolari magħmula lill-benefiċjarji.

### 6.1.4. *Tipi ta' ġestjoni oħra*

Għal nefqa suġġetta għal ġestjoni deċentralizzata u ġestjoni ċentralizzata indiretta, ir-responsabbiltà għall-irkupru ta' ħlasijiet imwettaq inkorrettement hija delegata lill-Istati Membri, pajjiżi terzi jew aġenziji. Għal nefqa suġġetta għal ġestjoni konġunta, mekkaniżmi korrettivi huma definiti fil-ftehim konkluża mal-organizzazzjonijiet internazzjonali. Bħal fil-każ ta' ġestjoni kondiviża, f'każijiet meta r-regoli tal-iskemi tal-infiq tal-UE jkunu ġew applikati inkorrettament, il-Kummissjoni tista' ttwettaq korrezzjonijiet finanzjarji.

### 6.1.5. *Taqsira tal-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji fl-2009*

**Taqsira tal-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati/deċiżi fl-2009**

*EUR miljuni*

| Korrezzjonijiet Finanzjarji | Nota | 2009 | 2008 |
|---|---|---|---|
| EAGGF/FAEG/FAEŻR | 6.2.2 | 462 | 917 |
| Politika ta' koeżjoni (Ħidma tal-EU) | | | |
| — Programmi 1994-1999 | 6.2.4 | 521 | 414 |
| — Programmi 2000-2006 | 6.2.4 | 1 890 | 1 173 |
| — Subtotal Politika ta' koeżjoni | | 2 411 | 1 587 |
| **Total korrezzjonijiet finanzjarji** | | **2 873** | **2 504** |

*EUR miljuni*

| Irkupri | Nota | 2009 | 2008 |
|---|---|---|---|
| EAGGF/FAEG/FAEŻR (identifikati minn SM) | 6.3 | 163 | 360 |
| Politika ta' koeżjoni (Ħidma tal-UE) | 6.3 | 102 | 31 |
| Tipi ta' ġestjoni oħrajn | 6.3 | 181 | 72 |
| **Total ta' Rkupri** | | **446** | **463** |
| **Total tal-protezzjoni tal-baġit tal-UE** | | **3 319** | **2 967** |

Din it-tabella ma tinkludix irkupri u rtirar imwettaq fil-Politika ta' Koeżjoni minn Stati Membri li jsegwu l-kontrolli tagħhom stess. Minkejja l-obbligazzjoni tagħhom li jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-irtirar u l-irkupri, dawn mhumiex obbligati, skont il-leġiżlazzjoni għall-programmi 2000-2006, biex jidentifikaw separatament irkupri li jirriżultaw mill-kontrolli tagħhom stess. Għal din ir-raġuni u sabiex jiġi evitat rapportar doppju rigward il-korrezzjonijiet finanzjarji, l-irkupri u l-irtirar imwettqa mill-Istati Membri (2009 EUR 1 233 miljun) mhumiex inklużi (ara n-nota **6.5**).

**Taqsira tal-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji implimentati matul l-2009**

*EUR miljuni*

| Korrezzjonijiet Finanzjarji | Nota | Konfermati fl-2009 | Konfermati qabel l-2009 | Total |
|---|---|---|---|---|
| EAGGF/FAEG/FAEŻR | 6.2.2 | 274 | 429 | **703** |
| Politika ta' koeżjoni | | | | |
| — programmi 1994-99 | 6.2.4 | 163 | 137 | **300** |
| — programmi 2000-2006 | 6.2.4 | 313 | 96 | **409** |
| — Subtotal Politika ta' koeżjoni | | 476 | 233 | **709** |
| **Total korrezzjonijiet finanzjarji** | | **750** | **662** | **1 412** |

*EUR miljuni*

| Irkupri | Nota | Konfermati fl-2009 | Konfermati qabel l-2009 | Total |
|---|---|---|---|---|
| EAGGF/FAEG/FAEŻR | 6.3. | 117 | 31 | **148** |
| Politika ta' koeżjoni | 6.3. | 102 | 0 | **102** |
| Tipi ta' ġestjoni oħra | 6.3. | 147 | 34 | **181** |
| **Total ta' Rkupri** | | **366** | **65** | **431** |
| **Total tal-protezzjoni tal-baġit tal-UE** | | **1 116** | **727** | **1 843** |

### 6.2. **KORREZZJONIJIET FINANZJARJI TAĦT ĠESTJONI KONDIVIŻA**

Fil-ġestjoni kondiviża, il-korrezzjonijiet finanzjarji għanhom tliet stadji ewlenin:

1) L-ammont għadu fil-proċess li jiġi finalizzat permezz ta' proċeduri legali u kontradittorji ("**għadhom għaddejjin**" – ara n-nota **6.4** hawn taħt);

2) L-ammont huwa stabbilit u finalizzat ("**deċiż**" permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, jew "**ikkonfermat**": miftiehem mal-Istati Membri bil-ġestjoni kondiviża); u,

3) L-ammont huwa effettivament irkuprat permezz ta' flus irċevuti mill-Istat Membru (korrezzjoni deċiża) jew permezz ta' tnaqqis (irtirar/irkupru) mill-Istat Membru minn talba futura għal ħlas ("**implimentat**"); għal korrezzjonijiet finanzjarji li għadhom mhumiex implimentati ara n-nota **6.2.4**.

### 6.2.1. *Agrikoltura u l-iżvilupp rurali*

Taħt l-FAEG u l-FAEŻR, li ssostitwew it-taqsima tal-Garanzija tal-FAEŻR, il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi li l-korrezzjonijiet finanzjarji jiġu implimentati mill-Kummissjoni permezz ta' proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

**Il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet**

Il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet hija operata mill-Kummissjoni u tinkludi approvazzjoni finanzjarja annwali tal-kontijiet ta' kull aġenzija tal-ħlas u approvazzjoni multiannwali tal-konformità li tkopri l-konformità tal-infiq iddikjarat mill-Istati Membri mar-regoli tal-UE. Fil-każ tal-FAEG, dawn l-ammonti kollha huma rreġistrati fil-kont tar-riżultat ekonomiku tal-Kummissjoni bħala dħul. Għall-FAEŻR, l-ammonti rkuprati mill-Istati Membri nfushom, u kif ukoll dawk li jirriżultaw mill-approvazzjoni finanzjarja annwali tal-kontijiet, huma bħala regola ġenerali utilizzabbli mill-ġdid għall-programm.

L-approvazzjoni finanzjarja: Il-Kummissjoni tadottta deċiżjoni annwali tal-approvazzjoni tal-kontijiet, li biha hija formalment taċċetta l-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-ħlas fuq il-bażi tal-verifiki tal-ġestjoni, u taċ-ċertifikati u r-rapporti mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni.

L-approvazzjoni tal-konformità hija mfassla sabiex teskludi mill-finanzjament tal-UE nfiq li ma jkunx sar f'konformità mar-regoli tal-UE. L-approvazzjoni tal-konformità mhijiex, għalhekk, mekkaniżmu li bih il-ħlasijiet irregolari jiġu rkuprati direttament mingħand il-benefiċjarji finali, iżda hija pjuttost inċentiva qawwija għall-Istati Membri sabiex itejbu s-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll tagħhom u b'hekk jevitaw jew jidentifikaw u jirkupraw ħlasijiet irregolari lil benefiċjarji finali. Minbarra dan, korrezzjoni ta' konformità ma teħlisx lill-Istat Membru mir-responsabbiltà tiegħu li jsegwi l-irregolaritajiet identifikati. L-approvazzjoni tal-konformità ma ssegwix ċiklu annwali peress li tkopri nefqa li tkun saret f'aktar minn sena finanzjarja waħda.

L-approvazzjoni finanzjarja tal-ħlasijiet imwettqa li ma jirrispettawx il-limiti taż-żmien regolatorji: Ir-rispett tal-iskadenzi fissi għal ħlasijiet lil benefiċjarji minn Stati Membri huwa kkontrollat sistematikament tliet darbiet fis-sena f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament 883/06. Fil-każ ta' nuqqas ta' rispett tal-iskadenzi, il-Kummissjoni teffettwa tnaqqis, suġġett għal ċerti konċessjonijiet għal każijiet speċjali u ċirkustanzi eċċezzjonali, u kif ukoll għall-proporzjonalità. Dawn il-korrezzjonijiet finanzjarji huma trattati bħala "ħlasijiet negattivi" u kontabilizzati fil-kont tar-riżultat ekonomiku bħala tnaqqis fl-ispejjeż.

### 6.2.2. *Korrezzjonijiet finanzjarji għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fl-2009*

**Total tal-korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi fl-2009 għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali**

*EUR miljuni*

| | 2009 | 2008 |
|---|---|---|
| Il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet: | | |
| Approvazzjoni finanzjarja u skadenzi mhux rispettati għall-ħlas | 103 | 58 |
| Approvazzjoni ta' konformità | 359 | 859 |
| **Total** | **462** | **917** |

L-ammonti ta' hawn fuq jikkonċernaw l-FAEG, filwaqt li għall-FAEŻR kien hemm biss madwar EUR 0.4 miljun ta' korrezzjonijiet finanzjarji fl-2009. Dawn l-ammonti huma inklużi fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Għal qsim tal-ammonti ta' hawn fuq skont kull Stat Membru ara l-Anness 1.

It-tnaqqis fl-approvazzjoni tal-konformità bejn l-2008 u l-2009 kien dovut għal deċiżjonijiet mhux implimentati ta' approvazzjoni tal-konformità fi tmiem l-2008, għal ammont totali ta' EUR 368 miljun.

**Korrezzjonijiet finanzjarji implimentati fl-2009 għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali**

*EUR miljuni*

| | implimentazzjoni 2009 |
|---|---|
| Il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet | |
| *Approvazzjoni finanzjarja u skadenzi mhux rispettati għall-ħlas* | 103 |
| *Skadenza ta' konformità* | 600 |
| **Total** | **703** |

Għal qsim tal-ammonti ta' hawn fuq skont kull Stat Membru ara l-Anness 2.

6.2.3. ***Politika ta' koeżjoni***

Il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-politika ta' koeżjoni tistipula li l-azzjonijiet sabiex jiġu eżegwiti korrezzjonijiet finanzjarji jittieħdu kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni:

— L-Istati Membri jistgħu jwettqu korrezzjonijiet finanzjarji b'żewġ modi. Jew:

— jirtiraw in-nefqa affettwata mill-programm immedjatament billi jnaqqsuha mid-dikjarazzjoni tan–nefqa li jmiss ippreżentata lill-Kummissjoni, u b'hekk jagħtu immedjatament il-finanzjament tal-UE għal impenn f'operati oħra; jew inkella

— iħallu n-nefqa fil-programm sakemm joħroġ ir-riżultat tal-proċedimenti għall-irkupru ta' ammont mhux dovut imħallas mill-benefiċjarji. L-irkupru jseħħ billi jinkiseb il-ħlas mill-ġdid tal-ammonti kkonċernati jew billi jkun hemm tpaċċija tal-ammonti li għandhom jerġgħu jitħallsu ma' ħlasijiet ulterjuri dovuti lill-istess benefiċjarju. Ara 6.5 ta' hawn taħt għal dettalji fuq dawn l-irkupri.

— L-Istati Membri huma meħtieġa li jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar korrezzjonijiet finanzjarji fl-għamla tal-ammonti rtirati mill-kofinanzjament kif ukoll tal-ammonti rkuprati. Iż-żewġ settijiet ta' dejta huma differenti u kumplimentarji, peress li fl-ammonti rtirati huma inklużi biss infiq irtirat mingħajr stennija għar-riżultat tal-proċeduri ta' rkupru, u fl-irkupri huma nklużi biss infiq li ma ġiet irtirat mill-bidu, iżda li tħalla fl-infiq iddikjarat sakemm ġie rkuprat, ladarba jkun twettaq l-irkupru. L-Istati Membri mhumiex obbligati li jidentifikaw separatament korrezzjonijiet li jirriżultaw mill-ħidma tal-UE u dawk li jirriżultaw mill-ħidma ta' awditjar tagħhom stess. Din l-obbligazzjoni għal rapportar ġiet introdotta biss għall-perjodu ta' programmar 2007-2013.

— Il-korrezzjonijiet finanzjarju li jsegwu l-awditjar u kontrolli tal-UE, huma mwettqa kif ġej:

— Meta l-Istat Membru jaqbel li jagħmel korrezzjoni b'konsegwenza ta' attività ta' kontroll jew awditjar tal-UE, jista' jreġġa' lura n-nefqa li diġà tkun ġiet iddikjarata irregolari mill-pretensjoni tal-ħlas li jkun imiss (li hi kumulattiva għal kull programm jew proġett ta' Fond ta' Koeżjoni separatament) u jerġa' juża l-fondi tal-UE rilaxxati għal nefqa eliġibbli oħra taħt il-programm ikkonċernat, iżda mhux relatati mal-operazzjoni(jiet) li kienu s-suġġett tal-korrezzjoni.

— Il-Kummissjoni toħroġ ordnijiet ta' rkupru sabiex teżegwixxi l-korrezzjonijiet finanzjarji fil-każijiet li ġejjin:

— Wara deċiżjonijiet formali ta' korrezzjonijiet finanzjarji;

— Fl-għeluq ta' programm; u

— Wara għeluq ta' programm li jsegwi rkupru tal-Istati Membri mill-benefiċjarji.

F'dawn il-każijiet, l-ordnijiet ta' rkupru jkollhom impatt fuq il-kontijiet tal-Kummissjoni.

— L-ebda ordni ta' rkupru ma tiġi maħruġa mill-Kummissjoni f'każijiet oħra ta' korrezzjonijiet finanzjarji, Notavolment meta l-Istati Membri jaċċettaw u jimplimentaw il-korrezzjoni finanzjarja. F'dawn il-każijiet, l-informazzjoni mhix inkluża fis-sistema tal-kontijiet tal-Kummissjoni.

### 6.2.4. *Korrezzjonijiet finanzjarji tal-politika ta' koeżjoni fl-2009*

Innota li t-tabella ta' hawn taħt ma tinkludix ir-riżultati tal-verifiki proprji tal-Istati Membru fuq l-infiq tal-Azzjonijiet Strutturali:

**Korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati fl-2009**

*EUR miljuni*

| | ERDF | FK | FSE | FIFG | Gwida tal-EAGGF | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Korrezzjonijiet Finanzjarji fil-perjodu 1994-99: | | | | | | |
| Implimentati | 87 | 10 | 21 | 41 | 4 | 163 |
| Għadhom mhumiex implimentati | 358 | 0 | 0 | 0 | 0 | 358 |
| **Subtotal għall-perjodu 1994-99** | **445** | **10** | **21** | **41** | **4** | **521** |
| Korrezzjonijiet Finanzjarji 2000-2006: | | | | | | |
| Implimentati | 82 | 63 | 141 | 2 | 25 | 313 |
| Għadhom mhumiex implimentati | 1 534 | 13 | 18 | 3 | 9 | 1 577 |
| **Subtotal għall-perjodu 2000-2006** | **1 616** | **76** | **159** | **5** | **34** | **1 890** |
| **Total tal-korrezzjonijiet finanzjarji 2009** | **2 061** | **86** | **180** | **46** | **38** | **2 411** |
| Total tal-korrezzjonijiet finanzjarji 2008 | 949 | 92 | 522 | 19 | 5 | 1 587 |

N.B.: inklużi fiċ-ċifri kkonfermati fl-2009 huma korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi/konfermati fl-2008 li ma ġewx rappurtati preċedentement li jammontaw għal EUR 90 miljuni.

Iż-żieda fl-ammonti kkonfermata bejn l-2009 u l-2008 għall-ERDF hija dovuta għall-azzjonijiet rigorużi implimentati skont il-Pjan ta' Azzjoni sabiex isaħħu r-rwol superviżorju tal-Kummissjoni taħt il-ġestjoni kondiviża tal-azzjonijiet strutturali (COM(2010)52) u l-aċċettazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja ewlenija għal Spanja f'Novembru 2009.

It-tnaqqis fl-ammonti kkonfermati relatati mal-FSE fl-2009 imqabbel mal-ammonti rappurtati għall-2008 huwa dovut għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni fuq imsemmi fl-2008 li jimmira biex iħaffef il-proċeduri ta' deċiżjoni fuq il-korrezzjonijiet finanzjarji li għadhom għaddejjin, li sussegwentement naqqas in-numru ta' korrezzjonijiet li għandhom jitwettqu fl-2009. Huwa osservat li, mill-ammont ta' EUR 522 miljun ta' korrezzjonijiet finanzjarji konfermati fl-2008, l-implimentazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji għall-FSE jammontaw għal EUR 518 miljun għal dik is-sena.

Iċ-ċifri ppreżentati fit-tabelli preċedenti huma stabbiliti fuq il-bażi ta' akkumulu, jiġifieri li filwaqt li uħud minn dawn l-ammonti diġà ġew implimentati fl-2009 (EUR 709 miljun għall-fondi kollha), dawk li jifdal se jiġu implimentati fis-snin sussegwenti.

**Korrezzjonijiet finanzjarji konfermati – ċifri kumulattivi**

*EUR miljuni*

| | Perjodu 2000-2006 | Perjodu 1994-1999 | Total |
|---|---|---|---|
| | 31.12.2009 | 31.12.2009 | 31.12.2009 |
| Fond ta' Koeżjoni | 233 | 273 | **506** |
| ERDF | 3 797 | 1 633 | **5 430** |

*EUR miljuni*

| | Perjodu 2000-2006 | Perjodu 1994-1999 | Total |
|---|---|---|---|
| | 31.12.2009 | 31.12.2009 | 31.12.2009 |
| FSE | 1 130 | 392 | **1 522** |
| FIFG | 7 | 97 | **104** |
| EAGGF Gwida | 36 | 121 | **157** |
| **Total** | **5 203** | **2 516** | **7 719** |

Għal qsim tal-ammonti ta' hawn fuq skont kull Stat Membru ara l-Anness 3.

**Korrezzjonijiet finanzjarji konfermati fil-31 ta' Diċembru 2009 iżda għadhom mhux implimentati fil-31 ta' Diċembru 2009 (ċifri kumulattivi)**

L-irkupru jew korrezzjoni finanzjarja "għadha mhux implimentata" meta tkun deċiża jew konfermata, iżda l-ammont ikun għadu ma ġiex irkuprat, imnaqqas jew irtirat.

*EUR miljuni*

| Li għandhom jiġu implimentati fil-31.12.2009 | ERDF | FK | FSE | FIFG | EAGGF Gwida | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Korrezzjonijiet Finanzjarji għall-perjodu 1994-99: | 359 | 11 | 1 | 0 | 0 | **371** |
| Korrezzjonijiet Finanzjarji 2000-2006: | 1 904 | 23 | 22 | 3 | 9 | **1 961** |
| **Total li għandu jiġi implimentat fil-31.12.2009** | **2 263** | **34** | **23** | **3** | **9** | **2 332** |

L-ammont baxx implimentat li jikkonċerna d-deċiżjonijiet tal-2009 huwa relatat mal-ERDF.

Rigward il-perjodu ta' programmar 1994-1999, ħafna mill-korrezzjonijiet finanzjarji li għadhom mhux implimentati matul l-2009 huma deċiżjonijiet ta' korrezzjoni finanzjarja adottati matul l-aħħar trimestru tal-2009. L-implimentazzjoni se sseħħ matul l-ewwel trimestru tal-2010.

Rigward il-perjodu ta' programmar 2000-2006, fejn l-Istat Membru jaqbel li jagħmel korrezzjoni b'riżultat ta' attività ta' kontroll tal-UE, sabiex jimplimenta l-korrezzjoni finanzjarja, jista' jirtira l-ammont tan-nefqa irregolari fid-dikjarazzjoni li ġejja dwar l-infiq u jissostitwixxieha b'nefqa eliġibbli oħra taħt l-istess programm. Peress li ntlaħaq il-limitu għall-ħlasijiet għall-parti l-kbira tal-programmi ERDF u l-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni (2000-2006), it-tnaqqis tan-nefqa ineliġibbli se tiġi riflessa biss fid-dokumenti tal-għeluq (ċertifikazzjoni tan-nefqa, dikjarazzjoni ta' stralċ u rapport ta' implimentazzjoni finali) li għandhom jiġu sottomessi mill-Istat Membru fix-xhur li ġejjin.

**Korrezzjonijiet finanzjarji implimentati fl-2009 (konfermati fl-2009 u fis-snin preċedenti)**

*EUR miljuni*

| | ERDF | FK | FSE | FIFG | EAGGF Gwida | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Korrezzjonijiet Finanzjarji għall-perjodu 1994-99: | | | | | | |
| Konfermati fl-2009 | 87 | 10 | 21 | 40 | 5 | **163** |
| Konfermati fis-snin preċedenti | 131 | 0 | 0 | 6 | 0 | **137** |
| **Subtotal għall-perjodu 1994-99** | **218** | **10** | **21** | **46** | **5** | **300** |
| Korrezzjonijiet Finanzjarji 2000-2006: | | | | | | |
| Konfermati fl-2009 | 82 | 63 | 141 | 2 | 25 | **313** |

*EUR miljuni*

| | ERDF | FK | FSE | FIFG | EAGGF Gwida | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Konfermati fis-snin preċedenti | 34 | 16 | 44 | 2 | 0 | **96** |
| **Subtotal għall-perjodu 2000-2006** | **116** | **79** | **185** | **4** | **25** | **409** |
| **Total tal-korrezzjonijiet finanzjarji implimentati fl-2009** | **334** | **89** | **206** | **50** | **30** | **709** |

Għal qsim tal-ammonti ta' hawn fuq skont kull Stat Membru ara l-Anness 4.

6.3. **IRKUPRI MWETTQA MILL-KUMMISSJONI JEW MILL-ISTATI MEMBRI**

Din l-intestatura tirrigwarda l-irkupru ta' ammonti mħallsa b'mod mhux dovut minħabba żbalji jew irregolaritajiet identifikati mill-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri jew l-OLAF.

**Irkupri konfermati fl-2009**

*EUR miljuni*

| | 2009 | 2008 |
|---|---|---|
| **Ġestjoni kondiviża** | | |
| Agrikoltura: FAEŻR/FAEG | 163 | 360 |
| Politika ta' Koeżjoni | 102 | 31 |
| **Subtotal** | **265** | **391** |
| **Tipi ta' ġestjoni oħrajn:** | | |
| — azzjonijiet esterni | 81 | 32 |
| — politiki interni | 100 | 40 |
| **Subtotal** | **181** | **72** |
| **Total** | **446** | **463** |

**Irkupri implimentati matul l-2009**

*EUR miljuni*

| | Konfermati fl-2009 | Konfermati qabel l-2009 | Total |
|---|---|---|---|
| Ġestjoni kondiviża | | | |
| Agrikoltura: FAEŻR/FAEG | 117 | 31 | **148** |
| Politika ta' Koeżjoni | 102 | 0 | **102** |
| **Subtotal** | **219** | **31** | **250** |
| Tipi ta' ġestjoni oħrajn: | | | |
| — azzjonijiet esterni | 60 | 21 | **81** |
| — politiki interni | 87 | 13 | **100** |
| **Subtotal** | **147** | **34** | **181** |
| **Total** | **366** | **65** | **431** |

6.3.1. ***Agrikoltura: Irkupru ta' irregolaritajiet identifikati mill-Istati Membri***

L-Istati Membri huma obbligati li jidentifikaw u jirkupraw is-somom mitlufa b'konsegwenza ta' irregolaritajiet b'segwitu tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali tagħhom. Rigward azzjonijiet finanzjati mill-FAEG, jekk

jirnexxielhom jirkuprawhom mill-benefiċjarji, għandhom jakkreditaw is-somom irkuprati lill-Kummissjoni u dawn jiġu kontabilizzati fil-kont tar-riżultat ekonomiku bħala dħul. Rigward l-FAEŻR, l-irkupri jiġu mnaqqsa mit-talba tal-ħlas li jmiss, u għalhekk l-ammont rilevanti tal-FAEŻ R jista' jerġa' jintuża għall-programm. Jekk Stat Membru ma jsegwix l-irkupru jew ma jkunx diliġenti fl-azzjonijiet tiegħu, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tintervjeni permezz tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità u timponi korrezzjoni finanzjarja fuq l-Istat Membru kkonċernat.

It-tnaqqis tad-dħul minn irregolaritajiet huma prinċipalment dovut għall-effetti pożittivi ta' sistemi ta' kontroll iktar effettivi fl-Istati Membri inkluż l-impatt tal-proċedura ta' approvazzjoni ta' 50 % (Artikolu 32 (5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005).

### 6.3.2. *Politika ta' Koeżjoni*

L-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-prevenzjoni, l-identifikaazzjoni u l-korrezzjoni tal-irregolaritajiet u l-irkupru ta' ammonti mħallsa b'mod mhux dovut b'imgħax fuq il-ħlasijiet tard, fejn dan ikun xieraq. L-ammonti ta' rkupri eżegwiti mill-Istati Membri mhumiex inklużi fit-tabella ta' hawn fuq (ara l-ispjegazzjoni fil-punt 6.5). L-ammont ta' rkupri inklużi f'din l-intestaturi jirrigwarda rkupri mwettqa direttament mill-Kummissjoni.

### 6.3.3. *Tipi ta' ġestjoni oħrajn*

L-irkupri ta' irregolaritajiet identifikati f'tipi ta' ġestjoni oħrajn huma implimentati permezz tal-ħruġ ta' ordni ta' rkupru jew permezz ta' tnaqqis fuq ħlas sussegwenti. F'każ meta l-benefiċjarju jintalab jibgħat dikjarazzjoni ta' ħlas finali kkoreġut, l-ammont tal-irregolarità ma jiġix neċessarjament inkluż fis-sistema ta' kontabilità tal-Kummissjoni.

## 6.4. KORREZZJONIJIET FINANZJARJI LI JINSABU GĦADDEJJIN WARA KONTROLLI TAL-UE

### 6.4.1. *Agrikoltura*

*EUR miljuni*

| | Korrezzjonijiet finanzjarji li jinsabu għaddejjin fil-31.12.2008 | Korrezzjonijiet finanzjarji ġodda li jinsabu għaddejjin fl-2009 | Korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi fl-2009 | Aġġustamenti fuq korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi jew li jinsabu għaddejjin fil-31.12.2008 | Korrezzjonijiet finanzjarji li jinsabu għaddejjin fil-31.12.2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| FAEŻR | 1 733 | 657 | – 317 | 690 | 2 763 |

Kull sena l-Kummissjoni tiddetermina l-miżuri u l-Istati Membri li se jiġu awditjati għal konformità fuq il-bażi tal-analiżi annwali tar-riskju mwettaq fil-firxa tan-nefqa agrikola. Il-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità ddum xi snin; sat-tmiem tal-2009, ix-xogħol ta' konformità fuq in-nefqa mġarrba qabel l-2003 kienet fil-parti l-kbira tagħha kompluta. Il-verifiki għas-snin 2003 sa 2009 jinsabu għaddejjin.

Skont il-politiki ta' kontabilità tagħha u prinċipji ta' kontabilità ġeneralment aċċettati, il-Kummissjoni tista' tuża stimi għall-preparazzjoni tal-kontijiet annwali. Dan huwa l-każ għall-ammont ta' nefqa li probabbilment tiġi eskluża mill-finanzjament tal-UE permezz ta' dawn id-deċiżjonijiet ta' konformità fil-futur. Din l-istima tqis l-iktar informazzjoni affidabbli disponibbli. Peress li l-korrezzjonijiet tal-FAEG huma deċiżi għal kull sena finanzjarja ta' spejjeż huwa għalhekk possibbli li tiġi kkalkulata l-medja tal-korrezzjonijiet għal kull sena finanzjarja magħluqa u li dan il-perċentwal jiġi estrapolat għal snin finanzjarji iktar riċenti li għalihom għadhom għaddejjin il-kontrolli. L-affidabbiltà ta' din l-istima hija vvalutata fuq il-bażi tal-paragun mal-ammonti ta' "korrezzjonijiet li jinsabu għaddejjin" għas-snin fejn din l-informazzjoni tkun disponibbli u vverifikata skont ir-riżultati tal-verifiki ta' konformità mwettqa fis-sena inkwistjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-ammont medju ta' korrezzjonijiet għal kull sena finanzjarja magħluqa huwa relattivament stabbli, bejn 1,1 % u 1,9 %.

L-ammont ta' EUR 2 763 miljun huwa stima tal-ammont li għandu jiġi riċevut taħt deċiżjonijiet ta' konformità fil-futur għal verifiki li jkopru n-nefqa għas-snin 2003-2009. Minn dan l-ammont, EUR 2,1 biljun jirrappreżenta korrezzjonijiet finanzjarji li jinsabu għaddejjin li għalihom l-ammont huwa kkalkulat fuq bażi ta' każijiet ta' awditjar attwali li jinsabu għaddejjin (li jikkonċernaw prinċipalment is-snin tan-nefqa mill-2003 sal-2007).

Iż-żieda tal-istima hawn fuq hija dovuta għaż-żieda, meta mqabbla mas-snin preċedenti, tar-rata medja ta' korrezzjonijiet meta mqabbla mal-infiq mill-1,1 % sa 1,5 %. L-iktar ċifri riċenti disponibbli tal-"korrezzjonijiet li jinsabu għaddejjin" għall-2003, 2004, 2005, 2006, u 2007 jikkonfermaw din ir-rata u anke juru rata medja ta' korrezzjoni ogħla minn 1,5 %. Il-konsegwenzi finanzjarji tal-introduzzjoni fl-2005 tal-SPS (Sistema ta' Pagament Uniku) f'dan l-istadju huma diffiċli li jiġu previsti. Minn naħa waħda jista' jiġi kkunsidrat li se jkun hemm inqas korrezzjonijiet fin-numru tal-każijiet; min-naħa l-oħra l-korrezzjonijiet tar-rati fissi fuq il-miżuri tal-SPS jista' jkollhom impatt akbar fit-termini finanzjarji. Peress li l-ammonti għadhom mhumiex definittivi, dawn mhumiex rikonoxxuti fuq il-karta tal-bilanċ.

### 6.4.2. *Azzjonijiet Strutturali*

*EUR miljuni*

| | Korrezzjonijiet finanzjar-ji li jinsabu għaddej-jin fil-31.12.2008 | Korrezz-jonijiet finanzjar-ji ġodda li jinsabu għaddej-jin fl-2009 | Korrezz-jonijiet finanzjar-ji konferma-ti fl-2009 | Aġġusta-menti fuq korrezzjoni-jiet finanzjar-ji konfermati jew li jinsabu għaddej-jin fil-31.12.2008 | Korrezz-jonijiet finanzjar-ji li jinsabu għaddej-jin fil-31.12.2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni (il-programmi tal-1994-1999 u l-2000-2006) | | | | | |
| ERDF | 1 771 | 89 | – 1 087 | – 343 | 430 |
| Fond ta' Koeżjoni | 178 | 98 | – 80 | – 47 | 149 |
| FSE | 630 | 2 | – 56 | – 250 | 326 |
| FIFG | 35 | 0 | – 33 | 0 | 2 |
| EAGGF Gwida + FAEŻR | 4 | 221 | – 38 | 4 | 191 |
| **Total** | **2 618** | **410** | **– 1 294** | **– 636** | **1 098** |

L-ammont ta' hawn fuq huwa bbażat fuq ir-riżultati tal-awditjar tal-Kummissjoni u dawk tal-Qorti tal-Awdituri jew l-OLAF, li kollha kemm huma qed jiġu segwiti mid-DĠs rilevanti permezz ta' proċeduri formali legali u proċeduri kontradittorji kurrenti mal-Istati Membri kkonċernati. Din hija l-aħjar stima, li tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tas-segwitu tal-verifiki u l-ħruġ tal-ittri tal-pożizzjonijiet finali (jew ittri ta' presospensjoni) fil-31 ta' Diċembru 2009. Dan l-ammont jista' jinbidel wara l-proċedura kontradittorja għas-sospensjonijiet u l-korrezzjonijiet finanzjarji, li fiha l-Istati Membri jingħataw l-opportunità li jippreżentaw aktar provi sabiex jappoġġjaw il-pretensjonijiet tagħhom.

### 6.5. **ATTIVITAJIET TA' RKUPRU U KORREZZJONIJIET FINANZJARJI MILL-ISTATI MEMBRI GĦAL AZZJONIJIET STRUTTURALI JEW POLITIKA TA' KOEŻJONI**

Fil-qasam tal-politika tal-koeżjoni, il-korrezzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri li jsegwu l-verifiki tagħhom jew tal-UE mhumiex reġistrati fis-sistema ta' kontabilità tal-Kummissjoni peress li l-Istati Membri jistgħu jerġgħu jużaw dawn l-ammonti għal infiq eliġibbli ieħor. Minkejja dan, l-Istati Membri huma mitluba li jipprovdu informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni dwar irtirar, irkupri u rkupri pendenti tal-Fondi Strutturali kemm għall-2009 u kumulattivament għall-perjodi 2000-2006 u 2007-2013, u li tkopri l-erba' fondi kollha (ERDF, FSE, EAGGF Gwida u FIFG). Madankollu, dawn mhumiex obbligati biex jidentifikaw separatament il-korrezzjonijiet li jirriżultaw mill-ħidma tal-UE. Għal din ir-raġuni l-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula mill-Istati Membri mhumiex miżjuda ma' dawk tal-Kummissjoni.

L-irtirar u l-irkupri fl-2009, ibbażati fuq id-dejta rappurtata mill-Istati Membri b'mod konformi mal-obbligazzjoni tagħhom skont ir-Regolamenti 438/2001 u 448/2001, jammontaw għal EUR 986 miljun u 247 miljun rispettivament, għal total ta' EUR 1 233 miljun. Dawn iċ-ċifri jikkunsidraw ir-riżultati tal-ewwel analiżi mill-Kummissjoni li wasslet għal korrezzjonijiet ta' ċertu dejta. Ir-reviżjoni fuq il-post tad-dejta tal-Istati Membri mwettaq mill-Kummissjoni matul l-2009 f'disa' Stati Membri (10 Stati Membri fl-2008) uriet

li s-sistemi għar-reġistrazzjoni u r-rapportar tad-dejta għadhom mhumiex kompletament affidabbli fl-Istati Membri kollha, għalkemm hemm evidenza li l-kwalità qed titjieb u li kien hemm xi titjib meta mqabbel mas-snin preċedenti. Barra minn hekk, iċ-ċifri mhumiex kompluti, b'mod partikolari rigward id-dejta għall-perjodu kollu tal-programmar, peress li wħud mill-Istati Membri l-kbar għadhom ma kkomunikawx il-korrezzjonijiet imwettqa fis-snin preċedenti tal-perjodu. Madankollu, anke fir-rigward tal-kompletezza, kien hemm xi titjib meta mqabbla mas-snin preċedenti u l-Istati Membri qablu li jipprovdu informazzjoni kompluta fl-għeluq.

Hemm ir-riskju ta' rapportar doppju għall-perjodu 2000-2006 bejn iċ-ċifri rrappurtati għall-korrezzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mix-xogħol tal-korpi tal-UE (verifiki mill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri u l-investigazzjonijiet tal-OLAF) u dawk irrappurtati mill-Istati Membri li jirriżultaw mill-ħidma tagħhom stess. Dan għaliex proporzjon kbir tal-korrezzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mill-ħidma tal-korpi tal-UE huwa aċċettat mill-Istati Membri u implimentat minnhom mingħajr deċiżjoni formali tal-Kummissjoni billi jirtiraw l-infiq ikkonċernat mid-dikjarazzjonijiet tal-infiq tagħhom. Ladarba l-Istati Membri mhumiex obbligati li jiddistingwu bejn korrezzjonijiet li jirriżultaw mill-ħidma tal-korpi tal-UE u dawk dovuti għall-kontrolli u l-verifiki tagħhom stess, id-daqs ta' dan ir-rapportar doppju ma jistax jiġi kwantifikat b'mod preċiż. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni effettiva mill-Istat Membru tista' ma tkunx fl-istess sena meta l-Istat Membru jaċċetta l-korrezzjoni finanzjarja. Għalhekk, ir-rapportar doppju possibbli jibqa' biss stima. Tqabbil għal kull Stat Membru bejn iċ-ċifri tal-Istati Membri għall-2009 u l-ammonti tal-korrezzjonijiet li jirriżultaw mill-ħidma tal-korpi tal-UE li ġew aċċettati mill-Istati Membri għall-istess sena, jissuġġerixxi li l-ammont tar-rapportar doppju m'għandux jaqbeż is-EUR 465 miljun. Għall-2008, ir-rapportar doppju ma setax jaqbeż EUR 600 miljun.

Fil-perjodu ta' programmar 2007-2013, il-Kummissjoni inkorporat ir-rapportar annwali fis-sistemi tagħha tal-IT. Dan ifisser li se tirċievi dejta elettronikament direttament mill-Istati Membri. L-Istati Membri huma meħtieġa wkoll permezz ta' regolament tas-settur li jidentifikaw separatament korrezzjonijiet li jirriżultaw minn ħidma tal-korpi tal-UE, sabiex jiġi evitat kull rapportar doppju.

## Nota 6 – Anness 1: Total tal-korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri deċiżi fl-2009 għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

### Qsim skont kull Stat Membru

*EUR miljuni*

| Stat Membru | Approvazzjoni finanzjarja | Approvazzjoni ta' konformità | Irregolaritajiet iddikjarati | Total |
|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 0 | 12 | 2 | 15 |
| Il-Bulgarija | 0 | 0 | 5 | 5 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 0 | 0 | 0 | 1 |
| Id-Danimarka | 0 | 101 | 4 | 104 |
| Il-Ġermanja | 0 | 2 | 15 | 17 |
| L-Estonja | 0 | 0 | 0 | 0 |
| L-Irlanda | – 2 | 3 | 2 | 4 |
| Il-Greċja | 2 | 18 | 1 | 21 |
| Spanja | 7 | 62 | 38 | 106 |
| Franza | 3 | 73 | 35 | 111 |
| L-Italja | – 3 | 5 | 13 | 15 |
| Ċipru | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Latvja | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Litwanja | 0 | 2 | 1 | 4 |
| Il-Lussemburgu | 0 | 0 | 0 | 0 |
| L-Ungerija | 6 | 13 | 2 | 22 |

*EUR miljuni*

| Stat Membru | Approvazzjoni finanzjarja | Approvazzjoni ta' konformità | Irregolaritajiet iddikjarati | Total |
|---|---|---|---|---|
| Malta | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 1 | 30 | 5 | 36 |
| L-Awstrija | 0 | 2 | 1 | 3 |
| Il-Polonja | 0 | 11 | 2 | 13 |
| Il-Porugall | 0 | 9 | 8 | 18 |
| Ir-Rumanija | 5 | 0 | 9 | 14 |
| Is-Slovenja | 0 | 1 | 0 | 2 |
| Is-Slovakkja | 0 | 0 | 1 | 1 |
| Il-Finlandjaja | 2 | 0 | 0 | 2 |
| L-Isvezja | 0 | 0 | 2 | 2 |
| Ir-Renju Unit | 83 | 12 | 14 | 109 |
| **Total deċiżi** | **103** | **359** | **163** | **625** |

N.B.: iċ-ċifri ta' hawn fuq huma mqarrba għal miljuni ta' Euro u l-ammonti murija bħala 0 jirrappreżentaw ċifri effettivi ta' inqas minn EUR 500 000.

## Nota 6 – Anness 2: Total tal-korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri implimentati fl-2009 għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

## Qsim skont kull Stat Membru

*EUR miljuni*

| Stat Membru | Approvazzjoni finanzjarja u skadenzi mhux rispettati ta' ħlas | Approvazzjoni ta' konformità | Irregolaritajiet iddikjarati mill-Istati Membri (imħallsa lura lill-UE) | Total |
|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 0 | 12 | 2 | 14 |
| Il-Bulgarija | 0 | — | 1 | 1 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 0 | — | 0 | 0 |
| Id-Danimarka | 0 | 101 | 4 | 105 |
| Il-Ġermanja | 0 | 1 | 16 | 18 |
| L-Estonja | 0 | 0 | 0 | 0 |
| L-Irlanda | – 2 | 5 | 2 | 5 |
| Il-Greċja | 2 | 189 | 5 | 196 |
| Spanja | 7 | 23 | 30 | 59 |
| Franza | 3 | 46 | 34 | 82 |
| L-Italja | – 3 | 167 | 13 | 177 |
| Ċipru | — | 0 | 0 | 1 |
| Il-Latvja | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Litwanja | 0 | 0 | 2 | 2 |
| Il-Lussemburgu | 0 | — | 0 | 0 |
| L-Ungerija | 6 | — | 3 | 9 |
| Malta | — | — | 0 | 0 |

*EUR miljuni*

| Stat Membru | Approvazzjoni finanzjarja u skadenzi mhux rispettati ta' ħlas | Approvazzjoni ta' konformità | Irregolaritajiet iddikjarati mill-Istati Membri (imħallsa lura lill-UE) | Total |
|---|---|---|---|---|
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 1 | 2 | 6 | 9 |
| L-Awstrija | 0 | — | 1 | 1 |
| Il-Polonja | 0 | — | 2 | 2 |
| Il-Porugall | 0 | 0 | 7 | 7 |
| Ir-Rumanija | 5 | — | 7 | 12 |
| Is-Slovenja | 0 | 1 | 0 | 2 |
| Is-Slovakkja | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Finlandjaja | 2 | 0 | 1 | 2 |
| L-Isvezja | 0 | 12 | 2 | 14 |
| Ir-Renju Unit | 83 | 41 | 9 | 133 |
| **Total implimentati** | **103** | **600** | **148** | **851** |

N.B.: iċ-ċifri ta' hawn fuq huma mqarrba għal miljuni ta' Euro u l-ammonti murija bħala 0 jirrappreżentaw ċifri effettivi ta' inqas minn EUR 500 000

## Nota 6 – Anness 3: Total tal-korrezzjonijiet finanzjarji konfermati fl-2009 għal Azzjonijiet Strutturali

## Qsim skont kull Stat Membru

*EUR miljuni*

| | Kumulattivi 2008 | Korrezzjonijiet finanzjarji konfermati fl-2009 | | | | | | Kumulattivi 2009 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | | ERDF | FK | FSE | FIFG | EAGGF Gwida | TOTAL | |
| **1994-1999** | **1 995** | **445** | **10** | **21** | **41** | **4** | **521** | **2 516** |
| Il-Belġju | 5 | — | — | 0 | — | — | 0 | 5 |
| Id-Danimarka | 3 | 0 | — | — | — | — | 0 | 3 |
| Il-Ġermanja | 286 | 49 | — | — | — | 4 | 53 | 339 |
| L-Irlanda | 42 | 0 | — | — | — | — | 0 | 42 |
| Il-Greċja | 526 | — | — | — | — | 0 | 0 | 526 |
| Spanja | 244 | 250 | 5 | 17 | 32 | 0 | 304 | 548 |
| Franza | 83 | 0 | — | 0 | — | — | 1 | 84 |
| L-Italja | 442 | 63 | — | — | — | — | 63 | 505 |
| Il-Lussemburgu | 1 | 0 | — | 4 | — | — | 4 | 5 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 168 | 1 | — | — | 9 | — | 9 | 177 |
| L-Awstrija | 2 | 0 | — | — | — | 0 | 0 | 2 |
| Il-Porugall | 113 | 19 | 5 | — | — | — | 24 | 137 |
| Il-Finlandjaja | 1 | — | — | 0 | — | 0 | 0 | 1 |
| L-Isvezja | 1 | 0 | — | — | — | — | 0 | 1 |
| Ir-Renju Unit | 77 | 54 | — | — | — | — | 54 | 131 |
| INTERREG | 1 | 9 | — | — | — | — | 9 | 10 |
| **2000-2006** | **3 313** | **1 616** | **76** | **159** | **5** | **34** | **1 890** | **5 203** |

*EUR miljuni*

| | Kumulattivi 2008 | Korrezzjonijiet finanzjarji konfermati fl-2009 | | | | | | Kumulattivi 2009 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | | ERDF | FK | FSE | FIFG | EAGGF Gwida | TOTAL | |
| Il-Belġju | 5 | 2 | — | 3 | — | — | 5 | 10 |
| Il-Bulgarija | — | — | 2 | — | — | — | 2 | 2 |
| Ir-Repubblika Ċeka | — | — | 0 | — | — | — | 0 | 0 |
| Id-Danimarka | — | — | — | 0 | 0 | — | 0 | 0 |
| Il-Ġermanja | 10 | 0 | — | 2 | — | — | 2 | 12 |
| L-Estonja | — | 0 | — | — | — | — | 0 | 0 |
| L-Irlanda | 26 | 16 | — | — | — | — | 16 | 42 |
| Il-Greċja | 867 | 37 | 2 | 14 | — | — | 53 | 920 |
| Spanja | 1 246 | 1 200 | 22 | 24 | 3 | 8 | 1 257 | 2 503 |
| Franza | 249 | 3 | — | 9 | 0 | — | 12 | 261 |
| L-Italja | 608 | 135 | — | 80 | 2 | — | 217 | 825 |
| Ċipru | — | — | — | — | — | — | — | — |
| Il-Latvja | 3 | 1 | — | 0 | — | — | 1 | 4 |
| Il-Litwanja | 1 | — | 1 | — | — | — | 1 | 2 |
| Il-Lussemburgu | — | — | — | 2 | — | — | 2 | 2 |
| L-Ungerija | — | 4 | 41 | 7 | — | 0 | 52 | 52 |
| Malta | — | — | — | — | — | — | — | — |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 1 | 0 | — | — | — | 1 | 1 | 2 |
| L-Awstrija | — | — | — | — | — | — | — | — |
| Il-Polonja | 37 | 85 | — | 12 | 0 | 11 | 108 | 145 |
| Il-Porugall | 95 | 31 | 0 | 0 | — | — | 31 | 126 |
| Ir-Rumanija | 2 | — | 8 | — | — | 14 | 22 | 24 |
| Is-Slovenja | 2 | — | — | 0 | — | — | 0 | 2 |
| Is-Slovakkja | 1 | 38 | — | — | — | — | 38 | 39 |
| Il-Finlandjaja | — | 0 | — | — | 0 | 0 | 0 | 0 |
| L-Isvezja | 11 | — | — | 0 | — | — | 0 | 11 |
| Ir-Renju Unit | 149 | 63 | — | 5 | — | — | 68 | 217 |
| INTERREG | — | 1 | — | — | — | — | 1 | 1 |
| **Total konfermati** | **5 308** | **2 061** | **86** | **180** | **46** | **38** | **2 411** | **7 719** |

N.B.: iċ-ċifri ta' hawn fuq huma mqarrba għal miljuni ta' Euro u l-ammonti murija bħala 0 jirrappreżentaw ċifri effettivi ta' inqas minn EUR 500 000

**Nota 6 – Anness 4: Total tal-korrezzjonijiet finanzjarji implimentati fl-2009: Azzjonijiet Strutturali**

**Qsim skont kull Stat Membru**

*EUR miljuni*

| | Deċiżjonijiet implimentati fl-2009 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | ERDF | FK | FSE | FIFG | EAGGF Gwida | TOTAL |
| **Perjodu tal-1994-1999** | **218** | **10** | **21** | **46** | **5** | **300** |
| Il-Belġju | — | — | 0 | — | — | 0 |
| Id-Danimarka | 2 | — | — | — | — | 2 |
| Il-Ġermanja | 109 | — | — | 0 | 4 | 113 |
| L-Irlanda | 0 | — | — | 0 | — | 1 |
| Il-Greċja | — | — | — | — | 0 | 0 |
| Spanja | 3 | 5 | 17 | 32 | 0 | 57 |
| Franza | 1 | — | 0 | 5 | — | 6 |
| L-Italja | 41 | — | — | — | — | 41 |
| Il-Lussemburgu | 0 | — | 4 | — | — | 4 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 7 | — | — | 9 | — | 16 |
| L-Awstrija | 0 | — | — | — | 0 | 0 |
| Il-Porugall | 1 | 5 | — | — | — | 6 |
| Il-Finlandjaja | — | — | 0 | — | 0 | 0 |
| L-Isvezja | 0 | — | — | — | — | 0 |
| Ir-Renju Unit | 52 | — | — | — | — | 52 |
| INTERREG | 2 | — | — | — | — | 2 |
| **Perjodu tal-2000-2006** | **116** | **79** | **185** | **4** | **25** | **409** |
| Il-Belġju | — | — | 3 | — | — | 3 |
| Il-Bulgarija | — | 3 | — | — | — | 3 |
| Ir-Repubblika Ċeka | — | 0 | — | — | — | 0 |
| Id-Danimarka | — | — | — | — | — | — |
| Il-Ġermanja | — | — | — | — | — | — |
| L-Estonja | — | 0 | — | — | — | 0 |
| L-Irlanda | — | — | — | — | — | — |
| Il-Greċja | 47 | 5 | 14 | — | — | 66 |
| Spanja | 7 | 14 | 38 | 0 | — | 59 |
| Franza | 1 | — | 0 | — | — | 2 |
| L-Italja | 10 | — | 80 | 4 | — | 93 |
| Ċipru | — | — | — | — | — | — |
| Il-Latvja | — | — | 0 | — | — | 0 |
| Il-Litwanja | — | 1 | — | — | — | 1 |
| Il-Lussemburgu | — | — | 2 | — | — | 2 |
| L-Ungerija | — | 40 | 1 | — | 0 | 41 |

*EUR miljuni*

| | Deċiżjonijiet implimentati fl-2009 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | ERDF | FK | FSE | FIFG | EAGGF Gwida | TOTAL |
| Malta | — | — | — | — | — | — |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | — | — | — | — | — | — |
| L-Awstrija | — | — | — | — | — | — |
| Il-Polonja | 42 | — | 42 | — | 11 | 95 |
| Il-Porugall | 9 | 9 | — | — | — | 18 |
| Ir-Rumanija | — | 6 | — | — | 14 | 20 |
| Is-Slovenja | — | — | — | — | — | — |
| Is-Slovakkja | — | — | — | — | — | — |
| Il-Finlandjaja | — | — | — | — | 0 | 0 |
| L-Isvezja | — | — | — | — | — | — |
| Ir-Renju Unit | — | — | 5 | — | — | 5 |
| INTERREG | 0 | — | — | — | — | 0 |
| **Total implimentati** | **334** | **89** | **206** | **50** | **30** | **709** |

N.B.: iċ-ċifri ta' hawn fuq huma mqarrba għal miljuni ta' Euro u l-ammonti murija bħala 0 jirrappreżentaw ċifri effettivi ta' inqas minn EUR 500 000

7. ĠESTJONI TAR-RISKJU FINANZJARJU

Id-divulgazzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tal-Unjoni Ewropea (UE) huma relatati ma':

— operazzjonijiet tat-teżor imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea sabiex timplimenta l-baġit tal-UE;

— attivitajiet ta' għoti u teħid b'self imwettqa mill-Kummissjoni Ewroepa permezz tal-Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA), il-Bilanċ tal-Ħlasijiet (BOP) u l-azzjonijiet tal-Euratom;

— il-Fond tal-Garanzija għal azzjonijiet esterni; u

— attivitajiet ta' għoti u teħid b'self, kif ukoll attivitajiet tat-teżor imwettqa mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (f'Likwidazzjoni).

7.1. **POLITIKI TAL-ĠESTJONI TAR-RISKJU**

7.1.1. ***Operazzonijiet tat-teżor***

Ir-regoli u l-prinċipji għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor tal-Kummissjoni huma stabbiliti fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 (kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2028/2004) u fir-Regolament Finanzjarju (Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006) u r-Regoli tal-Implimentazzjoni tiegħu (ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002, emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 478/2007).

B'riżultat ta' dawn ir-regolamenti, japplikaw il-prinċipji ewlenin li ġejjin:

— Ir-riżorsi proprji huma mħallsa mill-Istati Membri f'kontijiet miftuħa għal dan l-għan f'isem il-Kummissjoni mat-Teżor jew il-korp maħtur minn kull Stat Membru. Il-Kummissjoni tista' tiġbed minn dawn il-kontijiet biss sabiex tkopri l-ħtiġijiet ta' flus tagħha.

— Ir-Riżorsi Proprji jitħallsu mill-Istati Membri fil-muniti nazzjonali tagħhom, filwaqt li l-ħlasijiet tal-Kummissjoni huma l-aktar denominati f'EUR.

— Il-kontijiet bankarji miftuħa f'isem il-Kummissjoni ma jistgħux jinġibdu flus minnhom b'tali mod li dawn ikollhom bilanċ negattiv.

— Il-bilanċi tal-kontijiet miżmuma f'muniti oħra għajr l-EUR huma jew użati għall-ħlasijiet fl-istess muniti jew perjodikament maqluba f'EUR.

Minbarra l-kontijiet tar-riżorsi proprji, infetħu kontijiet bankarji oħra mill-Kummissjoni, mal-banek ċentrali u banek kummerċjali, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' ħlasijiet u sabiex jiġu rċevuti ammonti oħra għajr il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit.

L-operazzjonijiet tat-teżor u tal-ħlas huma awtomatizzati ħafna u jiddependu fuq sistemi moderni tal-informatika. Proċeduri speċifiċi huma applikati sabiex tiġi garantita s-sigurtà tas-sistema u sabiex tiġi żgurata s-segregazzjoni tad-dmirijiet f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, l-istandards ta' kontroll interni tal-Kummissjoni, u l-prinċipji tal-awditjar.

Ġabra miktuba ta' linji gwida u proċeduri jirregolaw il-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor u tal-ħlas bl-għan li jiġi limitat ir-riskju operattiv u finanzjarju u li jiġi żgurat livell adegwat ta' kontroll. Dawn ikopru l-oqsma differenti ta' operazzjoni (pereżempju: l-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet u l-ġestjoni tal-flus, it-tbassir tal-flussi tal-flus, il-kontinwità tan-negozju, eċċ.), u l-konformità mal-linji gwida u l-proċeduri hija kkontrollata regolarment. Barra minn hekk, jinżammu laqgħat bejn id-DĠ BUDGET u d-DĠ ECFIN sabiex jiġi diskuss il-qsim ta' informazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju u l-aħjar prattiki.

### 7.1.2. *Attivitajiet ta' għoti u teħid b'self (MFA, BOP u Euratom)*

It-tranżazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self, flimkien mal-ġestjoni relatata tat-teżor, jitwettqu mill-UE skont id-Deċiżjonijiet rispettivi tal-Kunsill, jekk applikabbli, u l-linji gwida interni. Manwali ta' proċedura bil-miktub li jkopru oqsma speċifiċi bħall-għoti u t-teħid b'self u l-ġestjoni tat-teżor ġew żviluppati u huma użati mill-unitajiet operattivi rilevanti. Riskji finanzjarji u operattivi huma identifikati u valutati u l-konformità mal-linji gwida u proċeduri interni hija kkontrollata regolarment. Bħala regola ġenerali, ma jsiru l-ebda attivatijiet biex jikkumpensaw il-varjazzjonijiet fir-rata tal-imgħax jew il-varjazzjonijiet tal-munita barranija (attivitajiet ta' kopertura) imwettqa ladarba l-operazzjonijiet ta' għoti b'self huma ffinanzjati minn operazzjonijiet "dahar ma' dahar", li għalhekk ma jiġġeneraw l-ebda rata ta' imgħax jew pożizzjonijiet miftuħa ta' muniti.

### 7.1.3. *Fond ta' Garanzija*

Ir-regoli u l-prinċipji tal-ġestjoni tal-assi tal-Fond ta' Garanzija (ara n-nota **2.3.3**) huma stipulati fil-Konvenzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) bid-data tal-25 ta' Novembru 1994 u l-emendi sussegwenti bid-data tas-17/23 ta' Settembru 1996, it-8 ta' Mejju 2002 u l-25 ta' Frar 2008. Il-Fond ta' Garanzija jopera biss bil-EUR. Huwa jinvesti biss f'din il-munita sabiex jiġi evitat kull riskju tar-rati tal-kambju. Il-ġestjoni tal-assi se tkun ibbażata fuq ir-regoli tradizzjonali tal-prudenza li jiġu osservati għall-attivitajiet finanzjarji. Hija se jkollha tagħti attenzjoni partikolari sabiex jitnaqqsu r-riskji u sabiex jiġi żgurat li l-assi li jiġu ġestiti jistgħu jiġu mibjugħa jew trasferiti mingħajr dewmien sinifikanti, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-impenji koperti.

### 7.1.4. *KEFA f'likwidazzjoni*

Il-Kummissjoni Ewropea tamministra l-likwidazzjoni tal-obbligazzjonijiet u l-ebda self ġdid jew finanzjament li jikkorrispondi miegħu ma huma previsti għall-KEFA f'likwidazzjoni. Self ġdid mill-KEFA huwa ristrett għall-finanzjament mill-ġdid bl-għan li titnaqqas l-ispiża tal-fondi. Sa fejn għandhom x'jaqsmu operazzjonijiet tat-teżor, il-prinċipji ta' ġestjoni prudenti bil-ħsieb li jitnaqqsu r-riskji finanzjarji huma applikati.

## 7.2. **RISKJU TAS-SUQ**

Ir-riskju tas-suq huwa r-riskju li l-valur ġust jew flussi ta' flus futuri ta' strument fiannzjarju se jinbidlu, minħabba t-tibdil fil-prezzijiet tas-suq. Ir-riskju tas-suq jinkorpora mhux biss il-potenzjal għal telf, iżda wkoll il-potenzjal għal qligħ. Dan jinkludi riskju tal-munita, riskju tar-rati tal-imgħax u riskju ta' prezzijiet oħra. L-UE m'għandha l-ebda riskju tal-prezzjijiet sinifikanti oħra.

### 7.2.1. *Riskju tal-munita*

Ir-riskju tal-munita huwa r-riskju li l-operazzjonijiet tal-UE jew il-valur tal-investimenti tagħha se jiġu affettwati minn tibdil fir-rati tal-imgħax. Dan ir-riskju jinħoloq mit-tibdil fil-prezz ta' munita kontra l-oħra.

#### 7.2.1.1. *Operazzjonijiet tat-teżor*

Ir-riżorsi proprji mħallsa mill-Istati Membri f'muniti oħra minbarra l-EUR jinżammu fil-kontijiet tar-riżorsi proprji, skont ir-Regolament dwar ir-Riżorsi Proprji. Huma jiġu kkonvertiti f'EUR meta jkunu meħtieġa sabiex ikopru l-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet. Il-proċeduri applikati għall-ġestjoni ta' dawn il-fondi huma rregolati mir-Regolament imsemmi hawn fuq. F'numru limitat ta' każijiet, jintużaw direttament għal ħlasijiet li jkollhom isiru fl-istess muniti.

Numru ta' kontijiet f'muniti tal-UE minbarra l-EUR, u fil-USD, huma miżmuma mill-Kummissjoni ma' numru ta' banek kummerċjali, sabiex jitwettqu ħlasijet denominati fl-istess muniti. Dawn il-kontijiet huma riforniti skont l-ammont tal-ħlasijiet li jkollhom isiru; b'konsegwenza ta' dan, il-bilanċi tagħhom bejn jum u ieħor jinżammu baxxi ħafna u jirrappreżentaw biss esponiment limitat għaċ-ċaqliq fir-rati tal-kambju tal-muniti barranin.

Meta rċevuti mixxellanji (minbarra r-riżorsi proprji) jiġu rċevuti f'muniti oħra minbarra l-EUR, jew jiġu trasferiti għal kontijiet tal-Kummissjoni fl-istess muniti, jekk ikun meħtieġ sabiex ikopri l-eżekuzzjoni ta' ħlasijiet, jew jiġi konvertit f'EUR u trasferit għal kontijiet oħra tal-EUR. Il-kontijiet imprest miżmuma f'muniti oħra minbarra l-EUR huma riforniti skont l-istima tal-ħtiġijiet tal-ħlasijiet lokali fl-istess muniti għal perjodu qasir. Il-bilanċi fuq dawn il-kontijiet jinżammu fi ħdan il-limiti rispettivi tagħhom.

Peress li l-multi msarrfa provviżorjament huma imposti u mħallsa bl-EUR, m'hemm l-ebda riskju tal-munita barranija.

#### 7.2.1.2. *Attivitajiet ta' għoti u teħid b'self (MFA, BOP u Euratom)*

Il-biċċa l-kbira tal-assi u l-obbligazzjonijiet huma bl-EUR, u għalhekk f'dawn il-każijiet l-UE m'għandhiex ir-riskju tal-munita barranija. Madankollu, l-UE fil-fatt tagħti self bl-USD permezz tal-istrument finanzjarju Euratom, li hu ffinanzjat mit-teħid b'self b'ammont ekwivalenti bl-USD (operazzjoni dahar-ma'-dahar). Fid-data tal-karta tal-bilanċ l-UE m'għandha l-ebda riskju tal-munita barranija rigward il-Euratom.

#### 7.2.1.3. *Fond ta' Garanzija*

L-assi finanzjarji huma bl-EUR u għalhekk m'hemmx riskju tal-munita.

#### 7.2.1.4. *KEFA f'likwidazzjoni*

Il-KEFA f'likwidazzjoni għandha esponiment nett żgħir għall-munita barranija ekwivalenti għal EUR 2,2 miljun li jirriżulta minn self għad-djar ekwivalenti għal EUR 1,5 miljun u ekwivalenti għall-EUR 0,7 miljun bilanċi tal-kont kurrenti.

### 7.2.2. *Riskju tar-rata tal-imgħax*

Ir-riskju tar-rata tal-imgħax huwa l-possibilità ta' tnaqqis fil-valur tas-sigurtà, speċjalment bond, li jirriżulta minn żieda fir-rati tal-imgħax. Ġeneralment, rati tal-imgħax ogħla jwasslu għal prezzijiet iktar baxxi ta' bonds ta' rata fissa, u viċiversa.

#### 7.2.2.1. *Operazzjonijiet tat-teżor*

It-teżor tal-Kummissjoni ma jissellifx flus; u bħala konsegwenza ta' dan mhux espost għar-riskju tar-rata tal-imgħax. Madankollu, huwa jaqla' imgħax fuq il-blanċi li jkollu fil-kontijiet tal-banek differenti. Il-Kummissjoni għalhekk poġġiet fis-seħħ miżuri biex tiżgura li l-imgħax li jiġi riċevut regolarment jirrifletti r-rati tal-imgħax tas-suq, kif ukoll iċ-ċaqliq possibbli tagħhom. Kontijiet li jinfetħu mat-Teżori tal-Istati Membri jew

il-Banek Ċentrali Nazzjonali għal riċevuti ta' riżorsi proprji m'għandhomx imgħaxijiet u huma ħielsa minn tariffi. Rigward il-kontijiet l-oħra kollha li jinżammu mal-Banek Ċentrali Nazzjonali r-remunerazzjoni tiddependi fuq il-kundizzjonijiet speċifiċi offruti minn kull bank; ir-rati tal-imgħax applikati huma varjabbli u aġġustati skont iċ-ċaqliq fis-suq.

Bilanċi bejn jum u ieħor li jinżammu fuq kontijiet ta' banek kummerċjali jakkwistaw imgħax kuljum. Dan huwa bbażat fuq ir-rati varjabbli tas-suq li huwa applikat fuqhom marġni kuntrattwali (pożittiv jew negattiv). Għal ħafna mill-kontijiet il-kalkolu tal-imgħax huwa marbut mar-rata marġinali tal-BĊE għall-operazzjonijiet ewlenin ta' finanzjament mill-ġdid tiegħu, u huwa aġġustat sabiex jirrifletti kull tibdil f'din ir-rata. Għal xi kontijiet oħra l-kalkolu tal-imgħax huwa marbut mar-rata medja tal-indiċi *over night* tal-Euro. Bħala riżultat ma jeżisti l-ebda riskju li l-Kummissjoni tirċievi imgħax b'rati iktar baxxi mir-rati tas-suq.

7.2.2.2. ***Attivitajiet ta' teħid u għoti b'self (MFA, BOP u l-Euratom)***

**Teħid b'self u self b'rati ta' imgħax varjabbli**

Minħabba n-natura tal-attivitajiet tagħha tat-teħid u l-għoti b'self, l-UE għandha assi u obbligazzjonijiet sinifikanti li jrendu imgħax. It-teħid b'self tal-MFA u l-Euratom maħruġa b'rati varjabbli jesponu lill-UE għal riskju tar-rati tal-imgħax. Madankollu, ir-riskji tar-rati tal-imgħax li jirriżultaw mit-teħid b'self jiġu kkumpensati minn self ekwivalenti f'termini u kundizzjonijiet (dahar-ma'-dahar). Fid-data tal-karta tal-bilanċ, l-UE għandha self (espress f'ammonti nominali) b'rati varjabbli ta' EUR 0,96 biljun (2008: EUR 1,05 biljun), filwaqt li jseħħ l-għoti ta' prezzijiet mill-ġdid kull sitt xhur.

**Teħid u għoti b'self b'rati fissi tal-imgħax**

L-UE għandha wkoll self tal-MFA u l-Euratom b'rati fissi li jammontaw għal total ta' EUR 110 miljun fl-2009 (2008: EUR 85 miljun) u li għandhom data ta' maturità finali bejn sena u ħames snin (EUR 25 miljun) u iktar minn ħames snin (EUR 85 miljun).

B'mod iktar sinifikanti, l-UE għandha sitt self taħt l-istrument finanzjarju BOP b'rati fissi tal-imgħax li jammontaw għal total ta' EUR 9.2 biljun fl-2009 (2008: EUR 2 biljun) u b'maturità finali ta' bejn sena u ħames snin (EUR 5 biljuni) u iktar minn ħames snin (EUR 4,2 biljun).

7.2.2.3. ***Fond ta' Garanzija***

Titoli tad-dejn fil-Fond ta' Garanzija maħruġa b'rati varjabbli huma suġġetti għall-effetti volatili ta' dawn ir-rati, filwaqt li t-titoli tad-dejn b'rati fissi jesponuha għal riskju fir-rigward tal-valur ġust tagħhom. Bonds ta' rati fissi jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 97 % tal-portafoll tal-investiment fid-data tal-karta tal-bilanċ (2008: 96 %).

7.2.2.4. ***KEFA f'likwidazzjoni***

Minħabba n-natura tal-attivitajiet tagħha, il-KEFA f'likwidazzjoni hija esposta għal riskju tar-rati tal-imgħax. Ir-riskji tar-rati tal-imgħax li jirriżultaw minn teħid b'self huma ġeneralment ikkumpensati minn self ekwivalenti fit-termini u l-kundizzjonijiet. Rigward l-operazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi, bonds b'rati fissi jirrappreżentaw madwar 97 % tal-portafoll tat-titoli fid-data tal-karta tal-bilanċ (2008: 97 %).

7.3. **RISKJU TAL-KREDITU**

Ir-riskju tal-kreditu huwa r-riskju ta' telf dovut għan-nuqqas ta' ħlas ta' debitur/min jissellef ta' self jew linka ta' kreditu oħra (jew l-ammont prinċipali jew l-imgħax (kupun) jew it-tnejn li huma) jew in-nuqqas li jilħaq obbligazzjoni kuntrattwali. L-avvenimenti inadempjenti jinkludu dewmien fil-ħlas lura, ristrutturar ta' ħlas lura ta' min jissellef, u falliment.

7.3.1. ***Operazzjonijiet tat-teżor***

Il-biċċa l-kbira tar-riżorsi tat-teżor huma miżmuma, skont ir-Regolament tal-Kunsill 1150/2000, f'kontijiet miftuħa mill-Istati Membri għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tagħhom (riżorsi proprji). Dawn il-kontijiet kollha huma miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri jew mal-banek ċentrali nazzjonali. Dawn l-istituzzjonijiet m'għandhom prattikament l-ebda riskju tal-kreditu/kontroparti għall-Kummissjoni peress li l-esponiment huwa mal-Istati Membri tagħha.

Rigward il-parti tar-riżorsi tat-teżor tal-Kummissjoni li jinżammu mal-banek kummerċjali sabiex tiġi koperta l-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet, ir-riforniment ta' dawn il-kontijiet hija ordnata biss fil-mument meta jkun meħtieġ u hija awtomatikament ġestita mis-sistema tal-ġestjoni tal-flus tat-teżor. Livelli ta' flus minimi, proporzjonali mal-ammont medju tal-ħlasijiet ta' kuljum eżegwiti minnu, jinżammu fuq kull kont. B'konsegwenza ta' dan, l-ammonti li jinżammu minn jum għall-ieħor f'dawn il-kontijiet huma dejjem baxxi ħafna (medja ta' madwar EUR 50 miljun u EUR 150 miljun, imqassma fuq aktar minn 30 kont bankarju) u sabiex jiġi żgurat li l-Kummissjoni hija esposta biss b'mod limitat għar-riskju. Dawn l-ammonti għandhom jiġu kkunsidrati fir-rigward tal-bilanċi ġenerali tat-teżor li jvarjaw bejn EUR 1 biljun u EUR 35 biljun, u b'ammont kumplessiv ta' ħlasijiet imwettqa fl-2009 li ammontaw għal total ta' EUR 130 biljun.

Barra minnhekk, jiġu applikati linji gwida speċifiċi għall-għażla ta' banek kummerċjali sabiex jiġi mnaqqas iktar ir-riskju tal-kontroparti li hija esposta għalih il-Kummissjoni:

— Il-banek kummerċjali kollha jintgħażlu b'sejħa għall-offerti. Il-klassifikazzjoni minima tal-kreditu għal perjodu qasir li hija meħtieġa għall-ammissjoni fil-proċeduri tat-tfigħ tal-offerti hija P-1 ta' Moody's jew ekwivalenti (S&P A-1 jew Fitch F1). Jista' jkun meħtieġ livell anqas għoli f'ċirkustanzi speċifiċi u ġustifikati b'mod xieraq.

— Rigward banek kummerċjali li ntgħażlu speċifikament għad-depożitu ta' multi msarrfa provviżorjament, klassifikazzjoni minima għal tul ta' żmien twil ta' S&P AA jew ekwivalenti hija meħtieġa wkoll bħala regola ġenerali u jiġu applikati miżuri speċifiċi f'każ li l-banek f'dan il-grupp ikunu suġġetti għal tnaqqis fil-klassifikazzjoni.

— Matul l-2009 is-servizzi tat-teżor tal-Kummissjoni qiegħdu fis-seħħ sistema alternattiva għall-ġestjoni ta' multi msarrfa provviżorjament, bl-għan speċifiku li jitnaqqas ir-riskju f'dan il-qasam. Minkejja d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 4264 multi imposti mill-1 ta' Jannar 2010, għandhom jiġu ġestiti skont is-sistema l-ġdida u ma ma jistgħux jibqgħu jiġu depożitati iktar ma' banek kummerċjali.

— Il-kontijiet imprest jinżammu ma' banek lokali magħżula bi proċedura simplifikata ta' offerti. Ir-rekwiżiti tal-klassifikazzjoni jiddependu fuq is-sitwazzjoni lokali u jistgħu jvarjaw ħafna minn pajjiż għal ieħor. Sabiex jiġi limitat l-esponiment għar-riskju tal-kreditu, il-bilanċi fuq dawn il-kontijiet jinżammu fl-aktar livell baxx possibbli (meta jitqiesu l-ħtiġijiet operattivi); dawn huma riforniti regolarment, u l-limiti massimi applikati huma riveduti fuq bażi annwali.

— Ir-rati tal-kreditu tal-banek kummerċjali fejn il-Kummissjoni għandha l-kontijiet jiġu riveduti mill-inqas darba fix-xahar, jew bi frekwenza ogħla jekk u meta jkunu meħtieġa. Miżuri ta' monitoraġġ intensifikati ġew adottati fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja, u baqgħu fis-seħħ matul l-2009 kollu.

### 7.3.2. *Attivitajiet ta' teħid u għoti b'self (MFA, BOP u l-Euratom)*

L-esponiment għal riskju ta' kreditu huwa ġestit, l-ewwel nett billi jinkisbu garanziji mill-pajjiżi fil-każ ta' Euratom, imbagħad permezz tal-Fond ta' Garanzija (MFA u Euratom) u fl-aħħar nett permezz tal-Baġit tal-UE (BOP, u jekk il-miżuri l-oħra ma jkunux suffiċjenti MFA u Euratom). Il-leġiżlazzjoni dwar ir-Riżorsi Proprji fis-seħħ matul l-2009 stabbilixxiet limitu għar-riżors tad-DGN ta' 1,24 % tad-DGN tal-Istati Membri u matul l-2009 1,01 % ġie effettivament użat sabiex ikopri l-approprjazzjonijiet tal-ħlasijiet. Dan ifisser li fil-31 ta' Diċembru 2009 kien jeżisti marġini disponibbli ta' 0,23 % sabiex ikopri din il-garanzija. Għandu jiġi osservat li mill-2010 'il quddiem il-limitu jonqos għal 1,23 %. Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni twaqqaf fl-1994 sabiex ikopri r-riskji ta' inadempjenza, relatati mal-ammonti missellfa li jiffinanzjaw self lil pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea. Fi kwalunkwe każ, l-esponiment għar-riskju tal-kreditu huwa ġestit permezz tal-possibiltà li jintuża l-baġit tal-UE fil-każ li debitur ma jkunx jista' jirrimborża l-ammonti dovuti b'mod shih. Għal dan l-għan, l-UE hija intitolata li titolbu lill-Istati Membri kollha sabiex jaraw li jkun hemm konformità mal-obbligu legali tal-UE fir-rigward ta' dawk li jisilfuhom il-flus.

Il-benefiċjarji ewlenin ta' dan is-self huma l-Ungerija, il-Latvja u r-Rumanija. Dawn il-pajjiżi jirrappreżentaw madwar 54 %, 21 % u 18 % rispettivament tal-ammont totali tas-self. Safejn huma kkonċernati l-operazzjonijiet tat-teżor, għandhom jiġu applikati linji gwida fuq l-għażla tal-kontrapartijiet. Skont dan, l-unità operattiva tkun tista' tidħol fi ftehim biss mal-banek eliġibbli li jkollhom biżżejjed limiti fuq il-kontropartijiet.

### 7.3.3. *Fond ta' Garanzija*

F'konformità mal-ftehim bejn l-UE u l-BEI dwar il-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija, kull investiment interbankarju għandu jkun maħruġ minn entità li jkollha klassifikazzjoni minima għal żmien qasir mingħand Moody's, jew ekwivalenti, ta' P-1. Sal-31 ta' Diċembru 2009, l-investimenti kollha (EUR 153 miljun) saru ma' dawn il-kontropartijiet (2008: EUR 183 miljun). Sal-31 ta' Diċembru 2009, il-fond investa f'karta ta' skont waħda għal perjodu qasir u l-investimenti kollha (EUR 37 miljun) saru ma' kontropartijiet bi klassifikazzjoni minima ta' P-1 ta' Moody's jew ekwivalenti. It-titoli kollha li jinżammu fil-portafoll disponibbli għall-bejgħ huma konformi mal-linji gwida tal-ġestjoni.

### 7.3.4. *KEFA f'likwidazzjoni*

L-esponiment għar-riskju ta' kreditu huwa ġestit permezz ta' analiżi regolari tal-kapaċità ta' min jissellef li jilħaq l-obbligi tal-ħlas tal-imgħax u tal-ħlas lura tal-kapital. Esponiment għar-riskju tal-kreditu huwa wkoll ġestit bil-kisba ta' garanziji kollaterali kif ukoll garanziji tal-pajjiż, korporattivi u personali. 52 % tal-ammont totali pendenti huwa kopert minn garanziji minn Stat Membru jew korp ekwivalenti (istituzzjonijiet pubbliċi). 36 % tas-self dovut ingħata lil banek jew ġie garantit minn banek. Safejn jirrigwarda l-operazzjonijiet tat-teżor, għandhom jiġu applikati linji gwida dwar l-għażla tal-kontropartijiet. L-unità ta' operazzjoni hija awtorizzata li tidħol biss fi ftehim ma' banek eliġibbli li għandhom biżżejjed limiti fuq il-kontropartijiet.

## 7.4. RISKJU TA' LIKWIDITÀ

Ir-riskju ta' liwkidità huwa r-riskju li jirriżulta mid-diffikultà tal-bejgħ ta' assi, pereżempju, ir-riskju li titolu jew assi partikolari ma jistgħux jiġu nnegozjati biżżejjed malajr sabiex jimpedixxu telf jew jilħqu obbligazzjoni.

### 7.4.1. *Operazzjonijiet tat-teżor*

Il-prinċipji tal-baġit tal-UE jiżguraw li r-riżorsi tal-flus ġenerali għas-sena huma dejjem suffiċjenti għall-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet kollha. Fil-fatt, il-kontribuzzjonijiet totali tal-Istati Membri huma ekwivalenti għall-ammont tal-approprjazzjonijiet tal-ħlas għas-sena tal-baġit. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, madankollu, huma riċevuti f'pagamenti bin-nifs kull xahar matul is-sena, filwaqt li l-ħlasijiet huma suġġetti għal ċertu staġjonalità.

Sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi tat-teżor dejjem ikunu suffiċjenti sabiex ikopru l-ħlasijiet li għandhom jiġu eżegwiti fi kwalunkwe xahar partikolari, proċeduri li jirrigwardaw ċertu tbassir tal-flus regolari huma fis-seħħ, u jistgħu jintalbu bil-quddiem riżorsi proprji mill-Istati Membri, jekk ikun meħtieġ. f'ċerti kundizzjonijiet.

Flimkien ma dan, fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' kuljum tat-teżor tal-Kummissjoni, l-għodda awtomatizzati tal-ġestjoni tal-flus jiżguraw li, ta' kuljum, tkun disponibbli likwidità suffiċjenti fuq kull wieħed mill-kontijiet bankarji tal-Kummissjoni.

### 7.4.2. *Attivitajiet ta' teħid u għoti b'self (MFA, BOP u Euratom)*

Ir-riskju tal-likwidità li jirriżulta mit-teħid b'self huwa ġeneralment ikkompensat minn self ekwivalenti fit-termini u l-kundizzjonijiet (operazzjonijiet dahar-ma'dahar). Għall-MFA u Euratom, il-Fond ta' Garanzija jservi bħala riżerva tal-likwidità (jew xibka ta' sigurtà) f'każ ta' inadempjiment ta' ħlas u dewmien fil-ħlas ta' dawk li jissellfu. Għall-BOP, ir-Regolament tal-Kunsill 431/2009 jipprovdi għal proċedura li tippermetti biżżejjed ħin sabiex timmobilizza l-fondi permezz tal-baġit tal-UE.

### 7.4.3. *Il-Fond ta' Garanzija*

Il-fond huwa ġestit skont il-prinċipju li l-assi għandu jkollhom livell suffiċjenti ta' likwidità u mobilizzazzjoni fir-rigward tal-impenji rilevanti. Il-fond għandu jżomm minimu ta' EUR 100 miljun f'portafoll b'maturità ta' < 12 xahar li għandhom jiġu investiti fi strumenti monetarji. Sal-31 ta' Diċembru 2009 dawn l-investimenti kienu jammontaw għal EUR 190 miljun. Barra minn hekk, minimu ta' 20 % tal-valur nominali tal-fond għandu jinkludi strumenti monetarji, bonds b'rati fissi b'maturità li jifdal ta' mhux iktar minn sena u bonds ta' rati li jvarjaw. Sal-31 ta' Diċembru 2009 dan il-proporzjon kien ta' 27 %.

### 7.4.4. *KEFA f'likwidazzjoni*

Ir-riskju tal-likwidità li jiġi minn ammonti missellfa huwa ġeneralment paċut minn ammonti mislufa b'termini u kundizzjonijiet ekwivalenti (operazzjonijiet 'dahar ma' dahar'). Għall-ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-KEFA f'likwidazzjoni, il-Kummissjoni tiġġestixxi l-ħtiġijiet tal-likwidità fuq il-bażi tat-tbassir tal-ħruġ ta' flus miksub permezz ta' konsultazzjonijiet mas-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni.

## 7.5. DIVULGAZZJONI TAL-VALUR ĠUST

### 7.5.1. *Attivitajiet ta' teħid u għoti b'self (MFA, BOP u l-Euratom)*

**Sitwazzjoni inizjali:**

Għandu jiġi osservat li s-self imsemmi hawn fuq huwa rikonoxxut inizjalment bl-ammont nominali tiegħu skont ir-regola 11 ta' kontabilità tal-UE. Kieku l-istandard tal-kontabilità tas-settur privat IAS 39 kien applikat minflok, dan kien ifisser ir-rikonoxximent tas-self inizjalment bil-valur ġust tiegħu. Id-differenza bejn iż-żewġ trattamenti ta' kontabilità għas-self tal-BOP biss, fid-data ta' meta nħarġu, hi murija fit-tabella li ġejja:

*EUR miljuni*

| | Regola ta' kontabilità 11 tal-UE (ammont nominali) | IAS 39 (valur ġust) | Differenza fit-trattamenti tal-kontabilità |
|---|---|---|---|
| Valutazzjoni tas-self tal-BOP fil-ħruġ tal-2009 | 7 200 | 6 649 | **551** |
| Valutazzjoni tas-self tal-BOP fil-ħruġ tal-2008 | 2 000 | 1 767 | **233** |

Ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tat-trattament tal-kontabilità skont ir-regola ta' kontabilità 11 tal-UE huma:

— Hemm effetti kumpensatorji bejn l-għoti u t-teħid b'self minħabba n-natura ta' dahar-ma'-dahar tagħhom. Għalhekk, l-imgħax effettiv għas-self huwa ekwivalenti għar-rata tal-imgħax effettiva għat-teħid b'self relatat.

— Id-differenza inizjali tirrifletti l-ispiża tal-opportunità li wieħed ikun kiseb permezz ta' investiment alternattiv fis-suq tal-kapital. Peress li l-UE mhux awtorizzata li tinvesti flus fuq is-swieq tal-kapital, din l-"alternattiva" tal-ħlas tal-opportunità mhix applikabbli u lanqas ma tirrifletti b'mod ġust is-sustanza tat-tranżazzjonijiet.

— Id-differenza inizjali murija hawn fuq tkun kumpensata mid-dħul tal-imgħax fis-snin sussegwenti.

**Is-sitwazzjoni attwali fil-31/12/2009:**

Il-valur ġust stmat huwa stabbilit kif ġej:

— Għal self: jintuża mudell ta' tnaqqis fil-fluss tal-flus billi jiġu applikati kurvi tar-rendita speċifiċi għal kull pajjiż adatti għat-terminu li jifdal sal-maturità.

— Għal teħid b'self jintuża mudell ta' tnaqqis ta' fluss ta' flus billi jiġu applikati kurvi ta' rendita AAA adatti għat-terminu li jkun għad fadal sal-maturità.

— Self b'rati varjabbli tal-imgħax huwa meqjus li jqarreb l-ammont kontabbli tagħhom peress illi dawn jingħataw prezz mill-ġdid b'rati tal-imgħax tas-suq kull 6 xhur.

It-tabella li ġejja turi l-valur ġust stmat fi tmiem is-sena tas-self b'imgħax fiss tal-MFA, BOP u Euratom b'tali mod li tippermetti li dan jiġi mqabbel mal-valur kontabbli korrispondenti fuq il-karta tal-bilanċ:

*EUR miljuni*

| | Self mogħti 31/12/2009 | Self mogħti 31/12/2008 | Teħid b'self 31/12/2009 | Teħid b'self 31/12/2008 |
|---|---|---|---|---|
| Valur ġust | 8 785 | 1 863 | 9 626 | 2 118 |
| Valur kontabbli | 9 416 | 2 091 | 9 416 | 2 091 |
| **Id-differenza** | **(631)** | **(228)** | **210** | **27** |

Fid-data tal-karta tal-bilanċ BOP ikkontabilizza 98.8 % ta' dan l-għoti u teħid b'self. It-tabella ta' hawn fuq tirrifletti l-fatt li peress li l-UE għandha klassifikazzjoni tal-kreditu ta' AAA u r-rati tal-imgħax tas-suq huma attwalment ogħla mir-rati li l-UE ssellfet bihom, il-valur ġust tat-teħid b'self tagħha huwa ogħla mill-ammont nominali. Peress li l-Ungerija, il-Latvja u r-Rumanija, ladarba huma r-reċipjenti ewlenin ta' dan is-self, għandhom klassifikazzjonijiet iktar baxxi minn AAA, għalkemm ir-rati tal-imgħax tas-suq huma attwalment ogħla minn dawk li imponiet l-UE, il-valur ġust tas-self mogħti huwa iktar baxx mill-ammont nominali.

7.5.2. ***KEFA f'likwidazzjoni***

Il-valur ġust stmat tal-għoti u t-teħid b'self huwa determinat billi jintuża mudell bi tnaqqis fil-fluss tal-flus. Skont dan il-mudell, flussi tal-flus mistennija fil-futur jiġu mnaqqsa billi jiġu applikati l-kurvi tar-rendita AAA adatti għat-terminu li jifdal sal-maturità. Il-valur ġust stmat ta' self b'rati varjabbli huwa meqjus li jqarreb l-ammont kontabbli tagħhom peress illi dawn jingħataw prezz mill-ġdid b'rati tal-imgħax tas-suq kull 3 jew 6 xhur. Il-valur ġust stmat ta' għoti u teħid b'self b'rati fissi ma jistax jiġi miksub u ddivulgat peress li d-dejta meħtieġa għall-kalkolu ta' dawn il-valuri ma kinitx disponibbli.

It-titoli disponibbli għall-bejgħ huma ppreżentati bil-valur ġust li huwa l-prezz tas-suq flimkien mal-imgħax dovut. M'hemmx strumenti finanzjarji mkejla bil-valur ġust li jużaw teknika ta' valutazzjoni li mhix osservata minn prezzijiet jew rati tas-suq li jistgħu jiġu osservati. Il-valur nominali li minnu jitnaqqas il-provvediment għall-indeboliment tal-ammonti riċevibbli tan-negozju u l-valur nominali tal-ammonti pagabbli tan-negozju huma meqjusa li jqarrbu lejn il-valur ġust tagħhom. Il-valur ġust tal-flus u ekwivalenti inklużi kontijiet kurrenti u depożiti għal perjodu qasir (ta' anqas minn tliet xhur) huwa l-ammont kontabbli tagħhom.

8. DIVULGAZZJONIJIET DWAR IL-PARTIJIET RELATATI

8.1. **PARTIJIET RELATATI**

Il-partijiet relatati tal-UE huma l-entitajiet ikkonsolidati tagħha u l-persunal ewlieni tal-ġestjoni ta' dawn l-entitajiet (ara hawn taħt). It-tranżazzjonijiet bejn dawn l-entitajiet iseħħu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-UE u peress li dan huwa l-każ, l-ebda rekwiżiti ta' divulgazzjonijiet speċifiċi ma huma meħtieġa għal dawn it-tranżazzjonijiet skont ir-regoli ta' kontabilità tal-UE. Lista tal-entitajiet ikkonsolidati hija mogħtija fin-nota **10**.

8.2. **INTITOLAMENT PRINĊIPALI TAL-ĠESTJONI**

| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 = 2 + 3 + 4 | 6 = 5/1 | 7 | 8 | 9 = 7 + 8 | 10 = 9/1 | 11 | 12 | 13 | = 11 + 12 + 13 | 15 = 14/1 |
| 19 Relazzjonijiet esterni | 4 168 | 4 052 | 0 | 53 | 4 105 | 98,51 % | 54 | 0 | 54 | 1,29 % | 8 | 0 | 0 | 8 | 0,20 % |
| 20 Kummerċ | 81 | 76 | 0 | 1 | 78 | 96,18 % | 1 | 0 | 1 | 1,63 % | 2 | 0 | 0 | 2 | 2,20 % |
| 21 Żvilupp u relazzjonijiet mal-Istati AKP | 2 430 | 1 982 | 265 | 78 | 2 325 | 95,68 % | 100 | 0 | 100 | 4,11 % | 5 | 0 | 0 | 5 | 0,21 % |
| 22 Tkabbir | 1 132 | 10 79-1 982 | 6 | 35 | 1 120 | 98,96 % | 10 | 1 | 10 | 0,91 % | 1 | 0 | 0 | 1 | 0,12 % |
| 23 Għajnuna umanitarja | 915 | 906 | 0 | 7 | 913 | 99,79 % | 1 | 0 | 1 | 0,11 % | 1 | 0 | 0 | 1 | 0,10 % |
| 24 Il-ġlieda kontra l-frodi | 915 | 906 | 0 | 7 | 913 | 99,79 % | 1 | 0 | 1 | 0,11 % | 1 | 0 | 0 | 1 | 0,10 % |
| 25 Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali | 194 | 183 | 0 | 4 | 187 | 96,65 % | 4 | 0 | 4 | 1,97 % | 3 | 0 | 0 | 3 | 1,38 % |
| 26 Amministrazzjoni tal-Kummissjoni | 1 093 | 985 | 0 | 63 | 1 048 | 95,92 % | 36 | 0 | 36 | 3,34 % | 8 | 0 | 0 | 8 | 0,74 % |
| 27 Baġit | 274 | 268 | 0 | 3 | 272 | 99,07 % | 2 | 0 | 2 | 0,74 % | 1 | 0 | 0 | 1 | 0,19 % |
| 28 Awditjar | 11 | 10 | 0 | 0 | 11 | 96,77 % | 0 | 0 | 0 | 1,93 % | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,30 % |
| 29 Statistika | 143 | 129 | 0 | 4 | 133 | 92,73 % | 7 | 0 | 7 | 4,94 % | 3 | 0 | 0 | 3 | 2,33 % |
| 30 Pensjonijiet u nfiq relatat | 1 136 | 1 117 | 0 | 0 | 1 117 | 98,36 % | 0 | 0 | 0 | 0,00 % | 19 | 0 | 0 | 19 | 1,64 % |
| 31 Servizzi Lingwistiċi | 456 | 375 | 0 | 49 | 424 | 93,01 % | 28 | 0 | 28 | 6,25 % | 3 | 0 | 0 | 3 | 0,74 % |
| 40 Riżervi | 503 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % | 0 | 0 | 0 | 0,00 % | 503 | 0 | 0 | 503 | 100,00 % |
| 90 Istituzzjonijiet Oħra | 2 970 | 2 659 | 8 | 100 | 2 767 | 93,16 % | 56 | 10 | 66 | 2,22 % | 137 | 0 | 0 | 137 | 4,62 % |
| **Total** | **145 917** | **135 806** | **381** | **6 358** | **142 545** | **97,69 %** | **2 225** | **328** | **2 553** | **1,75 %** | **817** | **0** | **2** | **819** | **0,56 %** |

## 11. **Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet skont il-qasam ta' politika**

*EUR miljuni*

| Oqsma ta' politika | Appropr-jazzjonijiet għall-ħlasijiet Awtoriz-zati | Pagamenti effettwati | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem għall-2010 | | | | | Approprjazzjonijiet li jiskadu | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Mill-approp. tas-sena | Minn trasferime-nti | Dħul assenjat | Total | % | Trasferi-menti awtomati-ċi | Trasferi-menti permezz ta' deċiżjoni | Dħul assenjat | Total | % | Mill-approp. tas-sena | Minn trasferime-nti | Dħul assenjat (EFTA) | Total | % |
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 = 2 + 3 + 4 | 6 = 5/1 | 7 | 8 | 9 | 10 = 7 + 8 + 9 | 11 = 10/1 | 12 | 13 | 14 | 15 = 12 - + 13 + 14 | 16 = 15/1 |
| 01 Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji | 345 | 300 | 15 | 13 | 327 | 94,82 % | 6 | 0 | 9 | 14 | 4,10 % | 3 | 1 | 0 | 4 | 1,08 % |
| 02 Intrapriża | 705 | 514 | 16 | 28 | 558 | 79,21 % | 13 | 0 | 76 | 89 | 12,57 % | 52 | 4 | 2 | 58 | 8,22 % |
| 03 Kompetizzjoni | 107 | 82 | 11 | 2 | 95 | 88,32 % | 8 | 0 | 2 | 10 | 9,40 % | 1 | 2 | 0 | 2 | 2,28 % |
| 04 Impjiegi u affarijiet soċjali | 9 929 | 8 886 | 13 | 7 | 8 906 | 89,70 % | 17 | 732 | 6 | 755 | 7,60 % | 263 | 5 | 0 | 268 | 2,70 % |
| 05 Agrikoltura u żvilupp rurali | 56 413 | 49 365 | 780 | 5 064 | 55 209 | 97,87 % | 26 | 0 | 929 | 954 | 1,69 % | 58 | 192 | 0 | 249 | 0,44 % |
| 06 Enerġija u Trasport | 2 480 | 2 177 | 16 | 61 | 2 253 | 90,84 % | 17 | 75 | 85 | 177 | 7,12 % | 41 | 5 | 4 | 51 | 2,04 % |
| 07 Ambjent | 409 | 328 | 16 | 12 | 356 | 87,17 % | 18 | 6 | 7 | 30 | 7,40 % | 19 | 3 | 0 | 22 | 5,44 % |
| 08 Riċerka | 5 644 | 4 490 | 36 | 300 | 4 826 | 85,50 % | 44 | 0 | 745 | 789 | 13,97 % | 16 | 10 | 4 | 30 | 0,53 % |
| 09 Is-soċjetà tal-informazzjoni u l-midja | 1 552 | 1 268 | 13 | 94 | 1 375 | 88,58 % | 15 | 0 | 158 | 173 | 11,13 % | 2 | 2 | 0 | 5 | 0,30 % |
| 10 Riċerka diretta | 735 | 321 | 34 | 56 | 411 | 55,87 % | 32 | 2 | 280 | 314 | 42,73 % | 6 | 4 | 0 | 10 | 1,40 % |
| 11 Sajd u affarijiet marittimi | 715 | 588 | 3 | 2 | 592 | 82,87 % | 4 | 11 | 4 | 19 | 2,69 % | 102 | 1 | 0 | 103 | 14,45 % |
| 12 Suq intern | 76 | 59 | 6 | 1 | 66 | 86,89 % | 6 | 0 | 1 | 7 | 9,47 % | 1 | 1 | 0 | 3 | 3,64 % |
| 13 Politika Reġjonali | 26 793 | 26 564 | 174 | 1 | 26 740 | 99,80 % | 13 | 0 | 2 | 15 | 0,06 % | 20 | 18 | 0 | 38 | 0,14 % |
| 14 Tassazzjoni u unjoni doganali | 131 | 111 | 8 | 1 | 120 | 91,54 % | 7 | 0 | 2 | 9 | 6,53 % | 1 | 1 | 0 | 3 | 1,92 % |
| 15 Edukazzjoni u kultura | 1 654 | 1 310 | 15 | 171 | 1 495 | 90,38 % | 14 | 0 | 140 | 153 | 9,27 % | 3 | 2 | 1 | 6 | 0,35 % |
| 16 Komunikazzjoni | 229 | 189 | 13 | 2 | 204 | 89,22 % | 15 | 0 | 2 | 16 | 7,17 % | 5 | 4 | 0 | 8 | 3,61 % |
| 17 Saħħa u ħarsien tal-konsumatur | 632 | 484 | 28 | 14 | 526 | 83,25 % | 28 | 0 | 7 | 35 | 5,58 % | 68 | 2 | 0 | 71 | 11,16 % |

*EUR miljuni*

| Oqsma ta' politika | Appropr-jazzjonijiet għall-ħlasijiet Awtorizzati | Pagamenti effettwati | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem għall-2010 | | | | | Approprjazzjonijiet li jiskadu | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Mill-approp. tas-sena | Minn trasferimenti | Dħul assenjat | Total | % | Trasferimenti awtomatiċi | Trasferimenti permezz ta' deċiżjoni | Dħul assenjat | Total | % | Mill-approp. tas-sena | Minn trasferimenti | Dħul assenjat (EFTA) | Total | % |
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 = 2 + 3 + 4 | 6 = 5/1 | 7 | 8 | 9 | 10 = 7 + 8 + 9 | 11 = 10/1 | 12 | 13 | 14 | 15 = 12 - + 13 + 14 | 16 = 15/1 |
| 18 Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | 830 | 718 | 7 | 19 | 744 | 89,64 % | 6 | 0 | 9 | 16 | 1,89 % | 63 | 7 | 0 | 70 | 8,47 % |
| 19 Relazzjonijiet esterni | 3 805 | 3 576 | 38 | 59 | 3 673 | 96,55 % | 43 | 6 | 24 | 72 | 1,90 % | 46 | 12 | 0 | 59 | 1,54 % |
| 20 Kummerċ | 88 | 71 | 5 | 1 | 77 | 88,09 % | 6 | 0 | 1 | 8 | 8,56 % | 2 | 1 | 0 | 3 | 3,35 % |
| 21 Żvilupp u relazzjonijiet mal-Istati AKP | 1 872 | 1 588 | 27 | 83 | 1 698 | 90,68 % | 40 | 0 | 98 | 138 | 7,37 % | 31 | 5 | 0 | 37 | 1,95 % |
| 22 Tkabbir | 1 437 | 1 250 | 11 | 48 | 1 308 | 91,08 % | 9 | 1 | 8 | 18 | 1,25 % | 106 | 5 | 0 | 110 | 7,67 % |
| 23 Għajnuna umanitarja | 859 | 788 | 5 | 7 | 800 | 93,13 % | 6 | 40 | 1 | 47 | 5,42 % | 12 | 0 | 0 | 12 | 1,45 % |
| 24 Tkabbir | 80 | 67 | 4 | 0 | 71 | 88,65 % | 7 | 0 | 0 | 7 | 8,51 % | 1 | 2 | 0 | 2 | 2,84 % |
| 25 Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali | 212 | 167 | 14 | 3 | 185 | 87,27 % | 15 | 0 | 4 | 20 | 9,32 % | 3 | 4 | 0 | 7 | 3,42 % |
| 26 Amministrazzjoni tal-Kummissjoni | 1 226 | 875 | 108 | 50 | 1 034 | 84,34 % | 113 | 0 | 51 | 164 | 13,35 % | 10 | 18 | 0 | 28 | 2,30 % |
| 27 Baġit | 285 | 259 | 9 | 2 | 271 | 95,19 % | 9 | 0 | 3 | 12 | 4,29 % | 1 | 1 | 0 | 1 | 0,25 % |
| 28 Awditjar | 12 | 10 | 0 | 0 | 10 | 90,05 % | 1 | 0 | 0 | 1 | 7,43 % | 0 | 0 | 0 | 0 | 2,52 % |
| 29 Statistika | 138 | 107 | 6 | 7 | 120 | 87,27 % | 6 | 0 | 8 | 15 | 10,63 % | 2 | 1 | 0 | 3 | 2,09 % |
| 30 Pensjonijiet u nfiq relatat | 1 136 | 1 117 | 0 | 0 | 1 117 | 98,36 % | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % | 19 | 0 | 0 | 19 | 1,64 % |
| 31 Servizzi Lingwistiċi | 479 | 354 | 22 | 45 | 422 | 87,91 % | 21 | 0 | 32 | 53 | 11,02 % | 3 | 2 | 0 | 5 | 1,07 % |
| 40 Riżervi | 229 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % | 229 | 0 | 0 | 229 | 100,00 % |
| 90 Istituzzjonijiet Oħra | 3 334 | 2 344 | 327 | 100 | 2 771 | 83,12 % | 315 | 10 | 67 | 392 | 11,75 % | 137 | 34 | 0 | 171 | 5,13 % |
| **Total** | **124 569** | **110 325** | **1 782** | **6 253** | **118 361** | **95,02 %** | **877** | **882** | **2 760** | **4 519** | **3,63 %** | **1 326** | **350** | **13** | **1 688** | **1,36 %** |

## 12. **Moviment fl-impenji pendenti skont il-qasam ta' politika**

*EUR miljuni*

| Oqsma ta' politika | Impenji pendenti fi tmiem is-sena preċedenti | | | | Impenji għas-sena | | | | Impenji pendenti totali fi tmiem is-sena |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji trasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti | Diżimpenji/Rivalutazzjonijiet/Kanċellazzjonijiet | Ħlasijiet | Impenji pendenti fi tmiem is-sena | Impenji għas-sena | Ħlasijiet | Tħassir ta' impenji mhux trasferibbli | Impenji pendenti fi tmiem is-sena | |
| 01 Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji | 329 | – 17 | – 129 | 183 | 440 | – 199 | – 0 | 241 | 424 |
| 02 Intrapriża | 653 | – 25 | – 238 | 390 | 698 | – 321 | – 0 | 377 | 767 |
| 03 Kompetizzjoni | 13 | – 1 | – 11 | 1 | 92 | – 83 | – 0 | 8 | 9 |
| 04 Impjiegi u affarijiet soċjali | 24 080 | – 90 | – 8 675 | 15 315 | 11 196 | – 231 | – 0 | 10 964 | 26 279 |
| 05 Agrikoltura u żvilupp rurali | 12 405 | – 98 | – 6 854 | 5 457 | 60 054 | – 48 355 | – 0 | 11 699 | 17 155 |
| 06 Enerġija u Trasport | 4 302 | – 139 | – 1 471 | 2 692 | 4 803 | – 782 | – 0 | 4 021 | 6 714 |
| 07 Ambjent | 682 | – 36 | – 225 | 421 | 460 | – 131 | – 0 | 329 | 750 |
| 08 Riċerka | 8 253 | – 103 | – 3 319 | 4 831 | 5 084 | – 1 507 | – 7 | 3 569 | 8 400 |
| 09 Is-soċjetà tal-informazzjoni u l-midja | 2 255 | – 24 | – 947 | 1 283 | 1 556 | – 428 | – 1 | 1 127 | 2 411 |
| 10 Riċerka diretta | 146 | – 10 | – 87 | 49 | 433 | – 324 | – 0 | 109 | 158 |
| 11 Sajd u affarijiet marittimi | 1 347 | – 99 | – 364 | 884 | 976 | – 229 | – 1 | 747 | 1 631 |
| 12 Suq intern | 17 | – 2 | – 13 | 2 | 66 | – 53 | – 0 | 13 | 15 |
| 13 Politika Reġjonali | 81 674 | – 225 | – 25 542 | 55 907 | 38 523 | – 1 198 | – 0 | 37 325 | 93 232 |
| 14 Tassazzjoni u unjoni doganali | 90 | – 13 | – 54 | 23 | 126 | – 67 | – 1 | 59 | 82 |
| 15 Edukazzjoni u kultura | 563 | – 48 | – 232 | 283 | 1 566 | – 1 263 | – 0 | 303 | 586 |
| 16 Komunikazzjoni | 88 | – 8 | – 68 | 13 | 214 | – 136 | – 0 | 77 | 90 |
| 17 Saħħa u ħarsien tal-konsumatur | 614 | – 58 | – 289 | 268 | 675 | – 237 | – 0 | 438 | 706 |
| 18 Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | 866 | – 81 | – 308 | 477 | 1 008 | – 436 | – 0 | 572 | 1 049 |
| 19 Relazzjonijiet esterni | 8 785 | – 183 | – 2 492 | 6 110 | 4 105 | – 1 181 | – 0 | 2 924 | 9 034 |
| 20 Kummerċ | 21 | – 2 | – 14 | 5 | 78 | – 63 | – 0 | 14 | 19 |
| 21 Żvilupp u relazzjonijiet mal-Istati AKP | 2 818 | – 54 | – 790 | 1 974 | 2 325 | – 908 | – 0 | 1 417 | 3 391 |
| 22 Tkabbir | 3 905 | – 543 | – 989 | 2 373 | 1 120 | – 320 | – 0 | 800 | 3 173 |

*EUR miljuni*

| Oqsma ta' politika | Impenji pendenti fi tmiem is-sena preċedenti | | | | Impenji għas-sena | | | | Impenji pendenti totali fi tmiem is-sena |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji trasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti | Diżimpenji/Rivalutazzjonijiet/Kanċellazzjonijiet | Ħlasijiet | Impenji pendenti fi tmiem is-sena | Impenji għas-sena | Ħlasijiet | Tħassir ta' impenji mhux trasferibbli | Impenji pendenti fi tmiem is-sena | |
| 23 Għajnuna umanitarja | 422 | – 23 | – 248 | 151 | 913 | – 551 | – 0 | 362 | 513 |
| 24 Il-ġlieda kontra l-frodi | 29 | – 3 | – 16 | 10 | 77 | – 55 | 0 | 22 | 32 |
| 25 Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali | 21 | – 4 | – 16 | 1 | 187 | – 169 | – 0 | 19 | 19 |
| 26 Amministrazzjoni tal-Kummissjoni | 173 | – 18 | – 136 | 19 | 1 048 | – 898 | – 1 | 149 | 168 |
| 27 Baġit | 10 | – 1 | – 9 | 0 | 272 | – 262 | – 0 | 10 | 10 |
| 28 Awditjar | 1 | – 0 | – 0 | 0 | 11 | – 10 | – 0 | 1 | 1 |
| 29 Statistika | 92 | – 4 | – 44 | 45 | 133 | – 77 | – 0 | 56 | 101 |
| 30 Pensjonijiet u nfiq relatat | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 117 | – 1 117 | 0 | 0 | 0 |
| 31 Servizzi Lingwistiċi | 24 | – 2 | – 22 | 0 | 424 | – 400 | – 0 | 24 | 24 |
| 90 Istituzzjonijiet Oħra | 366 | – 34 | – 321 | 11 | 2 767 | – 2 450 | 0 | 317 | 328 |
| **Total** | **155 045** | **– 1 946** | **– 53 923** | **99 177** | **142 545** | **– 64 438** | **– 12** | **78 095** | **177 272** |

## 13. **Analiżi tal-impenji pendenti skont is-sena tal-oriġini tal-impenn skont il-qasam ta' politika**

*EUR miljuni*

| Oqsma ta' Politika | <2003 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji | 0 | 0 | 0 | 17 | 93 | 32 | 41 | 241 | 424 |
| 02 Intrapriża | 12 | 8 | 7 | 19 | 37 | 88 | 219 | 377 | 767 |
| 03 Kompetizzjoni | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 8 | 9 |
| 04 Impjiegi u affarijiet soċjali | 133 | 17 | 28 | 466 | 4 283 | 1 363 | 9 024 | 10 964 | 26 279 |
| 05 Agrikoltura u żvilupp rurali | 35 | 0 | 2 | 26 | 1 737 | 4 | 3 653 | 11 699 | 17 156 |
| 06 Enerġija u Trasport | 80 | 31 | 100 | 172 | 302 | 743 | 1 264 | 4 021 | 6 714 |
| 07 Ambjent | 1 | 7 | 17 | 43 | 66 | 112 | 175 | 329 | 750 |
| 08 Riċerka | 84 | 235 | 238 | 440 | 841 | 1 232 | 1 761 | 3 569 | 8 400 |
| 09 Is-soċjetà tal-informazzjoni u l-midja | 3 | 16 | 29 | 113 | 195 | 329 | 598 | 1 127 | 2 411 |
| 10 Riċerka diretta | 1 | 1 | 0 | 5 | 8 | 8 | 26 | 109 | 158 |
| 11 Sajd u affarijiet marittimi | 39 | 17 | 9 | 34 | 301 | 32 | 451 | 747 | 1 631 |
| 12 Suq intern | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 13 | 15 |
| 13 Politika Reġjonali | 412 | 476 | 1 085 | 1 825 | 13 108 | 7 765 | 31 235 | 37 325 | 93 232 |
| 14 Tassazzjoni u unjoni doganali | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 6 | 16 | 59 | 82 |
| 15 Edukazzjoni u kultura | 12 | 8 | 7 | 23 | 43 | 54 | 136 | 303 | 586 |
| 16 Komunikazzjoni | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 11 | 77 | 90 |
| 17 Saħħa u ħarsien tal-konsumatur | 4 | 9 | 14 | 8 | 23 | 45 | 164 | 438 | 706 |
| 18 Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | 5 | 1 | 9 | 19 | 32 | 156 | 256 | 572 | 1 049 |
| 19 Relazzjonijiet esterni | 579 | 166 | 330 | 386 | 987 | 1 439 | 2 222 | 2 924 | 9 034 |
| 20 Kummerċ | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 3 | 14 | 19 |
| 21 Żvilupp u relazzjonijiet mal-Istati AKP | 131 | 56 | 103 | 215 | 346 | 442 | 682 | 1 417 | 3 391 |
| 22 Tkabbir | 174 | 45 | 62 | 164 | 561 | 566 | 801 | 800 | 3 173 |
| 23 Ghajnuna umanitarja | 2 | 0 | 0 | 0 | 4 | 25 | 120 | 362 | 513 |
| 24 Il-ġlieda kontra l-frodi | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 4 | 5 | 22 | 32 |
| 25 Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 19 | 19 |
| 26 Amministrazzjoni tal-Kummissjoni | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 5 | 13 | 149 | 168 |
| 27 Baġit | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 10 | 10 |
| 28 Awditjar | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 |
| 29 Statistika | 1 | 0 | 0 | 3 | 7 | 9 | 25 | 56 | 101 |
| 30 Pensjonijiet u nfiq relatat | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 31 Servizzi Lingwistiċi | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | – 0 | 24 | 24 |
| 90 Istituzzjonijiet Oħra | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 11 | 317 | 328 |
| **Total** | **1 709** | **1 093** | **2 042** | **3 977** | **22 978** | **14 463** | **52 915** | **78 095** | **177 272** |

## 14. **Taqsira tal-implimentazzjoni tad-dħul tal-baġit skont l-istituzzjoni**

*EUR miljuni*

| Istituzzjoni | Approprjazzjonijiet tad-dħul | | Intitolamenti stabbiliti | | | Dħul | | | Dħul bħala % tal-baġit | Pendenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Bidu | Finali | Sena kurrenti | Trasferiti | Total | Fuq intitolamenti tas-sena Kurrenti | Fuq intitolamenti kontabilizzati | Total | | |
| Il-Parlament Ewropew | 99 | 99 | 164 | 86 | 250 | 137 | 4 | 141 | 142,54 % | 109 |
| Il-Kunsill | 53 | 53 | 96 | 12 | 108 | 90 | 12 | 102 | 192,94 % | 6 |
| Il-Kummissjoni | 115 869 | 112 808 | 117 818 | 11 758 | 129 576 | 114 950 | 2 335 | 117 285 | 103,97 % | 12 291 |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja | 38 | 38 | 41 | 0 | 41 | 41 | 0 | 41 | 106,26 % | 0 |
| Il-Qorti tal-Awdituri | 19 | 19 | 19 | 1 | 19 | 18 | 0 | 19 | 98,50 % | 0 |
| Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali | 10 | 10 | 16 | 0 | 16 | 16 | 0 | 16 | 164,23 % | 0 |
| Il-Kumitat tar-Reġjuni | 7 | 7 | 20 | 0 | 20 | 20 | 0 | 20 | 309,74 % | 0 |
| L-Ombudsman | 1 | 1 | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | 1 | 112,93 % | 0 |
| Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta | 1 | 1 | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | 1 | 78,73 % | 0 |
| **Total** | **116 096** | **113 035** | **118 175** | **11 857** | **130 032** | **115 274** | **2 351** | **117 626** | **104,06 %** | **12 407** |

## 15. **Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet skont l-istituzzjoni**

### Approprjazzjonijiet għall-impenji

*EUR miljuni*

| Istituzzjoni | Approprjazzjonijiet għall-impenji awtorizzati | Impenji magħmula | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem għall-2010 | | | | Approprjazzjonijiet li jiskadu | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Mill-approp. tas-sena | Minn trasferimenti | Minn dħul assenjat | Total | % | Minn dħul assenjat | Trasferimenti permezz ta' deċiżjoni | Total | % | Mill-approp. tas-sena | Approprjazzjonijiet trasferiti | Dħul assenjat (EFTA) | Total | % |
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 = 2 + 3 + 4 | 6 = 5/1 | 7 | 8 | 9 = 7 + 8 | 10 = 9/1 | 11 | 12 | 13 | 14 = 11 + 12 + 13 | 15 = 14/1 |
| Il-Parlament Ewropew | 1 596 | 1 418 | 8 | 42 | 1 467 | 91,94 % | 16 | 10 | 26 | 1,65 % | 102 | 0 | 0 | 102 | 6,42 % |
| Il-Kunsill | 642 | 551 | 0 | 41 | 593 | 92,33 % | 38 | 0 | 38 | 5,88 % | 12 | 0 | 0 | 12 | 1,80 % |
| Il-Kummissjoni | 142 947 | 133 147 | 373 | 6 258 | 139 779 | 97,78 % | 2 169 | 318 | 2 487 | 1,74 % | 680 | 0 | 2 | 682 | 0,48 % |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja | 318 | 311 | 0 | 1 | 313 | 98,50 % | 1 | 0 | 1 | 0,37 % | 4 | 0 | 0 | 4 | 1,14 % |
| Il-Qorti tal-Awdituri | 188 | 173 | 0 | 0 | 173 | 92,19 % | 0 | 0 | 0 | 0,21 % | 14 | 0 | 0 | 14 | 7,59 % |
| Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali | 122 | 117 | 0 | 3 | 120 | 98,02 % | 0 | 0 | 0 | 0,33 % | 2 | 0 | 0 | 2 | 1,65 % |
| Il-Kumitat tar-Reġjuni | 88 | 75 | 0 | 12 | 87 | 98,37 % | 0 | 0 | 0 | 0,08 % | 1 | 0 | 0 | 1 | 1,56 % |
| L-Ombudsman | 9 | 8 | 0 | 0 | 8 | 91,98 % | 0 | 0 | 0 | | 1 | 0 | 0 | 1 | 8,02 % |
| Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta | 7 | 5 | 0 | 0 | 5 | 81,44 % | 0 | 0 | 0 | | 1 | 0 | 0 | 1 | 18,56 % |
| **Total** | **145 917** | **135 806** | **381** | **6 358** | **142 545** | **97,69 %** | **2 225** | **328** | **2 553** | **1,75 %** | **817** | **0** | **2** | **819** | **0,56 %** |

**Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet**

*EUR miljuni*

| Istituzzjoni | Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet awtorizzati | Pagamenti effettwati | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem għall-2010 | | | | | Approprjazzjonijiet li jiskadu | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Mill-approp. tas-sena | Minn trasferimenti | Minn dħul assenjat | Total | % | Trasferimenti awtomatiċi | Trasferimenti permezz ta' deċiżjoni | Minn dħul assenjat | Total | % | Mill-approp. tas-sena | Minn trasferimenti | Dħul assenjat (EFTA) | Total | % |
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 = 2 + 3 + 4 | 6 = 5/1 | 7 | 8 | 9 | 10 = 7 + 8 + 9 | 11 = 10/1 | 12 | 13 | 14 | 15 = 12 + 13 + 14 | 16 = 15/1 |
| Il-Parlament Ewropew | 1 799 | 1 237 | 186 | 43 | 1 466 | 81,50 % | 180 | 10 | 22 | 212 | 11,78 % | 102 | 19 | 0 | 121 | 6,72 % |
| Il-Kunsill | 762 | 510 | 108 | 41 | 659 | 86,44 % | 41 | 0 | 42 | 83 | 10,86 % | 12 | 9 | 0 | 21 | 2,70 % |
| Il-Kummissjoni | 121 235 | 107 981 | 1 455 | 6 154 | 115 590 | 95,34 % | 562 | 872 | 2 693 | 4 127 | 3,40 % | 1 189 | 316 | 13 | 1 517 | 1,25 % |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja | 332 | 293 | 13 | 1 | 307 | 92,47 % | 18 | 0 | 1 | 19 | 5,84 % | 4 | 2 | 0 | 6 | 1,69 % |
| Il-Qorti tal-Awdituri | 200 | 112 | 11 | 0 | 123 | 61,35 % | 61 | 0 | 0 | 62 | 30,76 % | 14 | 2 | 0 | 16 | 7,89 % |
| Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali | 128 | 110 | 4 | 3 | 117 | 91,69 % | 6 | 0 | 1 | 8 | 5,95 % | 2 | 1 | 0 | 3 | 2,37 % |
| Il-Kumitat tar-Reġjuni | 95 | 69 | 5 | 12 | 86 | 90,09 % | 6 | 0 | 1 | 6 | 6,75 % | 1 | 2 | 0 | 3 | 3,17 % |
| L-Ombudsman | 10 | 8 | 1 | 0 | 8 | 84,57 % | 1 | 0 | 0 | 1 | 7,57 % | 1 | 0 | 0 | 1 % | 7,86 % |
| Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta | 8 | 4 | 1 | 0 | 5 | 64,24 % | 1 | 0 | 0 | 1 | 15,02 % | 1 | 0 | 0 | 2 | 20,75 % |
| **Total** | **124 569** | **110 325** | **1 782** | **6 253** | **118 361** | **95,02 %** | **877** | **882** | **2 760** | **4 519** | **3,63 %** | **1 326** | **350** | **13** | **1 688** | **1,36 %** |

## 16. **Dħul tal-aġenziji: previżjoni tal-baġit, intitolamenti u ammonti riċevuti**

*EUR miljuni*

| Aġenzija | Dħul previst tal-baġit | Intitolamenti stabbiliti | Ammonti rċevuti | Pendenti | Finanzjament Qasam ta' Politika tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni | 122 | 102 | 92 | 10 | 06 |
| Frontex | 89 | 80 | 80 | 0 | 18 |
| Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali | 19 | 18 | 17 | 1 | 15 |
| Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija | 9 | 7 | 7 | 0 | 18 |
| L-Aġenzija Ewropea tal-Kimika | 70 | 71 | 71 | 0 | 02 |
| Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard | 51 | 49 | 49 | 0 | 17 |
| Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi | 15 | 16 | 15 | 0 | 18 |
| L-Aġenzija Ewropea tal-Ambjent | 40 | 42 | 42 | 0 | 07 |
| L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd | 10 | 10 | 10 | 0 | 11 |
| L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel | 69 | 65 | 65 | 0 | 17 |
| L-Awtorità Ewropea tas-Sorveljanza tal-GNSS | 44 | 41 | 41 | 0 | 06 |
| L-Enerġija mill-fużjoni | 174 | 174 | 143 | 31 | 08 |
| Eurojust | 28 | 28 | 28 | 0 | 18 |
| L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima | 53 | 51 | 51 | 0 | 06 |
| L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern | 225 | 194 | 194 | 0 | 12 |
| L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini | 194 | 198 | 196 | 1 | 02 |
| L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u tal-Informazzjoni | 8 | 8 | 8 | 0 | 09 |
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali | 17 | 13 | 13 | 0 | 18 |
| L-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea | 21 | 21 | 21 | 0 | 06 |
| L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 14 | 13 | 13 | 0 | 04 |
| Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-UE. | 63 | 52 | 45 | 7 | 31 |
| Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ | 20 | 19 | 19 | 0 | 15 |
| L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti | 13 | 12 | 12 | 0 | 17 |
| Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol | 20 | 20 | 20 | 0 | 04 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżjoni u l-Kultura | 48 | 48 | 48 | 0 | 15 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni | 13 | 13 | 13 | 0 | 06 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka | 14 | 13 | 13 | 0 | 08 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka | 22 | 22 | 21 | 0 | 08 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm tas-Saħħa Pubblika | 6 | 6 | 6 | 0 | 17 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport | 9 | 9 | 9 | 0 | 06 |
| **Total** | **1 501** | **1 415** | **1 363** | **52** | |

*EUR miljuni*

| Tip ta' dħul | Dħul previst tal-baġit | Intitolamenti stabbiliti | Ammonti rċevuti | Pendenti |
|---|---|---|---|---|
| Sussidju tal-Kummissjoni | 824 | 796 | 796 | - 0 |
| Dħul minn miżati | 415 | 399 | 388 | 11 |
| Dħul ieħor | 262 | 220 | 179 | 41 |
| **Total** | **1 501** | **1 415** | **1 363** | **52** |

## 17. **Aġenziji: Approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet skont l-Aġenzija**

*EUR miljuni*

| Aġenzija | Approprjazzjonijiet għall-impenji | | | Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Approprjazzj-onijiet | Impenji magħmula | Trasferiti għall-2010 | Approprjazzj-onijiet | Ħlasijiet effettwati | Trasferiti għall-2010 |
| L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni | 136 | 107 | 27 | 150 | 96 | 52 |
| Frontex | 90 | 82 | 2 | 119 | 77 | 25 |
| Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali | 21 | 19 | 1 | 22 | 18 | 2 |
| Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija | 13 | 10 | 2 | 14 | 6 | 5 |
| L-Aġenzija Ewropea tal-Kimika | 70 | 67 | 0 | 83 | 57 | 20 |
| Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard | 51 | 48 | 0 | 67 | 44 | 18 |
| Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi | 16 | 16 | 0 | 17 | 15 | 1 |
| L-Aġenzija Ewropea tal-Ambjent | 42 | 42 | 0 | 48 | 40 | 7 |
| L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd | 10 | 10 | 0 | 11 | 10 | 1 |
| L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel | 71 | 69 | 0 | 87 | 67 | 10 |
| L-Awtorità Ewropea tas-Sorveljanza tal-GNSS | 145 | 119 | 26 | 120 | 68 | 52 |
| L-Enerġija mill-fużjoni | 404 | 400 | 4 | 206 | 133 | 60 |
| Eurojust | 28 | 26 | 1 | 31 | 23 | 6 |
| L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima | 49 | 46 | 0 | 57 | 46 | 2 |
| L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern | 338 | 146 | 0 | 367 | 140 | 31 |
| L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini | 194 | 185 | 0 | 230 | 181 | 40 |
| L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u tal-Informazzjoni | 8 | 8 | 0 | 10 | 8 | 2 |
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali | 17 | 17 | 0 | 24 | 17 | 7 |
| L-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea | 21 | 21 | 0 | 25 | 20 | 5 |
| L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 15 | 13 | 1 | 19 | 13 | 5 |
| Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-UE. | 63 | 36 | 0 | 66 | 36 | 4 |
| Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ | 21 | 20 | 2 | 23 | 20 | 2 |
| L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti | 14 | 12 | 0 | 14 | 12 | 0 |
| Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol | 21 | 21 | 1 | 26 | 20 | 6 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżjoni u l-Kultura | 48 | 46 | 0 | 54 | 46 | 6 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni | 13 | 12 | 0 | 15 | 12 | 1 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka | 14 | 13 | 0 | 21 | 17 | 2 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka | 22 | 23 | 0 | 22 | 18 | 4 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm tas-Saħħa Pubblika | 6 | 6 | 0 | 7 | 5 | 1 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport | 9 | 8 | 0 | 10 | 8 | 1 |
| **Total** | **1 972** | **1 647** | **68** | **1 964** | **1 272** | **377** |

*EUR miljuni*

| Tip ta' nefqa | Approprjazzjonijiet għall-impenji | | | Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Approprjazzj-onijiet | Impenji magħmula | Trasferiti għall-2010 | Approprjazzj-onijiet | Pagamenti effettwati | Trasferiti għall-2010 |
| Persunal | 547 | 508 | 0 | 561 | 500 | 15 |
| Spejjeż tal-amministrazzjoni | 246 | 238 | 0 | 331 | 232 | 83 |
| Spejjeż operattivi | 1 179 | 901 | 67 | 1 072 | 540 | 279 |
| **Total** | **1 972** | **1 647** | **68** | **1 964** | **1 272** | **377** |

## 18. **Riżultat tal-baġit inklużi l-aġenziji**

*EUR miljuni*

| | L-UNJONI EWROPEA | AĠENZIJI | Tneħħija ta' sussidji lill-aġenziji | TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| Dħul għas-sena finanzjarja | 117 626 | 1 363 | (796) | **118 193** |
| Pagamenti kontra approprjazzjonijiet għas-sena kurrenti | (116 579) | (1 082) | 796 | (**116 865**) |
| Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet trasferiti 'l quddiem għas-sena N+1 | (1 759) | (377) | 0 | (**2 136**) |
| Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mhux użati trasferiti mis-sena N-1 | 2 791 | 188 | 0 | **2 979** |
| Differenzi tal-kambju għas-sena | 185 | (5) | 0 | **180** |
| **Riżultat tal-Baġit** | **2 264** | **87** | **0** | **2 351** |

TAQSIMA B: NOTI TA' SPJEGAZZJONI MAR-RAPPORTI KKONSOLIDATI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

## 1. PRINĊIPJI, STRUTTURI U APPROPRJAZZJONIJIET TAL-BAĠIT

### 1.1. IL-BAŻI LEGALI U R-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-kontijiet tal-baġit huma miżmuma skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 248 tas-16 ta' Settembru 2002), dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament Finanzjarju. Il-baġit ġenerali, l-istrument prinċipali tal-politika finanzjarja tal-UE, huwa strument li jipprovdi għad-dħul u l-infiq tal-UE u jawtorizzahom għal kull sena.

Kull sena, il-Kummissjoni tagħmel stima tad-dħul u l-infiq tal-Istituzzjonijiet kollha għas-sena u tfassal abbozz preliminari tal-baġit li tibagħtu għand l-awtorità tal-baġit. Fuq il-bażi ta' dan l-abbozz preliminari tal-baġit, il-Kunsill ifassal l-abbozz tal-baġit li mbagħad ikun is-suġġett ta' negozjati bejn iż-żewġ dirgħajn tal-awtorità tal-baġit. Il-President tal-Parlament jiddikjara li l-baġit ġie finalment adottat u dan għalhekk isir infurzabbli. L-eżekuzzjoni tal-baġit hija prinċipalment ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

### 1.2. PRINĊIPJI TAL-BAĠIT

Il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea huwa rregolat minn numru ta' prinċipji bażiċi:

- **L-unità u l-preċiżjoni tal-baġit:** l-infiq u d-dħul kollu għandu jkun inkorporat f'dokument wieħed tal-baġit, għandu jkun reġistrat f'linja tal-baġit u l-infiq m'għandux jaqbeż l-approprjazzjonijiet awtorizzati;
- **l-universalità:** dan il-prinċipju jikkonsisti f'żewġ regoli:
  - ir-regola tan-nuqqas ta' assenjazzjoni, li tfisser li d-dħul tal-baġit m'għandux ikun assenjat speċifikament għal partiti speċifiċi ta' nfiq (id-dħul totali għandu jkopri l-infiq totali);
  - ir-regola tal-baġit gross, jiġifieri li d-dħul u l-infiq jiddaħħlu b'mod sħiħ fil-baġit mingħajr ma jiġu aġġustati kontra xulxin;
- **l-annwalità:** l-approprjazzjonijiet huma awtorizzati għal sena waħda u għandhom għalhekk ikunu użati matul dik is-sena;
- **l-ekwilibriju:** id-dħul u l-infiq murija fil-baġit għandhom ikunu f'bilanċ (id-dħul stmat għandu jkun ugwali għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet);
- **l-ispeċifikazzjoni:** kull approprjazzjoni hija assenjata għal skop speċifiku u għan speċifiku;
- **l-unità tal-kontijiet:** il-baġit huwa mfassal u implimentat f'euro u l-kontijiet huma ppreżentati f'euro wkoll;
- **il-ġestjoni finanzjarja soda:** l-approprjazzjonijiet tal-baġit huma użati f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda, jiġifieri skont il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja;
- **it-trasparenza:** il-baġit u l-baġits ta' emenda huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

### 1.3. STRUTTURA TAL-BAĠIT

Il-baġit jikkonsisti f'dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul;

(b) sezzjonijiet separati maqsuma fid-dikjarazzjonijiet tad-dħul u l-infiq ta' kull Istituzzjoni: Taqsima I: il-Parlament; Taqsima II: il-Kunsill; Taqsima III: il-Kummissjoni; Taqsima IV: il-Qorti tal-Ġustizzja; Taqsima V: il-Qorti tal-Awdituri; Taqsima VI: il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali; Taqsima VII: il-Kumitat tar-Reġjuni; Taqsima VIII: L-Ombudsman; Taqsima IX: Il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta.

Il-partiti tad-dħul u l-infiq ta' kull Istituzzjoni huma klassifikati skont it-tip tagħhom jew l-użu li għalih ikunu assenjati taħt intestaturi, kapitoli, artikoli u partiti. Parti mill-fondi tal-KEFA f'likwidazzjoni tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-baġit operattiv tal-KEFA f'likwidazzjoni. Dan il-baġit operattiv kien adotttat annwalment mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kunsill u l-Parlament Ewropew. L-aħħar baġit kien imfassal għall-perjodu tal-1 ta' Jannar sat-23 ta' Lulju 2002. Sa mill-24 ta' Lulju 2002, id-dħul u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-baġit operattiv huma inklużi fid-dħul u l-infiq tal-KEFA f'likwidazzjoni. L-impenji li għadhom iridu jiġu mwettqa huma murija fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet tal-karta tal-bilanċ.

## 1.4. STRUTTURA TAL-KONTIJIET TAL-BAĠIT

### 1.4.1. *Ħarsa ġenerali*

Il-baġit tal-Kummissjoni biss fih approprjazzjonijiet amministrattivi u approprjazzjonijiet operattivi. L-Istituzzjonijiet l-oħra għandhom biss approprjazzjonijiet amministrattivi. Barra minn hekk, il-baġit jiddistingwi bejn żewġ tipi ta' approprjazzjonijiet: approprjazzjonijiet mhux differenzjati u approprjazzjonijiet differenzjati. L-approprjazzjonijiet mhux differenzjati huma użati sabiex jiffinanzjaw operazzjonijiet ta' natura annwali (li huma konformi mal-prinċipju tal-annwalità). Dawn ikopru t-taqsimiet amministrattivi kollha tal-baġit tat-Taqsima tal-Kummissjoni u l-intier ta' kull taqsima oħra, l-approprjazzjonijiet tal-FAEG ta' natura annwali u ċerti approprjazzjonijiet tekniċi (ħlas lura, garanziji għal għoti b'self u seħid b'self, eċċ.). Fil-każ ta' approprjazzjonijiet mhux differenzjati, l-ammont ta' approprjazzjonijiet għall-impenji huwa l-istess bħal dak ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

L-approprjazzjonijiet differenzjati kienu introdotti sabiex jirrikonċiljaw il-prinċipju tal-annwalità mal-bżonn li jkunu amministrati operazzjonijiet multiannwali. Huma maħsuba biex ikopru operazzjonijiet multiannwali u jinkludu l-approprjazzjonijiet fil-kapitoli kollha ħlief il-Kapitolu 1 tat-Taqsima tal-Kummissjoni.

L-approprjazzjonijiet differenzjati jitqassmu f'approprjazzjonijiet għall-impenji u appproprjazzjonijiet għall-ħlasijiet:

— ***l-approprjazzjonijiet għall-impenji:*** ikopru l-ispiża totali tal-obbligazzjonijiet legali li jkunu ġew assunti għas-sena finanzjarja kurrenti għal operazzjonijiet li jestendu fuq numru ta' snin. Madankollu, l-impenji tal-baġit għal azzjonijiet li jestendu fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu, skont l-Artikolu 76(3) tar-Regolament Finanzjarju, jitqassmu fuq numru ta' snin f'porzjonijiet annwali fejn l-att bażiku jipprovdi għal dan.

— ***approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet:*** ikopru l-infiq li joħroġ mill-impenji li tkun daħlet fihom fis-sena finanzjarja kurrenti u/jew is-snin finanzjarji ta' qabel.

### 1.4.2. *L-Oriġini tal-Approprjazzjonijiet*

Is-sors prinċipali tal-approprjazzjonijiet huwa l-baġit tal-UE għas-sena kurrenti. Madankollu, hemm tipi oħra ta' approprjazzjonijiet li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju. Dawn jiġu mis-snin finanzjarji ta' qabel jew minn sorsi esterni:

— L-approprjazzjonijiet tal-baġit inizjali adottati għas-sena kurrenti jistgħu jiġu supplimentati bi trasferimenti bejn il-linji skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 22 sa 24 tar-Regolament Finanzjarju (Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002) u minn baġits ta' emenda (koperti mill-Artikoli 37 u 38 tar-Regolament Finanzjarju).

— Approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem mis-sena preċedenti jew li jkunu disponibbli mill-ġdid ukoll jissupplimentaw il-baġit kurrenti. Dawn huma:

  — approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mhux differenzjati li jistgħu jkunu trasferiti 'l quddiem awtomatikament għal sena finanzjarja waħda biss f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament Finanzjarju;

  — approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem b'deċiżjoni tal-Istituzzjonijiet f'waħda minn żewġ każijiet: jekk l-istadji preparatorji jkunu tlestew (Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament Finanzjarju) jew jekk il-bażi legali tiġi adottata tard (Artikolu 9(2)(b)). Sew l-approprjazzjonijiet għall-impenji u kif ukoll l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem (Artikolu 9(3)); u

— approprjazzjonijiet li jerġgħu jsiru disponibbli minħabba diżimpenji: Dan jinvolvi d-dħul mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet għall-impenji li għandhom x'jaqsmu ma' fondi strutturali li ġew diżimpenjati. L-ammonti jistgħu jerġgħu jiddaħħlu bħala eċċezzjoni f'każ ta' żball mill-Kummissjoni jew jekk ikunu indispensabbli għat-tlestija tal-programm (Artikolu 157 tar-Regolament Finanzjarju).

— Dħul assenjat li huwa magħmul minn:

— Rifużjonijiet fejn l-ammonti huma assenjati bħala dħul fuq il-linja tal-baġit li minnha tkun ittieħdet in-nefqa inizjali u jistgħu jkunu trasferiti 'l quddiem mingħajr limitu,

— Approprjazzjonijiet tal-EFTA: Il-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-membri tagħha għal ċerti attivitajiet fil-baġit tal-UE. Il-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti proġettati huma ppubblikati fl-Anness III tal-baġit tal-UE. Il-linji kkonċernati huma miżjuda bil-kontribuzzjoni tal-EFTA. Approprjazzjonijiet mhux użati fl-aħħar tas-sena huma kkanċellati u rritornati lill-pajjiżi taż-ŻEE;

— Dħul minn partijiet terzi/ pajjiżi oħra li kkonkludew diversi ftehim mal-Unjoni Ewropea li jinvolvu kontribuzzjoni finanzjarja għall-attivitajiet tal-UE. L-ammonti riċevuti huma kkunsidrati bħala dħul minn partijiet terzi li hu allokat għal-linji tal-baġit ikkonċernati (ħafna drabi fil-qasam tar-riċerka) u jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem bla limiti (Artikolu 10 u Artikolu 18(1)(a) u (d) tar-Regolament Finanzjarju);

— Xogħol għal partijiet terzi: Bħala parti mill-attivitajiet tagħhom tar-riċerka, iċ-ċentri tar-riċerka tal-UE jistgħu jaħdmu għal korpi esterni (Artikolu 161(2) tar-Regolament Finanzjarju). Bħad-dħul minn partijiet terzi, ix-xogħol għal partijiet terzi huwa assenjat għal linji tal-baġit speċifiċi u jista' jkun trasferit 'il quddiem bla limiti (Artikolu 10 u Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju); u

— Approprjazzjonijiet li jerġgħu jsiru disponibbli bħala riżultat ta' ħlas lura ta' ħlasijiet fuq il-kont: Dawn huma fondi tal-UE li tħallsu lura mill-benefiċjarji u jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem mingħajr limiti. Fil-qasam tal-Fondi Strutturali, ir-re-iskrizzjoni hija bbażata fuq Deċiżjoni tal-Kummissjoni (Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju u Artikolu 228 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu).

1.4.3. ***Kompożizzjoni tal-Approprjazzjonijiet Disponibbli***

— *Approprjazzjonijiet finali tal-baġits* = approprjazzjonijiet inizjali tal-baġit adottati + approprjazzjonijiet tal-baġits ta' emenda + trasferimenti;

— *Approprjazzjonijiet addizzjonali* = dħul assenjat (ara aktar 'il fuq) + approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel jew li jkunu reġgħu saru disponibbli wara diżimpenji;

— *Approprjazzjonijiet totali awtorizzati* = approprjazzjonijiet finali tal-baġit + approprjazzjonijiet addizzjonali;

— *Approprjazzjonijiet għas-sena* (kif użati biex jiġi kkalkulat ir-riżultat tal-baġit) = approprjazzjonijiet finali tal-baġit + dħul assenjat.

1.5. **IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT**

L-implimentazzjoni tal-baġit hija rregolata mir-Regolament Finanzjarju, li l-Artikolu 48(1) tiegħu jgħid: "il-Kummissjoni għandha timplimenta…il-baġit skont dan ir-Regolament, fuq ir-responsabbiltà tagħha stess u fil-limiti tal-approprjazzjonijiet awtorizzati." L-Artikolu 50 jgħid li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istituzzjonijiet il-poteri meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-taqsimiet tal-baġit li jikkonċernaw lilhom.

1.6. **IMPENJI PENDENTI (RAL)**

Bl-introduzzjoni tal-approprjazzjonijiet differenzjati, żviluppat differenza bejn l-impenji li ttieħdu u l-ħlasijiet magħmula: din id-differenza, li tikkorrispondi mal-impenji pendenti, tirrappreżenta d-differenza ta' żmien bejn meta jittieħdu l-impenji u meta jsiru l-ħlasijiet li jikkorrispondu magħhom.

2. SPJEGAZZJONIJIET TAR-RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

## 2.1. **RIŻULTAT TAL-BAĠIT GĦAS-SENA** *(Tabella 1)*

### 2.1.1. *Ġenerali*

L-ammonti ta' riżorsi proprji mdaħħla fil-kontijiet huma dawk kreditati matul is-sena għall-kontijiet miftuħa f'isem il-Kummissjoni mill-gvernijiet tal-Istati Membri. Id-dħul jinkludi wkoll, fil-każ ta' bilanċ pożittiv, ir-riżultat tal-baġit għas-sena finanzjarja preċedenti. Id-dħul l-ieħor imdaħħal fil-kontijiet huwa l-ammont fil-fatt irċevut matul is-sena.

Għall-iskopijiet tal-kalkolu tar-riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit għas-sena, in-nefqa tinkludi l-ħlasijiet magħmula mill-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għas-sena flimkien mal-approprjazzjonijiet għal dik is-sena li jiġu trasferiti 'l quddiem għas-sena ta' wara. Ħlasijiet magħmula mill-approprjazzjonijiet għall-ħlas għas-sena jfissru ħlasijiet li jsiru mill-uffiċjal tal-kontabilità sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja. Fil-każ tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, il-ħlasijiet huma dawk magħmula mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru 2008 u l-15 ta' Ottubru 2009, sakemm l-uffiċjal tal-kontabilità kien notifikat bl-impenn u l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Jannar 2010. In-nefqa tal-FAEG tista' tkun suġġetta għal deċiżjoni ta' konformità wara kontrolli fl-Istati Membri.

Ir-riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit jinkludi żewġ elementi: ir-riżultat tal-Unjoni Ewropea u r-riżultat tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-EFTA li huma fiż-ŻEE. F'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1150/2000 dwar ir-riżorsi proprji, dan ir-riżultat tal-eżekuzzjoni jirrappreżenta d-differenza bejn:

— id-dħul totali rċevut għal dik is-sena;

— u l-ħlasijiet totali magħmula mill-approprjazzjonijiet għal dik is-sena flimkien mal-ammont totali tal-approprjazzjonijiet għal dik is-sena trasferiti għas-sena ta' wara.

Dawn li ġejjin huma miżjuda mal-figura li tirriżulta jew imnaqqsa minnha:

— il-bilanċ nett tal-kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet trasferiti 'l quddiem mis-snin ta' qabel u kull ħlas li, minħabba ċ-ċaqliq fir-rata tal-euro, ikun akbar mill-approprjazzjonijiet mhux differenzjati trasferiti 'l quddiem mis-sena ta' qabel;

— il-bilanċ tal-qligħ u t-telf mir-rati tal-kambju rreġistrati matul is-sena.

**Ir-riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit jingħata lura lill-Istati Membri matul is-sena sussegwenti permezz ta' tnaqqis mill-ammonti dovuti minnhom għal dik is-sena finanzjarja**.

L-approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi u ħidmiet għalihom, li min-natura tagħhom qatt ma jiskadu, huma inklużi mal-approprjazzjonijiet addizzjonali għas-sena finanzjarja. Dan jispjega d-differenza bejn it-trasferimenti mis-sena ta' qabel fid-dikjarazzjonijiet tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-2009 u dawk trasferiti għas-sena ta' wara fid-dikjarazzjonijiet tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-2008. L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet biex jerġgħu jintużaw u l-approprjazzjonijiet li jerġgħu jkunu disponibbli wara l-ħlas lura tal-ħlasijiet fuq il-kont mhumiex ikkalkulati meta jkun qed jinħadem ir-riżultat tal-eżekuzzjoni għas-sena.

L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet li ġew trasferiti 'l quddiem jinkludu: trasferimenti awtomatiċi u trasferimenti b'deċiżjoni. It-tħassir tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mhux użati trasferiti 'l quddiem mis-sena ta' qabel juri biss it-tħassir ta' approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem awtomatikament u b'deċiżjoni. Dan jinkludi wkoll it-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet fuq dħul allokat trasferiti 'l quddiem għas-sena ta' wara meta mqabbel mal-2008.

### 2.1.2. *Ir-rikonċiljazzjoni tar-riżultat tal-baġit mar-riżultat ekonomiku*

Ir-riżultat ekonomiku għas-sena huwa kkalkulat abbażi tal-prinċipji tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti. Ir-riżultat tal-baġit huwa madankollu bbażat fuq ir-regoli tal-kontabilità bbażata fuq il-ħlasijiet immodifikati, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Minħabba li dawn huma t-tnejn li huma r-riżultat tal-istess tranżazzjonijiet, huwa kontroll utli li jiġi aċċertat li huma rikonċiljabbli. It-tabella ta' hawn fuq turi din ir-rikonċiljazzjoni, u tenfasizza l-ammonti ewlenin tar-rikonċiljazzjoni, maqsuma bejn il-partiti tad-dħul u l-infiq.

**Rikonċiljazzjoni: riżultat ekonomiku – riżultat tal-baġiT 2009**

*EUR miljuni*

| | 2009 | 2008 |
|---|---|---|
| **RIŻULTAT EKONOMIKU GĦAS-SENA** | **4 457** | **12 686** |
| **Dħul** | | |
| Intitolamenti stabbiliti fis-sena kurrenti imma li għadhom ma nġabrux | (2 806) | (4 685) |
| Intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti u miġbura fis-sena kurrenti | 2 563 | 3 485 |
| Dħul dovut (nett) | 436 | (724) |
| **Nefqa** | | |
| Spejjeż dovuti (netti) | 5 381 | 6 353 |
| Spejjeż tas-sena preċedenti mħallsa fis-sena kurrenti | (432) | (219) |
| Effett nett prefinanzjament | (9 458) | (16 446) |
| Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet trasferiti 'l quddiem għas-sena ta' wara | (1 759) | (3 914) |
| Ħlasijiet minn trasferimenti 'l quddiem u tħassir ta' approrjazzjonijiet għall-ħlasijiet mhux użati | 4 573 | 1 182 |
| Moviment fil-provvedimenti | (329) | 4 316 |
| Oħrajn | (153) | (88) |
| **Riżultat ekonomiku aġenziji + KEFA** | (209) | (136) |
| **RIŻULTAT TAL-EŻEKUZZJONI TAL-BAĠIT GĦAS-SENA** | **2 264** | **1 810** |

## Il-partiti tar-rikonċiljazzjoni - Dħul

Id-dħul baġitarju effettiv għal sena finanzjarja jikkorrispondi mad-dħul miġbur minn intitolamenti stabbiliti matul il-kors tas-sena u ammonti miġbura minn intitolamenti stabbiliti fis-snin ta' qabel. Għalhekk, **l-intitolamenti stabbiliti matul is-sena kurrenti iżda li għadhom mhux miġbura** għandhom jitnaqqsu mir-riżultat ekonomiku għall-finijiet tar-rikonċiljazzjoni għax ma jiffurmawx parti mid-dħul baġitarju. Għall-kuntrarju, l-**intitolamenti stabbiliti fis-snin ta' qabel u miġbura matul is-sena kurrenti** għandhom jiżdiedu mar-riżultat ekonomiku għall-finijiet tar-rikonċiljazzjoni.

Id-**dħul dovut nett** jikkonsisti l-aktar fi dħul dovut għall-imposti agrikoli, ir-riżorsi proprji u l-interessi u d-dividendi. Jitqies biss l-effett nett, jiġifieri d-dħul dovut għas-sena kurrenti bid-dħul dovut mit-treġġigħ lura mis-sena ta' qabel imnaqqas minnu.

## Il-partiti tar-rikonċiljazzjoni - Dħul

**L-ispejjeż dovuti netti** jikkonsistu l-aktar f'dovuti magħmula għall-finijiet tal-għeluq fl-aħħar tas-sena, jiġifieri spejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji tal-fondi tal-UE iżda li jkunu għadhom mhux irrappurtati lill-UE.

Filwaqt li l-ispejjeż dovuti mhumiex meqjusa bħala nefqa tal-baġit, **il-ħlasijiet magħmula fis-sena kurrenti fir-rigward tal-fatturi rreġistrati matul is-snin preċedenti** huma parti min-nefqa baġitarja tas-sena kurrenti.

**L-effett nett tal-prefinanzjament** huwa taħlita ta' (1) l-ammonti l-ġodda tal-prefinanzjament imħallsa matul is-sena kurrenti u rikonoxxuti bħala nfiq baġitarju għas-sena u (2) ir-rilaxx tal-prefinanzjament

imħallas fis-sena kurrenti jew is-snin preċedenti billi jiġu aċċettati l-ispejjeż eliġibbli. Dawn tal-aħħar jirrappreżentaw spiża f'termini tad-dovuti iżda mhux fil-kontijiet tal-baġit ladarba l-ħlas tal-prefinanzjament inizjali diġà kien ġie kkunsidrat bħala nefqa baġitarja fiż-żmien ta' meta tħallas.

Minbarra l-ħlasijiet magħmula kontra l-approprjazzjonijiet tas-sena, l-approprjazzjonijiet għal dik is-sena li huma **trasferiti 'l quddiem għas-sena ta' wara** jridu wkoll jitqiesu biex jiġi kkalkulat ir-riżultat tal-baġit għas-sena (f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1150/2000). L-istess japplika għall-ħlasijiet tal-baġit magħmula matul is-sena kurrenti minn **trasferimenti 'l quddiem u t-tħassir ta' approprjazzjonijet għall-ħlasijiet mhux użati**.

**Il-moviment fil-provvedimenti** jirrigwarda l-istimi ta' tmiem is-sena magħmula fil-kontijiet ibbażati fuq id-dovuti (l-aktar benefiċċji tal-impjegati) li m'għandhomx impatt fuq il-kontijiet tal-baġit. **Ammonti oħra ta' rikonċiljazzjoni** jikkonsistu f'elementi differenti bħad-deprezzament tal-assi, l-akkwisti tal-assi, il-ħlasijiet tal-kiri kapital u l-parteċipazzjonijiet finanzjarji li għalihom it-trattament tal-baġit u tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti huma differenti.

Fl-aħħar nett, **ir-riżultat ekonomiku tal-aġenziji u tal-KEFA** li huma inklużi fir-riżultat ekonomiku kkonsolidat jridu jiġu esklużi ladarba l-eżekuzzjoni baġitarja tagħhom mhix parti mir-riżultat ikkonsolidat tal-baġit.

## 2.2. TQABBIL TAL-AMMONTI TAL-BAĠIT U DAWK ATTWALI *(Tabella 2)*

L-ammont tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fil-baġit adotttat inizjalment, iffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew fit-18 ta' Diċembru 2008, ġie ffissat għal EUR 116 096 miljun u l-ammont li għandu jiġi ffinanzjat mir-riżorsi proprji ammonta għal EUR 114 736 miljun. Għandu jiġi osservat li l-istimi tad-dħul u l-infiq fil-baġit inizjali huma suġġetti għal aġġustament matul is-sena baġitarja, b'dawn il-modifiki jiġu ppreżentati f'baġits ta' emenda. Aġġustamenti fil-ħlasijiet tar-riżorsi proprji bbażati fuq id-DGN tal-Istati Membri jiżguraw li d-dħul ibbaġitjat huwa eżattament daqs l-infiq ibbaġitjat. F'konformità mal-prinċipju tal-ekwilibriju, id-dħul u l-infiq tal-baġit (approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet) għandhom ikunu f'bilanċ.

**Dħul:**

Matul l-2009 ġew adotttati għaxar baġits ta' emenda. L-impatt tagħhom fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit tal-2009 irriżulta fi dħul finali totali ta' EUR 113 035 miljun. Dan kien iffinanzjat minn riżorsi proprji li kienu jammontaw għal EUR 110 238 miljun (għalhekk EUR 4 498 miljun anqas milli inizjalment previst) u d-differenza minn dħul ieħor. Il-ħtieġa iżgħar għar-riżorsi proprji kienet dovuta għal diversi fatturi bħall-inklużjoni ta' EUR 1 796 miljun li jirrigwardaw il-bilanċ pożittiv tas-sena ta' qabel flimkien mal-effett ikkombinat ta' tnaqqis fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet u żieda fil-previżjoni tad-dħul fil-Baġit ta' Emenda nru 10/2009. Din tal-aħħar irriżultat fi tnaqqis supplementari fir-riżorsi proprji ta' EUR 2 888 miljun.

F'dak li jirrigwarda r-riżorsi proprji għandu jiġi osservat li l-ġbir tar-riżorsi proprji tradizzjonali kien viċin ħafna tal-ammont previst. Dan huwa spjegat mill-fatt li l-istimi tal-baġit ġew immodifikati fiż-żmien meta ġie stabbilit il-Baġit ta' Emenda Nru 6/2009 (tnaqqsu b'EUR 5 226 miljun) u wkoll fiż-żmien meta ġie stabbilit il-Baġit ta' Emenda Nru 10/2009 (din id-darba ġew imnaqqsa b'EUR 600 miljun). Dawn l-aġġustamenti kienu bbażati minn naħa waħda fuq il-previżjonijiet makroekonomiċi l-ġodda tar-rebbiegħa tal-2009, li kienu anqas ottimisti minn dawk ta' qabilhom u min-naħa l-oħra fuq l-evoluzzjoni tal-ġbir effettiv tal-kontribuzzjonijiet.

Il-ħlasijiet finali tal-VAT u d-DGN tal-Istati Membri wkoll kienu jikkorrispondu mill-qrib ħafna mal-istima finali tal-baġit. Id-differenzi bejn l-ammonti previsti u l-ammonti li tħallsu realment huma spjegati permezz tad-differenzi fir-rati tal-euro użati għall-finijiet tal-baġit u r-rati fis-seħħ fiż-żmien meta dawk l-Istati Membri li ma jiffurmawx parti mill-EMU effettivament għamlu l-ħlas tagħhom.

**Nefqa:**

Fl-2009 il-baġit tal-UE kienu għadu fi tranżizzjoni, minn Qafas Finanzjarju multiannwali għall-ieħor. L-approprjazzjonijiet għall-impenji kienu konsistenti mal-orjentazzjonijiet tal-infiq miftiehma għall-perjodu l-ġdid ta' programmar 2007 - 2013, filwaqt li l-parti tal-pretensjonijiet tal-ħlas li kienu għadhom jirrigwardaw il-Qafas Finanzjarju 2000 – 2006 kienet qrib 12 %.

Fir-rigward tal-impenji, il-bait inizjali u għalhekk il-miri politiċi stabbiliti ġew imwettqa kif ippjanat virtwalment. Ir-rata tal-implimentazzjoni li teskludi r-riżervi mhux użati (EUR 447 miljun għall-Fond tal-Globalizzazzjoni u EUR 56 miljun għall-Għajnuna ta' Emerġenza) laħqet 99,6 % tal-baġit, filwaqt li ġiet aġġustata ftit matul is-sena. L-Intestatura 2, Riżorsi Naturali, l-impenji żiedu b'EUR 259 miljun (li hi żieda tal-pjan ta' rkupru ta' EUR 600 miljun għall-iżvilupp rurali, tnaqqis fi tmiem is-sena ta' EUR 390 miljun, u żieda minħabba miżuri *blue tongue* ta' EUR 49 miljun). L-Intestatura 5, Amministrazzjoni, naqset b'EUR 55 miljun.

Flimkien, dawn jirrappreżentaw żieda ta' 0,15 % biss mill-baġit inizjali, jekk iż-żieda ta' EUR 615 miljun għall-Fond Soċjali Ewropew ma tiġix ikkunsidrata (minħabba n-natura tagħha bħala riżerva għal infiq mhux prevedibbli). Ir-rata tal-implimentazzjoni għall-ħlasijiet, ħlief ir-riżerva mhux użata tal-Għajnuna ta' Emerġenza, kienet 95 % tal-baġit inizjali u 97 % tal-baġit finali. It-tnaqqis prinċipali fl-approprjazzjonijiet tal-ħlasijiet sar permezz tal-baġits ta' emenda fl-Intestatura 1a, Kompetittività, li tammonta għal EUR 738 miljun (li minnhom ir-Riċerka rrappreżentat EUR 448 miljun), fl-Intestatura 2, Riżorsi Naturali, EUR 2 632 miljun (l-Iżvilupp Rurali EUR 2 192 miljun) u Tkabbir EUR 244 miljun.

L-approprjazzjonijiet vvutati mhux użati, minbarra r-riżervi, kienu jammontaw għal EUR 2 395 miljun u kienu magħmula prinċipalment minn: il-Fond Soċjali Ewropew (Konverġenza EUR 674 miljun u Kompetittività Reġjonali EUR 248 miljun), l-Istrument għall-Pre-Adeżjoni (EUR 142 miljun), Amministrazzjoni tal-Kummissjoni (EUR 394 miljun) u Kompetittività (EUR 377 miljun imxerrda fl-Intestatura 1a).

L-analiżi iktar dettaljata tal-aġġustamenti baġitarji, il-kuntest rilevanti tagħhom, il-ġustifikazzjoni tagħhom u l-impatt tagħhom hija ppreżentata fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja fl-2009, Parti A li tagħti ħarsa lejn il-livell tal-baġit u Parti B li tittratta kull Intestatura tal-Qafas Finanzjarju.

### 2.3. **DĦUL** ***(Tabella 3)***

Id-dħul mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jista' jinqasam f'żewġ kategoriji prinċipali: riżorsi proprji u dħul ieħor. Dan huwa stabbilit fl-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jgħid: "Salv kull dħul ieħor, l-istimi għandhom ikunu ffinanzjati kompletament minn riżorsi proprji." Il-biċċa l-kbira tan-nefqa tal-baġit hija ffinanzjata mir-riżorsi proprji. Id-dħul l-ieħor jirrappreżenta biss parti żgħira mill-finanzjament totali.

Hemm tliet kategoriji ta' riżorsi proprji: ir-riżorsi proprji tradizzjonali, ir-riżorsa tal-VAT u r-riżorsa tad-DGN. Ir-riżorsi proprji tradizzjonali jikkonsistu fid-dazji agrikoli, l-imposti fuq iz-zokkor u d-dazji doganali. Mekkaniżmu ta' korrezzjoni favur ir-Renju Unit kif ukoll tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq id-DGN tal-Pajjiżi Baxxi u l-Isvezja jifforma wkoll parti mis-sistema tar-riżorsi proprji.

L-allokazzjoni tar-riżorsi proprji ssir skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ORD 2007). Fl-1 ta' Marzu 2009 l-ORD 2007 daħlet fis-seħħ. Madanakollu bdiet topera fl-1 ta' Jannar 2007. Konsegwentement l-effetti retroattivi tqiesu fis-sena baġitarja 2009.

#### 2.3.1. ***Riżorsi proprji tradizzjonali***

Riżorsi proprji tradizzjonali: L-ammonti kollha stabbiliti ta' riżorsi proprji tradizzjonali għandhom jitniżżlu f'wieħed jew ieħor mill-kontijiet miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti.

— Fil-kont ordinarju stipulat mill-Artikolu 6(3)(a) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000: kull ammont irkuprat jew garantit.

— Fil-kont separat stipulat mill-Artikolu 6(3)(b) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000: kull ammont li jkun għadu ma ġiex irkuprat u/jew garantit; ammonti garantiti imma kkontestati jistgħu jiddaħħlu wkoll f'dan il-kont.

Għall-kont separat, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni kull tliet xhur li tinkludi:

— il-bilanċ li għandu jkun irkuprat matul it-trimestru preċedenti,

— l-ammonti rkuprati matul l-istess trimestru,

— aġġustamenti għall-bażi (korrezzjonijiet/kanċellazzjonijiet) matul l-istess trimestru,

— ammonti maqtugħa mill-kontijiet,

— bilanċ li għandu jkun irkuprat fit-tmiem ta' dak it-trimestru.

Ir-riżorsi proprji tradizzjonali jridu jiddaħħlu fil-kont tal-Kummissjoni mat-Teżor jew mal-korp appuntat mill-Istat Membru sa mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara d-dsatax-il jum tat-tieni xahar wara x-xahar li matulu l-intitolament ikun stabbilit (jew irkuprat fil-każ ta' kont separat). L-Istati Membri jżommu, bħala spejjeż tal-ġbir, 25 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali. L-intitolamenti kontinġenti tar-riżorsi proprji huma aġġustati fuq il-bażi ta' kemm hu probabbli li jiġu rkuprati.

### 2.3.2. ***Riżorsi bbażati fuq il-VAT u riżorsi bbażati fuq id-DGN***

Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT joħorġu mill-applikazzjoni ta' rata uniformi, għall-Istati Membri kollha, għall-bażi tal-VAT armonizzata stabbilita skont ir-regoli tal-Artikolu 2(1)(b) tal-ORD 2007. Ir-rata uniformi hija fissa għal 0,30 % minbarra għall-perjodu 2007-2013 li fih ir-rata tas-sejħa għall-Awstrija hija fissa għal 0,225, għall-Ġermanja għal 0,15 % u għall-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għal 0,10 %. Il-bażi tal-VAT għandha limitu massimu ta' 50 % tad-DGN għall-Istati Membri kollha.

Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT joħorġu mill-applikazzjoni ta' rata uniformi, għall-Istati Membri kollha, għall-bażi tal-VAT armonizzata stabbilita skont ir-regoli tal-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2000. Il-bażi tal-VAT għandha limitu massimu ta' 50 % tad-DGN għall-Istati Membri kollha.

Ir-riżorsa bbażata fuq id-DGN hija riżorsa varjabbli maħsuba sabiex tforni d-dħul meħtieġ, f'kull sena, sabiex tiġi koperta n-nefqa li taqbeż l-ammont miġbur mir-riżorsi proprji tradizzjonali, ir-riżorsi tal-VAT u d-dħul varju. Id-dħul jiġi mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għad-DGN aggregat tal-Istati Membri kollha. Ir-riżorsi tal-VAT u tad-DGN huma determinati fuq il-bażi tal-previżjonijiet tal-bażijiet tal-VAT u d-DGN magħmula meta l-abbozz preliminari tal-baġit ikun qed jitfassal. Dawn il-previżjonijiet huma mbagħad riveduti; iċ-ċifri huma aġġornati matul is-sena tal-baġit konċernata permezz ta' baġit ta' emenda.

Iċ-ċifri finali għall-bażijiet tal-VAT u d-DGN isiru disponibbli matul is-sena ta' wara s-sena tal-baġit konċernata. Il-Kummissjoni tikkalkula d-differenzi bejn l-ammonti dovuti mill-Istati Membri b'referenza għall-bażijiet reali u s-somom effettivament imħallsa fuq il-bażi tal-previżjonijiet (riveduti). Dawn il-bilanċi tal-VAT u d-DGN, sew pożittivi u wkoll negattivi, huma miġbura mill-Kummissjoni mingħand l-Istati Membri fl-1 ta' Diċembru tas-sena ta' wara s-sena tal-baġit ikkonċernata. Jistgħu jibqgħu jsiru korrezzjonijiet għall-bażijiet attwali tal-VAT u d-DGN matul l-erba' snin ta' wara, sakemm ma tinħariġx riżerva. Il-bilanċi kkalkulati aktar kmieni huma aġġustati u d-differenza hija miġbura fl-istess żmien bħall-bilanċi tal-VAT u d-DGN għas-sena tal-baġit preċedenti.

Meta tkun qed twettaq kontrolli tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u d-dejta tad-DGN, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-Istati Membri b'riżervi dwar ċerti punti li jista' jkollhom konsegwenzi għall-kontribuzzjonijiet tagħhom għar-riżorsi proprji. Dawn il-punti, pereżempju, jistgħu jirriżultaw minn nuqqas ta' dejta aċċettabbli, jew il-ħtieġa li tiġi żviluppata metodoloġija adattata. Dawn ir-riżervi għandhom jitqiesu bħala pretensjonijiet potenzjali fuq l-Istati Membri għal ammonti mhux stabbiliti għaliex l-impatt finanzjarju tagħhom ma jistax jiġi kkalkulat bi preċiżjoni. Meta l-ammont preċiż jista' jiġi stabbilit, ir-riżorsi li jikkorrispondu miegħu tal-VAT u DGN jinġabru jew b'konnessjoni mal-bilanċi tal-VAT u d-DGN jew b'sejħa individwali għall-fondi.

### 2.3.3. *Korrezzjoni tar-Renju Unit*

Dan il-mekkaniżmu jnaqqas il-ħlasijiet tar-riżorsi proprji tar-Renju Unit proporzjonalment għal dak li hu magħruf bħala "l-iżbilanċ baġitarju" tagħha u jżid il-ħlasijiet tar-riżorsi proprji tal-Istati Membri l-oħra b'mod li jikkorrispondi ma' dan it-tnaqqis. Il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tal-iżbilanċ baġitarju favur ir-Renju Unit ġie stabbilit mill-Kunsill Ewropew ta' Fontainebleau (Ġunju 1984) u d-Deċiżjoni tar-Riżorsi Proprji tas-7 ta' Mejju 1985 li ħarġet minnu. L-iskop tal-mekkaniżmu kien li jnaqqas l-iżbilanċ baġitarju tar-Renju Unit permezz ta' tnaqqis fil-ħlasijiet tiegħu lill-UE. Il-Ġermanja, l-Awstrija, l-Isvezja u l-Pajjiżi l-Baxxi jibbenefikaw minn finanzjament imnaqqas tal-korrezzjoni (limitat għal parti waħda minn erbgħa tas-sehem normali tagħhom).

### 2.3.4. *Tnaqqis gross għall-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja*

Skont l-ORD 2007, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja jibbenefikaw minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet annwali tagħhom ibbażati fuq id-DGN għall-perjodu 2007-2013. It-tnaqqis gross, li huwa ta' EUR 605 miljun għall-Pajjiżi l-Baxxi u EUR 150 miljun għall-Isvezja (fil-prezzijiet tal-2004), jiġi aġġustat skont il-prezzijiet attwali billi jiġi applikat deflatur tal-PGD gġall-UE bil-EUR u jingħata wara l-kalkolu tal-korrezzjoni favur ir-Renju Unit u l-finanzjament tiegħu.

### 2.3.5. *Aġġustament relatat mal-implimentazzjoni tal-ORD 2007 għas-snin 2007 u 2008*

L-Artikolu 11 tal-ORD 2007 jistipula li ladarba d-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ, għandu jkollha effett fl-1 ta' Jannar 2007. Dan ifisser li l-finanzjament għas-snin 2007 u 2008 kellu jerġa' jiġi kkalkulat skont ir-regoli l-ġodda. L-aġġustament (id-differenzi bejn l-ORD l-antik u l-ġdid u għas-snin 2007 u 2008) ġie introdott fil-Baġit ta' Emenda Nru 3/2009 u ġie implimentat f'pagament uniku fl-1 ta' Ġunju 2009.

Aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-dħul tista' tinstab fir-Rapport dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja 2009.

## 2.4. NEFQA *(Tabelli 4 sa 13)*

### 2.4.1. *Il-Qafas Finanzjarju 2007-2013*

Din it-taqsima tiddeskrivi l-kategoriji prinċipali tan-nefqa tal-UE, kklassifikati skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju 2007-2013. Is-sena finanzjarja 2009 kienet it-tielet waħda li ġiet koperta mill-qafas finanzjarju 2007-2013. Il-limitu ġenerali fuq l-approprjazzjonijiet għall-impenji għall-2009 huwa ta' EUR 134 722 miljun, ekwivalenti għal 1,13 % tad-DGN. Il-limitu li jikkorrispondi miegħu għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet huwa ta' EUR 120 445 miljun, ekwivalenti għal 1,01 % tad-DGN. It-tabella ta' hawn fuq turi l-qafas finanzjarju bil-prezzijiet kurrenti stmati għall-2013.

*EUR miljuni*

| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. Tkabbir Sostenibbli | 53 979 | 57 653 | 61 696 | 63 555 | 63 974 | 66 964 | 69 957 |
| 2. Konservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali | 55 143 | 59 193 | 56 333 | 59 955 | 60 338 | 60 810 | 61 289 |
| 3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja | 1 273 | 1 362 | 1 518 | 1 693 | 1 889 | 2 105 | 2 376 |
| 4. L-Ewropa bħala sieħeb globali | 6 578 | 7 002 | 7 440 | 7 893 | 8 430 | 8 997 | 9 595 |
| 5. Amministrazzjoni | 7 039 | 7 380 | 7 525 | 7 882 | 8 334 | 8 670 | 9 095 |
| 6. Kumpens | 445 | 207 | 210 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Approprjazzjonijiet għall-impenji:** | **124 457** | **132 797** | **134 722** | **140 978** | **142 965** | **147 546** | **152 312** |
| **Total tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet:** | **122 190** | **129 681** | **120 445** | **134 289** | **134 280** | **141 360** | **143 331** |

**Intestatura 1 – Tkabbir sostenibbli**

Din l-Intestatura tinqasam f'żewġ komponenti li huma separati, iżda marbuta bejniethom:

— 1a. Il-kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi, li tkopri n-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ, in-netwerks trans-Ewropej, il-politika soċjali, is-suq intern u l-politiki li jakkumpanjawhom.

— 1b. Il-koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, imfassla sabiex issaħħaħ il-konverġenza tal-Istati Membri u r-reġjuni l-anqas żviluppati, sabiex tikkumplimenta l-istrateġija tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli barra r-reġjuni li għandhom livell aktar baxx ta' prosperità u tappoġġja l-koperazzjoni interreġjonali.

**Intestatura 2 – Preżervazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali**

L-intestatura 2 tinkludi l-politiki komuni tal-agrikoltura u s-sajd, l-iżvilupp rurali u l-miżuri ambjentali, b'mod partikolari Natura 2000. L-ammont iddedikat għall-politika agrikola komuni jirrifletti l-ftehim milħuq fil-Kunsill Ewropew ta' Brussell f'Ottubru 2002.

**Intestatura 3 – Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja**

L-intestatura l-ġdida nru 3 (Ċittadinanza, libertà, sigurtà, u ġustizzja) tirrifletti l-importanza dejjem tikber marbuta ma' ċerti oqsma fejn l-UE ġiet allokata dmirijiet ġodda – il-ġustizzja u l-affarijiet interni, il-ħarsien tal-fruntieri, il-politika dwar l-immigrazzjoni u l-ażil, is-saħħa pubblika u l-ħarsien tal-konsumatur, il-kultura, iż-żgħażagħ, l-informazzjoni u d-djalogu maċ-ċittadini. Hija maqsuma f'żewġ komponenti: 3a. Libertà, Sigurtà u Ġustizzja; u 3b. Ċittadinanza

**Intestatura 4 – L-UE bħala sieħeb globali**

L-intestatura 4 tkopri l-azzjoni esterna kollha, inklużi l-istrumenti tal-preadeżjoni. Għalkemm il-Kummissjoni kienet ipproponiet li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) jiġi integrat fil-qafas finanzjarju, il-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew qablu li dan jitħalla barra.

**Intestatura 5 – L-Amministrazzjoni**

Din l-intestatura tkopri l-infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet kollha, il-pensjonijiet u l-Iskejjel Ewropej. Għall-Istituzzjonijiet l-oħra barra l-Kummissjoni, dawn l-ispejjeż jiffurmaw il-parti l-kbira tan-nefqa tagħhom, iżda l-Aġenziji u l-entitajiet l-oħra għandhom infiq sew amministrattiv u kif ukoll operattiv.

**Intestatura 6 – Kumpens**

F'konformità mal-ftehim politiku li l-Istati Membri l-ġodda ma jsirux kontributuri netti għall-baġit fil-bidu nett tas-sħubija tagħhom, kien previst kumpens taħt din l-intestatura. Dan l-ammont kien disponibbli bħala trasferimenti lilhom sabiex jibbilanċja d-dħul u l-kontribuzzjonijiet baġitarji tagħhom.

2.4.2. ***Oqsma ta' politika***

Bħala parti mill-użu tagħha tal-Ġestjoni Bbażata fuq l-Attivitajiet (ABM) il-Kummissjoni implimentat Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attivitajiet (ABB) fil-proċessi tal-ippjanar u l-ġestjoni tagħha. L-ABB jinvolvi struttura tal-baġit li fiha t-titoli tal-baġit jikkorrispondu mal-oqsma ta' politika u l-kapitoli tal-baġit mal-attivitajiet. L-ABB jara li jipprovdi qafas ċar biex jittraduċi l-għanijiet tal-politika tal-Kummissjoni f'azzjoni, permezz

ta' mezzi leġiżlattivi, finanzjarji jew ta' politika pubblika oħrajn. Billi x-xogħol tal-Kummissjoni jkun strutturat f'termini ta' attivitajiet, tinkiseb stampa ċara tal-impenji tal-Kummissjoni u fl-istess ħin ikun stabbilit qafas komuni għat-tfassil tal-prijoritajiet. Ir-riżorsi huma allokati għall-prijoritajiet matul il-proċedura tal-baġit, bl-użu tal-Attivitajiet bħala l-elementi bażiċi għal-finijiet tal-ibbaġitjar. Billi tkun stabbilita din ir-rabta bejn l-attivitajiet u r-riżorsi allokati lilhom, l-ABB għandu l-għan li jżid l-effiċjenza u l-effikaċja fl-użu tar-riżorsi fil-Kummissjoni.

Qasam ta' politika jista' jiġi definit bħala grupp omoġenju ta' Attivitajiet li jikkostitwixxu partijiet tal-ħidma tal-Kummissjoni, li huma rilevanti għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Kull qasam ta' politika jikkorrispondi, b'mod ġenerali, għal DĠ, u jiġbor fih medja ta' madwar 6 jew 7 attivitajiet individwali. Dawn l-oqsma ta' politika huma fil-biċċa l-kbira operattivi, peress li l-attivitajiet ċentrali tagħhom għandhom l-iskop li minnhom jibbenefikaw terzi, kull wieħed fl-ambitu rispettiv tal-attività. Il-baġit operattiv jitlesta bin-nefqa amministrattiva neċessarja għal kull qasam ta' politika.

Aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa tista' tinstab fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja 2009.

2.5. **ISTITUZZJONIJIET U AĠENZIJI** ***(Tabelli 14 sa 18)***

Ir-rapporti kkonsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jinkludu, bħal fis-snin preċedenti, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istituzzjonijiet kollha peress li fi ħdan il-baġit tal-UE huwa stabbilit baġit separat għal kull Istituzzjoni. L-Aġenziji m'għandhomx baġit separat fi ħdan il-baġit tal-UE u huma parzjalment iffinanzjati minn sussidju tal-baġit tal-Kummissjoni.

Sabiex tkun provduta d-dejta tal-baġit kollha rilevanti għall-Aġenziji, il-parti baġitarja tal-kontijiet annwali kkonsolidati tinkludi rapporti separati dwar l-implimentazzjoni tal-baġits individwali tal-aġenziji tradizzjonali kkonsolidati.

## ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI TAL-QORTI MOGĦTIJA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL – IR-RAPPORT TAL-AWDITUR INDIPENDENTI

(2010/C 308/02)

I. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) il-Qorti vverifikat

a) il-"Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea" li jikkonsistu fir-"Rendikonti finanzjarji konsolidati" (1) u r-"Rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit" (2) għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009; u

b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

### *Ir-responsabbiltà tal-maniġment*

II. Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolament Finanzjarju, il-maniġment (3) huwa responsabbli mill-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ġusta tal-"Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea" u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom:

a) Ir-responsabbiltà tal-maniġment dwar il-"Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea" tinkludi: it-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ġusta ta' rendikonti finanzjarji li huma ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politika tal-kontabilità xierqa, abbażi tar-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni (4); u l-kalkolu ta' estimi tal-kontabilità li huma raġonevoli fiċ-ċirkostanzi. Skont l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tapprova l-"Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea" wara li l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni jkun ikkonsolidahom abbażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet (5) u l-korpi (6) l-oħrajn u jkun stabbilixxa nota, li takkompanja lill-kontijiet konsolidati, li tiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu assigurazzjoni raġonevoli li jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fl-aspetti materjali kollha.

b) Il-mod li bih il-maniġment iħaddem ir-responsabbiltà tiegħu biex jiżgura l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi jiddependi fuq il-metodu ta' implimentazzjoni tal-baġit. Fil-każ ta' ġestjoni ċentralizzata u diretta, il-kompiti ta' implimentazzjoni jitwettqu mid-dipartimenti tal-Kummissjoni. Taħt ġestjoni maqsuma, il-kompiti ta' implimentazzjoni huma ddelegati lill-Istati Membri, taħt ġestjoni deċentralizzata lil pajjiżi terzi u taħt ġestjoni ċentralizzata u indiretta lil korpi oħrajn. Fil-każ ta' ġestjoni konġunta, il-kompiti ta' implimentazzjoni huma maqsuma bejn il-Kummissjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali (l-Artikoli 53 sa 57 tar-Regolament Finanzjarju). Il-kompiti ta' implimentazzjoni għandhom jikkonformaw mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, li jeħtieġ tfassil, implimentazzjoni u żamma ta' kontroll intern effettiv u effiċjenti li jinkludi miżuri ta' sorveljanza adegwati u miżuri xierqa biex jevitaw l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk hemm bżonn, proċeduri legali biex jiġu rkuprati fondi mħallsa jew użati ħażin. Ikun xi jkun il-metodu ta' implimentazzjoni applikat, il-Kummissjoni thaddan ir-responsabbiltà finali għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li l-kontijiet tal-Unjoni Ewropea huma bbażati fuqhom (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

(1) Ir-"Rendikonti Finanzjarji Konsolidati" jinkludu l-karta tal-bilanċ, il-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rendikont tat-tibdil fl-attiv nett u sommarju tal-politika tal-kontabilità sinifikanti u noti oħrajn ta' spjegazzjoni (bir-rappurtar tas-segmenti inkluż).

(2) Ir-"Rapporti Konsolidati dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit" jinkludu r-rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħrajn ta' spjegazzjoni.

(3) Fil-livell tal-Istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej, il-maniġment jinkludi l-Membri tal-Istituzzjonijiet, id-Diretturi tal-Aġenziji, l-Uffiċjali li Jawtorizzaw b'delegazzjoni u b'subdelegazzjoni, l-Uffiċjali tal-Kontabilità u l-persunal prinċipali tal-unitajiet finanzjarji, tal-verifika jew tal-kontroll. Fil-livell tal-Istati Membri u Stati Benefiċjarji, il-maniġment jinkludi l-Uffiċjali li Jawtorizzaw, l-Uffiċjali tal-Kontabilità u l-persunal prinċipali tal-awtoritajiet tal-pagament, tal-korpi li jiċċertifikaw u tal-aġenziji tal-implimentazzjoni.

(4) Ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni huma meħudin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fl-assenza ta' dawn, Standards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS)/ Standards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord Internazzjonali tal-Istandards tal-Kontabilità. Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-"Rendikonti Finanzjarji Konsolidati" għas-sena finanzjarja 2009 huma ppreparati (bħalma kienu sa mis-sena finanzjarja 2005) abbażi ta' dawn ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, li jadattaw il-prinċipji tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti għall-ambjent speċifiku tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li r-"Rapporti Konsolidati dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit" għadhom ibbażati primarjament fuq ċaqliq tal-flus kontanti.

(5) Qabel l-adozzjoni tal-Kontijiet Annwali mill-istituzzjonijiet, l-uffiċjali tal-kontabilità differenti jiffirmawhom, u b'hekk jiċċertifikaw li għandhom assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni (l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju).

(6) Il-Kontijiet Annwali tal-korpi huma ppreparati mid-diretturi rispettivi u mibgħuta lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni flimkien mal-opinjoni tal-bord amministrattiv involut. Barra dan, l-uffiċjali tal-kontabilità rispettivi jiffirmawhom, u b'hekk jiċċertifikaw li għandhom assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-korpi (l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju).

***Ir-responsabbiltà tal-awditur***

III. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, abbażi tal-verifika tagħha, tagħti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi ta' Verifika tal-INTOSAI, safejn dawn japplikaw għall-kuntest tal-Unjoni Ewropea. Dawn l-istandards jitolbu li l-Qorti tippjana u twettaq il-verifika biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk il-"Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea" humiex ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi humiex legali u regolari.

IV. Verifika tinvolvi t-twettiq ta' proċeduri sabiex tinkiseb evidenza tal-verifika dwar l-ammonti u t-tagħrif fil-kontijiet konsolidati u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq l-evalwazzjoni tal-awditur, inkluża l-evalwazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni żbaljata materjali fil-kontijet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball. Meta jagħmel dawk l-evalwazzjonijiet tar-riskju, l-awditur jikkunsidra l-kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet konsolidati, u tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implimentati biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex jitfasslu proċeduri tal-verifika li jixirqu ċ-ċirkostanzi. Verifika f'dan il-kuntest tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politika tal-kontabilità użata u r-raġonevolezza tal-estimi tal-kontabilità magħmula, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni ġenerali tal-kontijiet konsolidati u r-rapporti ta' attività annwali.

V. Fil-kuntest tad-"Dħul", il-verifika tal-Qorti dwar ir-riżorsi proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u fuq id-Dħul Gross Nazzjonali (DGN) tieħu, bħala l-punt tat-tluq tagħha, il-wasla għand il-Kummissjoni tal-aggregati makroekonomiċi mħejjija mill-Istati Membri, u mbagħad tevalwa s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tad-*data* sakemm jiġu inklużi fil-kontijiet finali u sakemm il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew irċevuti. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, il-Qorti teżamina l-kontijet tal-awtoritajiet tad-dwana u tanalizza l-fluss tad-dazji taħt sorveljanza doganali sakemm l-ammonti jiġu rreġistrati fil-kontijiet finali u jaslu għand il-Kummissjoni.

VI. Il-Qorti tqis li l-evidenza tal-verifika miksuba hija biżżejjed u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

**L-opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

VII. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-"Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea" jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha ([1]), il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2009, u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom u tal-likwidità tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

VIII. Mingħajr ma tixħet dubju fuq l-opinjoni espressa fil-paragrafu VII, il-Qorti tinnota li d-dgħufijiet fis-sistemi tal-kontabilità ta' ċerti Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni (partikolarment għall-finanzjament minn qabel, għall-qtugħ relatat ma' dan kif ukoll għall-fatturi/klejms tal-ispejjeż) għad iridu jkunu solvuti.

([1]) Skont l-Istandard Internazzjonali dwar il-Verifika 700 "Forming an opinion and reporting on financial statements" (It-Tiswir ta' opinjoni u r-rappurtar dwar rendikonti finanzjarji) (ISA 700, il-paragrafu 35), it-termini "present fairly, in all material aspects" (jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha) jew "give a true and fair view" (jagħtu stampa vera u ġusta) huma l-istess.

**L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

IX. Fl-opinjoni tal-Qorti, "Id-Dħul", l-impenji għall-gruppi tal-politika kollha u l-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 għall-gruppi tal-politika "L-Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji" u "In-Nefqa amministrattiva u nefqa oħra" huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

X. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 għall-grupp tal-politika "L-Agrikoltura u r-riżorsi naturali", "il-Koeżjoni", "ir-Riċerka, l-enerġija u t-trasport", "l-Għajnuna esterna, l-iżvilupp u t-tkabbir" u "l-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza" huma materjalment milquta minn żbalji. Is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll huma parzjalment effettivi biex jevitaw jew isibu u jikkoreġu r-rimborż ta' spejjeż ddikjarati iżjed jew ineliġibbli.

Id-9 ta' Settembru 2010

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

12, rue Alcide de Gasperi, 1615 Luxembourg

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT